Gwidi u Għodod Prattiċi



euaa
EUROPEAN UNION
AGENCY FOR ASYLUM

# Gwida Prattika dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza u tar-Riskju

Jannar 2024

EUROPEAN UNION AGENCY FOR ASYLUM

# Gwida Prattika dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza u tar-Riskju

Jannar 2024

Fid-19 ta' Jannar 2022, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO, European Asylum Support Office) sar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA, European Union Agency for Asylum). Ir-referenzi kollha għall-EASO, il-prodotti u l-korpi tal-EASO għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-EUAA.

Il-manuskritt tlesta f'Diċembru 2023

It-tieni edizzjoni (riveduta u aġġornata bir-reqqa)

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-pubblikazzjoni kurrenti.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9403-529-5 | doi:10.2847/379019 | BZ-05-22-041-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9403-508-0 | doi:10.2847/362455 | BZ-05-22-041-MT-N |

© l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2026

Ritratt tal-qoxra eskay lim © stock.adobe.com

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-EUAA, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

# Dwar il-gwida

**Għaliex inħolqot din il-gwida?** Il-*Practical Guide on Evidence and Risk Assessment* (Gwida Prattika dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza u tar-Riskju) tal-EUAA hija maħsuba bħala dokument ta' gwida biex jakkumpanja lill-uffiċjali tal-każ fl-UE kollha u lil hinn minnha fil-ħidma tagħhom ta' kuljum. Il-gwida ġiet abbozzata skont ir-rekwiżiti legali rilevanti filwaqt li ġie propost approċċ prattiku. Din tinkorpora lista ta' kontroll prattika u flowchart biex jiġu appoġġati l-uffiċjali tal-każ fir-raġunament tagħhom. Din tinkludi wkoll spjegazzjonijiet addizzjonali dwar il-kunċetti użati u l-links interattivi biex jippermettu n-navigazzjoni bejn it-taqsimiet differenti fil-verżjoni diġitali tal-gwida. Din tissodisfa d-domanda għat-traduzzjoni tal-istandards komuni f'approċċ komuni rigward l-implimentazzjoni tagħhom. Din tissodisfa wkoll l-għan ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li tittratta każijiet simili bl-istess mod.

**Kif ġiet żviluppata din il-gwida?** Din il-gwida nħolqot minn esperti minn madwar l-UE, b'kontribut siewi mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u mill-Kunsill Ewropew għar-Refugjati u l-Eżiljati ([1]). L-iżvilupp ġie ffaċilitat u kkoordinat mill-EUAA. Qabel il-finalizzazzjoni tagħha, twettqet konsultazzjoni dwar il-gwida mal-Istati Membri kollha tal-UE u l-pajjiżi assoċjati permezz tan-Network tal-Proċessi tal-Ażil tal-EUAA. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-membri tal-grupp ta' ħidma li ħejjew l-abbozz ta' din il-gwida: Is-Sur Sander Kalwij, is-Sa Pavlina Kolokonte, is-Sur Jochen Thiel, is-Sa Dorien Wijnendaele u s-Sa Line Zahl Kvakland.

**Xi nbidel f'dan l-aġġornament?** Din il-gwida hija aġġornament ta' gwida prattika aktar antika dwar il-valutazzjoni tal-evidenza ([2]). Din tipprovdi gwida aktar dettaljata dwar it-tliet passi tal-proċessi ta' valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju, b'mod partikolari l-identifikazzjoni u l-formulazzjoni tal-fatti materjali huma spjegati fid-dettall fil-pass 1, il-fatturi ta' distorsjoni fil-pass 2 u l-valutazzjoni tar-riskju fil-pass 3. Barra minn hekk, l-approċċ prattiku tal-gwida ġie msaħħaħ permezz ta' flowchart tal-proċess ta' valutazzjoni, eżempji konkreti li juru l-kunċetti u t-tabelli l-aktar importanti għal aktar gwida u suġġerimenti. Żdiedu iperlinks sabiex l-utent ikun jista' jinnaviga mingħajr xkiel bejn il-kontenut u l-għodod differenti, u jilħaq l-informazzjoni mfittxija malajr u faċilment.

**Min għandu juża din il-gwida?** Din il-gwida hija maħsuba primarjament għall-uffiċjali tal-każijiet tal-ażil, l-intervistaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, kif ukoll dawk li jfasslu l-politika fl-awtoritajiet determinanti nazzjonali. Barra minn hekk, din l-għodda hija utli għall-uffiċjali tal-kwalità u għall-konsulenti legali, kif ukoll għal kwalunkwe persuna oħra li taħdem jew li hija involuta fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali fil-kuntest tal-UE.

**Kif tista' tintuża din il-gwida?** Din il-gwida tfasslet biex tippermetti lill-utent ikollu aċċess għall-kontenut tagħha skont il-ħtiġijiet tiegħu. Il-gwida tinkludi flowchart dettaljata interattiva tal-metodu tat-tliet passi tal-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju, u lista ta' kontroll interattiva tal-passi li għandhom jiġu segwiti. Il-parti ċentrali u deskrittiva tal-gwida fiha l-ispjegazzjonijiet dwar il-metodu u l-kunċetti użati, murija bl-eżempji.

(1) Innota li l-gwida ffinalizzata mhux neċessarjament tirrifletti l-pożizzjonijiet tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati.

(2) Din il-gwida hija aġġornament u tissostitwixxi l-EASO, *Practical Guide on Evidence Assessment* (Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Valutazzjoni tal-Evidenza), Marzu 2015.

**Kif din il-gwida hi relatata mal-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali?** Din hija għodda ta' konverġenza mhux vinkolanti. Din mhijiex legalment vinkolanti u tirrifletti standards maqbula b'mod komuni kif adottati mill-Bord tat-Tmexxija tal-EUAA fit-22 ta' Diċembru 2023.

**Kif din il-gwida hi relatata ma' għodod oħra tal-EUAA?** Din il-gwida għandha tintuża flimkien mal-gwidi prattiċi tal-EUAA dwar l-intervista personali ([3]), l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini ([4]) u l-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali ([5]). Din tikkomplementa l-modulu ta' taħriġ tal-EUAA dwar il-valutazzjoni tal-evidenza. L-għodod prattiċi kollha tal-EUAA huma disponibbli għall-pubbliku online fuq is-sit web tal-EUAA: https://euaa.europa.eu/practical-tools-and-guides

L-analiżi ġudizzjarja tal-EUAA dwar il-valutazzjoni tal-evidenza u tal-kredibilità tipprovdi lill-qarrej bi sfond ġurisprudenzjali addizzjonali ([6])

| **Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà** |
|---|
| Din il-gwida tħejjiet mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss tista' tagħti interpretazzjoni awtorevoli tad-dritt tal-UE. |

([3]) EASO, *Practical Guide: Personal Interview* (Gwida Prattika: Intervista Personali), Diċembru 2014.
([4]) EASO, *Practical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum applicationstal-oriġini* (Gwida Prattika dwar l-Użu ta' Informazzjoni dwar il-Pajjiż tal-oriġini mill-Uffiċjali tal-Każ għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil), Diċembru 2020.
([5]) EASO, *Practical Guide: Qualification for International Protection* (Gwida Prattika: Kwalifika għall-Protezzjoni Internazzjonali), April 2018.
([6]) EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023. Din hija pubblikazzjoni ġudizzjarja. Il-pubblikazzjonijiet ġudizzjarji tal-EUAA jinkludu analiżijiet ġudizzjarji u noti ta' gwida tal-ħarrieġa ġudizzjarji għal kull suġġett kopert.

# Werrej


**Lista ta' abbrevjazzjonijiet ... 7**

**Valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju: 3 passi tal-proċess dinamiku ... 8**

**Każijiet illustrattivi użati f'din il-gwida ... 9**

**Elementi ewlenin tal-valutazzjoni tal-evidenza ... 12**

L-isfidi tal-valutazzjoni tal-evidenza fil-proċeduri tal-ażil ... 12

Approċċ bi tliet passi ... 13

Standards legali ... 15

Prinċipji gwida ... 17

**1. Pass 1. Ġbir tal-informazzjoni ... 20**

1.1. Iġbor l-evidenza ... 21

1.1.1. Applika d-dmir ta' kooperazzjoni (l-oneru tal-provi) ... 21

1.1.2. Iġbor elementi ta' evidenza rilevanti għall-applikazzjoni ... 30

1.2. Identifika u fformula fatti materjali ... 42

1.2.1. Identifika l-fatti materjali ... 43

1.2.2. Ifformula fatti materjali ċari, komprensivi u fattwali ... 50

1.2.3. Ifformula kull fatt materjali madwar fatti, avvenimenti jew sitwazzjonijiet iddefiniti sew ... 53

1.3. Orbot l-evidenza rilevanti mal-fatt(i) materjali ... 54

**2. Pass 2. Valutazzjoni tal-kredibilità ... 56**

2.1. Ivvaluta l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra ... 57

2.1.1. Kriterji tal-valutazzjoni ... 57

2.1.2. Awtentikazzjoni ta' dokumenti ... 59

2.1.3. L-għoti ta' "importanza" lis-sejbiet ta' kredibilità relatati mal-element ta' evidenza ... 62

2.1.4. Tipi speċifiċi ta' dokumenti ... 65

2.2. Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant skont l-indikaturi tal-kredibilità ... 69

2.2.1. Applika indikaturi tal-kredibilità interna ... 70

2.2.2. Applika indikaturi tal-kredibilità esterna ... 73

2.2.3 Applika l-indikatur tal-plawżibbiltà ... 76

2.3. Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet ... 76

2.3.1. Fatturi relatati mal-applikant ... 77

2.3.2. Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ ... 90

2.3.3. Fatturi relatati mas-sitwazzjoni tal-intervista ... 93

2.4. Iddetermina jekk fatt materjali jiġix aċċettat jew irrifjutat ..... 97

2.4.1. L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali ..... 97

2.4.2. Konklużjoni dwar il-fatti materjali ..... 100

**3. Pass 3. Valutazzjoni tar-riskju ..... 106**

3.1. Introduzzjoni ..... 106

3.2. Definizzjoni tar-riskju/i ..... 107

3.3. Valutazzjoni tar-riskju ..... 109

3.3.1. L-istandard tal- probabbiltà għal biża' ġġustifikata u riskju veru (standard tal-evidenza) ..... 110

3.3.2. Indikaturi tar-riskju ..... 112

3.4. Konklużjoni dwar ir-riskju ..... 122

**Anness 1. Flowchart tal-valutazzjoni tal-kredibilità ..... 124**

**Anness 2. Eżempju prattiku tal-evalwazzjoni tal-indikaturi tal-kredibilità ..... 126**

**Lista ta' Kontroll ..... 130**

# Lista ta' abbrevjazzjonijiet

| Abbrevjazzjoni | Definizzjoni |
|---|---|
| **APD (riformulazzjoni)** | id-direttiva dwar il-proċeduri tal-ażil — Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) |
| **COI** | informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini |
| **EUAA** | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil |
| **Il-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati** | Il-Konvenzjoni tal-1951 relatata mal-istatus tar-refuġjati u l-Protokoll tagħha tal-1967 (imsemmija fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ażil u mill-QĠUE bħala "l-Konvenzjoni ta' Ġinevra") |
| **IPA** | alternattiva għall-protezzjoni interna |
| **Ir-Regolament ta' Dublin III** | Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) |
| **LGBTIQ** | persuni leżbjani, gay, bisesswali, trans, intersesswali, queer |
| **NGO(s)** | organizzazzjoni(jiet) mhux governattiva/i |
| **PTSD** | diżordni ta' stress postrawmatiku |
| **QD (riformulazzjoni)** | id-direttiva dwar il-kwalifika — Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) |
| **QEDB** | Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| **QĠUE** | Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea |
| **SOGIESC** | orjentazzjoni sesswali, identità u espressjoni tal-ġeneru, u karatteristiċi tas-sess |
| **Stati Membri** | Stati Membri tal-UE |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **UNHCR** | Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati |

# Valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju: 3 passi tal-proċess dinamiku

**Passat u Preżent** | **Futur**

## Pass 1 — Iġbor l-Informazzjoni

**Iġbor l-evidenza**

**Applika d-dmir ta' kooperazzjoni**

- L-obbligu ta' sostanzjar tal-applikant:
  - Għamel sforz ġenwin biex jipprovdi evidenza għad-dispożizzjoni tiegħu
  - Ipprovda spjegazzjoni għal kwalunkwe nuqqas ta' evidenza ta' sostenn
- Id-dmir tal-uffiċjal tal-każ li jinvestiga:
  - Appoġġa b'mod adegwat lil persuni bi ħtiġijiet proċedurali speċjali
  - Informa lill-applikant dwar id-dmirijiet tiegħu
  - Ħalli lill-applikant jippreżenta l-fatti u l-evidenza rilevanti kollha
  - Staqsi lill-applikant biex jikkjarifika dak li mhuwiex ċar
  - Indirizza sejbiet tal-kredibilità negattivi apparenti
  - Ikseb COI rilevanti u evidenza oħra
- Ikkunsidra regoli speċifiċi ta' sostanzjar:

  protezzjoni, alternattiva għall-protezzjoni interna, esklużjoni, (theddidiet diretti ta') persekuzzjoni jew dannu serju fil-passat, pajjiż tal-oriġini sikur
- **Iġbor elementi ta' evidenza**
  - Dikjarazzjonijiet bil-fomm u bil-miktub
  - Evidenza dokumentarja
  - Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini
  - Tipi ta' evidenza oħrajn

**Identifika l-fatti materjali**

- Orbot il-fatti u ċ-ċirkostanzi mal-kriterji ta' eliġibbiltà
- Ikkunsidra ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant
- Ifformula fatti materjali ċari, komprensivi u fattwali

**Orbot l-evidenza rilevanti mal-fatt(i) materjali**

## Pass 2 — Ivvaluta l-kredibilità

Ivvaluta l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra **billi tapplika l-**kriterji ta' valutazzjoni: rilevanza, affidabbiltà (eżistenza, kontenut, natura, awtur, forma)

**Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet billi tapplika indikaturi tal-kredibilità**:

- Suffiċjenza tad-dettalji u speċifiċità;
- Koerenza u konsistenza;
- Konsistenza mal-COI
- Konsistenza mal-evidenza dokumentarja u ma' evidenza oħra
- Plawżibbiltà

**...u billi jitqiesu l-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet**:

- Fatturi relatati mal-applikant (memorja, trawma, età, edukazzjoni, kultura, eċċ.)
- Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ (ammont ta' xogħol, stress, preġudizzju, eċċ.)
- Fatturi relatati mas-sitwazzjoni tal-intervista

**Iżen is-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali:**
Ħares lejn is-sejbiet ta' kredibilità pożittivi u negattivi kollha tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali wieħed fl-istess ħin, fid-dawl tal-indikaturi ta' kredibilità rilevanti u iżen kull waħda mis-sejbiet fir-rigward ta' xulxin.

**Ikkonkludi jekk fatt materjali huwiex aċċettat jew irrifjutat** billi tistrieħ fuq il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-evidenza u tikkunsidra l-prinċipju tal-benefiċċju tad-dubju.
Tirrifjutax fatt materjali meta l-kundizzjonijiet kumulattivi tal-Artikolu 4(5) tal-QD (riformulazzjoni) jiġu ssodisfati.

## Pass 3 — Ivvaluta r-riskji

Abbażi tal-fatti materjali kollha aċċettati u s-COI rilevanti:

**Iddefinixxi r-riskju/i**
Ivvaluta r-riskju/i f'każ ta' ritorn:

- Applika l-istandard tal-prova t-tajjeb (grad raġonevoli ta' probabbiltà)
- Qis l-indikaturi tar-riskju kollha

**Konklużjoni dwar ir-riskju/i**

## Analiżi Legali

Abbażi tas-sejbiet li saru **fil-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju,** ipproċedi **għall-analiżi legali** biex teżamina l-kundizzjonijiet **għall-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali.**

# Każijiet illustrattivi użati f'din il-gwida

Sabiex jintwera aħjar kif jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-evidenza u tar-riskju, jintużaw eżempji differenti bbażati fuq tliet każijiet konkreti fil-kapitoli li ġejjin ta' din il-gwida prattika. Innota li ma għandha tinsilet l-ebda konklużjoni ġenerali bbażata fuq dawn l-eżempji, li huma pprovduti biss għal skopijiet ta' spjegazzjoni.

### (a) Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A

L-applikant mill-pajjiż A ddikjara dan li ġej.

L-applikant huwa żagħżugħ minn pajjiż A. Huwa ma għandu l-ebda dokument tal-identità. Għandu 18-il sena u għex ħajtu kollha fil-villaġġ ta' X mal-ġenituri tiegħu, ma' oħtu akbar fl-età u ma' żewġt aħwa subien iżgħar minnu. Dawn kollha jappartjenu għall-klann Y. Il-membri kollha tal-familja tiegħu huma bdiewa. Huwa attenda l-iskola primarja għal sentejn u mbagħad ħadem mal-familja tiegħu bħala bidwi sat-tluq tiegħu. Il-familja tiegħu kienet is-sid ta' biċċa art żgħira, iżda wara tilwima vjolenti minħabba nuqqas ta' qbil dwar wirt, zijuh ħa l-art tagħhom. Il-familja tiegħu mbagħad bdiet taħdem bħala ħaddiema fl-artijiet ta' nies oħrajn.

Sentejn ilu, missieru beda jirċievi talbiet minn membri ta' grupp terroristiku attiv fil-pajjiż sabiex l-applikant u ħuh iżgħar jingħaqdu mal-organizzazzjoni. Għalkemm qatt ma rċevew theddid serju, it-talbiet kienu qed isiru dejjem aktar urġenti u huma kienu qed jibżgħu li xi darba jew oħra l-membri tal-grupp terroristiku kienu se jirreaġixxu b'mod vjolenti jekk ikomplu jirrifjutaw. L-applikant jaf li l-membri ssekwestraw subien u żgħażagħ oħrajn fir-raħal tiegħu u f'dawk tal-viċinat biex jirreklutawhom bil-forza. Huwa għal din ir-raġuni li l-familja ddeċidiet li għandhom jitilqu mill-pajjiż u organizzat it-tluq tagħhom. L-applikant qal li l-familja tiegħu ma setgħetx titlob protezzjoni, peress li jafu li l-pulizija jew l-armata mhu se tkun kapaċi tagħmel xejn kontra dik l-organizzazzjoni terroristika.

L-applikant u ħuh iżgħar ivvjaġġaw bl-art mill-belt kapitali tal-pajjiż A lejn il-pajjiż L li minnu kien beħsiebhom jivvjaġġaw lejn l-Ewropa. Fil-pajjiż L, inżammu msakkra ma' migranti oħrajn f'maħżen immexxi mit-traffikanti għal madwar xahrejn, meta jum wieħed irġiel armati sparaw fuqhom. Inqatlu aktar minn 30 persuna. Wara dan l-inċident, hu u ħuh irnexxielhom jaħarbu u minn belt kostali, iddeffsu f'dgħajsa tal-lastku b'aktar minn 100 persuna u telqu minn hemm. Il-vjaġġ tagħhom kien qasir; il-Gwardja tal-Kosta mill-pajjiż L interċettat id-dgħajsa tal-lastku wara madwar erba' sigħat fuq il-baħar. Il-passiġġieri kollha ġew ittrasferiti lejn ċentru ta' detenzjoni fil-pajjiż L, fejn ġew miżmuma f'kundizzjonijiet terribbli, iffullati żżejjed u mhux iġeniċi għal erba' xhur. Huwa qal li l-gwardji ta' spiss kienu jsawtuhom, ma jagħtuhomx l-ikel u xi drabi jżuru lilhom u lil subien oħrajn billejl. Huwa qal ukoll li l-gwardji sawtuh fil-qiegħ ta' saqajh b'pajp wara li pprova jaħrab. Minn dak iż-żmien, il-mixi u l-ġiri spiss jikkawżaw uġigħ. It-tieni tentattiv tagħhom kien ta' suċċess, u din id-darba rnexxielhom jaslu fl-Ewropa.

Ma jixtieqx jirritorna lura lejn pajjiżu għax jew se jkun obbligat li jingħaqad mal-organizzazzjoni terroristika, jew se jkollu jġarrab il-konsegwenzi tar-rifjut tiegħu li jingħaqad mal-grupp. Huwa jsemmi wkoll li ħajtu hija fil-periklu minħabba l-gwerra ċivili li għaddejja fil-pajjiż A. Huwa jżid li din marret għall-agħar fir-reġjun u fil-villaġġ tiegħu minn meta telaq, peress li issa hemm ħafna ċittadini ċivili vittmi.

Matul l-intervista personali, huwa ppreżenta valutazzjoni psikosoċjali pprovduta minn tim ta' psikologi u assistenti soċjali u ċertifikat mit-tabib ortopediku li kien irreferut għalih mill-uffiċjali tal-akkoljenza.

### (b) Każ ta' attivista minn pajjiż B

L-applikanta minn pajjiż B iddikjarat dan li ġej.

L-applikanta hija mara minn pajjiż B. Hija avukat u mexxejja soċjali li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u tiddokumenta, tinvestiga u tikkundanna l-abbużi tal-poter u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Hija membru ta' diversi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża organizzazzjoni mhux governattiva (NGO, non-governmental organisation) imsejħa Y, li tippromwovi u tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, fil-pajjiż B.

F'Jannar 2022, filwaqt li kienet barra mill-belt, il-forzi speċjali għamlu rejd fid-dar tagħha mingħajr mandat u qatlu wieħed mill-kuġini tagħha li kien preżenti dakinhar. Matul rejd illegali ieħor f'Marzu 2023, diversi qraba ġew trattati ħażin u qraba femminili ġew imneżżgħa. Ftit xhur wara, f'Ġunju 2023, tnejn min-neputijiet tagħha nżammu detenuti matul rejd ieħor mingħajr mandat. F'kull waħda minn dawn l-okkażjonijiet, il-forzi speċjali għamluha ċara li dawn l-avvenimenti kienu maħsuba biex iġiegħlu lill-applikanta tifhem li kellha bżonn ittemm l-attivitajiet tagħha. Wara dawn l-inċidenti, il-familja tagħha ħabbret li ma riedet ikollha l-ebda relazzjoni magħha peress li l-attivitajiet tagħha kienu qed jipperikolawhom.

Xi xhur ilu, hija pparteċipat fi protesta f'pompa tal-petrol lokali biex tappoġġa lill-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u lill-persuni li jkunu qed jirċievu trattament tad-dijaliżi fl-applikazzjoni tagħhom għal prijorità fil-provvisti tal-fjuwil. Minħabba n-nuqqas ta' rispons mill-awtoritajiet, hija ddeċidiet li tiffilmja d-dimostrazzjoni bl-ismartphone tagħha. Meta rawha, il-forzi tas-sigurtà talbuha tagħtihom il-mowbajl tagħha, iżda rrifjutat u ġiet arrestata u miżmuma għal ġimagħtejn. Hija ġiet imsawta waqt id-detenzjoni u ġiet akkużata ripetutament minn uffiċjal ta' grad għoli b'"ħidma għal NGO li tmur kontra l-interessi ta' pajjiż B". L-applikanta ġiet akkużata b'"reżistenza għall-arrest" u b'"istigazzjoni pubblika għall-vjolenza" u tħalliet titlaq. Il-proċess tagħha quddiem tribunal militari huwa mistenni li jsir fix-xhur li ġejjin.

Aktar reċentement, meta daħlet fil-karozza tagħha biex tibda ssuq, indunat li xi ħadd kien iddiżattiva l-brejkijiet. Fortunatament, hija rnexxielha ssuq il-karozza f'għalqa fejn il-karozza waqfet, u kulma ġarrbet kien xi ftit grif. Ftit jiem wara, hija rċeviet ittra anonima li fiha kien hemm li d-darba li jmiss ma kinitx se tkun daqstant fortunata. Wara dawn l-inċidenti, hija ddeċidiet li taħrab mill-pajjiż. Hija waslet fl-Ewropa u applikat għall-protezzjoni internazzjonali.

Matul ir-reġistrazzjoni tagħha ppreżentat l-ID tagħha, il-passaport tagħha, il-karta professjonali tagħha bħala avukat, il-karta tas-sħubija tagħha mal-NGO Y, l-att tal-akkuża kif ukoll l-ittra anonima ta' theddid.

### (c) Każ ta' mara żagħżugħa minn pajjiż C

L-applikanta ddikjarat dan li ġej.

L-applikanta hija mara ta' 19-il sena minn pajjiż C. Hija kienet tgħix f'belt żgħira maż-żewġ ħutha bniet iżgħar minnha, li għandhom 15 u 12-il sena rispettivament, ma' ħuha ta' 8 snin u mal-ġenituri tagħha. Hija attendiet l-iskola għal 10 snin. Sentejn ilu, hija telqet mill-pajjiż tal-oriġini tagħha bis-sostenn tal-ġenituri tagħha biex issib ħajja aħjar fl-Ewropa.

Matul il-vjaġġ tagħha lejn l-Ewropa, iltaqgħet ma' ġuvni minn pajjiż D li miegħu kellha wild, li twieled wara l-wasla tagħhom fil-pajjiż tal-ażil. Il-wild issa għandu 6 xhur. Ġimgħa wara li twieldet it-tarbija tagħhom, is-sieħeb tagħha telaq u ma reġgħetx ratu minn dakinhar. It-telefown tiegħu huwa mitfi u hija ma tafx fejn taqbad tfittxu, għalhekk baqgħet waħedha mat-tarbija.

Wara li kienet telqet minn pajjiż C, il-ġenituri tagħha, li dejjem kienu qrib tagħha u ta' sostenn, mietu f'ħabta bil-karozza. Hija mbeżżgħa u nkwetata li trid tieħu ħsieb tarbija waħedha iżda ma tistax tmur lura f'pajjiżha b'tarbija u mingħajr raġel. Fil-pajjiż minn fejn ġejja, l-ommijiet waħedhom mhumiex aċċettati. Minflok, dawn jiġu insultati u stigmatizzati, u huwa kważi impossibbli li ssib lil xi ħadd li lest joffrilha xogħol jew dar. Ir-ritorn lura d-dar ukoll mhuwiex għażla. Il-familja tagħha ma kellhiex ħafna kuntatt ma' zijuha fil-passat, iżda minn meta l-ġenituri tagħha mietu, hu u martu kienu qed jieħdu ħsieb ħut l-applikanta. Iz-ziju tagħha huwa persuna importanti fil-belt tal-oriġini tagħha. Huwa kieku jgħid li hija ġabet il-mistħija lill-familja u kien jobbligaha tiżżewweġ lil xi ħadd li lanqas biss kienet taf. Jekk tkun ixxurtjata u jirnexxielha taħrab, tispiċċa tgħix fit-triq, waħedha mal-wild tagħha.

L-applikanta ssottomettiet il-passaport tagħha u ċ-ċertifikat tat-twelid tal-wild, kif ukoll ritratt ta' karozza fi scrapyard.

# Elementi ewlenin tal-valutazzjoni tal-evidenza

Il-valutazzjoni tal-evidenza hija l-metodu biex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti (fatti materjali) ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali ([7]) permezz tal-proċess ta' eżami tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant u l-elementi ta' evidenza disponibbli l-oħrajn.

"Evidenza" hija terminu wiesa' li jinkludi d-dikjarazzjonijiet, id-dokumentazzjoni jew materjal ieħor tal-applikant, li jappoġġa, jivverifika jew jinnega fatt rilevanti ([8]).

"Valutazzjoni tar-riskju" min-naħa l-oħra, hija valutazzjoni fattwali u orjentata lejn il-futur tal-probabbiltà li, mar-ritorn, l-applikant jiffaċċja avveniment li potenzjalment jammonta għal persekuzzjoni jew dannu serju, abbażi tal-fatti materjali kollha aċċettati u l-informazzjoni disponibbli.

## L-isfidi tal-valutazzjoni tal-evidenza fil-proċeduri tal-ażil

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-valutazzjoni tal-evidenza fil-proċeduri tal-ażil hija differenti mill-biċċa l-kbira tal-proċeduri amministrattivi jew legali l-oħrajn, minħabba n-nuqqas ta' mezzi regolari biex tinkiseb evidenza verifikabbli b'mod oġġettiv. Bħala riżultat tal-pożizzjoni speċifika tiegħu bħala applikant għall-protezzjoni internazzjonali, maqtugħ mill-protezzjoni tal-pajjiż tal-oriġini tiegħu, u minħabba l-kundizzjonijiet li kien fihom meta ħarab, l-applikant seta' ma kienx kapaċi jiġbor l-evidenza u jeħodha miegħu meta telaq minn pajjiżu. Bl-istess mod, jista' ma jkunx f'pożizzjoni li jikseb evidenza wara li jasal fil-pajjiż tal-ażil. Il-ġbir tal-evidenza jista' minnu nnifsu jesponi lill-applikanti jew lill-membri tal-familja tagħhom għal (aktar) periklu.

Barra minn hekk, l-element stess li l-applikant ikollu bżonn jagħti prova tiegħu, jiġifieri l-persekuzzjoni jew id-dannu serju, ħafna drabi jkun ir-riżultat ta' azzjonijiet li l-awturi jippruvaw ma jħallu l-ebda evidenza tagħhom warajhom. F'din is-sitwazzjoni, wieħed jista' jifhem li l-applikanti ma jistgħux ikunu mistennija li jissottomettu evidenza bl-istess mod bħal persuni fi proċeduri ċivili, kriminali jew amministrattivi oħrajn. Għalhekk, tista' tkun mistennija evidenza dokumentarja u evidenza oħra limitata fil-proċeduri ta' ażil. F'ħafna każijiet, l-unika evidenza sottomessa mill-applikant hija d-dikjarazzjonijiet tiegħu stess, li għalhekk ħafna drabi jkollhom rwol ewlieni fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ([9]).

([7]) Fil-kuntest ta' din il-gwida prattika, il-kelmiet "applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" xi drabi huma mqassra għal "applikazzjoni".
([8]) EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja) it-tieni edizzjoni, 2023.
([9]) UNHCR, *Handbook on Procedures and Criteria for Determining Refugee Status and Guidelines on International Protection Under the 1951 Convention and the 1967 Protocol Relating to the Status of Refugees* (Gwida dwar il-Proċeduri u l-Kriterji li Għandhom Jiġu Applikati sabiex Jiġi Ddeterminat l-Istatus ta' Refuġjat u l-Prinċipji ta' Gwida dwar il-Protezzjoni Internazzjonali fid-Dawl tal-Konvenzjoni tal-1951 u tal-Protokoll tal-1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati), Frar 2019, HCR/1P/4/ENG/REV. 4.

Bl-istess mod, l-isfidi għall-ġbir tal-evidenza japplikaw ukoll għall-awtoritajiet. L-awtoritajiet tal-ażil huma marbuta b'obbligi ta' kunfidenzjalità biex jissalvagwardjaw is-sikurezza tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u tal-membri tal-familja tagħhom. Bħala regola ġenerali, dan l-obbligu jipprevenihom milli jikkuntattjaw sorsi primarji li jistgħu jpoġġu lill-applikant jew lill-membri tal-familja tiegħu f'riskju, eż. l-awtoritajiet tal-pajjiż tal-oriġini. Sfida distintiva fil-valutazzjoni tal-evidenza fit-talbiet għall-ażil hija li l-fatti li inti mitlub tivverifika huma ta' spiss moħbija jew irrappreżentati ħażin apposta mill-atturi tal-persekuzzjoni. Barra minn hekk, huwa probabbli li l-fatti seħħew f'reġjuni li għalihom il-korpi internazzjonali, il-media jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew tas-soċjetà ċivili ma jingħatawx aċċess, u dan jirriżulta f'informazzjoni limitata jew l-ebda informazzjoni disponibbli dwar dawk ir-reġjuni.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ċar li l-applikanti mhumiex mistennija jagħtu prova tal-applikazzjoni tagħhom għal-livell ta' "ċertezza" jew ta' "lil hinn minn kull dubju raġonevoli" (ara 2.4 "Iddetermina jekk fatt materjali huwiex aċċettat jew irrifjutat"). Dan jista' jħallik f'sitwazzjoni inċerta. Madankollu, hemm sett ta' kriterji li jistgħu jiggwidawk biex tikkonkludi dwar il-kredibilità tal-aspetti differenti tal-applikazzjoni. Dawn il-kriterji u l-mod kif jiġu applikati huma l-fokus ta' din il-gwida. Filwaqt li f'dan il-kuntest jista' jkun li mhux dejjem tkun f'pożizzjoni li "tistabbilixxi l-verità" bħala tali, inti se tapplika għadd ta' kriterji fil-proċess ta' eżami li se jippermettulek twieġeb il-mistoqsija dwar jekk ċerti fatti ppreżentati fl-applikazzjoni għall-ażil jistgħux jiġu aċċettati b'mod raġonevoli bħala kredibbli jew le.

## Approċċ bi tliet passi

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Minħabba l-isfidi u l-limitazzjonijiet, li japplikaw kemm għalik kif ukoll għall-applikant, huwa importanti li jiġi segwit approċċ strutturat meta jiġu vvalutati l-evidenza u r-riskji. Dan se jgħinek tevita li tagħmel żbalji matul ir-raġunament, li tasal għal konklużjonijiet mgħaġġlin jew li tkun ippreġudikat minn impressjonijiet suġġettivi.

Il-proċess ta' eżami jikkonsisti f'żewġ partijiet: il-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju (l-istabbiliment tal-fatti rilevanti) u l-analiżi legali (l-applikazzjoni tal-liġi dwar il-fatti stabbiliti) ([10]). Wara li tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi fattwali, il-valutazzjoni se tiffoka fuq jekk il-kundizzjonijiet sostantivi stipulati fid-Direttiva 2011/95/UE (QD (riformulazzjoni) ([11])) għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali humiex issodisfati.

([10]) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE), is-Sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, *M. M. vs Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u r-Riforma fil-Liġi (Irlanda)*, C-277/11, EU:C:2012:744. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([11]) Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (ĠU L 337, 20.12.2011).

**Illustrazzjoni 1. Il-fażijiet tal-proċedura ta' eżami**




Din il-gwida prattika tiffoka fuq l-ewwel parti, dik tal-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju, u tipproponi approċċ strutturat, fi tliet passi għat-twettiq tagħha ([12]).

**L-importanza tal-approċċ strutturat**

Il-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju hija metodoloġija li għandha tiġi applikata matul il-proċess kollu tal-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil. L-użu ta' approċċ strutturat se jgħinek tagħmel ix-xogħol tiegħek b'mod aktar effettiv, inaqqas ir-riskju li tagħmel żball u jiffaċilita l-kisba ta' deċiżjoni soda, immotivata u konsistenti. Approċċ strutturat għandu l-għan li jiżgura eżami tal-evidenza u tar-riskji oġġettiv, mhux spekulattiv, u jsaħħaħ deċiżjonijiet ġusti u konsistenti, filwaqt li jiżgura li każijiet simili jiġu eżaminati bl-istess mod.

F'**pass 1,** tinġabar l-evidenza u jiġu identifikati l-fatti materjalital-applikazzjoni. L-evidenza miġbura mbagħad tintrabat ma' kull fatt materjali. Ara t-Taqsima Pass 1. "Il-ġbir tal-informazzjoni".

F'**pass 2,** il-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant u evidenza oħra li tkun ġiet marbuta ma' kull fatt materjali tal-applikazzjoni tiġi vvalutata skont kriterji speċifiċi sabiex jiġi ddeterminat liema fatti materjali jiġu aċċettati u liema jiġu rrifjutati. Ara t-Taqsima Pass 2. "Valutazzjoni tal-kredibilità".

F'**pass 3,** il-fatti materjali aċċettati jiġu analizzati b'mod li jħares 'il quddiem, biex jiġi vvalutat ir-riskju li l-applikant jiffaċċja f'każ ta' ritorn. Din il-valutazzjoni tar-riskju hija valutazzjoni fattwali. Il-kwistjoni dwar jekk, abbażi tal-fatti materjali aċċettati u r-riskji identifikati, l-applikant jikkwalifikax biex ikun benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali hija soġġetta għall-analiżi legali, li hija parti mill-istadju li jmiss tal-eżami tal-applikazzjoni. Ara t-Taqsima Pass 3. "Valutazzjoni tar-riskju".

([12]) Għal aktar informazzjoni dwar il-valutazzjoni legali, ara l-EASO, *Practical Guide: Qualification for International Protection* (Gwida Prattika: Kwalifika għall-Protezzjoni Internazzjonali) April 2018.

**Illustrazzjoni 2. Il-fażijiet tal-proċedura ta' eżami**




# Standards legali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-qasam tal-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju huwa rregolat mil-liġi internazzjonali sa ċertu punt biss. Il-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951 ([13]) ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni speċifika li tittratta l-valutazzjoni tal-evidenza jew il-valutazzjoni tar-riskju. Madankollu, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) żviluppa xi gwida dwar is-suġġett, jiġifieri manwal u linji gwida ([14]) u nota ([15]).

F'dan il-qasam, il-QD (riformulazzjoni) tikkostitwixxi l-ewwel strument legali legalment vinkolanti li jistabbilixxi xi kriterji għandu jissodisfa l-applikant sabiex jikkwalifika bħala refuġjat jew persuna li b'xi mod ieħor teħtieġ protezzjoni internazzjonali. Il-QD (riformulazzjoni) tiddependi ħafna fuq l-istrumenti u l-ġurisprudenza internazzjonali u Ewropej dwar ir-refuġjati u d-drittijiet tal-bniedem ([16]).

**L-Artikolu 4 tal-QD (riformulazzjoni)** jirregola l-valutazzjoni tal-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

([13]) L-Assemblea Ġenerali tan-NU, Convention Relating to the Status of Refugees (Il-Konvenzjoni Relatata mal-Istatus tar-Refuġjati, Ġinevra), 28 ta' Lulju 1951, In-Nazzjonijiet Uniti, Serje ta' Trattati, Vol. 189, p. 137, u Protocol Relating to the Status of Refugees (Protokoll Relatat mal-Istatus tar-Refuġjati), 31 ta' Jannar 1967, In-Nazzjonijiet Uniti, Serje ta' Trattati, Vol. 606, p. 267 (imsemmija fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ażil u mill-QĠUE bħala "Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra").

([14]) UNHCR, Handbook on Procedures and Criteria for Determining Refugee Status and Guidelines on International Protection Under the 1951 Convention and the 1967 Protocol Relating to the Status of Refugees (Gwida dwar il-Proċeduri u l-Kriterji li Għandhom Jiġu Applikati sabiex Jiġi Ddeterminat l-Istatus ta' Refuġjat u l-Prinċipji ta' Gwida dwar il-Protezzjoni Internazzjonali fid-Dawl tal-Konvenzjoni tal-1951 u tal-Protokoll tal-1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati), Frar 2019, HCR/1P/4/ENG/REV. 4, paragrafi 195–205.

([15]) UNHCR, *Note on Burden and Standard of Proof in Refugee Claims* (Nota dwar l-Oneru u l-Istandard tal-Evidenza fit-Talbiet tar-Refuġjati), is-16 ta' Diċembru 1998; UNHCR, *Beyond Proof, Credibility Assessment in EU Asylum Systems: Full Report* (Lil Hinn mill-Prova, Valutazzjoni tal-Kredibilità fis-Sistemi tal-Ażil tal-UE: Rapport Sħiħ), Mejju 2013.

([16]) L-istandards kollha jeħtieġ li jinqraw fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Għal aktar informazzjoni dwar il-qafas legali u ġurisprudenzjali tal-valutazzjoni tal-evidenza, irreferi għall-EASO, *Evidence and credibility assessment in the context of the common European asylum system — Compilation of Jurisprudence* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), 2018 u għall-EUAA, Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023.

- L-Artikolu 4(1) jindirizza d-dmir tal-applikant u tal-awtorità li jikkooperaw biex jiġbru u jivvalutaw il-fatti rilevanti tal-applikazzjoni għall-ażil.
- L-Artikolu 4(2) jelenka l-elementi rilevanti kollha tal-applikazzjoni li għandhom jiġu ssostanzjati u vvalutati.
- L-Artikolu 4(3) jistipula l-karattru individwali tal-eżami u jelenka għadd ta' elementi li għandhom jitqiesu.
- L-Artikolu 4(4) jistabbilixxi persekuzzjoni jew dannu serju fl-imgħoddi u theddidiet diretti ta' persekuzzjoni jew dannu serju bħala indikazzjoni serja tal-biża' ġġustifikata tal-applikant li jgħaddi minn persekuzzjoni jew ta' riskju veru li jsofri dannu serju, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin sabiex jiġi kkunsidrat mod ieħor.
- L-Artikolu 4(5) jiddefinixxi ċ-ċirkostanzi li fihom il-fatti materjali li mhumiex appoġġati minn evidenza dokumentarja jew evidenza oħra ma jistgħux jiġu rrifjutati.

Dawn id-dispożizzjonijiet huma l-pedament tal-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju u se jkomplu jiġu analizzati hawn taħt.

Ir-rekwiżiti proċedurali għall-eżami tal-applikazzjoni huma stabbiliti fl-**Artikolu 10 tad-Direttiva 2013/32/UE (APD (riformulazzjoni))** ([17]):

- L-Artikolu 10(1) jistipula li applikazzjoni ma tistax tiġi rrifjutata jew eskluża mill-eżami għar-raġuni biss li ma tkunx saret **malajr kemm jista' jkun**.
- L-Artikolu 10(3)(a) jistipula li l-valutazzjoni u d-deċiżjoni jridu jitwettqu b'**mod individwali, oġġettiv u imparzjali**.
- L-Artikolu 10(3)(b) huwa relatat mar-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati mill-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI, country of origin) u kif din għandha tkun disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni.
- L-Artikolu 10(3)(c) jirrikjedi l-**għarfien tal-persunal** dwar l-istandards rilevanti applikabbli għal-liġi dwar l-ażil u r-refuġjati.
- L-Artikolu 10(3)(d) jipprevedi l-possibbiltà li wieħed ifittex **parir tal-esperti** matul il-valutazzjoni.

([17]) Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU L 180/60, 29.6.2013).

# Prinċipji gwida

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Abbażi tas-sorsi legali u ġurisprudenzjali kollha disponibbli, huwa possibbli li jiġu identifikati diversi prinċipji sottostanti li għandhom jiggwidawk matul il-valutazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

### (a) Eżami individwali

L-applikazzjonijiet jiġu eżaminati individwalment, filwaqt li jitqiesu l-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. L-APD (riformulazzjoni) tistabbilixxi li jeħtieġ li tkun kompetenti biex tqis iċ-ċirkostanzi personali tal-applikant u ċ-ċirkostanzi ġenerali li jiċċirkondaw l-applikazzjoni ([18]).

**X'inhuma ċ-ċirkostanzi personali?**

"Ċirkostanzi personali" huwa terminu ġeneriku, iddefinit b'mod mhux eżawrjenti fil-QD (riformulazzjoni) u fl-APD (riformulazzjoni) bl-elementi li jista' jinkludi, bħall-"oriġini kulturali, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali jew il-vulnerabbiltà tal-applikant" ([19]) jew "l-isfond, il-ġeneru u l-età" ([20]).

Iċ-ċirkostanzi personali jirreferu għal sett ta' karatteristiċi marbuta ma' individwu. Karatteristiċi bħal dawn jistgħu jkunu relatati mal-identità tal-applikant (eż. in-nazzjonalità, l-età, il-ġeneru, ir-reliġjon), il-karatteristiċi (eż. l-isfond edukattiv, id-diżabbiltajiet, is-saħħa mentali), iżda anke mal-kuntest personali tiegħu (eż. il-kuntest soċjali, kulturali u ekonomiku) u l-isfond (inkluż, pereżempju, ir-relazzjonijiet familjari, il-post ta' residenza fil-pajjiż tal-oriġini) fit-tifsira aktar ġenerali tagħhom.

Iċ-ċirkostanzi personali jistgħu jiġu identifikati fi kwalunkwe punt tal-proċedura tal-ażil.

Il-QD (riformulazzjoni) tinnota wkoll li l-valutazzjoni ta' applikazzjoni jeħtieġ li titwettaq fuq bażi individwali. Għalhekk huwa d-dmir tiegħek li tkun konxju miċ-ċirkostanzi personali tal-applikant u li tieħu kull waħda minnhom inkunsiderazzjoni fl-eżami tal-applikazzjoni ([21]).

### (b) Valutazzjoni oġġettiva u imparzjali

Il-valutazzjoni ([22]) trid tkun ibbażata fuq l-evidenza u tevita elementi suġġettivi, preġudizzju u prekonċezzjonijiet li jista' jkollok. Huwa ta' importanza fundamentali li wieħed ikun konxju mill-impatt tal-fatturi kollha li jistgħu jaffettwaw din l-oġġettività u l-imparzjalità u li jkun kapaċi jimminimizza dan l-impatt. Dawk il-fatturi se jiġu analizzati fit-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet".

(18) L-Artikolu 15(3)(a) APD (riformulazzjoni).
(19) L-Artikolu 15(3)(a) APD (riformulazzjoni).
(20) L-Artikolu 4(3)(c) QD (riformulazzjoni).
(21) L-Artikolu 4(3)(c) QD (riformulazzjoni).
(22) L-Artikolu 10(3) APD (riformulazzjoni).

### (c) Trasparenza

Ir-raġunijiet wara l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju jridu jiġu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni. L-informazzjoni li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni għandha tkun aċċessibbli għall-applikant u/jew għall-konsulent legali tiegħu sabiex ikun jista' jifhem l-eżitu tal-applikazzjoni tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, jikkontesta d-deċiżjoni b'appell b'għarfien sħiħ tal-fatti ([23]).

### (d) Id-dritt għal smigħ tal-applikant

Id-dritt għal smigħ ([24]) huwa ta' importanza kbira u l-intervista personali hija fil-qalba tal-proċedura tal-ażil ([25]). L-applikanti jistgħu jkunu f'pożizzjoni tali li jistgħu jiddependu biss jew jiddependu prinċipalment fuq id-dikjarazzjonijiet tagħhom stess biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom.

L-applikant irid jingħata l-opportunità li jinstema' fuq il-mertu permezz ta' intervista personali, imwettqa minn uffiċjal kompetenti skont il-liġi nazzjonali. L-għan tal-intervista huwa li tippermetti lill-applikant jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu bl-aktar mod komplut possibbli.

Id-dritt għal smigħ jinkludi d-dritt tal-applikant li jispjega/jiċċara s-sejbiet ta' kredibilità avversi potenzjali qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ([26]). L-applikant għandu jkollu wkoll l-opportunità li "jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki bil-fomm u/jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kunċett żbaljat li jidher fir-rapport tal-intervista jew fit-traskrizzjoni, fi tmiem l-intervista personali jew f'limitu ta' żmien speċifikat qabel ma l-awtorità determinanti tieħu deċiżjoni" ([27]).

L-APD (riformulazzjoni) tipprovdi għadd ta' regoli għat-twettiq tal-intervista personali biex l-applikant ikun jista' jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu kemm jista' jkun bir-reqqa. Għal aktar informazzjoni dwar kif titwettaq l-intervista personali u dwar l-obbligi legali skont l-APD (riformulazzjoni) f'dan ir-rigward, irreferi għall-gwida prattika tal-EUAA dwar l-intervista personali ([28]).

([23]) L-Artikoli 11 u 17, l-Artikolu 12(1)(f) u l-Artikolu 23(1) tal-APD (riformulazzjoni).
([24]) Ara l-Artikolu 14(1) tal-APD (riformulazzjoni) u l-Artikolu 41(2)(a) tal-Unjoni Ewropea, Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, is-26 ta' Ottubru 2012, 2012/C 326/02. Fil-punt 87 tas-Sentenza tal-QĠUE fil-każ ta' *M.M.*, op. cit. fn. 10, il-QĠUE applikat b'mod konkret dan il-prinċipju għall-proċedura tal-ażil: "Id-dritt għal smigħ jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħha …"
([25]) Il-limitazzjonijiet għad-dritt ta' smigħ huma possibbli iżda huma elenkati b'mod eżawrjenti fl-APD u jibqgħu eċċezzjoni, peress li japplikaw biss "jekk l-awtorità determinanti tista' tieħu deċiżjoni pożittiva dwar l-istatus ta' refuġjat billi tibbaża ruħha fuq provi miksuba; jew jekk l-awtorità determinanti tqis li l-applikant għall-ażil mhuwiex kapaċi jew mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel intervista personali minħabba ċirkustanzi persistenti li mhumiex fil-kontroll tiegħu".
([26]) L-Artikolu 16 tal-APD (riformulazzjoni)
([27]) L-Artikolu 17(3) tal-APD (riformulazzjoni).
([28]) EASO, *Practical Guide: Personal Interview* (Gwida Prattika: Intervista Personali), Diċembru 2014.

### (e) Kunfidenzjalità

Il-prinċipju tal-kunfidenzjalità ([29]) huwa partikolarment importanti minħabba l-pożizzjoni speċifika li fiha jsibu ruħhom ħafna applikanti (ara L-isfidi tal-valutazzjoni tal-evidenza fil-proċeduri tal-ażil). L-informazzjoni kollha relatata mal-fajl tal-applikant għandha tiġi ttrattata b'kunfidenzjalità.

L-awtoritajiet għandhom jiżguraw kunfidenzjalità xierqa fil-mod kif tiġi organizzata l-intervista personali ([30]), iżda anke fil-mod kif jiġbru informazzjoni relatata mal-applikant.

L-awtoritajiet iridu joqogħdu lura milli jiżvelaw informazzjoni "dwar applikazzjonijiet individwali għall-protezzjoni internazzjonali, jew il-fatt li tkun saret applikazzjoni, lill-persuna jew persuni allegatament l-awtur jew awturi tal-persekuzzjoni jew ħsara serja" ([31]). Huma għandhom ukoll iżommu lura milli jiksbu informazzjoni mill-attur(i) allegat(i) ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju "b'mod li jirriżulta li tali awtur jew awturi jiġu informati direttament bil-fatt li saret applikazzjoni mill-applikant ikkonċernat, u li jhedded l-integrità fiżika tal-applikant jew tad-dipendenti tiegħu, jew il-libertà u s-sigurtà tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu għadhom jgħixu fil-pajjiż tal-oriġini" ([32]). Ara wkoll it-Taqsima 1.1.2(e) "Il-fajls tal-ażil tal-membri tal-familja" fir-rigward tal-kwistjoni tal-kunfidenzjalità meta jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet tal-membri tal-familja.

### (f) Dritt għall-ħajja privata u rispett għad-dinjità tal-bniedem

Il-metodi ta' valutazzjoni tal-evidenza użati mill-awtoritajiet iridu dejjem jirrispettaw id-drittijiet tal-applikant għad-dinjità tal-bniedem, l-integrità tal-persuna u l-ħajja privata u tal-familja tagħha ([33]). Dawn qatt ma jridu jinkludu metodi li jikkawżaw uġigħ, umiljanti jew degradanti għall-applikant, jew li jinvadu b'mod mhux raġonevoli l-isferi intimi tal-ħajja privata ([34]).

L-APD (riformulazzjoni) tirreferi għar-rispett għad-dinjità tal-bniedem b'mod partikolari fir-rigward tal-eżami mediku ta' tfal mhux akkumpanjati, li jrid jitwettaq b'rispett għad-dinjità tat-tfal. Il-metodu użat biex jitwettaq l-eżami mediku dejjem irid ikun l-anqas invażiv ([35]).

([29]) L-Artikoli 15, 30 u 48 tal-APD (riformulazzjoni) u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
([30]) L-Artikolu 15 tal-APD (riformulazzjoni).
([31]) L-Artikolu 30 tal-APD (riformulazzjoni).
([32]) L-Artikolu 30 tal-APD (riformulazzjoni).
([33]) L-Artikoli 1, 3 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
([34]) F'dan il-kuntest ara l-Artikolu 13(2)(d) tal-APD (riformulazzjoni), li jistipula li "tfittxija fuq il-persuna tal-applikant taħt din id-Direttiva għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika" Aktar informazzjoni hija disponibbli fit-Taqsima 1.1.2(n) "Evidenza li tikser id-drittijiet fundamentali tal-applikant" u r-referenzi tal-QĠUE, is-Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, *F vs Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal*, Nru C-473/16, EU:C:2018:36, il-punt 48. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA; u QĠUE, is-Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, *A., B., C. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, il-punti 59-66. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([35]) Il-Premessa 60 tal-APD (riformulazzjoni) u l-Artikolu 25 tal-APD (riformulazzjoni).

# 1. Pass 1. Ġbir tal-informazzjoni

[Werrej] [Lista ta’ kontroll]

Il-valutazzjoni tal-evidenza tibda bil-ġbir tal-informazzjoni. Il-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni jitlesta fi stadji differenti: il-ġbir tal-evidenza, l-identifikazzjoni ta’ fatti materjali u l-irbit tal-evidenza kollha ma’ fatt materjali wieħed jew aktar.

Il-ġbir tal-evidenza u l-identifikazzjoni ta’ fatti materjali huwa proċess kontinwu li jestendi mill-mument li l-applikant iressaq l-applikazzjoni sal-mument li fih twettaq il-valutazzjoni tar-riskju. Anke f’dan l-aħħar stadju, jista’ jkollok bżonn tiġbor evidenza addizzjonali, jekk ikunu meħtieġa kjarifiki jew aktar informazzjoni. Il-prinċipju bażiku huwa li int għandu jkollok moħħ miftuħ u tieħu f’kunsiderazzjoni li jistgħu jitfaċċaw fatti ġodda matul il-proċess kollu. Għalkemm dan il-proċess huwa strutturat, mhuwiex neċessarjament lineari.

**L-importanza li jitqiesu l-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet**

Meta tiġbor l-evidenza, huwa tal-akbar importanza li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi individwali u kuntestwali rilevanti kollha li jistgħu jaffettwaw il-punt sa fejn applikant ikun jista’ jissodisfa l-obbligi tiegħu jew jinterferixxi mal-kapaċità tiegħek li tagħmel eżami oġġettiv u adegwat (ara t-Taqsima 2.3. “Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet”).

## 1.1. Iġbor l-evidenza

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

**Illustrazzjoni 3. Iġbor l-evidenza**




L-ewwel stadju tal-proċess ta' valutazzjoni tal-evidenza jirrikjedi l-ġbir tal-evidenza kollha tal-każ li hija meħtieġa biex tiġi ssostanzjata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

### 1.1.1. Applika d-dmir ta' kooperazzjoni (l-oneru tal-provi)

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Għalkemm l-"oneru tal-provi" huwa kunċett legali stabbilit li jiddetermina min huwa responsabbli biex jagħti prova ta' ċerta ċirkostanza fi proċedura legali, dan il-kunċett għandu jinftiehem fil-forma speċifika li jieħu fil-proċedura tal-ażil. L-Artikolu 4 tal-QD (riformulazzjoni) ma jpoġġix l-oneru tal-provi bħala tali fuq l-applikant, u lanqas fuq l-awtorità determinanti. Madankollu, it-tnejn għandhom ċerti dmirijiet x'jissodisfaw biex tkun tista' ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Fil-prinċipju, huwa d-dmir tal-applikant li jissottometti l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu. Sadanittant, huwa d-dmir tal-awtorità determinanti li tinvestiga u tivvaluta l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni f'kooperazzjoni mal-applikant ([36]). Kemm l-applikant kif ukoll l-awtorità għandhom obbligu li jikkooperaw biex jivvalutaw l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni ([37]).

([36]) L-Artikolu 4(1) tal-QD (riformulazzjoni).
([37]) QĠUE, 2012, *M.M.*, C-277/11, op. cit., fn. 10, il-punti 65 u 66.

**Illustrazzjoni 4. Dmir ta’ kooperazzjoni**




### (a) Iċċekkja jekk l-applikant jissodisfax id-dmir tiegħu li jissostanzja l-applikazzjoni

[Werrej] [Lista ta’ kontroll]

Għandek tinforma lill-applikant dwar id-dmir tiegħu li jissostanzja l-applikazzjoni (ara t-Taqsima 1.1.1.(b).ii. “Informa lill-applikant dwar id-dmirijiet tiegħu”), li jimplika obbligu għall-applikant li jagħti dikjarazzjoni veritiera, li jippreżenta l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tiegħu u li jikkoopera mal-awtoritajiet fl-eżami tal-applikazzjoni tiegħu.

Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4 tal-QD (riformulazzjoni) jindikaw li “biex tiġi sostanzjata” “tfisser li tipprovdi dikjarazzjonijiet u tissottometti evidenza dokumentarja jew evidenza oħra għad-dispożizzjoni tal-applikant” ([38]), rigward l-età, l-isfond, il-qraba rilevanti, l-identità, in-nazzjonalità(jiet), il-pajjiż(i) u l-post(ijiet) tar-residenza preċedenti, l-applikazzjonijiet preċedenti għall-ażil, ir-rotot tal-ivvjaġġar, id-dokumenti tal-ivvjaġġar u r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiegħu ([39]). Dan ifisser li l-applikant irid jieħu passi biex isostni l-applikazzjoni b’dikjarazzjonijiet u bl-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tiegħu. L-applikant normalment ikun f’pożizzjoni aħjar mill-awtorità biex jagħti informazzjoni dwar l-aspetti individwali tal-applikazzjoni tiegħu (tal-biżgħat tiegħu u tal-esperjenzi tiegħu) ([40]).

Il-mod kif in-nuqqasijiet fl-issodisfar mill-applikant tad-dmir tiegħu li jissostanzja l-impatti tal-valutazzjoni tal-evidenza huwa indirizzat fit-taqsima 2.4.1. “L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma’ fatt materjali” u t-taqsima 2.4.2. “Konklużjoni dwar il-fatti materjali”.

i. L-applikant għamel sforz ġenwin biex jipprovdi d-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tiegħu?

[Werrej] [Lista ta’ kontroll]

L-applikant għandu jipprovdilek l-elementi ta’ evidenza rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu.

L-Artikolu 4 tal-QD (riformulazzjoni) jestendi d-dmir li l-evidenza tiġi sottomessa biss għall-evidenza għad-**dispożizzjoni tal-applikant**. Dokumenti u evidenza oħra jitqiesu li huma għad-dispożizzjoni tal-applikant biss meta jista’ jkun raġonevolment mistenni li jkun jista’ jiksibhom ([41]). Dan ifisser ukoll li d-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni ma jistax jinftiehem bħala dmir li jipprovdi evidenza b’sostenn ta’ **kull** fatt.

([38]) UNHCR, *Beyond Proof, Full Report* (Lil Hinn mill-Prova, Rapport Sħiħ), Mejju 2013, op. cit. fn. 15, p. 85.
([39]) UNHCR, *Beyond Proof, Full Report* (Lil Hinn mill-Prova, Rapport Sħiħ), Mejju 2013, op. cit. fn. 15, p. 89.
([40]) QEDB, is-Sentenza tat-23 ta’ Awwissu 2016, *J.K. et vs L-Iżvezja*, Nru 59166/12, ECLI:CE:ECHR:2016:0823JUD005916612, il-punt 96. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([41]) UNHCR, *Beyond Proof, Full Report* (Lil Hinn mill-Prova: Rapport Sħiħ), Mejju 2013, op. cit. fn. 15, p. 96.

L-applikant jeħtieġ li jagħmel **sforz ġenwin** ([42]) biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu permezz tad-dikjarazzjonijiet tiegħu u d-dokumentazzjoni kollha u evidenza oħra għad-dispożizzjoni tiegħu. Il-firxa ta' dan l-obbligu tiddependi mill-każ individwali. Għandu jiġi kkunsidrat liema mezzi huma disponibbli biex tinkiseb evidenza, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom l-applikant ikun ħalla l-pajjiż tal-oriġini tiegħu u s-sitwazzjoni ġenerali li hemm fih. Fatturi oħrajn li jistgħu jfixklu wkoll lill-applikant milli jipprovdi l-evidenza kollha meħtieġa jistgħu jiġu mis-sitwazzjoni personali tiegħu u jkunu marbuta, pereżempju, mas-saħħa fiżika/mentali, mal-livell ta' edukazzjoni jew mar-rabtiet familjari tiegħu. Iċ-ċirkostanzi individwali tal-każ huma dejjem importanti meta jiġi vvalutat sa liema punt l-applikant seta' jissodisfa l-obbligi tiegħu.

### ii. L-evidenza kollha ġiet ipprovduta malajr kemm jista' jkun?

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-applikant huwa mistenni wkoll li jippreżenta l-informazzjoni u l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun lill-awtorità tal-ażil. B'dan il-mod, inti tkun tista' tidentifika u tivvaluta b'mod xieraq u f'waqtu l-fatti materjali kollha tal-każ. Il-konformità ma' dan l-obbligu hija marbuta mill-qrib mal-obbligu tal-awtorità li tinforma lill-applikant dwar id-dmirijiet tiegħu fil-proċedura tal-ażil u l-mezzi għad-dispożizzjoni tal-applikant sabiex jipprovdi l-evidenza. "It-terminu "malajr kemm jista' jkun" għandu jiġi interpretat b'referenza għall-punt fiż-żmien li fih l-applikant jiġi informat, f'lingwa li jifhem, bid-dmir tiegħu li jissostanzja l-applikazzjoni ([43]) (ara t-Taqsima 1.1.1(b)ii "Informa lill-applikant dwar id-dmirijiet tiegħu").

Approċċ prattiku huwa li jiġi diskuss mal-applikant liema evidenza beħsiebu jippreżenta u li jintlaħaq qbil fuq limitu ta' żmien raġonevoli. L-obbligu fuq l-applikant li jippreżenta informazzjoni u evidenza malajr kemm jista' jkun japplika għall-evidenza għad-dispożizzjoni tiegħu. Dan jiġi ssodisfat meta l-informazzjoni jew l-evidenza ssir disponibbli fi stadju aktar tard (eż. wara l-intervista personali) u tiġi ppreżentata fl-iqsar żmien possibbli.

Iċ-ċirkostanzi ġenerali u personali u l-vulnerabbiltajiet rilevanti tal-applikant jeħtieġ li jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk id-dikjarazzjonijiet jew evidenza oħra ġewx ipprovduti fil-ħin. Is-sejbiet avversi tal-kredibilità ma jistgħux jittieħdu biss mill-fatt li l-applikant ma pproponiex ċerti elementi fl-ewwel okkażjoni ([44]).

### iii. L-applikant ta spjegazzjoni sodisfaċenti għan-nuqqas ta' evidenza ta' sostenn?

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Għal xi fatti tal-każ, l-applikant jista' ma jkunx f'pożizzjoni li jipprovdi evidenza ta' sostenn. Jekk l-applikant ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligu tiegħu li jipprovdi l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tiegħu jew l-evidenza kollha li b'mod raġonevoli tista' tkun mistennija li tkun għad-dispożizzjoni tiegħu, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali, dan għandu jipprovdi spjegazzjoni sodisfaċenti dwar għaliex ma jistax jippreżenta evidenza ta' sostenn għal xi fatti.

([42]) L-Artikolu 4(5)(a) QD (riformulazzjoni).
([43]) UNHCR, *Beyond Proof, Full Report* (Lil Hinn mill-Prova: Rapport Sħiħ), Mejju 2013, op. cit. fn. 15, p. 102.
([44]) QĠUE, is-Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, *A., B., C. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, il-punti 70 u 71. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tivvaluta jekk tistax tiġi aċċettata l-ispjegazzjoni mogħtija mill-applikant dwar għaliex huwa ma jistax jippreżenta evidenza addizzjonali. L-ispjegazzjoni offruta mill-applikant għandha titqies filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali u kuntestwali (ara wkoll it-Taqsima 2.4.1. "L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali").

### (b) Issodisfa d-dmir tal-uffiċjal tal-każ li jinvestiga

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-applikant irid jingħata l-opportunità li jippreżenta l-informazzjoni rilevanti kollha u l-elementi ta' evidenza rilevanti kollha. F'kooperazzjoni mal-applikant, huwa d-dmir tal-awtorità determinanti li tistabbilixxi l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni. Sabiex tissodisfa dan l-obbligu, trid issegwi l-passi ta' hawn taħt.

i. Appoġġa b'mod adegwat lil persuni bi ħtiġijiet proċedurali speċjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Sabiex ikunu jistgħu jissostanzjaw b'mod effettiv l-applikazzjoni u jippreżentaw ir-raġunijiet tagħhom b'mod komprensiv, ċerti applikanti jistgħu jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali. Dan jista' jkun minħabba, fost fatturi oħrajn, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, id-diżabilità, il-mard serju u d-disturbi mentali tagħhom. Il-ħtieġa għal garanziji proċedurali speċjali tista' tkun ukoll konsegwenza ta' tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali. B'mod partikolari, it-tfal mhux akkumpanjati għandhom ħtiġijiet speċifiċi li jitolbu appoġġ adegwat ([45]).

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk l-applikant għandux bżonn garanziji proċedurali speċjali f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li ssir applikazzjoni. Fejn dan ikun il-każ, l-Istat Membru għandu jipprovdihom b'appoġġ adegwat ([46]). Għandha ssir enfasi partikolari fuq ir-rwol investigattiv tiegħek f'każ ta' persuni bi ħtiġijiet proċedurali speċjali ([47]). Inti għandek tiġbor l-informazzjoni rilevanti b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet speċjali tal-applikant. Sabiex tivvaluta u ttaffi kif suppost l-influwenza ta' dawn iċ-ċirkostanzi fuq il-każ inkwistjoni, tista' tirrikjedi opinjonijiet esperti, pereżempju għal każijiet ta' mard mentali jew diżabilitajiet, jew meta tindirizza l-konsegwenzi ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali (ara wkoll it-Taqsima 1.1.2(k) "Rapporti mediċi, psikjatriċi, psikoloġiċi"). Għandek tippermetti wkoll biżżejjed żmien għall-applikant bi ħtiġijiet proċedurali speċjali biex jippreżenta l-elementi meħtieġa ħalli jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali u għandek tikkunsidra dawn il-ħtiġijiet meta twettaq l-intervista personali.

ii. Informa lill-applikant dwar id-dmirijiet tiegħu

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-obbligi msemmija hawn fuq tal-applikant imorru flimkien mal-obbligu tal-awtorità determinanti li tinforma lill-applikant bid-dmirijiet kollha tiegħu kif ukoll bid-drittijiet tiegħu f'lingwa li jifhem jew li huwa raġonevolment mistenni li jifhem, u b'mod partikolari li tinformah

([45]) L-Artikolu 25 tal-APD (riformulazzjoni).
([46]) L-Artikolu 24 tal-APD (riformulazzjoni).
([47]) Il-miżuri adegwati li jeħtieġ tieħu skont il-ħtiġijiet proċedurali jistgħu jiġu identifikati bl-użu tal-EASO, Tool for Identification of Special Needs (Għodda dwar l-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali), 2016.

dwar id-dmir tiegħu li jissostanzja l-applikazzjoni ([48]). Din l-informazzjoni trid tinkludi l-fatt li l-applikant għandu l-obbligu li jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu kif ukoll il-konsegwenzi jekk ma jissodisfax dan l-obbligu. Din l-informazzjoni trid tingħata fil-ħin biex l-applikant jikkonforma mal-obbligi tiegħu. L-informazzjoni mogħtija trid tinkludi l-perjodi ta' żmien applikabbli biex jiġu ssodisfati l-obbligi, u b'hekk l-applikant jingħata opportunità adegwata biex jippreżenta l-elementi kollha. L-applikant għandu jirċievi wkoll informazzjoni prattika dwar il-mezzi biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali.

**Eżempji ta' għoti ta' informazzjoni**

Il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali tista' tirrikjedi li l-ittra ta' stedina għall-intervista personali għandha tinforma lill-applikant dwar it-tipi ta' evidenza li huwa mistenni li jippreżenta matul l-intervista personali u d-dmirijiet ġenerali tal-applikant matul il-proċedura ta' eżami tal-ewwel istanza.
Jekk xi elementi ta' evidenza ma jkunux jistgħu jiġu ppreżentati matul l-intervista personali, minkejja li jkunu għad-dispożizzjoni tal-applikant, tista' tippermetti ċertu ammont ta' żmien għall-applikant biex jippreżenta elementi ta' evidenza addizzjonali qabel ma tivvaluta l-applikazzjoni u/jew tifformula deċiżjoni. Dan ikun jiddependi mill-prattika nazzjonali u mill-ispeċifiċitajiet tal-applikazzjoni. F'każ bħal dan, inti tagħti indikazzjonijiet lill-applikant matul l-intervista personali dwar il-mod li bih jista'/jistgħu jiġi/u ppreżentat(i) l-element(i) addizzjonali ta' evidenza, il-perjodu ta' żmien li matulu l-element(i) ta' evidenza huwa/huma mistenni/mistennija jasal/jaslu għand l-awtorità tal-ażil qabel ma tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, kif ukoll il-konsegwenzi għan-nuqqas ta' forniment tal-evidenza fil-perjodu ta' żmien stabbilit.

L-ispjegazzjonijiet u l-informazzjoni għandhom ikunu disponibbli b'mod li jqis is-sitwazzjoni speċifika tal-applikant, pereżempju b'mod adattat għat-tfal jekk l-applikant ikun minorenni (ara t-Taqsima 1.1.1.(b).i. "Appoġġ b'mod adegwat lil persuni bi ħtiġijiet proċedurali speċjali") ([49]).

### iii. Ħalli lill-applikant jippreżenta l-fatti u l-evidenza rilevanti kollha permezz ta' intervista personali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Sabiex jissodisfaw id-dmir tagħhom li jipprovdu l-informazzjoni u l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jingħataw l-opportunità li jippreżentaw il-fatti materjali kollha u l-elementi ta' evidenza kollha permezz ta' intervista personali ([50]). L-intervista

([48]) L-Artikolu 12(1)(a) tal-APD (riformulazzjoni).
([49]) EUAA, *Practical Guide on Information Provision – Access to procedure* (Gwida Prattika dwar l-Għoti ta' Informazzjoni - Aċċess għall-proċedura), Diċembru 2024, Taqsima 1.2.3. "Adatta t-tekniki ta' komunikazzjoni tiegħek għaċ-ċirkostanzi personali tal-applikant."
([50]) Ara t-Taqsima "Prinċipji gwida", "(d) Id-dritt għal smigħ tal-applikant". L-APD tistabbilixxi biss eċċezzjonijiet stretti għad-dritt għal smigħ. L-Artikolu 14(2) tal-APD (riformulazzjoni) jiddikjara li
*[l]-intervista personali dwar is-sustanza tal-applikazzjoni tista' titneħħa meta*
*l-awtorità determinanti tkun kapaċi li tieħu deċiżjoni pożittiva fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat abbażi tal-evidenza disponibbli; jew*
*l-awtorità determinanti tkun tal-fehma li l-applikant mhuwiex f'sikktu jew kapaċi sabiex jiġi intervistat minħabba ċirkostanzi persistenti li fuqhom huwa ma jkollux kontroll...*
L-obbligu għal smigħ japplika wkoll għall-intervisti ta' ammissibbiltà (ara l-Artikolu 34 tal-APD (riformulazzjoni)). L-Istati Membri jistgħu jipprevedu biss eċċezzjoni għall-intervista ta' ammissibbiltà fil-proċedura ta' ammissibbiltà ta' applikazzjonijiet sussegwenti taħt kundizzjonijiet speċifiċi (ara l-Artikoli 34 u 42 tal-APD (riformulazzjoni)).

personali hija l-aktar stadju importanti biex tinġabar l-informazzjoni, peress li tipprovdi l-opportunità ewlenija għall-applikant biex jissostanzja l-applikazzjoni. L-Artikolu 16 tal-APD (riformulazzjoni) jobbliga lill-Istati Membri jwettqu intervisti personali b'mod li jiżgura "li l-applikant ikollu opportunità adegwata biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95/UE kemm jista' jkun malajr [sic]."

Peress li mhux dejjem jista' jkun mistenni li l-applikant ikun jaf liema dikjarazzjonijiet, dokumenti jew evidenza oħra tista' tkun rilevanti, id-dmir tal-awtorità determinanti li tikkoopera fl-istadju tal-intervista personali mhuwiex limitat għaż-żmien u l-ispazju disponibbli għall-applikant. L-awtorità determinanti jeħtiġilha tipprovdi wkoll il-gwida meħtieġa lill-applikant, tuża interrogazzjoni xierqa u toħloq il-kundizzjonijiet xierqa biex tiġbor l-elementi rilevanti ħalli tissostanzja l-fatti affermati mill-applikant ([51]).

### iv. Staqsi lill-applikant biex jikkjarifika dak li mhuwiex ċar

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Inti trid tikkjarifika l-fatti rilevanti kollha tal-applikazzjoni f'kollaborazzjoni mal-applikant wara li tikkunsidra l-evidenza disponibbli, l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini u l-fatturi possibbli li jistgħu jikkawżaw distorsjonijiet (ara t-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet"). Il-valutazzjoni tal-każ ma tridx tkun ibbażata fuq aspetti li mhumiex ċari għalik u ma tridx tħalli lok għal suppożizzjonijiet, spekulazzjoni, konġettura, intuwizzjoni jew sentimenti impulsivi.

### v. Indirizza l-inkonsistenzi evidenti, in-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti u l-kwistjonijiet ta' plawżibbiltà

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Kwalunkwe inkonsistenza, kwistjoni ta' plawżabbiltà u nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-applikant, li għandu jingħata l-possibbiltà li jikkjarifikahom. Inti għandek tiffoka wkoll fuq l-identifikazzjoni tal-kawżi tagħhom sabiex tkun tista' tivvaluta kif suppost l-impatt tagħhom fuq il-valutazzjoni tal-kredibilità. Għandek tikkunsidra l-preżenza potenzjali ta' fatturi ta' distorsjoni (ara t-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi ċirkostanzjali u individwali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet") li jistgħu jinfluwenzaw il-konsistenza u l-plawżibbiltà tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant, u l-kapaċità tiegħu li jipprovdi informazzjoni ddettaljata.

### vi. Ikseb informazzjoni rilevanti dwar il-pajjiż tal-oriġini u evidenza oħra

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Sabiex tivvaluta l-każ, għandek tikseb COI rilevanti, preċiża u aġġornata, "inklużi liġijiet u regolamenti tal-pajjiż tal-oriġini u l-mod kif dawn jiġu applikati" ([52]). Ara t-Taqsima 1.2.2. "Ifformula fatti materjali ċari, komprensivi u fattwali" għal aktar dettalji. F'dan il-kuntest, il-Qorti

([51]) EASO, *Gwida Prattika: Intervista Personali*, Diċembru 2014. Ara QĠUE, 2012, *M.M.*, C-277/1, op. cit., fn. 10, il-punt 66. Ara wkoll UNHCR, *Beyond Proof, Full Report* (Lil Hinn mill-Prova: Rapport Sħiħ), Mejju 2013, op. cit. fn. 15, p. 112.
([52]) L-Artikolu 4(3) tal-QD (riformulazzjoni).

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ikkunsidrat li l-awtoritajiet tal-ażil b'mod ġenerali jinsabu f'pożizzjoni aħjar mill-applikant biex ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ġenerali, inkluża informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' protezzjoni fil-pajjiż tal-oriġinioriġini ([53]).

L-awtorità determinanti tiġbor ill-COI b'mod imparzjali. Meta tivvaluta l-evidenza f'każijiet individwali, jeħtieġ li tapplika l-istess approċċ imparzjali u tikkunsidra l-evidenza kollha li tappoġġa l-fatti affermati mill-applikant kif ukoll l-evidenza li titkellem kontra dawk il-fatti. Mingħajr din l-imparzjalità, id-dmir tal-awtorità determinanti li tinvestiga ma jidħolx fis-seħħ b'mod sħiħ, peress li ma jikkumpensax għan-nuqqas ta' disponibbiltà għall-applikant ta' ċerti tipi ta' evidenza.

Sabiex tivvaluta l-każ, jista' jkollok tikseb ukoll elementi ta' evidenza oħrajn li tista' taċċessa fuq inizjattiva tiegħek stess. Pereżempju, fajls tal-ażil ta' membri tal-familja, sorsi tal-media soċjali, evidenza minn awtoritajiet nazzjonali oħrajn tal-Istat Membru responsabbli jew minn Stati Membri oħrajn. Il-ħtieġa li tiġbor evidenza bħal din se tiddependi mill-ispeċifiċitajiet tal-applikazzjoni. Pereżempju, tista' tiġi mitlub taċċessa din l-evidenza addizzjonali b'informazzjoni li diġà għandek u li tista' tkun soġġetta għal investigazzjoni ulterjuri.

L-awtorità determinanti se jkollha tikkunsidra wkoll kwalunkwe riskju li ma jkunx issemma mill-applikant, iżda li l-awtorità tkun taf bih, u li jista' jesponi lill-applikant għal riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju mar-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini ([54]). Dan japplika b'mod speċjali jekk l-awtorità determinanti tkun taf li l-applikant x'aktarx ikun membru ta' grupp li jkun espost b'mod sistematiku għal persekuzzjoni jew dannu serju ([55]). Skont il-prattiki nazzjonali, tista' tkun teħtieġ li tinforma lill-applikant u tagħtih opportunità li jikkummenta.

Fejn rilevanti, id-dmir tal-awtorità determinanti li tikkoopera jinkludi wkoll li tagħmel arranġamenti għal eżami mediku soġġett għall-kunsens tal-applikant, jew tinforma lill-applikant li jrid jagħmel arranġamenti għal eżami mediku, jekk meħtieġ ([56]).

### (c) Ikkunsidra r-regoli speċifiċi ta' sostanzjar jekk applikabbli

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Meta tintuża matul l-eżami, huwa f'idejn l-awtorità determinanti li tissostanzja li l-kundizzjonijiet biex jiġu implimentati l-kunċetti li ġejjin jiġu ssodisfati:

- id-disponibbiltà tal-protezzjoni fil-pajjiż tal-oriġini;

([53]) QEDB, is-Sentenza tat-23 ta' Awwissu 2016, *J.K. et vs l-Iżvezja*, Nru 59166/12, ECLI:CE:ECHR:2016:0823JUD005916612, il-punt 132. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([54]) QEDB, is-Sentenza tat-23 ta' Marzu 2016, *F.G. vs L-Iżvezja*, Nru 43611/11, ECLI:CE:ECHR:2016:0323JUD004361111, il-punt 127. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA. QEDB, is-Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2020, *M.A. vs Il-Belġju*, Nru 19656/18, ECLI:CE:ECHR:2020:1027JUD001965618, il-punt 81. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA; QEDB, is-Sentenza tal-21 ta' Lulju 2021, *E.H. vs Franza*, Nru 39126/18, ECLI:CE:ECHR:2021:0722JUD003912618, il-punt 132. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([55]) QEDB, is-Sentenza tat-23 ta' Marzu 2016, *F.G. vs L-Iżvezja*, Nru 43611/11, ECLI:CE:ECHR:2016:0323JUD004361111, il-punt 127. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA. QEDB, is-Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2020, *M.A. vs Il-Belġju*, Nru 19656/18, ECLI:CE:ECHR:2020:1027JUD001965618, il-punt 81. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA; QEDB, is-Sentenza tal-21 ta' Lulju 2021, *E.H. vs Franza*, Nru 39126/18, ECLI:CE:ECHR:2021:0722JUD003912618, il-punt 132. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([56]) Ara l-Artikolu 18 tal-APD (riformulazzjoni).

- il-possibbiltà li tinstab alternattiva għall-protezzjoni interna (IPA, internal protection alternative); u
- l-eżistenza ta' raġunijiet għall-esklużjoni ([57]).

Id-dmir ta' sostanzjar jaqa' fuq l-awtorità tal-ażil anke meta jkun ġie aċċettat li:

- l-applikant diġà kien soġġett għal (theddida diretta ta') persekuzzjoni jew dannu serju.

F'dan il-każ, l-awtorità għandha tipprovdi "raġunijiet tajbin li jista' jitqies li din il-persekuzzjoni jew dan il-dannu serju ma jiġix ripetut" ([58]).

Għalkemm l-awtorità determinanti għandha d-dmir li tissostanzja li l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati biex jiġu applikati l-kunċetti msemmija hawn fuq, jibqa' kemm għall-awtorità determinanti kif ukoll għall-applikant li jikkooperaw fil-ġbir u fl-għoti tal-evidenza rilevanti kollha li se tippermetti l-valutazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Jekk l-applikant ikun ġej minn pajjiż li huwa indikat bħala pajjiż tal-oriġini bla periklu, l-eżami individwali jista' jibda b'enfasi fuq id-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu billi jippreżenta l-elementi kollha li jindikaw li f'pajjiżu, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, huwa soġġett għal periklu ([59]).

Dawn is-sitwazzjonijiet huma spjegati aktar fit-taqsimiet ta' hawn taħt.

### i. Il-protezzjoni hija disponibbli fil-pajjiż tal-oriġini?

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Filwaqt li l-applikant irid jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu (riskju ta' persekuzzjoni / dannu serju jekk jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini), hija r-responsabbiltà tiegħek li tagħti prova li l-protezzjoni hija disponibbli fil-pajjiż tal-oriġini (l-oppost).

Sabiex tafferma d-disponibbiltà tal-protezzjoni fil-pajjiż tal-oriġini, fil-proċess tal-identifikazzjoni tal-fatti materjali tal-applikazzjoni, inti għandek tistabbilixxi jekk l-applikant ipprovax ifittex protezzjoni mingħand l-awtoritajiet/atturi rilevanti; għaliex le, jekk naqas li jagħmel dan; mingħand liema awtoritajiet/atturi ntalbet il-protezzjoni, x'kien ir-riżultat ta' din l-azzjoni u jekk il-protezzjoni hijiex aċċessibbli, effettiva u ta' natura mhux temporanja ([60]).

---

([57]) EASO, *Gwida Prattika: Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali*, April 2018. EASO, *Practical Guide on the Application of the Internal Protection Alternative* (Gwida Prattika dwar l-Applikazzjoni tal-Alternattiva għall-Protezzjoni Interna), Mejju 2021. EASO, *Gwida Prattika: Esklużjoni*, Jannar 2017.
([58]) L-Artikolu 4(4) tal-QD (riformulazzjoni).
([59]) L-Artikoli 36 u 37 tal-APD (riformulazzjoni). Għal aktar informazzjoni dwar din ir-regola ta' prova, irreferi għall-EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023.
([60]) L-Artikolu 7 tal-QD (riformulazzjoni).

ii. L-alternattiva għall-protezzjoni interna hija applikabbli?

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Jekk previst mil-liġi nazzjonali, inti tista' tasserixxi li l-protezzjoni interna kontra persekuzzjoni jew dannu serju tkun effettivament disponibbli għall-applikant f'parti mill-pajjiż tal-oriġini. F'din is-sitwazzjoni, jeħtieġ li tidentifika żona u turi li hemm parti mill-pajjiż fejn l-applikant jista' jivvjaġġa b'mod sikur u legali, jiġi aċċettat u jkun mistenni b'mod raġonevoli li jissetilja ([61]).

Sabiex tiġi appoġġata sejba bħal din, meta tiġi biex tidentifika l-fatti materjali, inti għandek tikkunsidra ċ-ċirkostanzi ġenerali li jipprevalu f'dik il-parti tal-pajjiż u b'rabta maċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. Żgura li tinkiseb COI rilevanti, preċiża u aġġornata, li tkopri kemm is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż kif ukoll is-sitwazzjoni fir-reġjun identifikat ta' protezzjoni f'dak il-pajjiż, minn sorsi rilevanti, bħall-EUAA, l-UNHCR u l-organizzazzjonijiet rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali.

Jekk l-Istat jew l-aġenti tal-Istat ikunu l-atturi ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju, inti għandek tippreżumi li l-protezzjoni interna effettiva mhijiex disponibbli għall-applikant. Jekk l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, id-disponibbiltà tal-arranġamenti ta' kura u kustodja xierqa li huma fl-aħjar interess tal-minorenni mhux akkumpanjat, għandha tifforma parti mill-investigazzjoni tiegħek dwar jekk il-protezzjoni hijiex effettivament disponibbli. Għal aktar informazzjoni dwar l-alternattiva għall-protezzjoni interna, irreferi għall-gwida prattika tal-EUAA dwar dan is-suġġett ([62]).

iii. Hija applikabbli esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali?

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Fil-proċess sabiex jiġu stabbiliti l-fatti materjali (qabel l-eżami legali), tista' tidentifika l-elementi li jistgħu jwasslu għall-esklużjoni tal-applikant mill-protezzjoni internazzjonali. Jekk tikkunsidra li l-applikant għandu jiġi mċaħħad il-protezzjoni abbażi ta' raġunijiet għall-esklużjoni, jeħtieġ li tissostanzja l-konklużjoni tiegħek ([63]). L-esklużjoni trid tkun ibbażata fuq evidenza ċara u kredibbli. L-applikant jeħtieġlu jingħata l-possibbiltà li jikkontesta l-evidenza li tintuża sabiex tappoġġa l-esklużjoni. Għal aktar informazzjoni, irreferi għall-gwida prattika tal-EUAA dwar dan is-suġġett ([64]).

iv. L-applikant diġà kien soġġett għal (theddid dirett ta') persekuzzjoni jew dannu serju fil-passat?

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Matul l-eżami, inti tista' tistabbilixxi li l-applikant issostanzja l-fatt li huwa kien soġġett għal persekuzzjoni jew dannu serju, jew għal theddidiet diretti ta' tali persekuzzjoni jew dannu fil-pajjiż tal-oriġini. Din tkun indikazzjoni serja tal-biża' ġġustifikata tal-applikant li jgħaddi minn

([61]) L-Artikolu 8 tal-QD (riformulazzjoni).
([62]) EASO, *Practical Guide on the Application of the Internal Protection Alternative* (Gwida Prattika dwar l-Applikazzjoni tal-Alternattiva għall-Protezzjoni Interna), Mejju 2021.
([63]) L-Artikoli 12 u 17 tal-QD (riformulazzjoni).
([64]) EASO, *Gwida Prattika: Esklużjoni*, Jannar 2017.

persekuzzjoni jew ta' riskju veru li jsofri dannu serju, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin sabiex jiġi kkunsidrat li din il-persekuzzjoni jew dan id-dannu serju mhux se jkun ripetut ([65]). Huwa d-dmir tiegħek li turi jekk hemmx raġunijiet tajbin bħal dawn.

v. L-applikant ġej minn pajjiż tal-oriġini bla periklu indikat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali?

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Xi Stati Membri indikaw ċerti pajjiżi bħala pajjiżi tal-oriġini bla periklu f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Matul il-proċess tal-indikazzjoni ta' pajjiż tal-oriġini bla periklu, l-awtoritajiet nazzjonali tiegħek diġà vvalutaw u kkonkludew li ġeneralment u b'mod konsistenti m'hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju fil-pajjiż inkwistjoni u li l-protezzjoni mill-Istat hija disponibbli u aċċessibbli. Dik l-indikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq COI rilevanti, preċiża u aġġornata, u għalhekk id-dmir tiegħek li tinvestiga s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tal-oriġini jista' jitqies issodisfat. Konsegwentement, l-eżami individwali tal-applikazzjoni jista' jibda b'enfasi fuq id-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu billi jipprovdi l-elementi li jindikaw li:

- il-pajjiż tal-oriġini tiegħu ma jistax jitqies bla periklu fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu;

u/jew li

- abbażi ta' elementi individwali, il-protezzjoni effettiva li ġeneralment tkun disponibbli fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu ma tkunx disponibbli jew ma tkunx effettiva fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

Dan l-eżami jeħtieġ li jsir fil-kuntest ta' valutazzjoni individwali. Jeħtieġ ukoll li tiżgura li l-eżami tiegħek ikun ibbażat fuq COI li tkun għadha kurrenti. Jekk dan ma jkunx il-każ, għandek twettaq kwalunkwe riċerka tal-COI oħra li tkun meħtieġa.

### 1.1.2. Iġbor elementi ta' evidenza rilevanti għall-applikazzjoni

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tinvestiga u teżamina l-evidenza disponibbli, li tfittex evidenza addizzjonali (ara t-Taqsima 1.1.1.(b)vi. "Ikseb informazzjoni rilevanti dwar il-pajjiż tal-oriġini u evidenza oħra") u, jekk ikun xieraq, stieden lill-applikant jippreżenta aktar evidenza li hija raġonevolment mistennija li tiġi pprovduta.

Għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja, huwa essenzjali li tassisti lill-applikant billi teżamina bir-reqqa l-evidenza kollha ppreżentata u billi tipprovdilu l-opportunità li jippreżenta kwalunkwe evidenza rilevanti.

Għandek tiżgura li tifhem ir-rilevanza għall-applikazzjoni tal-evidenza kollha ppreżentata mill-applikant. Hija prattika tajba li wieħed jistaqsi lill-applikant x'irid juri bl-evidenza li jippreżenta.

([65]) L-Artikolu 4(4) tal-QD (riformulazzjoni).

Barra minn hekk, f'xi sitwazzjonijiet, tista' tikkunsidra li huwa meħtieġ li tikseb informazzjoni addizzjonali biex tikkjarifika l-fatti rilevanti kollha tal-każ.

Il-preżentazzjoni tal-evidenza hija mingħajr ħlas. Dan ifisser li l-applikant jista' jippreżenta kwalunkwe tip ta' evidenza biex jappoġġa l-applikazzjoni tiegħu (eż. evidenza materjali bħal dokumenti jew oġġetti ta' kwalunkwe tip jew evidenza immaterjali, pereżempju abbażi tal-informazzjoni disponibbli fuq l-Internet) u li inti għandek taċċettaha. Madankollu, il-preżentazzjoni ta' evidenza li tista' taffettwa d-dinjità tal-applikant ma għandhiex tiġi mitluba jew aċċettata (ara t-Taqsima 1.1.2.(n) "Evidenza li tikser id-drittijiet fundamentali tal-applikant)".

L-applikanti jistgħu jipprovdu evidenza li tappoġġa l-applikazzjoni tagħhom meta jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom jew fi kwalunkwe stadju ieħor tal-proċedura, inkluż fi żmien raġonevoli wara l-intervista personali.

Għal dan il-għan, huwa importanti li fil-fajl tal-applikant tiġi rreġistrata l-evidenza kollha ppreżentata bid-data u l-ħin tal-preżentazzjoni, peress li l-mument meta tkun ġiet ippreżentata biċċa evidenza jista' jkollu impatt fuq il-valutazzjoni tal-kredibilità.

**Ftakar il-kunfidenzjalità**

Ftakar li meta tiġbor l-evidenza, trid tiżgura li ma tpoġġix lill-applikant jew lill-persuni relatati f'riskju. Il-prinċipju tal-kunfidenzjalità jrid jiġi rrispettat ([66]).

Minbarra li jipprovdu d-dikjarazzjonijiet tagħhom stess matul intervista personali u/jew permezz ta' preżentazzjoni bil-miktub, l-applikanti jistgħu jipprovdu evidenza ta' sostenn f'varjetà ta' forom. Hawn taħt se ssib gwida dwar l-aktar tipi komuni ta' evidenza li jistgħu jiġu ppreżentati jew miġbura u kif għandek tindirizza kull wieħed minnhom.

### (a) Dikjarazzjonijiet orali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Id-dikjarazzjonijiet orali tal-applikant kultant ikunu l-unika evidenza disponibbli f'applikazzjoni. Id-dikjarazzjoni orali tal-applikant mogħtija matul l-intervista personali hija kruċjali. Għalhekk, huwa essenzjali li twettaq l-intervista b'mod li tiżgura li tinkiseb evidenza ta' kwalità għolja, rilevanti u affidabbli mill-applikant. L-applikazzjoni tat-tekniki xierqa tal-intervistar, b'mod partikolari fil-każ ta' tfal u persuni vulnerabbli (inklużi persuni li esperjenzaw avvenimenti negattivi tal-ħajja) hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha tinsilet fl-aħjar għarfien u kapaċitajiet tal-applikant.

Matul l-intervista huwa importanti li tibqa' ffokat fuq l-elementi ewlenin tal-applikazzjoni u mhux fuq dawk periferali. Jekk tenfasizza jew tagħti wisq żmien lill-fatti periferali, speċjalment fil-bidu tal-intervista, jista' jkun qarrieqi għall-applikant fir-rigward ta' liema huma l-fatti ewlenin importanti li jeħtieġ li jiġu ppreżentati.

([66]) Għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsima "Prinċipji gwida, (e) Kunfidenzjalità" u l-EASO, *Practical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum applicationstal-oriġini* (Gwida prattika dwar l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini mill-uffiċjali tal-każ għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil), Diċembru 2020.

**Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata**

Gwida dwar kif għandha tinġabar evidenza ta' kwalità għolja permezz ta' intervista personali u kif għandhom jitwettqu intervisti ċċentrati fuq l-applikant tista' tinstab fl-EASO, *Gwida Prattika: Intervista Personali*, Diċembru 2014.

### (b) Dikjarazzjonijiet bil-miktub

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Meta jiġu ppreżentati dikjarazzjonijiet bil-miktub għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, dawn jistgħu jgħinuk tħejji l-intervista peress li dawn jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-ħarba, dwar il-biża' u r-riskju futur u dwar l-identità u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. Id-dikjarazzjonijiet bil-miktub jistgħu jiġu ammessi wkoll bħala evidenza ulterjuri b'appoġġ għal applikazzjoni, li jikkomplementaw id-dikjarazzjonijiet orali miġbura matul l-intervista. F'każijiet eċċezzjonali, id-dikjarazzjonijiet bil-miktub jistgħu jikkostitwixxu wkoll l-uniċi dikjarazzjonijiet disponibbli, fejn intervista ma ssirx għal raġunijiet speċifiċi (ara t-Taqsima Prinċipji gwida, (d) "Id-dritt għal smigħ tal-applikant").

Dikjarazzjonijiet bil-miktub jistgħu jkunu partikolarment utli ma' applikanti trawmatizzati severament jew applikanti b'disturbi mentali jew diżabilitajiet. Il-format bil-miktub jista' jipprovdi lil dawn l-applikanti sensazzjoni ta' sikurezza u qafas li jistgħu jsegwu matul l-intervista personali, b'mod partikolari f'każijiet fejn il-memorja tagħhom tista' tkun affettwata.

Id-dikjarazzjonijiet bil-miktub jistgħu jinkitbu b'mod spontanju mill-applikant biex jikkomplementa dikjarazzjonijiet orali jew ikunu r-riżultat ta' applikazzjoni tal-awtorità biex twieġeb kwestjonarju jew formola ġenerali jew speċifika.

Filwaqt li d-dikjarazzjonijiet bil-miktub huma element ta' evidenza utli, żomm f'moħħok li l-kontenut tagħhom u l-ispeċifiċità tad-dettalji jistgħu jkunu influwenzati mill-kuntest li jkunu nkitbu fih. Xenarji fejn iċ-ċirkostanzi jistgħu jinfluwenzaw il-kontenut ta' dikjarazzjoni bil-miktub jinkludu, pereżempju: dikjarazzjonijiet miktuba immedjatament wara li jiġu arrestati għal qsim irregolari ta' fruntiera; dikjarazzjonijiet miktuba fil-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew uffiċjali tal-pulizija bl-uniformi; dikjarazzjonijiet miktuba minn persuna li tkun taħt l-influwenza ta' traffikanti, traffikanti tal-bnedmin jew membri oħrajn tal-komunità. Oqgħod attent b'mod speċjali għal ċirkostanzi bħal dawn meta tqabbel dawk id-dikjarazzjonijiet ma' evidenza oħra disponibbli (bħad-dikjarazzjonijiet ipprovduti matul l-intervista personali) u, jekk ikun possibbli, ipprovdi lill-applikant opportunità li jiċċara, qabel ma tasal għal konklużjoni negattiva dwar is-sejba tal-kredibilità.

#### (c) Dokumenti tal-identità u evidenza dokumentarja oħra

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-evidenza dokumentarja tista' tinkludi tipi differenti ta' dokumenti tal-identità, dokumenti tal-ivvjaġġar, ċertifikati (stat ċivili, twelid, stat ċivili, nazzjonalità, eċċ.), mandati ta' arrest, deċiżjonijiet jew sentenzi tal-qorti, emails stampati, ittri jew testimonjanzi minn gruppi politiċi jew gruppi oħrajn, kards tas-sħubija, rapporti tal-media, stampi, dokumenti mediċi, gazzetti, eċċ. Evidenza materjali oħra tista' tinkludi ħwejjeġ, pitturi, USB sticks jew kards tas-SIM, telefowns, amuleti jew oġġetti oħrajn. L-evidenza immaterjali tista' tikkonsisti minn paġni tal-Internet bħal links għall-media soċjali.

Meta tiġbor l-evidenza, tista' tiltaqa' ma' ħafna tipi differenti ta' evidenza, eż. ippreżentata mill-applikant, miġbura minnek jew inkella disponibbli għalik (minħabba li l-applikant ikun ippreżentaha fi proċedura oħra jew minħabba li tkun feġġet permezz ta' miżura investigattiva speċifika).

Kwalunkwe dokument ippreżentat minn applikant bħala evidenza biex jappoġġa l-applikazzjoni tiegħu jrid jiġi eżaminat bir-reqqa. L-ewwel għandek tiżgura li tifhem liema dokumenti huma ppreżentati u r-rilevanza tagħhom għall-applikazzjoni. Hija prattika tajba li wieħed jistaqsi lill-applikant x'irid juri b'kull dokument li jippreżenta.

Id-dokumenti jew evidenza oħra tista' tiġi pprovduta bħala oriġinali jew f'kopja u tinkludi materjal privat kif ukoll dokumenti uffiċjali.

Għandek tiżgura li jkollok biżżejjed informazzjoni relatata mal-evidenza biex tifhem il-kontenut tal-evidenza, iċ-ċirkostanzi li fihom inħareġ id-dokument (meta, minn min, għal liema skop, eċċ.) u kif l-applikant kiseb l-evidenza. Irrieżamina d-dokumenti kollha kemm jista' jkun matul l-intervista personali biex tara jekk għandekx biżżejjed informazzjoni ħalli tkun tista' tagħmel valutazzjoni ulterjuri tagħhom jew jekk humiex meħtieġa xi kjarifiki addizzjonali mill-applikant.

Il-passaporti, pereżempju, għandhom jiġu ċċekkjati għat-timbri tad-dħul/ħruġ, għall-viżi, għall-evidenza tar-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini, eċċ., sabiex tiġi kkonfermata kemm l-istorja tal-immigrazzjoni tal-applikant kif ukoll ir-rendikont tal-avvenimenti tiegħu għal finijiet ta' valutazzjoni tal-kredibilità fi stadju aktar tard (pass 2). F'eżempju ieħor, jekk l-applikant ikun ippreżenta dokumenti li ma jkunx mistenni li jippossjedi, dan għandu jingħata l-opportunità li jispjega kif kisibhom.

Fejn possibbli, inti għandek tikseb ukoll informazzjoni dwar il-kontenut ġeneralment mistenni u l-forma ta' kwalunkwe wieħed mid-dokumenti ppreżentati (eż. il-mandati ta' arrest, taħrika tal-qorti). Din l-informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' COI rilevanti, jew permezz ta' proċedura ta' verifika speċifika. Il-verifika tad-dokumenti għandha, jekk ikun possibbli, issir qabel l-intervista personali. Dan se jagħti lill-applikant l-opportunità li jispjega kwalunkwe sejba negattiva fir-rigward tal-awtentiċità tal-evidenza ppreżentata. Il-verifika tad-dokumenti tista' ssir mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni jekk id-dokumenti jkunu disponibbli f'dak il-ħin.

Skont il-prattika u l-possibbiltajiet nazzjonali, il-verifika ta' (ċerti kategoriji ta') dokumenti tista' titwettaq minn unità jew awtorità speċjalizzata. Għal aktar informazzjoni, ara Pass 2, 2.1. Ivvaluta l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra, u l-gwida prattika tal-EUAA dwar ir-

reġistrazzjoni ([67]). Il-verifika jeħtieġ li titwettaq b'mod li jiżgura li l-prinċipju tal-kunfidenzjalità jiġi rrispettat (ara t-Taqsima ta' hawn fuq "Prinċipji gwida, (e) Kunfidenzjalità") ([68]).

### (d) Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Id-disponibbiltà ta' COI ta' kwalità għolja hija essenzjali għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ([69]). Trid tkun kunfidenti li l-COI disponibbli hija rilevanti, preċiża u aġġornata u li ġejja minn varjetà ta' sorsi affidabbli u indipendenti. Il-COI għandha tkun kemm jista' jkun speċifika, u ma tkunx limitata għas-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tal-oriġini. Peress li kull sors għandu l-perspettiva u l-enfasi tiegħu, għandhom jiġu kkonsultati sorsi differenti u tipi differenti ta' sorsi biex tinkiseb l-aktar stampa komprensiva u bbilanċjata possibbli, inkluż li titqies l-informazzjoni miksuba mill-EUAA, mill-UNHCR u mill-organizzazzjonijiet rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem ([70]). Il-COI għandha tkun oġġettiva u l-approċċ għall-għbir tagħha għandu jkun imparzjali, li jfisser li l-persuna li tiġbor għandha toqgħod lura milli tħares lejn COI li tappoġġa jew valutazzjoni negattiva jew valutazzjoni pożittiva biss ([71]).

Is-sorsi kollha li tkun użajt fil-valutazzjoni tiegħek iridu jissemmew fid-deċiżjoni tiegħek, kull fejn ikun possibbli.



**Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata**

L-EASO, *Practical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum application* (Gwida prattika tal-EASO dwar l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini mill-uffiċjali tal-każ għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil), Diċembru 2020, tipprovdi informazzjoni dwar kif għandha tintuża l-COI fi stadji differenti tal-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, inkluża l-valutazzjoni tal-kredibilità. Minbarra li ssib informazzjoni aktar dettaljata dwar kif tuża l-COI fil-valutazzjoni tal-kredibilità, il-gwida tinkludi informazzjoni dwar x'inhu mifhum b'COI rilevanti u preċiża jew COI li hija aġġornata u miġbura minn diversi sorsi.

### (e) Il-fajls tal-ażil tal-membri tal-familja

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Sabiex tkun tista' tagħmel valutazzjoni xierqa, b'għarfien sħiħ tal-fatti, l-awtorità determinanti tista' tkun teħtieġ li teżamina fajls tal-ażil relatati fil-pussess tagħha. Dan jista' jinkludi applikazzjonijiet li jikkonċernaw fatti jew ċirkostanzi identiċi, bħall-fajls tal-ażil tal-membri tal-familja, peress li l-biżgħat espressi mill-applikant jistgħu jkunu marbuta mill-qrib mas-

([67]) EASO, *Gwida Prattika dwar ir-Reġistrazzjoni – Preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali*, Diċembru 2021.
([68]) L-Artikolu 30 tal-APD (riformulazzjoni).
([69]) L-Artikoli 4(3) tal-QD (riformulazzjoni) u 10(3)(b) tal-APD (riformulazzjoni).
([70]) L-Artikolu 10(3) punt (b) tal-APD (riformulazzjoni).
([71]) EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023.

sitwazzjoni ta' membri oħrajn tal-familja ([72]). Xi drabi l-applikant se jirreferi għall-fajl ta' qarib u jippreżenta elementi tal-fajl tiegħu. Madankollu, il-fajls tal-membri tal-familja għandhom jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali (ara t-Taqsimiet "Prinċipji gwida", "Kunfidenzjalità" u "Dritt għall-ħajja privata u rispett għad-dinjità tal-bniedem"). Skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali u l-kontenut tal-informazzjoni, l-użu ta' tali evidenza jista' jirrikjedi l-kunsens tal-membru tal-familja kkonċernat.

F'xi każijiet, l-iżvelar ta' informazzjoni sensittiva minn fajls oħrajn jista' jesponi jew jipperikola b'mod serju s-sikurezza tal-membri tal-familja. Dan ikun il-każ f'sitwazzjonijiet ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, abbuż tat-tfal, negliġenza, vjolenza u sfruttament, orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru jew karatteristiċi tas-sess, eċċ. F'dawn is-sitwazzjonijiet, l-evidenza ma tistax tiġi żvelata, u se teħtieġ li tesplora l-kwistjonijiet u tiċċara sejbiet ta' kredibilità avversi possibbli mingħajr ma tiżvela l-informazzjoni.

### (f) Informazzjoni minn persuni oħrajn/dikjarazzjoni tax-xhud

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Minbarra l-informazzjoni pprovduta minn esperti kkwalifikati fil-qasam tagħhom (ara hawn taħt (j) "Analiżi, valutazzjoni jew indikazzjoni tal-lingwa", (k) "Rapporti mediċi, psikjatriċi u psikoloġiċi", (m) "Rapporti minn professjonisti oħrajn"), ix-xhieda tista' tiġi ppreżentata jew mitluba minn individwi jew gruppi oħrajn li jistgħu jgħinu fil-valutazzjoni tal-kredibilità tar-rendikont jew taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. Tali xhieda tista' tiġi minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, inklużi membri tal-familja, sħab, skejjel, gruppi politiċi u reliġjużi. F'ċerti ċirkostanzi, ix-xhieda hija ta' importanza partikolari, bħad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-adulti li jakkumpanjawhom f'isem applikanti minorenni. Informazzjoni importanti tista' tiġi wkoll mix-xhieda tar-rappreżentant legali maħtur għat-tfal kif ukoll tal-għalliema, tal-assistenti soċjali jew tal-persunal fiċ-ċentru ta' akkomodazzjoni li jkun f'kuntatt mill-qrib mat-tfal.

Meta tiġbor tali evidenza, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari għall-kunfidenzjalità possibbli tax-xhieda.

### (g) Informazzjoni disponibbli fuq il-media soċjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-informazzjoni li tinġabar fil-media soċjali tista' tkun ta' tipi differenti. L-applikanti spiss jiddependu fuq l-informazzjoni disponibbli fil-media soċjali biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom, kemm jekk hija informazzjoni ġenerali (pereżempju, artikli fuq blog jew testimonjanzi relatati mas-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tal-oriġini fir-rigward ta' fatt tal-applikazzjoni tagħhom) kif ukoll aktar speċifika (pereżempju, posts fuq pjattaformi tal-media soċjali, il-posts tagħhom stess fuq l-Internet jew stampi disponibbli għall-pubbliku tagħhom meħuda matul avveniment jew ċirkostanza, eċċ.).

L-awtorità determinanti tista' tiġbor ukoll din l-informazzjoni li tkun disponibbli għall-pubbliku fuq il-media soċjali u tista' tużaha bħala evidenza. Din l-informazzjoni tista' tkun ta' interess partikolari meta ma jkun hemm l-ebda sors ieħor disponibbli b'rabta ma' suġġett jew

([72]) EASO, *Practical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum applications* (Gwida prattika dwar l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini mill-uffiċjali tal-każ għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil), Diċembru 2020.

avveniment, biex tikkumpensa għan-nuqqas ta' COI formali, jew, pereżempju, minħabba li l-avveniment ikun reċenti ħafna.

L-informazzjoni miġbura fuq il-media soċjali tista' tissostanzja applikazzjoni iżda tista' tikxef ukoll informazzjoni mhux preċiża jew mhux affidabbli. Madankollu, minħabba n-natura partikolari tagħha, l-informazzjoni disponibbli fuq il-media soċjali toħloq diversi sfidi u għandha tintuża u tiġi evalwata b'attenzjoni (ara Pass 2, it-Taqsima 2.1.4(c) "Kontenut miġbur permezz tal-media soċjali") ([73]).

### (h) Evidenza minn awtoritajiet nazzjonali oħrajn tal-Istat Membru responsabbli

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Huwa possibbli li jista' jkun hemm informazzjoni miżmuma minn dipartimenti oħrajn tal-Istat li tista' tgħin sabiex jiġu stabbiliti l-fatti materjali ta' applikazzjoni. Pereżempju, jista' jkun xieraq li tintalab informazzjoni, bħal:

- Tqabbil tal-marki tas-swaba' tal-Eurodac.

Informazzjoni tal-Eurodac tista' pereżempju tintuża biex tibni mill-ġdid ir-rotta tal-ivvjaġġar tal-applikant, id-dħul u s-soġġorn illegali, u l-applikazzjonijiet għall-ażil preċedenti.

- Reġistrazzjoni taż-żwiġijiet.
- Rekords tal-pulizija/kriminali/tal-qorti.
- Informazzjoni pprovduta fit-talbiet għall-viża, pereżempju permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.
- Rekords tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża jistgħu jixħtu dawl fuq id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar li għandu l-applikant.
- Informazzjoni disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tista' tipprovdi informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà pubblika relatati mal-applikant, il-konnessjoni ma' proċedimenti kriminali, l-użu ta' dokumenti ffalsifikati jew il-vulnerabbiltà, pereżempju.

### (i) Informazzjoni minn Stati Membri oħrajn

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

F'xi ċirkostanzi, jista' jkun xieraq li tintalab informazzjoni dwar l-applikant minn Stat Membru ieħor fejn huwa għex preċedentement jew talab il-protezzjoni.

Huwa possibbli li jintalbu kopji ta' elementi tal-fajl tal-ażil ta' applikant li għalih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ġiet irrifjutata fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż assoċjat, meta

([73]) EUAA, *Qualification for international protection (Directive 2011/95/EU) — Judicial analysis* (Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali) (Direttiva 2011/95/EU) — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023, it-Taqsima 1.10.3.4. Attivitajiet *sur place* u l-użu tal-media soċjali; u t-Tribunal Superjuri (Kamra tal-Immigrazzjoni u l-Ażil (IAC)), (UK), is-Sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, XX (PJAK – attivitajiet *sur place* – Facebook) Iran CG [2022] UKUT 23 (IAC).

r-Regolament (UE) Nru 604/2013 ([74]) ma jibqax applikabbli jew ma jiġix applikat għall-applikant. Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-eżami tal-applikazzjoni fil-pajjiż tal-ażil, peress li tista' tipprovdi informazzjoni rilevanti fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-applikant u l-evidenza li tkun ġiet ipprovduta minnhom matul il-proċedura l-oħra.

Kwalunkwe applikazzjoni biex jinkisbu kopji tal-elementi tal-fajl tal-ażil minn pajjiż ieħor tista' tirrikjedi l-kunsens tal-applikant minħabba l-kunfidenzjalità.

**Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata**

Għal gwida ddettaljata dwar talbiet għal informazzjoni lil Stati Membri oħrajn, irreferi għall-EASO, *Recommendations on Information Exchange between Dublin Units* (Rakkomandazzjonijiet tal-EASO dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni bejn l-Unitajiet ta' Dublin), Diċembru 2021.

### (j) Analiżi, valutazzjoni jew indikazzjoni tal-lingwa

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Skont il-prattika nazzjonali, jista' jkollok aċċess għal valutazzjoni, indikazzjonijiet jew analiżi tal-lingwa individwali, li jagħtuk xi suġġerimenti (ftit jew wisq formali) fir-rigward tal-post tal-oriġini jew il-profil etniku probabbli tal-applikant. L-analiżi tal-lingwa ma tiżvelax il-pajjiż tan-nazzjonalità tal-applikant bħala tali, iżda l-post (jew wieħed mill-postijiet) fejn l-applikant ikun issoċjalizza billi kien joqgħod hemmhekk għal żmien twil u interaġixxa mal-komunità. Żomm f'moħħok li lingwa tista' tikkonsisti minn djaletti differenti, skont ir-reġjun tal-oriġini jew il-klassi soċjali tal-kelliem, u li fi ħdan belt waħda jistgħu jiġu mitkellma diversi lingwi, inkluż minn gruppi ta' komunitajiet tad-dijaspora. F'ċerti pajjiżi tal-oriġini, id-djalett ta' lingwa jista' jkun marbut aktar mal-isfond etniku jew mal-affiljazzjoni ma' klann milli mal-post tal-oriġini jew ta' residenza. Il-lingwa mitkellma hija wkoll fluwida, peress li l-vokabularju u l-pronunzja jistgħu jinbidlu skont il-kuntest li fih jirrisjedi l-applikant. Applikant li jkollu ċ-ċittadinanza ddikjarata jista' ma jkunx kapaċi jitkellem jew jista' jitkellem b'diffikultà bil-lingwa nazzjonali tiegħu jekk ikun għex barra mill-pajjiż għal perjodu twil, pereżempju.

Hemm firxa sħiħa ta' valutazzjonijiet lingwistiċi possibbli li jvarjaw minn proċessi xjentifiċi formali sa proċeduri aktar informali. Għalhekk, dawn jistgħu jvarjaw fl-affidabbiltà skont kif jiġu prodotti r-rapporti ta' analiżi jew ta' valutazzjoni (minn esperti tal-lingwa jew mill-intelliġenza artifiċjali, abbażi ta' reġistrazzjonijiet awdjo tal-applikanti, abbażi ta' listi ta' kontroll tal-vokabularju, eċċ.).

Il-metodi ta' indikazzjoni tal-lingwa jeħtieġ li jkunu distinti b'mod ċar mill-metodi ta' analiżi tal-lingwa. Il-metodi ta' indikazzjoni tal-lingwa huma anqas affidabbli mill-analiżi tal-lingwa u ma jistgħux jintużaw bħala prova fil-qrati, iżda jistgħu jitwettqu aktar malajr għall-ewwel indikazzjoni tal-applikanti li għalihom il-post tal-oriġini ddikjarat ma jikkorrispondix mal-lingwa mitkellma. Ladarba din l-indikazzjoni tiġi nnotata, ikun hemm bżonn ta' aktar eżami, jew permezz ta' analiżi bir-reqqa tal-lingwa jew permezz ta' intervista ta' verifika tal-pajjiż tan-nazzjonalità jew taħlita tat-tnejn.

([74]) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) (ĠU L 180, 29.6.2013) (imsejjaħ ukoll ir-Regolament ta' Dublin III).

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-valutazzjonijiet jew l-indikazzjonijiet tal-lingwa, inkluż l-użu ta' listi ta' kontroll, għandhom jintużaw b'attenzjoni kbira fil-valutazzjoni tal-kredibilità.

### (k) Rapporti mediċi, psikjatriċi u psikoloġiċi

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Skont il-każ speċifiku u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-evidenza medika, inkluż dik psikjatrika u psikoloġika, tista' tkun siewja ħafna għall-valutazzjoni, peress li tista' titfa' dawl fuq aspetti differenti tal-applikazzjoni.

- Din tista' tagħtik indikazzjonijiet dwar il-kapaċità tal-applikant li jiġbor u/jew jippreżenta evidenza, inklużi dikjarazzjonijiet orali u bil-miktub. Bħala tali, l-evidenza medika tista' taffettwa mhux biss l-aspettattivi tiegħek fir-rigward tal-kapaċità tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu iżda anke l-mod kif tivvaluta l-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet tiegħu (dwar il-fatturi ta' distorsjoni ara t-Taqsima 2.3.1. "Fatturi relatati mal-applikant" taħt Pass 2).

**Eżempju dwar l-impatt tal-evidenza medika fuq il-ġbir tal-informazzjoni**

Applikant li jsofri minn disturb minn stress postrawmatiku (PTSD, post-traumatic stress disorder) jista' ma jkunx kapaċi jieħu l-passi li normalment ikunu meħtieġa sabiex tinġabar l-evidenza għad-dispożizzjoni tiegħu.

- Din tista' tagħtik indikazzjonijiet dwar kwalunkwe garanzija proċedurali speċjali li jeħtieġ li tiġi stabbilita.
- Tista' titqies bħala evidenza li tappoġġa fatti materjali relatati ma' avvenimenti tal-passat li l-applikant isostni li jkun għadda minnhom.

**Eżempju dwar evidenza li tissostanzja avvenimenti tal-passat**

L-applikant jippreżenta ċertifikat mediku relatat maċ-ċikatriċi li jistgħu jiġu osservati fuq ġismu, li jgħid li huma r-riżultat ta' atti ta' tortura fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

- Din tista' tagħti indikazzjonijiet ta' ċirkostanzi personali li jistgħu jaffettwaw il-valutazzjoni tar-riskju jew jappoġġaw aktar indikazzjonijiet tagħha.

**Eżempju dwar evidenza li tissostanzja ċirkostanzi personali**

Skont il-prattika nazzjonali, jekk applikant jippreżenta ċertifikat mediku li jistabbilixxi li għandu diżabilità, jekk dik iċ-ċirkostanza tista' titqies bħala stabbilita, u skont il-każ speċifiku inkwistjoni u l-gravità tad-diżabilità, din tista' titqies bħala ċirkostanza aggravanti. Dan japplika fejn ikun hemm sitwazzjoni ta' vjolenza indiskriminata fil-kuntest ta' kunflitt intern jew internazzjonali u tista' taffettwa l-valutazzjoni tar-riskju.

Li wieħed ifittex opinjoni esperta jista' jkun partikolarment utli f'każijiet ta' applikanti bi tħassib dwar is-saħħa mentali, b'disturb psikjatriku jew fiżiku dijanjostikat, b'mard kroniku, b'diżabilità jew applikanti li esperjenzaw forom serji ta' vjolenza, li huma vittmi tat-tortura jew vittmi tat-traffikar ta' bnedmin, fost l-oħrajn.

Huwa r-rwol tiegħek li tidentifika applikanti b'vulnerabbiltajiet u bi ħtiġijiet speċjali potenzjali u konsegwentement jista' jkun ukoll ir-rwol tiegħek, skont il-prattika nazzjonali, li tirreferihom għall-ispeċjalisti għal kjarifika dwar il-kundizzjoni fiżika u mentali tagħhom.

L-applikanti jistgħu jippreżentaw ukoll spontanjament kwalunkwe tip ta' evidenza medika. Il-mistoqsija għalhekk se tikkonċerna l-valur probatorju tal-evidenza (ara l-Pass 2, it-Taqsima 2.1.4(a) "Evidenza medika u psikoloġika"). Ir-rekords kliniċi jew il-preskrizzjonijiet mediċi jistgħu jkunu evidenza utli. L-evidenza tal-esperti tista' tiġi prodotta fil-pajjiż tal-oriġini, fil-pajjiżi ta' tranżitu jew fil-pajjiż riċeventi tal-applikant.

**Protokoll ta' Istanbul ([75])**

Il-Protokoll ta' Istanbul huwa sett ta' standards internazzjonali li jiggwidaw l-investigazzjoni tal-vittmi tat-tortura u ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħrajn. Il-protokoll jassisti lill-professjonisti fid-dokumentazzjoni ta' sinjali ta' tortura jew ta' trattament inuman ieħor.

Il-valutazzjonijiet medikolegali li jsiru skont il-Protokoll ta' Istanbul jappoġġaw id-dokumentazzjoni ta' sinjali kemm mentali kif ukoll fiżiċi ta' tortura jew trattament inuman ieħor. Dawn jappoġġaw ukoll id-dokumentazzjoni tal-impatt ta' tali trattament fuq il-persuna. Għalhekk, dan jipprovdi valutazzjoni standardizzata li tmur lil hinn minn sinjali fiżiċi ta' trattament ħażin potenzjali.

Ir-riferiment għal dawn il-valutazzjonijiet medikolegali jista' jkun partikolarment rilevanti pereżempju meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-applikant ma jkunx kapaċi jipprovdi dikjarazzjonijiet koerenti dwar l-esperjenzi tal-passat tiegħu minħabba t-trawmatizzazzjoni.

([75]) L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, *Protokoll ta' Istanbul: Manwal dwar l-Investigazzjoni Effettiva u d-Dokumentazzjoni ta' Tortura u ta' Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra*, *Sensiela ta' Taħriġ Professjonali Nru* 8/Rev. 1, 2004.

### (l) Valutazzjonijiet tal-età

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-valutazzjoni tal-età hija l-proċess li bih l-awtoritajiet ifittxu li jistmaw l-età kronoloġika jew il-medda ta' età ta' persuna biex jistabbilixxu jekk hijiex minorenni jew adult ([76]). Madankollu, l-ebda metodu ta' valutazzjoni tal-età ma jista' jistabbilixxi l-età ta' persuna b'ċertezza u l-valutazzjoni tal-età ma għandhiex tintuża bla bżonn. Huwa biss meta jitqajmu dubji bbażati sew dwar l-età minorenni jew adulta tal-applikant li l-awtorità responsabbli tista' titlob li l-applikant iwettaq valutazzjoni tal-età li tirrikjedi eżami mediku. Jekk ikun għad hemm dubju dwar l-età tal-applikant wara l-valutazzjoni, trid tassumi li l-applikant huwa minorenni ([77]). Għal aktar informazzjoni, ikkonsulta l-gwida prattika tal-EUAA dwar is-suġġett ([78]).

### (m) Rapporti minn professjonisti oħrajn

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Jistgħu jkunu disponibbli wkoll rapporti minn professjonisti oħrajn, pereżempju, rapporti li jitfasslu minn esperti oħrajn b'kompetenzi speċjalizzati jew minn professjonisti li s-soltu jkunu f'kuntatt mal-applikant.

L-applikant jista' jippreżenta evidenza jew inti tista' jkollok aċċess għal rapporti minn esperti dwar il-protezzjoni tat-tfal jew esperti dwar il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, pereżempju. L-evidenza minn esperti oħrajn tista' tinkludi rapporti u tipi oħrajn ta' informazzjoni prodotti minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal kwistjonijiet kulturali u reliġjużi ([79]).

Dikjarazzjonijiet jew rapporti minn professjonisti li jkunu f'kuntatt mal-applikanti jistgħu jkunu utli wkoll biex javżawk dwar xi aspetti, bħal kwistjonijiet mediċi potenzjali li għandek tkun taf dwarhom iżda li (għadhom) ma ġewx ivverifikati minn rapport mediku.

L-assistenti soċjali għandhom informazzjoni diretta dwar l-applikant u jistgħu jqajmu tħassib fir-rigward tal-imġiba jew aspetti oħrajn tal-ħajja tal-applikant fil-pajjiż ta' akkoljenza. Mezzi ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet determinanti u partijiet ikkonċernati oħrajn, bħall-awtoritajiet ta' akkoljenza, jistgħu jippermettu lill-ħaddiema tal-każ jibbenefikaw minn informazzjoni utli biex iwettqu l-valutazzjoni tagħhom kif suppost.

([76]) EASO, *Practical Guide on Age Assessment – Second edition* (Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Valutazzjoni tal-Età - It-tieni edizzjoni), Settembru 2018.
([77]) Ara l-Artikolu 25(5) tal-APD (riformulazzjoni).
([78]) Għal aktar informazzjoni dwar l-età bħala fatt materjali, l-evidenza disponibbli u l-interpretazzjoni wiesgħa tad-dokumenti aċċettati u analiżi tal-evidenza, irreferi għall-EASO, *Practical Guide on Age Assessment – Second edition* (Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Valutazzjoni tal-Età - It-tieni edizzjoni), Settembru 2018, pp. 24, 45 u 47.
([79]) L-Artikolu 10(3)(d) tal-APD (riformulazzjoni).

### (n) Evidenza li tikser id-drittijiet fundamentali tal-applikant

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Peress li l-evidenza tista' tiġi ppreżentata b'mod liberu mill-applikant biex issostni l-applikazzjoni tiegħu, l-awtorità determinanti jeħtieġ li taċċetta u tivvaluta l-evidenza kollha li tiġi sottomessa mingħajr restrizzjoni, sakemm il-preżentazzjoni nnifisha ma twassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-applikant. Il-ġbir u l-aċċettazzjoni tal-evidenza għandhom ikunu konsistenti mad-drittijiet fundamentali ggarantiti pprovduti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, bħad-dritt għar-rispett tad-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1 tal-KEDB u l-Artikolu 1 tal-Karta tal-UE), id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 8 tal-KEDB u l-Artikolu 7 tal-Karta tal-UE), u l-projbizzjoni ġenerali u assoluta tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti (l-Artikolu 3 tal-KEDB u l-Artikoli 3 u 4 tal-Karta tal-UE).

Filwaqt li awtorità tista' titlob rapport ta' espert, "il-proċeduri għar-rikors għal tali rapport iridu jkunu konsistenti, b'mod partikolari, mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta" ([80]).

Meta tħares u taċċetta l-evidenza, l-awtorità determinanti għandha tqis is-serjetà tal-interferenza li din l-evidenza toħloq fid-dritt għall-privatezza u tivvaluta jekk din l-interferenza tistax titqies bħala proporzjonata għall-benefiċċju li tista' possibbilment tirrappreżenta għall-valutazzjoni tal-fatti tal-applikazzjoni individwali ([81]).

Huwa d-dmir tal-amministrazzjoni li tivvaluta r-rilevanza tal-evidenza ppreżentata biex tissostanzja l-fatti li jkunu qed jiġu kkunsidrati.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet m'għandhomx jużaw metodi degradanti biex jistaqsu mistoqsijiet dwar il-prattiki sesswali, l-evidenza dwar l-attivitajiet u t-testijiet sesswali ta' applikant li għandhom l-għan li jistabbilixxu l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta' xi ħadd, kif iċċarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ([82]).

Ir-rispett għal dawn id-drittijiet fundamentali jipprojbixxi lill-awtorità determinanti taċċetta, pereżempju, il-preżentazzjoni ta' vidjos ta' atti intimi mill-applikant biex jissostanzja applikazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali. Il-QĠUE ddikjarat li "l-effett tal-awtorizzazzjoni jew tal-aċċettazzjoni ta' dawn it-tipi ta' evidenza jkun li jinċita lil applikanti oħrajn joffru l-istess u jwassal, *de facto*, għall-ħtieġa li l-applikanti jipprovdu din l-evidenza" ([83]). F'ħafna każijiet, tali evidenza lanqas ma titqies rilevanti għas-sostanzjar tal-orjentazzjoni sesswali.

([80]) QĠUE, is-Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, F vs Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal, Nru C-473/16, EU:C:2018:36, il-punt 48. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([81]) QĠUE, is-Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, F vs Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal, Nru C-473/16, EU:C:2018:36, il-punt 55 u 'l quddiem. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([82]) QĠUE, is-Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, *A., B., C. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, Nri C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, il-punti 59-66. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([83]) QĠUE, is-Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, *A., B., C. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, Nri C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, il-punti 59-66. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

# 1.2. Identifika u fformula fatti materjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

**Illustrazzjoni 5. Identifika l-fatti materjali**




**X'inhuma l-fatti materjali?**

Fatti materjali huma fatti u ċirkostanzi (allegati) li huma marbuta ma' wieħed jew aktar mill-elementi kostituttivi tad-definizzjoni ta' refuġjat ([84]) jew persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja ([85]) u jmorru fil-qalba tal-applikazzjoni.

Peress li l-fatti materjali huma marbuta direttament mal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-protezzjoni internazzjonali, l-identifikazzjoni xierqa tagħhom hija essenzjali għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-kredibilità u tal-valutazzjoni tar-riskju. Il-fatti materjali jiddefinixxu l-ambitu tal-valutazzjoni u jgħinu biex jiġi strutturat ir-raġunament tiegħek. Hija biss l-evidenza marbuta mal-fatti materjali identifikati li hija soġġetta għall-eżami tal-applikazzjoni.

L-identifikazzjoni tal-fatti materjali hija proċess kontinwu. Dan jibda meta tiffamiljarizza ruħek mal-każ billi tiċċekkja l-informazzjoni disponibbli mir-reġistrazzjoni u kwalunkwe evidenza addizzjonali sottomessa mill-applikant qabel l-intervista personali. Din tkompli matul l-intervista personali, permezz tal-ġbir ta' dikjarazzjonijiet u l-evidenza l-oħra kollha. Fatti materjali ġodda xorta jistgħu jiġu identifikati matul il-valutazzjoni tal-kredibilità u tar-riskju.

([84]) L-Artikolu 1A(2) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-1951, Konvenzjoni dwar l-istatus tar-rifuġjati, Ġinevra, 28 ta' Lulju 1951, Nazzjonijiet Uniti, Serje tat-Trattati, Vol. 189, p. 137, u Protokoll dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, 31 ta' Jannar 1967, Nazzjonijiet Uniti, Serje tat-Trattati, Vol. 606, p. 267 (imsemmi fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ażil u mill-QĠUE bħala "l-Konvenzjoni ta' Ġinevra"); l-Artikolu 2(d) tal-QD (riformulazzjoni).
([85]) L-Artikolu 2(f) u l-Artikolu 15 tal-QD (riformulazzjoni).

### 1.2.1. Identifika l-fatti materjali

#### (a) Identifika l-fatti materjali abbażi tal-kriterji ta' eliġibbiltà

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Sabiex il-fatti materjali jiġu identifikati b'mod korrett, ibda bil-**kriterji ta' eliġibbiltà** li ġejjin mid-definizzjonijiet legali ta' refuġjat u ta' persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja.

It-tqassim tal-komponenti differenti tad-definizzjonijiet ta' "refuġjat" u "persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja", jiġifieri l-kriterji ta' eliġibbiltà, se jippermettilek tidentifika b'mod korrett il-fatti materjali ta' applikazzjoni speċifika.

**Tabella 1. Kriterji ta' eliġibbiltà**

| Definizzjoni ta' refuġjat | Definizzjoni ta' persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja |
|---|---|
| **1.** li jkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat barra mill-pajjiż tal-oriġini jew mir-residenza abitwali ta' qabel tiegħu | |
| **2a**. li jkollu biża' ġġustifikata ta' persekuzzjoni | **2b.** li jkollu raġunijiet sostanzjali li jiffaċċja riskju veru ta' dannu serju ([86]) |
| **3.** għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika, sħubija fi grupp soċjali partikolari | – |
| **4.** li ma jistax jew, minħabba l-biża' jew ir-riskju ġġustifikat, ma jkunx irid japprofitta ruħu mill-protezzjoni tal-pajjiż tal-oriġini jew ma jkunx jista' jew, minħabba din il-biża', ma jkunx irid jirritorna lejn il-pajjiż preċedenti ta' residenza abitwali | |
| **5.** id-dispożizzjonijiet ta' esklużjoni ma japplikawx ([87]) | |

Il-punt tat-tluq huwa l-identifikazzjoni tal-fatti relatati man-**nazzjonalità** (**1**) u l-identità tal-applikant, u l-fatti kollha rilevanti tal-passat u tal-preżent u ċ-ċirkostanzi personali kontribwenti li jissostanzjaw il-**biżgħat u r-riskji tal-applikant mar-ritorn** (**2**). Għal kull wieħed mill-fatti li jissostanzjaw il-biżgħat u r-riskji mar-ritorn, inti mbagħad tħares lejn ir-**raġunijiet** (**3**) li kkawżawhom jew li jikkawżawhom, u għaliex l-applikant ma jistax japprofitta ruħu mill-**protezzjoni** (**4**) fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu. Dawn il-fatti materjali għandhom jiġu kkomplementati bi kwalunkwe fatt possibbli li jista' jindika l-**esklużjoni** (**5**). Innota li n-nazzjonalità tal-applikant se tkun ukoll deċiżiva biex jiġu eżaminati l-biżgħat jew ir-riskji u b'mod partikolari

([86]) L-Artikolu 15 tal-QD (riformulazzjoni): "*Dannu serju jikkonsisti minn:*
*(a) piena kapitali jew eżekuzzjoni; jew*
*(b) tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta' applikant fil-pajjiż tal-oriġini; jew*
*(c) theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.*"

([87]) Id-dispożizzjonijiet ta' esklużjoni jirreferu għall-Artikoli 12 u 17 tal-QD (riformulazzjoni). Għal aktar informazzjoni, ara l-EASO, *Gwida prattika: Esklużjoni*, Jannar 2017.

d-disponibbiltà tal-protezzjoni nazzjonali. In-nazzjonalità, jew in-nuqqas tagħha, hija għalhekk fatt materjali b'mod awtomatiku.

Għalhekk, abbażi tal-kriterji ta' eliġibbiltà, se jiġu identifikati l-gruppi ta' fatti materjali li ġejjin:

1. In-nazzjonalità/nazzjonalitajiet tal-applikant jew in-nuqqas tagħha;
2. fatti li jissostanzjaw il-biża' jew ir-riskji futuri mar-ritorn;
3. ir-raġunijiet għall-biżgħat jew ir-riskji identifikati;
4. id-disponibbiltà ta' protezzjoni kontra dak li hemm il-biża' jew ir-riskju li jkun hemm jew in-nuqqas tiegħu;
5. fatti relatati ma' esklużjoni possibbli.

Inti għandek tinnota li l-applikant mhux neċessarjament ikun jaf x'inhu rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu. Għalhekk jista' jippreżentalek diversi biżgħat u problemi li huma importanti għalih iżda li mhumiex neċessarjament rilevanti għall-protezzjoni internazzjonali. Huwa f'idejk bħala uffiċjal tal-każ li tkun konxju mill-kriterji ta' eliġibbiltà u, fuq din il-bażi, li tiddetermina liema aspetti tal-applikazzjoni huma rilevanti u, b'hekk, għandhom jiġu identifikati bħala fatti materjali.

It-tabella ta' hawn taħt tkopri r-rabta bejn il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-fatti u ċ-ċirkostanzi u tipprovdi xi mistoqsijiet ewlenin li jistgħu jiggwidawk fl-identifikazzjoni tal-fatti materjali f'applikazzjoni partikolari. Dawn il-mistoqsijiet ta' gwida indikattivi huma ssuġġeriti bħala appoġġ għalik fl-identifikazzjoni tal-fatti. Se jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'mistoqsijiet esplorattivi ddettaljati biex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti kollha, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Peress li huma indikattivi, dawn il-mistoqsijiet jistgħu ma jkunux rilevanti fil-każijiet kollha u, meta jintużaw biex jiggwidaw it-twettiq tal-intervista personali, dawn għandhom jiġu fformulati kif xieraq għal kull każ ([88]).

**Tabella 2. Mistoqsijiet ta' gwida għall-identifikazzjoni tal-fatti materjali**

| Kriterji ta' eliġibbiltà | Identifika l-fatti materjali relatati mal-kriterji ta' eliġibbiltà | Mistoqsijiet ta' gwida biex jgħinu fl-identifikazzjoni tal-fatti materjali (mhux eżawrjenti). |
|---|---|---|
| **1.** Ċittadin ta' pajjiż terz barra mill-pajjiż tal-oriġini/residenza abitwali ta' qabel tiegħu | Identifika l-fatti relatati man-nazzjonalità tal-applikant jew in-nuqqas tagħha | • X'inhi n-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tal-applikant?<br>• Kwalunkwe nazzjonalità oħra li l-applikant jista' jkollu jew huwa intitolat għaliha?<br>• L-applikant jinsab f'riskju li jkun apolidu? |

([88]) Għal aktar gwida dwar suġġetti jew mistoqsijiet li jistgħu jkunu rilevanti għal profili speċifiċi, ikkonsulta l-EUAA, *Practical Guide on Political Opinion* (Gwida Prattika tal-EUAA dwar l-Opinjoni Politika), Diċembru 2022; EUAA, *Practical Guide – Interviewing Applicants with Religion-based Asylum Claims* (Gwida Prattika tal-EUAA - Intervistar ta' Applikanti b'talbiet għall-Ażil ibbażati fuq ir-Reliġjon), Novembru 2022; EASO, *Practical Guide on the Application of the Internal Protection Alternative* (Gwida Prattika dwar l-Applikazzjoni tal-Alternattiva għall-Protezzjoni Interna), Mejju 2021; EASO, *Guidance on membership of a particular social group* (Gwida Prattika dwar sħubija fi grupp soċjali partikolari), Marzu 2020; EASO, *Gwida prattika: Esklużjoni*, Jannar 2017.

| Kriterji ta' eliġibbiltà | Identifika l-fatti materjali relatati mal-kriterji ta' eliġibbiltà | Mistoqsijiet ta' gwida biex jgħinu fl-identifikazzjoni tal-fatti materjali (mhux eżawrjenti). |
|---|---|---|
| **2.** Biża' ġġustifikata ta' persekuzzjoni jew ta' riskju veru ta' dannu serju | Identifika l-fatti relatati mal-biżgħat jew ir-riskji futuri mar-ritorn u ċ-ċirkostanzi li jikkontribwixxu għalihom | • X'ġara lill-applikant fil-passat li possibbilment jista' jwassal għal persekuzzjoni jew dannu serju (inkluż b'mod kumulattiv)?<br>• X'ġara lill-familja/ħbieb tal-applikant jew lil persuni f'ċirkostanzi simili?<br>• Liema fatti, sitwazzjonijiet jew ċirkostanzi tal-passat u attwali jagħtu lok għall-biża' jew għar-riskji?<br>• Liema ċirkostanzi personali jista' jkollhom impatt fuq ir-riskju ta' persekuzzjoni/dannu għall-applikant?<br>• Min hu/huma l-attur(i) wara l-problemi u/jew it-theddid tal-passat, inkluż l-istatus, il-livell ta' awtorità u l-kapaċità tagħhom? |
| **3.** Għal raġuni ta' razza, nazzjonalità, reliġjon, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari | Identifika l-fatti relatati mar-raġunijiet għaliex l-applikant jibża' mit-theddid | • Għal liema raġunijiet l-applikant kien jibża' jew jibża' li jiġi mhedded?<br>• X'inhuma l-motivazzjonijiet tal-attur(i) tal-persekuzzjoni, skont l-applikant?<br>• X'inhuma r-raġunijiet wara n-nuqqas ta' protezzjoni ddikjarat? |
| **4.** Ma jistax jew ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni tal-pajjiż tal-oriġini/ residenza abitwali | Identifika l-fatti relatati man-nuqqas ta' protezzjoni ddikjarat | • Min hu/huma l-attur(i) tal-protezzjoni u x'inhi l-kapaċità tiegħu/tagħhom li jipprovdi/u protezzjoni kontra l-problemi?<br>• X'tip ta' protezzjoni kiseb l-applikant (u sa liema punt) u jekk le, għaliex ma ġietx offruta, u b'liema fatturi d-disponibbiltà tal-protezzjoni hija influwenzata?<br>• Hemm reġjun fil-pajjiż tal-oriġini li jista' joffri IPA? ([89]) |
| **5.** Id-dispożizzjonijiet ta' esklużjoni ma japplikawx | Identifika kwalunkwe element relatat mal-esklużjoni | • Hemm xi indikazzjonijiet fil-profil jew fl-azzjonijiet tal-applikant li jindikaw esklużjoni potenzjali? |

Ftakar li l-identifikazzjoni ta' fatti materjali ma tinvolvix il-valutazzjoni legali bħala tali. L-identifikazzjoni tindika biss liema fatti jew ċirkostanzi huma rilevanti għall-eżami tiegħek tal-applikazzjoni u tista' tissostanzja d-diversi kriterji ta' eliġibbiltà tad-definizzjoni ta' protezzjoni internazzjonali.

([89]) Għal aktar informazzjoni dwar fatti materjali li jistgħu jiġu identifikati fir-rigward tal-IPA, ara l-EASO, *Practical guide on the application of internal protection alternative* (Gwida Prattika dwar l-Applikazzjoni tal-Alternattiva għall-Protezzjoni Interna), Mejju 2021.

### (b) Fatti materjali relatati ma' fatti, sitwazzjonijiet u ċirkostanzi passati u preżenti

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-fatti materjali x'aktarx jinkludu **l-esperjenzi, l-avvenimenti u l-inċidenti** tal-passat, ġeneralment fil-pajjiż tal-oriġini, li seħħew direttament lill-applikant, jew lil persuni qrib tagħhom bl-iskop li jikkawżaw dannu lill-applikant jew lil persuni oħrajn bi profil simili. L-avvenimenti tal-passat jistgħu jissostanzjaw il-biża' jew ir-riskju, inklużi r-raġunijiet, u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' protezzjoni, u jistgħu jkunu l-bażi għall-esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali.

**Prattika tajba**

Meta waqt l-intervista personali ([90]) tesplora l-fatti materjali relatati ma' fatti jew avvenimenti passati, tista' tagħmel użu mill-5 mistoqsijiet: xiex, min, għaliex, meta, fejn, biex tiżgura li tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa għal kull fatt materjali. Pereżempju, x'avveniment seħħ u f'liema ċirkostanzi? Fejn seħħ l-avveniment? Meta seħħ? Għaliex seħħ?

B'dan il-mod tista' tiżgura li qed tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward kull fatt materjali matul il-fażi tal-ġbir tal-evidenza. Għalhekk, qabel ma twettaq il-valutazzjoni tal-kredibilità u tar-riskju, tista' tiċċekkja jekk għandekx biżżejjed informazzjoni biex tipproċedi għal eżami bir-reqqa.

**Eżempju dwar l-identifikazzjoni ta' fatti materjali:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

Diversi inċidenti msemmija fir-rendikont tagħha huma fatti materjali minħabba li ġew ikkaġunati lilha bl-iskop li jwaqqfu l-attivitajiet tagħha, li huma perċepiti bħala li jmorru kontra l-interessi tal-pajjiż. Pereżempju:

- ✓ F'Jannar 2022, il-forzi speċjali għamlu rejd fid-dar tal-applikanta u qatlu lill-kuġin tagħha waqt li ma kinitix hemm hi biex jagħmlu pressjoni fuqha ħalli twaqqaf l-attivitajiet tagħha.
- ✓ L-applikanta kienet involuta f'ħabta bil-karozza wara li persuna mhux magħrufa immodifikat il-brejkijiet tal-karozza.

Dawn il-fatti kollha jistgħu jissostanzjaw il-biża' għal ħajjitha u l-libertà mar-ritorn tagħha u għalhekk huma materjali għall-applikazzjoni.

Żomm f'moħħok li l-applikant jista' jesprimi wkoll biża' mir-ritorn abbażi **tal-fatti, tal-attivitajiet, tas-sitwazzjonijiet jew taċ-ċirkostanzi (personali) preżenti** li ma kkawżaw l-ebda inċident fil-passat iżda li jistgħu jwasslu għal inċidenti fil-futur. Dan jista' jkun il-każ meta l-konvinzjonijiet, it-twemmin, l-identità u l-karatteristiċi jkunu nħbew jew ma ġewx espressi fil-pajjiż tal-oriġini, jew meta l-applikant ikun ħarab qabel ma seta' jiġrilu xi ħaġa, abbażi tal-

([90]) Għal aktar gwida dwar it-twettiq tal-intervista personali, ikkonsulta l-EASO, *Gwida prattika: Intervista personali*, Diċembru 2014.

għarfien tiegħu dwar it-trattament li jħabbtu wiċċhom miegħu persuni oħrajn f'sitwazzjoni simili. Xenarji oħrajn jinkludu bidliet fil-kundizzjonijiet fil-pajjiż tal-oriġini jew avvenimenti li seħħew wara t-tluq tal-applikant, kif ukoll attivitajiet ġodda li l-applikant ikun involva ruħu fihom minn mindu jkun jgħix fil-pajjiż tal-ażil (talbiet *sur place*).

### (c) Il-fatti materjali relatati ma' riskji magħrufa li l-applikant ma bbażax fuqhom

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-fatti materjali jistgħu jinkludu wkoll fatti u ċirkostanzi li ma jkunux tressqu (b'mod espliċitu) mill-applikant iżda li jkunu jistgħu jiġu identifikati abbażi tal-profil tal-applikant u tas-sitwazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini.

L-applikanti jistgħu ma jiżvelawx informazzjoni minħabba biża', mistħija, nuqqas ta' sensibilizzazzjoni, normalizzazzjoni jew aċċettazzjoni tal-abbużi jew tad-diskriminazzjonijiet, fost oħrajn ([91]). L-applikanti jistgħu wkoll sempliċiment ma jkunux konxji tar-riskju jew jistgħu ma jirrealizzawx li r-riskju jista' jkun rilevanti fil-kuntest ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Meta kwalunkwe riskju potenzjali bħal dan ikun magħruf mill-amministrazzjoni tal-ażil, f'konformità mad-dmir tiegħek li tikkoopera (ara t-Taqsima 1.1.1.(b)vi. "Ikseb informazzjoni rilevanti dwar il-pajjiż tal-oriġini u evidenza oħra") u ġurisprudenza rilevanti ([92]), jeħtieġ li tidentifika l-fatti materjali sottostanti u tinvestigahom mal-applikant.

**Eżempju dwar l-identifikazzjoni ta' fatti materjali:** Każ ta' mara żagħżugħa minn pajjiż C

F'dan il-każ, inti taf li l-applikanta għandha 19-il sena u li ġejja minn pajjiż fejn, skont il-COI, ir-rata ta' mutilazzjoni/qtugħ ġenitali femminili hija waħda mill-ogħla fid-dinja, hija mifruxa fil-pajjiż kollu u taffettwa kemm lit-tfal kif ukoll liż-żgħażagħ. Filwaqt li l-applikanta ma esprimiet l-ebda biża' li tkun soġġetta għal mutilazzjoni/qtugħ ġenitali femminili, inti xorta jeħtieġ li tesplora din il-kwistjoni b'mod sensittiv fl-intervista, biex tara jekk hemmx elementi li jistgħu jikkawżaw xi riskju.

Meta tkun qed tesplora aktar is-suġġett matul l-intervista, l-applikanta tispjega li ma kinitx ġiet ċirkonċiża peress li l-ġenituri tagħha dejjem irrifjutaw meta l-bqija tal-familja kienet qed titlob li dan iseħħ. Ħutha l-bniet ma ġewx ċirkonċiżi lanqas. Madankollu, iz-zija tagħha, li issa hija responsabbli għal ħutha bniet f'pajjiż C wara li mietu l-ġenituri tagħha, informathom ġimagħtejn ilu li ċ-ċirkonċiżjoni tagħhom hija ppjanata li ssir il-ġimgħa d-dieħla, flimkien ma' xi tfajliet minn familji oħrajn. L-applikanta qed tibża' għalihom, jistgħu jweġġgħu ħafna, iżda ma jista' jsir xejn dwar dan. Iz-zija tagħha tgħid li l-familja tiġi diżonorata jekk dan ma jsirx u ma jkunux jistgħu jsibu raġel għal kull waħda minn ħutha.

Abbażi ta' dawn l-elementi l-ġodda, inti se tifformula l-fatti materjali rilevanti wara r-riskju futur tal-mutilazzjoni/qtugħ ġenitali femminili.

**Fatt materjali:** iz-zija tal-applikanta, li issa hija responsabbli għall-applikanta u ħutha wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom, organizzat iċ-ċirkonċiżjoni ta' ħutha bniet.

(91) QĠUE, is-Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, *A., B., C. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, Nri C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, il-punti 69–71. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
(92) QEDB, is-Sentenza tat-23 ta' Marzu 2016, *F.G. vs l-Iżvezja*, Nru 43611/11, ECLI:CE:ECHR:2016:0323JUD004361111, il-punt 127. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

### (d) Ikkunsidra ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant madwar il-fatti materjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Meta tidentifika l-fatti materjali, jeħtieġ li tikkunsidra kif xieraq iċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. Meta ċ-ċirkostanzi personali ma jkunux fatti materjali bbażati fuq il-merti tagħhom stess iżda jkollhom il-potenzjal li jaffettwaw ir-riskju mar-ritorn, dawn iridu jiġu identifikati u jsiru espliċiti fil-formulazzjoni tal-fatt materjali, biex tiġi indikata r-rilevanza tagħhom. Inti jeħtieġ ukoll li tiġbor evidenza dwar iċ-ċirkostanzi personali sa fejn ikun possibbli u tivvaluta l-kredibilità tagħhom qabel ma tkun tista' tagħmel valutazzjoni tar-riskju tal-fatt materjali aċċettat b'mod ġenerali.

**Eżempju dwar l-identifikazzjoni ta' fatti materjali:** Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A

Dan iż-żagħżugħ għandu 18-il sena. Huwa ġej minn villaġġ X u huwa membru tal-klann Y. Kellu edukazzjoni limitata u huwa bin ħaddiema tar-razzett.

Dawn iċ-ċirkostanzi personali relatati mal-familja, mal-edukazzjoni, mal-isfond soċjali u mal-ambjent tal-għajxien tiegħu ma għandhomx rabta diretta mal-biża' tiegħu, peress li fihom infushom ma kinux ir-raġuni għaliex intalab jingħaqad mal-grupp terroristiku. Madankollu, dawn iċ-ċirkostanzi setgħu għamluh (u jagħmluh) mira aktar faċli għall-grupp terroristiku, peress li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tiegħu li jirreżisti t-talbiet. Għalhekk, sabiex jiġu kkunsidrati kif xieraq matul il-valutazzjoni tar-riskju, iċ-ċirkostanzi personali tal-applikant iridu jikkomplementaw il-fatti materjali rilevanti u jridu jkunu parti mill-formulazzjoni tagħhom.

**Fatt materjali:** l-applikant, bin ħaddiema tar-razzett ta' 18-il sena, b'livell baxx ta' edukazzjoni u pożizzjoni soċjali baxxa, li joriġina minn villaġġ żgħir fiż-żona X u membru tal-klann Y, intalab ripetutament biex jingħaqad mal-grupp terroristiku.

Huwa importanti wkoll li wieħed iżomm f'moħħu li ċ-ċirkostanzi personali jistgħu jinfluwenzaw ukoll il-kapaċità tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu jew jistgħu jaġixxu bħala fatturi ta' distorsjoni fil-valutazzjoni tal-kredibilità. Dawk iċ-ċirkostanzi ma għandhomx jiġu fformulati bħala (parti minn) fatti materjali li huma soġġetti għall-valutazzjoni tal-kredibilità. Madankollu, dawn għandhom jiġu identifikati u nnotati, peress li għandhom jitqiesu mhux biss waqt li tkun qed issir l-intervista iżda anke matul il-valutazzjoni tal-kredibilità (ara t-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet").

**Eżempju dwar kif jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali:** Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A

L-esperjenzi trawmatiċi li l-applikant ikun għex matul il-vjaġġ tiegħu lejn l-Ewropa mhumiex materjali għall-applikazzjoni. Madankollu, it-trawma tista' taffettwa l-memorja, il-kapaċitajiet konjittivi u r-reazzjonijiet emozzjonali tal-applikant u, b'konsegwenza ta' dan, kif huwa kapaċi jikkomunika u jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu matul l-intervista personali. Għalhekk, dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jinftiehmu u jiġu kkunsidrati kif xieraq meta jiġu applikati l-kriterji tal-kredibilità. Ir-rapport psikosoċjali ppreżentat mill-applikant jista' jkun materjal ta' sostenn utli.

Dawn iċ-ċirkostanzi personali jistgħu jkunu wkoll is-suġġett ta' "valutazzjoni tal-vulnerabbiltà" (li ma taqax fl-ambitu ta' din il-gwida prattika). Dan japplika b'mod partikolari meta ma jkun hemm disponibbli l-ebda rapport mediku jew psikosoċjali jew evidenza utli oħra biex tgħin fl-identifikazzjoni ta' dawn iċ-ċirkostanzi, jew meta jkun meħtieġ għarfien aktar speċjalizzat ([93]).

### (e) Eskludi l-fatti li mhumiex materjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

It-taqsimiet ta' hawn fuq jispjegaw kif il-fatti li mhumiex relatati mal-kriterji ta' eliġibbiltà mhumiex fatti materjali. Meta l-fatti u ċ-ċirkostanzi li joħorġu bħala parti mill-applikazzjoni ma jkunux materjali, dawn ma għandhomx jiġu fformulati u kkunsidrati aktar fil-valutazzjoni tal-kredibilità u tar-riskju tiegħek. Dan ifisser, fi kliem ieħor, li jekk dawn il-fatti jkunux kredibbli jew le, huwa irrilevanti għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni.

**Eżempju ta' avvenimenti mhux identifikati bħala fatti materjali:** Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A

Iż-żagħżugħ semma li l-familja tiegħu kienet sid ta' biċċa art żgħira iżda wara tilwima dwar il-wirt, iz-ziju tiegħu ħataf l-art tagħhom. Dan l-avveniment seta' kien ta' importanza kbira għall-applikant, iżda wara li esplorajtu matul l-intervista, se tiċċara li l-avveniment ma kellu l-ebda konsegwenza oħra għall-applikant u għall-familja tiegħu, mhuwiex fil-qalba tal-applikazzjoni u ma ġie ppreżentat l-ebda element li jista' jorbtu ma' xi wieħed mill-kriterji ta' eliġibbiltà. Konsegwentement, inti mhux se tidentifikah u tifformulah bħala fatt materjali, peress li mhux se jkollok tikkunsidrah fil-valutazzjoni ulterjuri tiegħek tal-applikazzjoni. Dan ifisser ukoll li l-kredibilità tiegħu hija irrilevanti fl-evalwazzjoni tiegħek tal-applikazzjoni.

F'xi każijiet, mhux biss l-aspetti speċifiċi tal-applikazzjoni, iżda d-dikjarazzjonijiet ġenerali tal-applikant ma għandhom l-ebda rabta mal-kriterji ta' eliġibbiltà u m'hemm l-ebda indikazzjoni ulterjuri ta' riskju futur possibbli fid-dawl tal-profil tal-applikant u l-COI disponibbli. F'dan il-każ, jekk il-profil u l-applikazzjoni jiġu investigati kif suppost fl-intervista personali u ma tinħoloq l-ebda raġuni oħra għal tħassib, allura ma għandu jiġi fformulat l-ebda fatt materjali fir-rigward tal-biża' jew tar-riskju ta' dannu serju. Madankollu, xorta waħda trid tiddikjara fid-deċiżjoni tiegħek liema huma l-fatti li jikkostitwixxu l-applikazzjoni u għaliex dawn il-fatti mhumiex ikkunsidrati bħala fatti materjali.

Minkejja dan ta' hawn fuq, għandek toqgħod attent li ma tikkunsidrax l-identifikazzjoni ta' fatti materjali b'mod ristrett wisq. Fil-fatt, hekk kif jinġabru aktar elementi, jistgħu jitfaċċaw aktar elementi li huma "materjali". Pereżempju, meta applikant jiddikjara li telaq minn pajjiżu minħabba li ma setax jaqla' l-għajxien tiegħu, inti għandek tesplora u tiċċara fl-intervista personali r-raġunijiet għal dan. Meta dan ma jkunx kopert fl-intervista, tista' titlef, pereżempju, il-fatt li l-applikant ma jkollu l-ebda opportunità ta' xogħol jew aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-akkomodazzjoni minħabba l-oriġini etnika tiegħu. F'dan il-każ, l-oriġini etnika tiegħu tkun fatt materjali, peress li tkun ir-raġuni għad-diskriminazzjoni li l-applikant huwa soġġett għaliha

([93]) Għal aktar informazzjoni u gwida dwar il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet, ikkonsulta l-EASO, Tool for Identification of Special Needs (Għodda dwar l-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali), 2016.

u marbuta mal-kriterji ta' eliġibbiltà. Bl-istess mod, tilwima apparenti dwar l-art tista' tkun l-oriġini ta' kunflitt imdemmi, li, skont il-każ, jista' jqajjem ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali. Għalhekk huwa importanti li meta applikant iressaq fatti u ċirkostanzi li apparentement mhumiex fatti materjali, inti tesplora għaliex l-applikant ħaseb li dawk il-fatti kienu rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu.

**Ftakar li l-fatti ġenerali mhumiex identifikati bħala fatti materjali**

Il-fatti ġenerali relatati mas-sitwazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini, li huma magħrufa abbażi tar-riċerka dwar il-COI (soġġetti għall-metodoloġija ta' riċerka dwar il-COI), jistgħu jkunu essenzjali għall-valutazzjoni tar-riskju u/jew legali, iżda mhumiex soġġetti għall-valutazzjoni tal-kredibilità kif deskritt f'din il-gwida. Għalhekk, dawn ma għandhomx jiġu identifikati bħala fatti materjali.

## 1.2.2. Ifformula fatti materjali ċari, komprensivi u fattwali

Ladarba jiġu identifikati, huwa importanti li l-fatti materjali jiġu fformulati b'mod korrett, sabiex ikunu jistgħu jifformaw il-bażi għal valutazzjoni tal-kredibilità solida.

Ir-regoli li ġejjin se jgħinuk tifformula l-fatti materjali li se jkunu soġġetti għall-valutazzjoni tal-kredibilità b'mod korrett.

**Iġbor biss il-passat u l-preżent**

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-fatti materjali jinkludu biss fatti, ċirkostanzi u sitwazzjonijiet li seħħew fil-passat jew li jeżistu fil-preżent. Dak li jista' jseħħ fil-futur ma għandux jiġi fformulat bħala fatt materjali, peress li xi ħaġa li tkun għadha ma seħħitx ma tistax tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-kredibilità. Avvenimenti u riskji futuri possibbli se jiġu fformulati u vvalutati fi stadju aktar tard, matul il-valutazzjoni tar-riskju.

**Eżempju dwar il-formulazzjoni ta' avvenimenti tal-passat u tal-preżent bħala fatti materjali:** Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A.

Il-formulazzjoni żbaljata tar-riskju futur bħala fatt materjali:

✗ L-applikant ma jistax jirritorna lura d-dar minħabba li jkun obbligat li jingħaqad mal-grupp terroristiku jew ikollu jġarrab il-konsegwenzi tar-rifjut.

Il-formulazzjoni korretta tal-fatti materjali relatati ma' dan ir-riskju:

✓ L-applikant intalab ripetutament biex jingħaqad mal-grupp terroristiku.

✓ Subien u rġiel żgħażagħ oħrajn tal-villaġġ tiegħu ġew issekwestrati mill-grupp terroristiku għar-reklutaġġ sforzat tagħhom.

### Aderixxi mad-dikjarazzjonijiet tal-applikant

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Id-dikjarazzjonijiet tal-applikant huma l-punt tat-tluq tiegħek fil-formulazzjoni tal-fatti materjali. Dan se jgħinek tagħmel l-applikant jew il-perspettiva tal-applikant is-suġġett tal-fatt materjali. Il-mod kif tifformulahom għandu jirrifletti l-mod kif l-applikant ippreżentahom lilek. Għandek tiddeskrivi l-fatti materjali f'termini materjali, filwaqt li taderixxi mas-sitwazzjoni deskritta mill-applikant. Id-dikjarazzjonijiet ġenerali li ma jirriflettux il-perspettiva, is-sitwazzjoni jew l-ambjent immedjat tal-applikant għandhom jiġu evitati.

**Eżempju dwar il-formulazzjoni ta' fatti materjali skont id-dikjarazzjonijiet tal-applikant:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

Formulazzjoni ġenerika tal-fatti materjali għandha tiġi ssostitwita b'formulazzjoni li taderixxi mad-dikjarazzjonijiet tal-applikanta.

- ✗ Qed jintużaw tattiċi ta' intimidazzjoni minn persuni mhux magħrufa.
- ✓ L-applikanta kienet mhedda li tiġi stuprata u maqtula minn irġiel mgħammda jekk ma kinitx se twaqqaf l-attivitajiet tagħha.

### Inkludi d-dettalji rilevanti kollha

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Meta tifformula l-fatt materjali, għandek tiżgura li d-dettalji rilevanti kollha konnessi ma' dak il-fatt materjali huma inklużi. Huwa importanti li tingħata attenzjoni lil kwalunkwe element individwali li jista' jżid ir-riskju ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju, b'mod partikolari jekk mingħajr dawn l-elementi l-livell limitu għall-persekuzzjoni jew għal-dannu serju ma jkunx jista' jintlaħaq. Jekk ikun hemm tali elementi, dawn għandhom jiġu inklużi b'mod espliċitu fil-formulazzjoni tal-fatt materjali.

**Eżempju dwar il-formulazzjoni ta' fatti materjali kompluti:** Każ ta' mara żagħżugħa minn pajjiż C

Eżempju ta' formulazzjoni mhux kompluta u kompluta tal-fatt materjali:

- ✗ L-applikanta hija omm waħedha.
- ✓ L-applikanta hija omm żagħżugħa waħedha, hija orfni u qed tgħix taħt l-awtorità taz-ziju tradizzjonali tagħha fil-pajjiż tal-oriġini tagħha.

### Evita interpretazzjonijiet jew konklużjonijiet personali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-fatti materjali għandhom jiġu ddikjarati bħala fatti, tkun xi tkun in-natura tagħhom. Għandek tevita l-interpretazzjoni tal-elementi jew li tasal għal konklużjonijiet dwar il-kredibilità fil-formulazzjoni tal-fatti materjali. Dan se jkun soġġett għall-valutazzjoni tal-kredibilità, li hija l-pass li jmiss ladarba l-fatti materjali kollha jkunu ġew identifikati u fformulati u l-evidenza kollha tinġabar u tintrabat mal-fatti materjali.

**Eżempju dwar l-evitar ta' formulazzjonijiet suġġettivi ta' fatti materjali:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

Formulazzjoni suġġettiva tal-fatt materjali għandha tiġi ssostitwita b'formulazzjoni li taderixxi mal-fatti ppreżentati mill-applikant.

- ✗ Akkuża ta' affidabbiltà dubjuża tindika li l-applikanta ġiet akkużata b'"reżistenza għall-arrest" u b'"istigazzjoni pubblika għall-vjolenza" u dalwaqt tkun soġġetta għal proċess quddiem tribunal militari.
- ✓ L-applikanta ġiet akkużata b'"reżistenza għall-arrest" u b'"istigazzjoni pubblika għall-vjolenza" u rċeviet akkuża li tindika d-data ta' proċess quddiem it-tribunal militari.

### Evita kwistjonijiet ta' liġi

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

F'dan l-istadju għandek tevita li tinkludi kwistjonijiet ta' liġi fil-formulazzjoni ta' fatti materjali. Il-mistoqsijiet tal-liġi se jitwieġbu matul l-analiżi legali.

**Eżempju dwar l-evitar ta' formulazzjonijiet legali f'fatti materjali:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

Formulazzjoni li tantiċipa analiżi legali għandha tiġi ssostitwita b'formulazzjoni li taderixxi mal-fatti ppreżentati mill-applikanta, f'dan il-każ billi telenka l-inċidenti relatati.

- ✗ L-applikanta kienet soġġetta għal persekuzzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat permezz ta' serje ta' rejds f'darha.
- ✓ F'Jannar 2022, il-forzi speċjali għamlu rejd fid-dar tal-applikanta u qatlu lill-kuġin tagħha waqt li ma kinitix hemm hi biex jagħmlu pressjoni fuqha ħalli twaqqaf l-attivitajiet tagħha.

## 1.2.3. Ifformula kull fatt materjali madwar fatti, avvenimenti jew sitwazzjonijiet iddefiniti sew

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-fatti materjali għandhom jiġu fformulati madwar fatti, avvenimenti, sitwazzjonijiet jew ċirkostanzi ddefiniti sew. Għalhekk huwa aħjar li żżomm il-fatti separati u tifformulahom bħala fatti materjali individwali, biex tivvaluta l-kredibilità tagħhom wieħed wieħed, peress li dan jagħtik bażi xierqa għall-valutazzjoni tar-riskju. Il-formulazzjoni b'mod żbaljat ta' fatti jew sitwazzjonijiet differenti li għandhom jiġu vvalutati b'mod indipendenti bħala fatt materjali wieħed jirriskja li jikkomplika l-valutazzjoni tal-kredibilità u tar-riskju tiegħek. Dan jista' jwasslek ukoll biex tasal għal konklużjonijiet żbaljati. Fi kliem ieħor, theddidiet jew inċidenti differenti, anke jekk marbuta ma' xulxin, għandhom jiġu fformulati bħala fatti materjali separati meta seħħew fuq perjodu ta' żmien itwal, jew jinvolvu persuni differenti, jew huma bbażati fuq raġunijiet differenti jew setgħu seħħew b'mod indipendenti.

**Eżempju dwar il-formulazzjoni ta' fatti materjali speċifiċi:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

L-applikanta semmiet li saru tliet rejds illegali separati fid-dar tagħha f'tentattiv biex iġegħluha twaqqaf l-attivitajiet tagħha. It-tliet inċidenti seħħew fi żminijiet differenti f'perjodu ta' sentejn (l-2022 u l-2023) u kienu jinvolvu tipi differenti ta' abbuż imwettaq kontra persuni differenti. Filwaqt li l-awtur u l-iskop tar-rejds baqgħu l-istess, dawn jikkostitwixxu inċidenti separati li seħħew b'mod indipendenti. Il-formulazzjoni ta' dawn il-fatti differenti bħala fatt materjali wiesa' wieħed tista' possibbilment twassal għal aċċettazzjoni żbaljata jew ċaħda tat-tliet inċidenti kollha kemm huma.

- ✗ Il-forzi speċjali wettqu diversi rejds fid-djar tal-applikanta u tal-membri tal-familja tagħha bejn l-2022 u l-2023.
- ✓ F'Jannar 2022, il-forzi speċjali għamlu rejd fid-dar tal-applikanta u qatlu lill-kuġinuha meta hi ma kinitx hemm biex jagħmlu pressjoni fuqha ħalli twaqqaf l-attivitajiet tagħha.
- ✓ F'Marzu 2023, il-forzi speċjali għamlu rejds fuq id-dar tal-applikanta biex jagħmlu pressjoni fuqha ħalli twaqqaf l-attivitajiet tagħha; diversi qraba ġew trattati ħażin u qraba nisa ġew imġiegħla jneħħu l-ħwejjeġ tagħhom.
- ✓ F'Ġunju 2023, il-forzi speċjali għamlu rejd fid-dar ta' oħt l-applikanta biex jagħmlu pressjoni fuq l-applikanta ħalli twaqqaf l-attivitajiet tagħha u tnejn min-neputijiet tagħha ġew arrestati.

Minkejja r-regola ġenerali msemmija hawn fuq, xi drabi l-fatti materjali jkunu tant marbuta mill-qrib li inti tista' tivvaluta l-kredibilità tagħhom flimkien għal valutazzjoni tal-kredibilità aktar effiċjenti. Dan jista' jkun il-każ meta jkunu seħħew ħafna inċidenti simili żgħar fl-istess perjodu ta' żmien, b'mod partikolari meta l-atturi, il-metodi, ir-raġunijiet, l-objettivi u/jew il-konsegwenzi jkunu l-istess.

Ftakar, madankollu, li l-kombinazzjoni ta' fatti materjali għandha ssir b'mod restrittiv u biss meta jkun ċar li valutazzjoni separata tal-fatti ma twassalx għal riżultat differenti.

# 1.3. Orbot l-evidenza rilevanti mal-fatt(i) materjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

**Illustrazzjoni 6. Orbot l-evidenza mal-fatti materjali**




Ladarba tkun ġbart l-evidenza kollha disponibbli u identifikajt fatti materjali, il-proċess tal-valutazzjoni tal-evidenza jkompli bir-rabta tal-evidenza disponibbli ma' kull fatt materjali.

L-identifikazzjoni tal-fatti materjali tiddefinixxi liema fatti u ċirkostanzi tal-applikazzjoni għandhom jiġu vvalutati fuq il-kredibilità u, għalhekk, jeħtieġ li jiġu ssostanzjati b'evidenza. Bħalma fatt materjali jrid ikun marbut ma' kriterju ta' eliġibbiltà wieħed jew aktar, l-elementi ta' evidenza rilevanti kollha jridu jkunu marbuta ma' fatt materjali wieħed jew aktar.

**Illustrazzjoni 7. Orbot kull biċċa evidenza ma' fatt materjali wieħed – eżempju bbażat fuq il-każ ta' attivista minn pajjiż B**




Meta torbot l-evidenza ma' kull fatt materjali, jeħtieġlek tħares lejn l-evidenza kollha disponibbli, filwaqt li tqis kif xieraq l-evidenza li l-applikant iqis importanti għall-każ tiegħu. F'ħafna każijiet, ċerti tipi ta' evidenza jistgħu jkunu marbuta ma' diversi fatti materjali. L-evidenza tista' tappoġġa l-qalba tal-fatt materjali direttament jew tista' tissostanzja ċ-ċirkostanzi li jistgħu jħallu impatt, pereżempju, fuq ir-riskju jew l-aċċessibbiltà tal-protezzjoni. L-evidenza tista' tappoġġa jew tirrifjuta l-fatt materjali.

Barra minn hekk, meta tkun fil-proċess li torbot l-evidenza mal-fatt(i) materjali, għandek tħares ukoll lejn l-evidenza li tkun nieqsa. Jistgħu jkunu meħtieġa aktar dettalji mill-applikant, jew il-COI tista' ma tkunx disponibbli dwar avveniment speċifiku, jew jista' ma jkunx hemm dokumenti dwar inċident jew avveniment. F'xi każijiet, jista' jkun hemm bżonn ta' aktar investigazzjoni, pereżempju permezz ta' intervista addizzjonali. Jekk l-evidenza ma tkunx disponibbli jew ma tkunx tista' tiġi pprovduta, ħares lejn dan in-nuqqas ta' evidenza fil-valutazzjoni tal-kredibilità, li hija l-pass li jmiss tal-valutazzjoni tal-evidenza. F'dan l-istadju, tasalx għal konklużjonijiet dwar il-kredibilità jew l-aċċettazzjoni tal-evidenza. It-Taqsima 2. "Pass 2. Valutazzjoni tal-kredibilità" ta' din il-gwida tispjega fid-dettall kif tista' tinvolvi evidenza nieqsa fil-valutazzjoni tiegħek.

# 2. Pass 2. Valutazzjoni tal-kredibilità

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-valutazzjoni tal-kredibilità hija l-proċess ta' analiżi tal-evidenza permezz tal-użu ta' kriterji differenti sabiex jiġi stabbilit jekk fatt materjali jistax jiġi aċċettat bħala kredibbli.

Il-valutazzjoni tal-kredibilità tinkludi tliet valutazzjonijiet sottostanti li jeħtieġ li jsiru b'mod dinamiku biex jiġu konklużi l-fatti li jistgħu jiġu aċċettati.

**Illustrazzjoni 8. Tliet aspetti tal-valutazzjoni tal-kredibilità li jwasslu għall-konklużjoni dwar il-fatti li għandhom jiġu aċċettati**




Il-valutazzjoni tal-evidenza dokumentarja u ta' evidenza oħra (it-Taqsima 2.1. "Ivvaluta l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra"), il-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant (Taqsima 2.2. "Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant kontra l-indikaturi tal-kredibilità") u l-kunsiderazzjoni ta' fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet (it-Taqsima 2.3 "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet") huma ppreżentati hawn taħt bħala tliet taqsimiet suċċessivi separati għal skopijiet ta' narrattiva.

Madankollu, l-ordni li fiha jiġu ppreżentati ma tirriflettix ordni ta' importanza, jew l-ordni li fiha titwettaq il-valutazzjoni. Tabilħaqq, dawn il-fażijiet kollha jseħħu fl-istess ħin fil-prattika. Għalhekk, filwaqt li tivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant, għandek tikkunsidra wkoll il-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet kif ukoll l-eżiti tal-valutazzjoni tal-evidenza dokumentarja u ta' evidenza oħra. Meta jitqiesu dawn il-valutazzjonijiet u l-fatturi kollha kif ukoll il-prinċipju tal-benefiċċju tad-dubju, tkun tista' tiddetermina liema fatti materjali għandhom jiġu aċċettati jew irrifjutati (it-Taqsima 2.4. "Iddetermina jekk fatt materjali huwiex aċċettat jew irrifjutat").

# 2.1. Ivvaluta l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra

## 2.1.1. Kriterji tal-valutazzjoni

L-eżami tal-valur probatorju tal-evidenza dokumentarja u evidenza oħra jinvolvi eżami tar-rilevanza u tal-affidabbiltà tagħhom (din it-taqsima ma tkoprix id-dikjarazzjonijiet tal-applikant jew il-COI disponibbli).

### (a) Rilevanza

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

La pertinencia se refiere a si las pruebas están relacionadas con un hecho material concreto. Cuanto más fuerte sea la conexión entre las pruebas y el hecho material , mayor será la pertinencia de las pruebas. La pertinencia se debe aclarar con el solicitante.

Una prueba puede estar relacionada con diferentes hechos materiales y su pertinencia puede ser diferente para cada uno de ellos. Por lo tanto, la valoración de la pertinencia de las pruebas debe realizarse desde el principio para cada hecho material .

### (b) Affidabbiltà

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Affidabbiltà tirreferi għal jekk is-sostanzjament tal-fatt materjali jistax jibni fuq dik l-evidenza li jkun fiha informazzjoni rilevanti għaliha u sa liema punt. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li tiċċekkja kemm hi kapaċi dik l-evidenza biex tappoġġa l-fatt(i) materjali li hija relatata miegħu/magħhom.

L-affidabbiltà tal-evidenza li tkun qed tiġi kkunsidrata se tkun ibbażata fuq il-kriterji spjegati hawn taħt.

**Eżistenza/okkorrenza**

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Okkorrenza tirreferi għal jekk huwiex possibbli li jkun jeżisti tip ta'evidenza dokumentarja jew evidenza oħra jew li dan ikun inħareġ mill-awtur tiegħu filwaqt li jitqiesu l-ħin, il-post u ċ-ċirkostanzi msemmija mill-applikant. Il-valutazzjoni tal-okkorrenza ssir abbażi tal-COI jew ta' informazzjoni disponibbli oħra.

**Eżempju ta' kif għandek tivvaluta l-eżistenza/l-okkorrenza tal-evidenza**

L-amministrazzjoni tiegħek għandha COI affidabbli u aġġornata disponibbli li ssemmi li l-organizzazzjoni bil-moħbi A qatt ma ħarġet kards ta' sħubija għal raġunijiet ta' sigurtà, u tkompli ma tagħmilx dan. Jekk kard ta' sħubija ta' (suppost) organizzazzjoni A tiġi ppreżentata mill-applikant, u l-applikant ma pprovda l-ebda spjegazzjoni sodisfaċenti fir-rigward ta' kif inħarġitlu din il-kard, għandek raġunijiet b'saħħithom biex tikkunsidra li l-kard ma għandhiex valur probatorju, peress li dan l-element ta' evidenza ma setax jinħareġ mill-organizzazzjoni A.

## Werrej

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Jeħtieġ li jiġu vvalutati l-elementi li ġejjin.

- Id-dokument/evidenza oħra fiha xi kontradizzjonijiet mal-kontenut tagħha stess?
- Id-dokument huwa preċiż? Preċiżjoni tirreferi għal-livell tad-dettalji ta' rilevanza għal fatt materjali partikolari.
- Id-dokument ikopri l-elementi essenzjali tal-fatt materjali jew dawk periferali biss?
- L-informazzjoni ġejja minn sors dirett jew hija rakkont tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant? Pereżempju, il-valur probatorju ta' xhieda se jkun ogħla jekk l-awtur kien ix-xhud dirett ta' dak li qed jiġi ċċertifikat. Il-valur probatorju se jkun aktar baxx jekk dawn ikunu qed jirrakkontaw biss dak li l-applikant ikun qalilhom mingħajr ebda investigazzjoni speċifika biex jiġi vverifikat li t-testimonjanza tiċċertifika avveniment li jkun reali.
- Id-dokument jikkontradixxi l-informazzjoni disponibbli, inkluża l-COI? Huwa konsistenti ma' evidenza oħra disponibbli fl-applikazzjoni?

## Natura

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-element tan-natura tad-dokument jew ta' evidenza oħra jirreferi għal jekk l-element ta' evidenza huwiex ippreżentat oriġinali jew f'kopja. Id-dokumenti oriġinali normalment ikollhom aktar valur fil-valutazzjoni. Madankollu, żomm f'moħħok li l-applikanti jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jiksbu d-dokument oriġinali u li xi dokumenti b'mod ġenerali ma jistgħux jinkisbu fil-forma oriġinali tagħhom. Pereżempju, xi dokumenti oriġinali maħruġa mill-awtoritajiet huma maħsuba li jibqgħu fi ħdan is-servizzi tal-awtoritajiet u ma jitqassmux aktar. Il-fatt li applikant jippreżenta dokument bħal dan oriġinali jista' jqajjem tħassib dwar kif ikun fil-pussess tal-applikant.

## Awtur

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Għandek taċċerta min hu l-awtur, f'liema kapaċità abbozza d-dokument u l-oġġettività tiegħu.

**Forma**

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-forma tad-dokument jew evidenza oħra tirreferi għall-komponenti formali tagħha u kif dawn il-komponenti huma strutturati u ppreżentati, kif ukoll il-kundizzjoni tagħha u jekk hemmx xi ħsara jew evidenza ta' alterazzjonijiet. Il-forma ta' dokument hija rilevanti għall-valutazzjoni tal-awtentiċità, tal-affidabbiltà jew tal-karattru ġenwin tiegħu. Il-forma hija partikolarment importanti f'dokumenti li għandhom karattru uffiċjali, peress li wieħed jista' jistenna li dawn id-dokumenti jippreżentaw elementi formali biex jidentifikaw il-firmatarji tagħhom u l-istituzzjoni li f'isimha jinħareġ id-dokument, eż. attestazzjoni minn president ta' parti b'titlu, firma, timbru, eċċ.

Oqgħod attent meta tagħmel konklużjoni dwar il-ġenwinità bbażata biss fuq il-forma tad-dokument, peress li f'xi pajjiżi ma jkun hemm l-ebda forma standardizzata għal ċerti tipi ta' dokumenti jew l-amministrazzjonijiet jistgħu jkunu dgħajfa wisq biex jimponu format standardizzat fit-territorju kollu tagħhom. Il-forma tista' tvarja wkoll skont meta u minn min ikun inħareġ id-dokument.

## 2.1.2. Awtentikazzjoni ta' dokumenti

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

**L-ambitu ta' din it-taqsima**

Din it-taqsima għandha l-għan li tipprovdi xi prinċipji ġenerali, informazzjoni u gwida dwar l-awtentikazzjoni tad-dokumenti li jistgħu jgħinuk fil-valutazzjoni tal-evidenza. Is-suġġett tal-awtentikazzjoni jinkludi ħafna aspetti addizzjonali li mhumiex koperti f'din il-gwida prattika.

L-awtentikazzjoni hija l-proċedura l-aktar konklużiva fir-rigward tal-eżami tal-forma u tal-valur probatorju ta' dokument. Fit-tifsira komuni "jekk tawtentika xi ħaġa, inti tagħti prova jew tikkonferma li hija vera" ([94]), "tiddikjara uffiċjalment li hija ġenwina wara li teżaminaha" ([95]). L-awtentikazzjoni timplika li għandek l-għodod jew li tinsab f'pożizzjoni li tasal għal konklużjoni pożittiva jew negattiva dwar il-karattru ġenwin tal-evidenza ppreżentata. Bħala uffiċjal tal-każ, jista' jkollok possibbiltajiet differenti disponibbli, skont il-prattika nazzjonali.

- Tista' tirrikorri għall-għarfien espert ta' **servizzi speċjalizzati**, bħall-pulizija jew servizz intern fejn il-persunal ikun tħarreġ apposta u jkollu aċċess għal materjal xjentifiku speċifiku biex jawtentika jew jindividwa l-frodi. Tali servizzi għandhom il-kapaċità li janalizzaw, pereżempju, il-kwalità tal-karatteristiċi inerenti tad-dokument, bħall-kwalità tal-karta, il-linka użata, is-sinjali ta' falsifikazzjoni f'timbri, il-marki tal-ilma, il-legaturi, eċċ.

  Din titqies li hija l-awtentikazzjoni l-aktar kompluta.

([94]) Collins, online Collins English Dictionary, "authenticate", 2023.
([95]) Collins, online Collins English Dictionary, "authenticate", 2023.

- Tista' tistrieħ fuq kampjun tad-dokument ikkonċernat jew evidenza li tista' tkun disponibbli għalik permezz ta' **bażijiet tad-data** (interni) speċifiċi, biex tqabbel id-dokument ippreżentat mal-kampjun eżistenti.

Hawn taħt tista' ssib eżempji ta' bażijiet tad-data online disponibbli għall-pubbliku dwar passaporti u dokumenti uffiċjali oħrajn maħruġa minn pajjiżi madwar id-dinja.

- Ir-Reġistru Pubbliku Online ta' Dokumenti Awtentiċi tal-Identità u tal-Ivvjaġġar (PRADO, Public Register of Authentic identity and travel Documents Online) huwa bażi tad-data ta' kampjun ta' dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar magħmula disponibbli għall-pubbliku mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- "EdisonTD" hija bażi tad-data żviluppata mill-awtoritajiet Netherlandiżi f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet fl-Awstralja, fil-Kanada, fl-Emirati Għarab Magħquda, fl-Istati Uniti tal-Amerka u fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol). Parti mill-bażi tad-data hija disponibbli għall-pubbliku.

Xi bażijiet tad-data oħrajn għandhom aċċess ristrett iżda l-amministrazzjoni tiegħek jista' jkollha jew tkun f'pożizzjoni li tikseb aċċess.

- Intranet - Dokumenti Foloz u Awtentiċi Online (iFADO, intranet False and Authentic Documents Online) huwa portal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE u fih informazzjoni addizzjonali meta mqabbel ma' PRADO. Dan jinkludi wkoll informazzjoni li tinsab f'bażijiet tad-data oħrajn, bħall-Istatus Ċivili tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Dokumenti.
- Is-Sistema tal-Informazzjoni tad-Dokumenti Status Ċivili (DISCS, Document Information System Civil Status) hija

> *"sistema ta' referenza bbażata fuq il-web żviluppata mill-awtoritajiet tan-Netherlands, tal-Kanada, tal-Awstralja, tal-Emirati Għarab Magħquda-Dubai, tad-Danimarka u tan-Norveġja (iċ-Ċentru tal-ID Norveġiż [ ([96])]). Id-DISCS għandha l-għan li tappoġġa l-verifika ta' dokumenti barranin u nazzjonali li jkun fihom informazzjoni dwar … l-identità, in-nazzjonalità kif ukoll kwistjonijiet oħrajn li jikkonċernaw lid-detentur tad-dokument". ([97])*

- Jekk għandek dubji dwar l-awtentiċità ta' dokument uffiċjali li jidher bħal dokument awtentiku (bħal passaport), tista' ssib ukoll informazzjoni fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen peress li telenka wkoll dokumenti vojta misruqa.
- Tista' tiddependi wkoll fuq **riċerka speċifika dwar il-COI**. Filwaqt li l-bażijiet tad-data msemmija hawn fuq jistgħu jkunu ta' għajnuna fir-rigward ta' dokumenti uffiċjali tal-Istat, huwa anqas probabbli li jiġu pprovduti kampjuni ta' tipi oħrajn ta' dokumenti maħruġa, pereżempju, minn organizzazzjonijiet mhux tal-Istat. F'tali każijiet, riċerka speċifika dwar il-COI tista' tipprovdilek informazzjoni siewja (bħal kampjuni ta' kards tas-sħubija, ta' attestazzjonijiet, ta' badges).

([96]) Ara s-sit web taċ-ċentru tal-ID Norveġiż u t-taqsima speċifika tiegħu dwar Bażijiet tad-data ta' referenza
([97]) Ara t-taqsima Bażijiet tad-data ta' referenza tas-sit web taċ-ċentru tal-ID Norveġiż, u t-taqsima Bażi tad-data tad-dokumenti taċ-Ċentru tal-ID Nazzjonali Daniż.

- Fittex sinjali ovvji ta' falsifikazzjoni jew alterazzjoni li tista' tidentifika waħdek mingħajr għajnuna speċjalizzata.

Tista', pereżempju, tinnota li ritratt ikun twaħħal fuq dokument, li kard ma tkunx magħmula minn saff kartonċin laminat wieħed iżda minn żewġ naħat li jkunu twaħħlu flimkien u mbagħad ġew illaminati, li l-firma tad-detentur ta' kard, allegatament l-applikant, ma tikkorrispondix mal-firma tal-applikant li qed tittratta l-każ tiegħu (abbażi tal-forom differenti li ġew iffirmati mill-applikant matul il-proċedura tal-ażil), li hemm żbalji kbar fil-motto tal-organizzazzjoni fl-intestatura tad-dokument uffiċjali, eċċ.

Żomm f'moħħok li meta element ta' evidenza juri sinjali ta' falsifikazzjoni jew alterazzjoni (bħal paġna nieqsa f'passaport ġenwin), il-falsifikazzjoni jew l-alterazzjoni ssir għal ċertu għan, li jista' jkun jew ma jkunx li tiġi appoġġata aħjar applikazzjoni għall-ażil. Għandek tiċċara dan mal-applikant.

**L-awtentikazzjoni tista' tkun diffiċli u tista' ma tkunx possibbli dejjem**. Pereżempju, l-impossibbiltà jew id-diffikultà li titwettaq awtentikazzjoni formali tista' tkun minħabba r-raġunijiet ta' hawn taħt.

- Il-kost tal-awtentikazzjoni tal-esperti.
- L-isfidi tekniċi li ma jipprovdux konklużjoni ċara dwar il-karattru ġenwin tal-evidenza. Dan japplika b'mod partikolari meta l-evidenza tiġi pprovduta bħala kopja.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' kampjun eżemplari tad-dokument jew tal-għodod rilevanti għall-awtentikazzjoni tiegħu.
- Il-projbizzjoni milli tinkiseb l-informazzjoni rilevanti mis-sors minħabba li s-sors tal-evidenza jkun l-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju.
- Iċ-ċirkolazzjoni simultanja ta' verżjonijiet differenti tal-istess tip ta' dokument minħabba n-nuqqas ta' amministrazzjoni ċentralizzata u/jew proċeduri uniformi għall-ħruġ ta' tali dokumenti.
- Il-livell għoli ta' korruzzjoni fil-pajjiż tal-ħruġ, fejn dokumenti ffalsifikati huma komuni flimkien ma' dokumenti ġenwini miksuba permezz tal-korruzzjoni, filwaqt li dokumenti li huma ġenwini kemm fil-forma kif ukoll fil-kontenut jinħarġu wkoll.

**L-impossibbiltà jew id-diffikultà li dokument jiġi awtentikat ma tistax tiġġustifika li wieħed ma jipproċedix bl-evalwazzjoni tiegħu**. Irrispettivament minn jekk l-evidenza pprovduta hijiex awtentika jew le, inti trid tiddeċiedi dwar il-valur probatorju tagħha fir-rigward tal-fatt materjali eżaminat ([98]). Il-kriterji l-oħrajn (l-eżistenza/l-okkorrenza tat-tip ta' dokument, il-kontenut, il-forma, in-natura, l-awtur) se jgħinuk f'din il-valutazzjoni ([99]).

([98]) QĠUE, is-Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, *LH vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid*, Nru C-921/19, EU:C:2021:478, il-punti 42–44 u 61. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([99]) Għal eżempju konkret ta' valutazzjoni ta' ċertifikat tat-twelid, ara l-QEDB, is-Sentenza tas-7 ta' Jannar 2014, *AA vs L-Iżvizzera*, Nru 58802/12, ECLI:CE:ECHR:2014:0107JUD005880212, il-punti 61–63.

**L-awtentikazzjoni għandha titwettaqf'ċerti ċirkostanzi** ([100]), jiġifieri meta l-awtur tal-evidenza jkun affidabbli u tali awtentikazzjoni tkun fattibbli fil-prattika, aċċessibbli u jista' jkollha impatt fuq il-valutazzjoni tal-fatt materjali.

Żomm f'moħħok li meta twettaq il-valutazzjoni bbażata fuq il-kriterji ppreżentati hawn fuq u tieħu kwalunkwe pass għal dak il-għan (pereżempju biex tawtentika dokument), huwa ta' importanza kbira li tiżgura f'kull ħin li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-kunfidenzjalità (ara t-Taqsima "Prinċipji gwida, (e) Kunfidenzjalità").

## 2.1.3. L-għoti ta' "importanza" lis-sejbiet ta' kredibilità relatati mal-element ta' evidenza

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-prinċipji ta' hawn taħt se jgħinuk tagħti importanza lis-sejbiet tal-kredibilità li tkun għamilt billi tapplika l-kriterji ta' valutazzjoni ta' hawn fuq.

- Meta ma jiġux issodisfati l-kriterji ta' affidabbiltà kollha, element ta' evidenza jista' jkollu ċerta importanza fil-valutazzjoni tal-kredibilità. Meta, pereżempju, jiġu ssodisfati l-kriterji kollha ta' affidabbiltà, iżda l-applikant ikun ippreżenta biss kopja tad-dokument, dan l-element ta' evidenza jkun għad għandu ċerta importanza ta' valur probatorju, li trid tiġi vvalutata flimkien mas-sejbiet ta' kredibilità relatati mad-dikjarazzjonijiet, pereżempju (ara t-Taqsima 2.4.1. "L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali"). Dan huwa aktar u aktar il-każ jekk l-applikant jagħti spjegazzjoni raġonevoli dwar għaliex ma setax jippreżenta d-dokument oriġinali.
- Meta titqies ir-rilevanza tal-evidenza, żomm f'moħħok li l-evidenza li hija relatata mal-qalba tal-fatt materjali għandha piż akbar mill-evidenza li hija relatata ma' elementi li mhumiex marbuta mal-qalba tal-fatt materjali u għalhekk huma periferali. L-aċċettazzjoni ta' fatt materjali għandha b'mod ġenerali tiddependi biss fuq il-kredibilità tal-elementi ewlenin. Jekk l-elementi periferali jitqiesu bħala mhux kredibbli, is-sinifikat limitat tagħhom ma jistax iċaqlaq il-pedament tal-fatt materjali sakemm dan ikun għadu jista' jiddependi fuq elementi ewlenin kredibbli.

([100]) QEDB, is-Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2012, *Singh et autres c. Belgique*, Nru 33210/11, ECLI:CE:ECHR:2012:1002JUD003321011, il-punti 100-105 (disponibbli bil-Franċiż biss). Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

**Eżempju dwar l-evidenza relatata ma' element periferali tal-fatt materjali:** Każ ta' mara żagħżugħa minn pajjiż C

- L-evidenza li qed tiġi kkunsidrata hija ritratt ta' karozza fi scrapyard. Din l-evidenza hija relatata ma' element periferali tad-dikjarazzjoni relatata mal-ħabta tal-karozza li fiha mietu l-ġenituri tal-applikanta. Din ma tirrigwardax iċ-ċirkostanzi ċentrali tal-mewt tagħhom, u lanqas ma tappoġġa l-avveniment tal-mewt tal-ġenituri, iżda avveniment li seħħ wara l-allegata ħabta fatali. Tali element ta' evidenza dokumentarja ftit li xejn se jkollha importanza fil-valutazzjoni tal-fatt materjali.
- Bl-istess mod, kwalunkwe dikjarazzjoni inkonsistenti dwar l-elementi periferali, bħall-post eżatt tal-iscrapyard jew isimha, ma taffettwax il-kredibilità tal-fatt materjali, jekk l-evidenza, jiġifieri d-dikjarazzjonijiet tal-applikanta f'dan il-każ, dwar l-elementi ewlenin tal-fatt materjali, tissodisfa l-kriterji ta' kredibilità (ara t-Taqsima 2.2. "Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant skont l-indikaturi tal-kredibilità").

**Illustrazzjoni 9. Aspetti ewlenin u aspetti periferali ta' fatt materjali – eżempju bbażat fuq il-każ ta' mara żagħżugħa minn pajjiż C**




- Sejbiet negattivi minuri fir-rigward ta' kriterju wieħed jew aktar ma jipprekludux l-evidenza milli tkun affidabbli b'mod ġenerali. B'mod ġenerali, il-preżenza ta' diversi sejbiet negattivi minuri ma tfissirx li l-evidenza ma tappoġġax il-fatt materjali jew iddgħajjifha, minkejja li tista' tindika xi dubju dwar l-affidabbiltà tal-evidenza. Diversi sejbiet ta' kredibilità negattivi minuri ġeneralment ma jammontawx għal sejba ta' kredibilità negattiva maġġuri.
- Kif spjegat fil-pass 1 (ara t-Taqsima 1.1.1. "Applika d-dmir ta' kooperazzjoni (oneru tal-provi)"), meta tikkunsidra l-evidenza kollha relatata mal-fatt materjali li stajt identifikajt li hemm evidenza nieqsa. Jekk, f'ċirkostanzi speċifiċi, l-applikant jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li jipprovdi ċerta evidenza, u tkun issodisfajt id-dmir tiegħek li

tinvestiga, l-informazzjoni nieqsa jew mhux kompluta tista' tingħata ċerta importanza li se titqies fil-proċess tal-ponderazzjoni meta jiġi ddeterminat jekk il-fatt materjali huwiex aċċettat jew irrifjutat (ara t-Taqsima 2.4.1. "L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali").

- Meta tivvaluta kif sejba negattiva tista' taffettwa l-affidabbiltà tal-evidenza, ikkunsidra jekk ingħatatx possibbiltà lill-applikant biex jipprovdi spjegazzjoni dwar dik is-sejba u jekk l-ispjegazzjoni pprovduta tistax taffettwa l-valutazzjoni tiegħek tal-affidabbiltà tal-evidenza.
- Meta tivvaluta l-valur probatorju tal-evidenza, żomm f'moħħok il-fatturi individwali u ċirkostanzjali rilevanti kollha li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet (ara t-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet").

**Eżempju ta' analiżi ta' evidenza dokumentarja (akkuża) fil-**każ ta' attivista minn pajjiż B

- **Rilevanza**. L-akkuża ppreżentata hija rilevanti peress li l-applikanta tirrelataha mal-prosekuzzjoni li tagħha hija tiddikjara li hija s-suġġett u li hija torbot mal-attivitajiet tagħha favur id-drittijiet tal-bniedem. Dan huwa rilevanti għal fatt materjali tal-applikazzjoni tagħha.
- **Eżistenza/okkorrenza**. Huwa kkonfermat li l-akkużi jinħarġu f'sitwazzjonijiet simili mill-Ministeru tal-Ġustizzja.
- **Kontenut**. L-akkuża tirreferi għar-reat ta' reżistenza għall-awtorità iżda ssemmi artikolu tal-kodiċi kriminali li mhuwiex relatat ma' dak ir-reat.
- **Forma**. L-att ta' akkuża ppreżentat għandu intestatura li tagħti ħarsa uffiċjali. Abbażi tal-COI disponibbli u aġġornata, l-amministrazzjonijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja fil-pajjiż B huma mgħammra u organizzati tajjeb, bi proċeduri formali ddefiniti sew. Madankollu, il-mod kif tidher l-emblema tal-Ministeru tal-Ġustizzja fuq ir-rokna tax-xellug ta' fuq tad-dokument ma jikkorrispondix mal-kampjun ta' dokumenti ta' dan it-tip. Id-dokument huwa ffirmat, iżda l-isem tal-firmatarju u t-timbru bilkemm jistgħu jinqraw.
- **Natura**. L-att ta' akkuża ġie ppreżentat bħala kopja. L-oriġinal tħalla fil-pajjiż B, skont l-applikanta. Hija ssemmi li qed issib diffikultà biex tgħaddih lilek għal raġunijiet ta' sigurtà.
- **Awtur**. L-allegat awtur huwa l-Ministeru tal-Ġustizzja iżda abbażi tas-sejbiet ta' hawn fuq dwar il-forma tad-dokument, inti ma tistax tidentifika b'mod ċar il-firmatarju jew l-uffiċċju li ħareġ id-dokument. Jista' jkollok dubju leġittimu dwar l-awtur reali tad-dokument.
- **Konklużjoni**. Abbażi ta' dawn il-kriterji kollha, dan id-dokument fih diversi karatteristiċi li jistgħu jwassluk biex tikkunsidra li dan mhuwiex probatorju biżżejjed abbażi tal-fatt materjali li qed jiġi kkunsidrat. Fil-fatt, għalkemm l-applikanta pprovdiet spjegazzjoni sodisfaċenti dwar ir-raġuni għaliex ġiet ippreżentata biss kopja, il-valur probatorju tagħha huwa mxekkel mill-fatt li inti identifikajt diversi nuqqasijiet formali u ta' kontenut. Jeħtieġ li tivvaluta jekk hemmx spjegazzjonijiet raġonevoli għal dawn in-nuqqasijiet u tippermetti lill-applikanta tipprovdi wieħed (pereżempju, bidla reċenti fl-emblemi, kopja ta' kwalità ħażina minħabba mezzi inadegwati). Fi kwalunkwe każ, dan id-dokument ikun jeħtieġ li jiġi kkunsidrat flimkien mal-elementi l-oħrajn kollha ta' evidenza relatati mal-fatt materjali, inklużi d-dikjarazzjonijiet tal-applikanta, qabel ma tasal għal kwalunkwe konklużjoni dwar il-fatt materjali bħala tali.

- **Conclusión**. Sobre la base de todos estos criterios, este documento contiene varias características que pueden llevarle a considerarlo insuficientemente probatorio por sí solo del hecho material considerado. De hecho, aunque la solicitante ha proporcionado una explicación satisfactoria del motivo por el que solo se presentó una copia, su valor probatorio se ve socavado por el hecho de que el instructor ha identificado varias deficiencias formales y de contenido. Debe valorar si existen explicaciones razonables de estas deficiencias y permitir que la solicitante proporcione una (por ejemplo, un cambio reciente de emblemas o una copia de mala calidad por haber sido realizada con medios inadecuados). En cualquier caso, este documento debería considerarse junto con todas las demás pruebas relacionadas con el hecho material , incluidas las declaraciones de la solicitante, antes de llegar a una conclusión sobre el hecho material como tal.

It-taqsimiet li ġejjin ikopru l-karatteristiċi speċifiċi ta' diversi tipi ta' evidenza li jiġu ppreżentati ta' spiss u l-punti speċifiċi li għandhom jiġu kkunsidrati waqt il-valutazzjoni tagħhom.

## 2.1.4. Tipi speċifiċi ta' dokumenti

### (a) Evidenza medika u psikoloġika

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Tip speċifiku ħafna ta' evidenza huwa evidenza medika jew psikoloġika (ara l-Pass 1, it-Taqsima 1.1.2(k) "Rapporti mediċi, psikjatriċi u psikoloġiċi" dwar kif l-evidenza medika tista' taffettwa l-eżami).

Biex jiġi stabbilit il-valur probatorju tad-dokumenti mediċi jew psikoloġiċi, il-kriterji kollha ta' hawn fuq huma applikabbli wkoll. Madankollu, hemm mod speċifiku kif dawn il-kriterji jiġu applikati għall-evidenza medika.

Ir-rapporti mediċi jew psikoloġiċi għandhom jinkludu l-ispeċjalizzazzjoni tal-espert mediku u l-eżami li twettaq sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni indipendenti tal-affidabbiltà tiegħu.

Għandek toqgħod attent għall-kontenut tar-rapport mediku biex tara jekk ġiex stabbilit b'mod preċiż u professjonali.

Żomm f'moħħok li t-tobba u l-psikjatri indipendenti jwettqu l-eżamijiet tagħhom fil-funzjoni ta' objettivi mediċi, mhux fil-funzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali (jew ta' appoġġ jew ta' denunzja). Għalhekk, il-prattikanti mediċi indipendenti jistgħu ma jkunux kitbu l-osservazzjonijiet tagħhom b'mod li jkunu utli għal applikazzjoni jew jistgħu saħansitra jirrifjutaw għalkollox li jiktbu ċertifikati għal finijiet mhux mediċi. Biex tittaffa din is-sitwazzjoni, l-awtoritajiet tal-ażil jistgħu jikkuntrattaw jew jagħmlu ftehimiet ma' esperti mediċi, li huma mħarrġa u/jew iċċertifikati minn qorti u jifhmu l-proċedura tal-ażil, u skont il-prattika nazzjonali rilevanti. Dawn l-esperti jistgħu jabbozzaw rapporti medikolegali jew ċertifikazzjonijiet oħrajn li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala evidenza xjentifika siewja.

Jekk ma tkunx tista' tirrikorri għall-għarfien espert ta' tabib jew espert mediku fl-amministrazzjoni tiegħek, se teħtieġ li teżamina l-valur probatorju tar-rapport mediku abbażi tal-indikaturi applikabbli għall-evidenza dokumentarja. Barra minn hekk, il-punti li ġejjin jistgħu jipprovdu indikazzjonijiet addizzjonali tal-valur probatorju ta' dokument mediku.

- Ir-rapport mediku jsemmi l-għadd u d-dati tal-eżami, it-tip ta' eżami mwettaq, u l-konklużjonijiet mediċi relatati.
- Huwa bbażat fuq eżami wieħed jew sensiela minnhom, li jipprovdi ħarsa ġenerali orizzontali.
- Huwa bbażat b'mod proporzjonat fuq elementi li huma bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet tal-pazjent stess u fuq elementi ta' osservazzjoni medika/psikoloġika.
- Dan jirreferi għall-istandards tal-Protokoll ta' Istanbul fejn ikun hemm allegazzjonijiet jew sinjali ta' tortura.
- L-ambitu tal-għarfien espert mediku/psikoloġiku u l-opinjoni tal-espert għandhom joqogħdu lura milli jaslu għal konklużjonijiet dwar il-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant fir-rigward tal-inċidenti allegati ta' dannu fl-imgħoddi jew avvenimenti kurrenti u/jew l-eliġibbiltà tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fir-rapport mediku.

Żomm il-punti ta' hawn taħt f'moħħok.

- L-osservazzjonijiet mediċi jew psikoloġiċi minnhom infushom ma jistgħux jikkonfermaw iċ-ċirkostanzi li fihom seħħew il-korriment, it-trawma jew is-sintomu, iżda jistgħu jagħtu indikazzjoni (soda) dwar jekk il-korrimenti, it-trawmi jew is-sintomi humiex konsistenti mat-trattament ħażin iddikjarat u mal-iskeda ta' żmien mogħtija mill-applikant.
- Il-preżentazzjoni ta' evidenza medika u psikoloġika tista', b'mod partikolari, taqdi skopijiet differenti. Dawn jinkludu l-appoġġ għar-realtà ta' fatti materjali nfushom, biex jiġu indikati ċ-ċirkostanzi personali li jistgħu jpoġġu lill-applikant f'riskju akbar ta' persekuzzjoni jew ta' dannu jew biex jiġu indikati l-vulnerabbiltajiet u l-ħtiġijiet speċjali jew il-fatturi ta' distorsjoni possibbli li għandhom jiġu kkunsidrati meta tinġabar l-evidenza u tiġi vvalutata l-kredibilità. Jeħtieġ li tidentifika r-rwoli differenti potenzjali li r-rapport mediku ppreżentat jista' jkollu fl-eżami tal-applikazzjoni
- applikazzjoni tal-applikant.
- L-għan tal-eżami tal-valur probatorju tar-rapport mediku huwa li jiġi vvalutat jekk u kif (u kemm) ir-rapport jappoġġa l-fatt materjali, iċ-ċirkostanza jew ir-riskju li huwa relatat magħhom, fil-qafas tal-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Ftakar li inti ma għandekx tagħmel ġudizzji mediċi jew tagħti l-opinjoni tiegħek fuq trattament mogħti minn tabib. Bl-istess mod, tabib mhux mistenni jagħmel ġudizzji dwar il-ħtieġa ta' protezzjoni internazzjonali ([101]).
- Meta l-applikant jipprovdi rapport mediku dwar kundizzjoni li potenzjalment tevolvi, id-data/i tal-aħħar eżami(jiet) hija/huma importanti. Rapport li jkun aġġornat jista' juri aħjar is-sitwazzjoni kurrenti, filwaqt li rapport skadut jista' jagħti indikazzjonijiet tas-sitwazzjoni kif kienet iżda jista' jqajjem mistoqsijiet potenzjali dwar il-kundizzjoni u/jew il-kapaċitajiet kurrenti tal-applikant. Filwaqt li dan jista' ma jaffettwax il-valur probatorju

([101]) Rapport mediku u l-metodu ta' kif jiġi stabbilit ma jistgħux jiksru d-drittijiet fundamentali tal-applikazzjoni. Ara t-Taqsima 1.1.2(n) "Evidenza li tikser id-drittijiet fundamentali tal-applikant".

tar-rapport fir-rigward ta' avvenimenti tal-passat, l-element kurrenti tiegħu jista' jkun sinifikanti fil-valutazzjoni tiegħek taċ-ċirkostanzi personali li għandhom impatt fuq il-kredibilità jew il-valutazzjoni tar-riskju.

**Eżempju dwar il-valutazzjoni ta' ċertifikat mediku:** Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A

L-applikant ġab ċertifikat mingħand tabib ortopediku. L-applikazzjoni tal-kriterji ġenerali tal-valutazzjoni ta' evidenza dokumentarja u ta' evidenza oħra u dwar l-evidenza medika għal dan iċ-ċertifikat tista' tipproduċi l-analiżi li ġejja.

- **Rilevanza**. L-evidenza hija rilevanti, peress li fiha indikaturi possibbli ta' ċirkostanzi personali rilevanti li potenzjalment jista' jkollhom impatt fuq il-valutazzjoni tar-riskju tiegħek fir-rigward tal-kundizzjonijiet tas-sigurtà fil-pajjiż A.
- **Eżistenza/okkorrenza**. M'hemm l-ebda indikazzjoni li dan it-tip ta' dokument normalment ma jinħariġx minn tabib ortopediku f'ċirkostanzi simili.
- **Forma**. Iċ-ċertifikat inkiteb fuq ittra uffiċjali tal-uffiċċju tat-tabib. Dan jinkludi intestatura uffiċjali bl-informazzjoni kollha relatata mat-tabib (l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u tal-fax), id-data li fiha nħareġ id-dokument, l-isem tal-awtur kif ukoll il-kwalità li fiha jkun qed jintervjeni t-tabib, kif ukoll firma b'timbru uffiċjali. It-timbru fih l-isem tal-awtur.
- **Natura**. Dan huwa ppreżentat bħala dokument oriġinali u jippreżenta l-karatteristiċi kollha ta' dokument oriġinali, peress li l-firma u t-timbru jitwaħħlu b'linka blu u ma ġewx iffotokopjati.
- **Awtur**. L-awtur huwa tabib ortopediku u huwa identifikat b'mod ċar bħala tali.
- **Kontenut**. Iċ-ċertifikat jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar il-metodoloġija segwita mill-prattikant li ġie kkonsultat darbtejn għad-diffikultajiet serji tal-pazjent li jirriżultaw minn uġigħ sever f'saqajh. Il-konklużjonijiet huma primarjament ibbażati fuq osservazzjonijiet mediċi reċenti, inklużi immaġnijiet tar-raġġi X u diversi testijiet relatati. Iċ-ċertifikat ma jirreferix għall-Protokoll ta' Istanbul iżda jasal għall-konklużjoni ta' kundizzjoni li setgħet ġiet ikkawżata biss mit-tiġrib ta' trawma esterna severa. It-tabib jippreskrivi wkoll għadd ta' sessjonijiet ta' terapija fiżika u kura medika għal uġigħ sever. Iċ-ċertifikat isemmi li dan it-trattament jiġi pprovdut qabel ma tiġi kkunsidrata operazzjoni riskjuża. Iċ-ċertifikat ġie ppreżentat matul l-intervista personali u huwa ddatat ġimagħtejn qabel ma l-applikant ġie mismugħ.
- **Konklużjoni**. Minħabba l-issodisfar ġenerali tal-kriterji ta' valutazzjoni, dan id-dokument jappoġġa l-fatt li l-applikant għadda minn trattament ħażin sever u qed isofri minn uġigħ sever f'saqajh u minn diffikultajiet relatati biex jimxi.

### (b Informazzjoni ġenerali pprovduta mill-applikant

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Meta l-applikant jipprovdi informazzjoni ġenerali li jkollha l-għan li tappoġġa l-fatti materjali tal-applikazzjoni tiegħu (bħal, pereżempju, artikli fl-istampa jew fuq il-web relatati mal-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontra l-partit politiku tal-oppożizzjoni li fih l-applikant

jiddikjara li hu attiv), għandek teżamina din l-evidenza b'attenzjoni. Applika l-prinċipji ġenerali li inti tapplika għal-COI. B'mod partikolari, ivverifika l-affidabbiltà tas-sors, l-oġġettività, il-preċiżjoni, it-traċċabbiltà u r-rilevanza tiegħu. L-evidenza ppreżentata jeħtieġ li tkun aġġornata wkoll jew, jekk ikollha l-għan li tappoġġa avvenimenti tal-passat, għandha tkun kontemporanja ma' dawk l-avvenimenti jew relatata mal-fatti f'perspettiva storika. Skont is-sitwazzjoni, l-informazzjoni pprovduta mill-applikant tista' titlob aktar riċerka dwar -COI tiegħek stess, jekk ma jkollokx COI disponibbli dwar is-suġġett, sabiex tkun tista' tiddependi minn sorsi oħrajn ta' informazzjoni u tikseb l-aktar stampa bbilanċjata u komprensiva tas-sitwazzjoni. Għal aktar informazzjoni, irreferi għall-gwida tal-EUAA dwar dan is-suġġett ([102]).

### (c) Kontenut miġbur permezz tal-media soċjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-kriterji ta' hawn fuq għall-valutazzjoni tad-dokumenti u evidenza oħra huma applikabbli għall-kontenut miġbur permezz tal-media soċjali. Minbarra dawn, żomm f'moħħok li

> *il-kontenut disponibbli fuq il-kontijiet tal-media soċjali ħafna drabi ma jiġix sottomess għall-istess rigorożità fir-riċerka u proċess editorjali bħal media stabbilita jew sorsi oħrajn (COI). Għalhekk, ir-riskju jista' jkun ogħla li l-kontenut ma jkunx preċiż, ikun preġudikat, intenzjonalment qarrieqi jew dubjuż. Barra minn hekk, il-kontenut tagħhom spiss jiġi ġġenerat mill-utent. Meta tiġi vvalutata l-informazzjoni miksuba permezz tal-kontijiet tal-media soċjali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-identifikazzjoni tas-sors u lill-kontroverifika tal-kontenut* ([103]).

Ftakar li l-identità tal-awtur tal-post u tal-kontijiet tal-media soċjali privati tista' faċilment tiġi użurpata, saħansitra aktar milli fil-każ ta' elementi ta' evidenza oħrajn.

L-informazzjoni fuq il-media soċjali hija soġġetta għal bidliet faċli. Meta post fuq l-Internet ikun inkiteb mill-applikant innifsu, ġeneralment ikollu wkoll id-drittijiet li jagħmel emendi għall-kontenut u l-livell ta' pubbliċità tiegħu, jew saħansitra li jħassar il-post. Dan ifisser, pereżempju, li tali post seta' kien disponibbli f'punt wieħed (anke għal żmien qasir), iżda ma għadux jeżisti online, jew li jeżisti iżda mhux bl-istess kontenut, qabel jew fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' eżami.

- Jekk qed tippjana li tuża xi elementi ta' evidenza li sibt fuq il-media soċjali, tista' tikkunsidra li tistampahom jew tissejvjahom b'mod elettroniku, eż. bħala ritratt tal-iskrin, biex tevita li titlef l-informazzjoni f'każ li l-posts jiġu emendati jew jitħassru matul il-proċedura. Il-fajl (kemm jekk stampat kif ukoll jekk issejvjat f'format elettroniku) għandu jsemmi d-data li fiha ġiet aċċessata l-informazzjoni, sabiex ikun jista' jitqabbel ma' verżjonijiet preċedenti jew aktar tard.
- Jekk l-applikant jippreżentalek kopja stampata ta' paġna tal-Internet biex tappoġġa fatt materjali relatat ma' (il-pubbliċità mogħtija lil) dak il-post, jista' jkollok bżonn tiċċekkja jekk dak il-kontenut għadux disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet. Jekk dan ma jkunx

([102]) EASO, *Practical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum applications* (Gwida prattika dwar l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini mill-uffiċjali tal-każ għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil), Diċembru 2020, p. 13–17.
([103]) EASO, *Practical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum applications* (Gwida prattika dwar l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini mill-uffiċjali tal-każ għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil), Diċembru 2020, p. 56.

il-każ, jaf tkun interessat li tivverifika r-raġunijiet, li għalihom il-post xorta jkun rilevanti bħala evidenza ta' fatt materjali jew kif xorta jista' jappoġġa riskju mar-ritorn. Żomm f'moħħok li l-posts fuq l-Internet iħallu impronta diġitali, u li l-fatt li l-applikant ikun ħassar post ma jfissirx li din ma tistax tinkiseb. Ara wkoll it-Taqsima 3.3.2(d) "Indikaturi tar-riskju relatati mal-motiv tal-atturi biex iwettqu l-avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju".

#### (d) Xhieda

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Ix-xhieda tista' tiġi minn ħafna sorsi: mhux biss l-applikant jista' joffri xhieda jew testimonjanzi biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' spiss jipprovdu xhieda bil-miktub u l-awtorità tal-ażil tista' titlobhom ukoll.

Il-valur probatorju ta' xhieda jiġi eżaminat skont il-kriterji ġenerali ta' valutazzjoni. Meta tivvaluta x-xhieda, għandek tagħti attenzjoni speċjali lill-affidabbiltà tagħhom li, fost affarijiet oħra, hija ddeterminata mill-kapaċità tal-persuna li tixhed u l-mod kif l-informazzjoni hija magħrufa lilhom, jiġifieri informazzjoni diretta meta mqabbla ma' informazzjoni sekondarja. Meta tevalwa x-xhieda, ikkunsidra wkoll iċ-ċirkostanzi personali tal-persuna li qed tixhed (ix-xhud ukoll kien ittrawmatizzat; ix-xhud jista' jkollu rabtiet partikolari mal-applikant) kif ukoll il-kuntest li fih inkisbet ix-xhieda ([104]).

## 2.2. Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant skont l-indikaturi tal-kredibilità

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jkunu l-unika evidenza li l-applikanti jistgħu jipprovdu. L-indikaturi tal-kredibilità huma għodod biex tiġi vvalutata l-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet b'mod individwali, imparzjali u oġġettiv.

Fil-prattika, l-indikaturi tal-kredibilità jivvalutaw il-livell tad-dettalji u l-ispeċifiċità, il-koerenza u l-konsistenza, u l-plawżibbiltà tad-dikjarazzjonijiet kif ukoll il-konsistenza ta' dawn id-dikjarazzjonijiet mal-COI u ma' evidenza dokumentarja jew ma' evidenza oħra li hija marbuta ma' kull fatt materjali.

L-Artikolu 4(5)(c) tal-QD (riformulazzjoni) jipprovdi l-qafas bażiku għall-indikaturi tal-kredibilità "…id-dikjarazzjonijiet tal-applikant jinstabu li huma koerenti u plawżibbli u ma jmorrux kontra informazzjoni speċifika u ġenerali rilevanti għall-każ tal-applikant" u dawn għandhom dejjem jiġu applikati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ([105]).

([104]) Ara wkoll ir-rapport tal-UNHCR, *Beyond Proof, Credibility Assessment in EU Asylum Systems: Full Report* (Lil Hinn mill-Prova, Valutazzjoni tal-Kredibbiltà fis-Sistemi tal-Ażil tal-UE: Rapport Sħiħ), Mejju 2013, Kapitolu 5, Taqsima 4.

([105]) L-indikaturi tal-kredibilità komplew jiżviluppaw fil-ġurisprudenza, għal aktar informazzjoni, ara l-EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità tal-EUAA kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023, p. 120–121.

L-indikaturi jistgħu jinġabru skont il-kredibilità interna, il-kredibilità esterna u l-plawżibbiltà.

**Illustrazzjoni 10. Indikaturi tal-kredibilità**




Għandek tagħmel ħiltek biex tuża l-indikaturi tal-kredibilità applikabbli kollha ħalli tivvaluta kull fatt materjali. Madankollu, mhux l-indikaturi kollha jistgħu jkunu rilevanti b'mod ugwali għall-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet skont dwar xiex ikun il-fatt materjali. Jekk indikatur tal-kredibilità ma jkunx adattat għall-valutazzjoni ta' fatt materjali speċifiku, ikun possibbli li ma jintużax.

**Ftakar li għandek tqis il-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjoni**

Iċ-ċirkostanzi personali relatati mal-applikant u ċ-ċirkostanzi kuntestwali relatati mal-intervista jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant. Meta jiġu applikati l-indikaturi tal-kredibilità, huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod simultanju fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet. Ara t-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet").

## 2.2.1. Applika indikaturi tal-kredibilità interna

kredibilità interna tirreferi għall-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant u kwalunkwe evidenza oħra li tiġi ppreżentata mill-applikant, inklużi dikjarazzjonijiet bil-miktub u evidenza dokumentarja. Il-kredibilità interna tinkludi l-indikaturi tal-kredibilità dwar is-suffiċjenza tad-dettalji u l-ispeċifiċità kif ukoll il-koerenza u l-konsistenza.

### Suffiċjenza tad-dettalji u l-ispeċifiċità

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Is-suffiċjenza tad-dettalji u l-indikatur tal-ispeċifiċità jirreferu għall-mod kif avveniment huwa esperjenzat u espress mill-applikant, u l-livell u n-natura tad-dettalji li jiġu flimkien ma' dawn.

B'mod ġenerali, ir-rendikont ta' esperjenzi ta' ħajja personali spiss jinkludi aktar dettalji, pereżempju dettalji sensorji, sensazzjonijiet jew osservazzjonijiet, meta mqabbel ma' rendikont ta' persuna li ma kellhiex dawn l-esperjenzi, b'mod partikolari jekk l-esperjenza tkun seħħet reċentement jew jekk tkun affettwat il-ħajja tal-persuna. Minkejja li jistgħu jseħħu affarijiet simili għal nies differenti, l-istess avveniment qatt ma jiġi esperjenzat u mfakkar minn kull individwu bl-istess mod. Livell suffiċjenti ta' dettall u ta' speċifiċità jirrikjedi li l-applikant jiddeskrivi l-avveniment minn għajnejh stess, bħala kamera suġġettiva, minflok minn perspettiva ġenerali.

**Prattika tajba**

Sabiex tispjega lill-applikant il-livell ta' dettall u speċifiċità li huwa mistenni minnu f'avveniment tal-passat partikolari, tista' tipprovdi eżempju billi tiddeskrivi avveniment qasir li ġralek, filwaqt li tagħti attenzjoni għal dak li rajt, smajt, ħassejt u ħsibt waqt l-avveniment. Għandek tieħu nota ta' din l-ispjegazzjoni fit-traskrizzjoni tal-intervista sabiex ikun ċar għal min jieħu d-deċiżjoni kif l-applikant intalab jipprovdi aktar dettalji jew dikjarazzjonijiet aktar speċifiċi.

Nuqqas ta' dettall u speċifiċità mhux bilfors se jwassal għal sejba negattiva ta' kredibilità. L-ewwel nett, in-nuqqas ta' dettall u ta' speċifiċità jrid ikun ċentrali għall-fatt materjali, li huwa relatat mad-deskrizzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni jew tal-avveniment. It-tieni, irid ikun raġonevoli wkoll li wieħed jistenna li l-applikant jagħti ċertu livell ta' dettall u speċifiċità, skont, pereżempju, il-punt sa fejn ikun għex personalment matul l-avveniment jew is-sitwazzjoni jew kemm l-avveniment, jew dettall speċifiku, seta' kien importanti jew mhux importanti għall-applikant f'dak il-mument.

Barra minn hekk, għandek tiftakar li l-livell tad-dettalji u l-ispeċifiċità li jistgħu jkunu mistennija b'mod raġonevoli mill-applikant se jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi personali u kuntestwali tagħhom, speċifikament il-fatturi ta' distorsjoni. Jista' jkun hemm spjegazzjoni raġonevoli li tirriżulta mill-fatturi ta' distorsjoni dwar għaliex l-applikant ma jistax jiftakar id-dettalji ta' ċerti avvenimenti (ara t-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet" għal aktar dettalji). Qabel ma tagħmel kwalunkwe sejba dwar is-suffiċjenza tal-livell ta' dettall jew l-ispeċifiċità, kun ċert li l-applikant kien konxju dwar kemm dettall u l-livell ta' speċifiċità li kien mistenni minnu matul l-intervista personali. Żgura wkoll li l-intervista saret b'mod li ppermetta lill-applikant jipprovdi d-dettalji. Għalhekk, nuqqas ta' dettall ma jaffettwax il-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant fis-sitwazzjonijiet kollha.

**Eżempju dwar id-dettalji u l-ispeċifiċità li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija meta jitqies il-funzjonament tal-memorja:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

L-applikanta ddikjarat li hija ħadet sehem f'dimostrazzjoni u ffilmjat l-avveniment bl-ismartphone tagħha. Il-forzi tas-sigurtà talbuha l-mowbajl tagħha u hija ġiet miżmuma arbitrarjament wara li rrifjutat li tgħaddi l-ismartphone tagħha lill-forzi tas-sigurtà. Inti, bħala uffiċjal tal-każ, tistaqsi lill-applikanta diversi mistoqsijiet dwar il-kuntest tal-avveniment, bħal liema tip ta' bini kien hemm madwar il-post fejn seħħet id-dimostrazzjoni u tistaqsi kif kienu jidhru l-uffiċjali li arrestawha, mingħajr ma tirċievi tweġibiet dettaljati.

Inti tiddeċiedi li titlob lill-applikanta spjegazzjoni dwar għaliex mhijiex qed tiddeskrivi l-kuntest aktar fid-dettall. L-applikanta twieġeb li ma tiftakarx x'kien il-bini jew kif kienu jidhru l-uffiċjali għaliex iffokat l-attenzjoni tagħha fuq li tipprova taqsam il-vidjo li kienet iffilmjat online qabel ma l-uffiċjali ħadulha l-mowbajl u minħabba li kienet imbeżżgħa f'din is-sitwazzjoni. Meta l-applikanta tintalab tiddeskrivi mill-perspettiva tagħha stess x'ġara fir-rigward tal-ismartphone, hija tispjega fit-tul x'ġara fid-dimostrazzjoni permezz tal-lenti tal-kamera fl-ismartphone tagħha u kif irnexxielha taqsam il-vidjo online qabel ma tteħdilha l-mowbajl. Hija tiddeskrivi wkoll fid-dettall il-motivazzjonijiet tagħha għall-parteċipazzjoni fid-dimostrazzjoni minkejja li kienet tibża' li sseħħ xi ħaġa ħażina – kif ġara fil-passat – u kif ħassha meta kienet qasmet il-vidjo u ġiet arrestata.

Tista' tikkonkludi li n-nuqqas inizjali ta' dettall u speċifiċità kien minħabba l-fatturi ta' distorsjoni relatati ma' kif jaħdmu l-funzjonijiet tal-memorja (ara t-Taqsima 2.3.1(a) "Funzjonament tal-memorja") u kif twettqet l-intervista (ara t-Taqsima 2.3.2. "Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ"). Tista' tikkonkludi wkoll li l-applikanta pprovdiet rendikont iddettaljat u speċifiku dwar l-elementi sostanzjali tal-fatt materjali relatat mal-avvenimenti li seħħew matul id-dimostrazzjoni.

#### Koerenza u konsistenza

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-indikatur tal-koerenza u tal-konsistenza jirreferi għan-nuqqas ta' diskrepanza jew ta' kontradizzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-applikant u bejn id-dikjarazzjonijiet u evidenza oħra ppreżentata mill-applikant. Dan huwa relatat ma':

- dikjarazzjonijiet orali jew bil-miktub mogħtija mill-applikant b'mod ġenerali;
- dikjarazzjonijiet mogħtija mill-applikant f'ħinijiet differenti matul il-proċedura;
- evidenza oħra ppreżentata mill-applikant (ara t-Taqsima 1.1.2. "Iġbor elementi ta' evidenza rilevanti għall-applikazzjoni").

Esperjenzi li seħħew verament ġeneralment jistgħu jiġu rrapportati b'mod aktar koerenti u konsistenti. B'mod simili għal-livell ta' dettall u speċifiċità, mhijiex biss xi inkoerenza u inkonsistenza li se twassal għal sejba negattiva ta' kredibilità. Mhijiex xi ħaġa rari li narrattiva tinkludi diskrepanzi żgħar. Fl-istess ħin, ma għandu jkun hemm l-ebda nuqqas jew kontradizzjoni sinifikanti li ma ġietx spjegata mill-applikant b'mod sodisfaċenti.

Il-livell ta' koerenza u konsistenza li jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli mill-applikant se jvarja skont iċ-ċirkostanzi personali u kuntestwali tiegħu, speċifikament il-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjoni. Qabel ma tagħmel kwalunkwe sejba dwar il-koerenza u l-konsistenza, żgura li l-applikant kien konxju dwar liema livell ta' koerenza u konsistenza kien mistenni minnu waqt l-intervista personali u li l-intervista saret b'mod li ppermetta lill-applikant jipprovdi tali dikjarazzjonijiet. L-applikant jeħtieġ ukoll li jkun ingħata opportunità li jiċċara kwalunkwe inkonsistenza jew inkoerenza li hija ċentrali għall-valutazzjoni ta' fatt materjali. Għalhekk, nuqqas ta' konsistenza ma jaffettwax il-kredibilità fis-sitwazzjonijiet kollha.

**L-imġiba ma għandha qatt tintuża bħala indikatur tal-kredibilità**

Ġeneralment, l-imġiba tirreferi għal komunikazzjoni u mġiba mhux verbali, bħat-ton tal-vuċi, il-manjieri, il-kuntatt bl-għajnejn jew l-espressjonijiet tal-wiċċ, eċċ. Dawn is-sinjali huma viżibbli waqt l-intervista personali.

Qatt ma għandek tuża l-imġiba bħala indikatur tal-kredibilità. Is-sinjali mhux verbali mhumiex universali, peress li t-tifsira tagħhom hija mibnija b'mod kulturali u affettwata minn karatteristiċi personali, bħall-età, il-ġeneru, l-edukazzjoni jew il-kundizzjoni psikoloġika. Is-sejbiet ibbażati fuq l-imġiba ta' applikant ta' spiss ikunu ugwali għal suppożizzjonijiet sempliċi u ġudizzji suġġettivi bbażati fuq sentimenti impulsivi.

## 2.2.2. Applika indikaturi tal-kredibilità esterna

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-kredibilità esterna tirreferi għall-konsistenza bejn id-dikjarazzjonijiet ipprovduti mill-applikant u l-evidenza li hija disponibbli għall-awtorità determinanti, inklużi l-COI, l-evidenza esperta jew evidenza esterna oħra.

Tipi differenti ta' evidenza jistgħu jkunu disponibbli għalik. Għandek tiġbor b'mod attiv ċerta evidenza għaliex tista' tkun f'pożizzjoni aħjar mill-applikant biex tikseb aċċess għaliha, b'mod partikolari l-COI ([106]). Tista' tikkunsidra wkoll li tfittex parir espert li huwa rilevanti għall-eżami xieraq tal-applikazzjoni, bħal evidenza medika ([107]). Għal aktar informazzjoni dwar liema evidenza tista' tkun disponibbli, ara t-Taqsima 1.1.2. "Iġbor elementi ta' evidenza rilevanti għall-applikazzjoni".

([106]) QĠUE, is-Sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, *M.M. vs Minister for Justice, Equality and Law Reform (Ireland) et*, C-277/11, EU:C:2012:744. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([107]) Ara l-Artikolu 18(1) tal-APD (riformulazzjoni).

### Konsistenza mal-COI

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Dejjem għandek tivvaluta l-konsistenza tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant mal-COI billi tikkunsidra l-fatti rilevanti kollha relatati mal-pajjiż tal-oriġini.

**L-Artikolu 4(3)(a) tal-QD (riformulazzjoni) – Valutazzjoni tal-fatti u ċ-ċirkostanzi**

*3. Il-valutazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali trid titwettaq fuq bażi individwali u tinkludi t-teħid f'kunsiderazzjoni ta':*

*(a) il-fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż tal-oriġini fil-mument tat-teħid ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni, inkluż liġijiet u regolamenti tal-pajjiż tal-oriġini u l-manjiera li biha jiġu applikati;*

Il-COI tista' tikkorrobora jew tikkontradixxi d-dikjarazzjonijiet tal-applikant. Id-dikjarazzjonijiet tal-applikant li huma appoġġati minn COI huma konsistenti magħha, filwaqt li d-dikjarazzjonijiet li huma f'kontradizzjoni ma' COI mhumiex konsistenti magħha. Il-COI spiss tagħti kuntest għall-applikazzjoni tal-applikant iżda rarament jista' jiġi stabbilit li ċertu avveniment fil-passat seħħ għal ċerta persuna. Għalhekk, rarament hija evidenza determinanti fil-valutazzjoni ta' jekk fatt materjali huwiex aċċettat jew irrifjutat.

In-nuqqas ta' COI, wara li tkun saret riċerka xierqa dwar il-COI, mhux neċessarjament iwassal għal sejba negattiva ta' kredibilità. Il-COI tista' ma tkunx disponibbli minħabba diversi raġunijiet, pereżempju bħala riżultat ta' nuqqas ta' rapportar ta' riskji li għalihom ċerti gruppi emarġinati jistgħu jkunu esposti fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom ([108]) jew meta s-sitwazzjoni tkun qed tinbidel malajr fil-pajjiż tal-oriġini. Qabel ma tasal għall-konklużjonijiet, għandek tikkunsidra kemm huwa probabbli li jkun hemm COI rilevanti disponibbli dwar l-elementi li tkun qed tagħmel riċerka dwarhom.

**Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata**

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu tal-COI fil-valutazzjoni tal-kredibilità, inklużi eżempji, ara l-EASO, *tal-oriġiniPractical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum applications* (Gwida prattika dwar l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini mill-uffiċjali tal-każ għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil), Diċembru 2020, it-Taqsima 3.3. "Valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali".

([108]) Għal aktar informazzjoni, ara l-UNHCR, *Guidelines on International Protection no. 1: Gender-related persecution in the context of Article 1A(2) of the 1951 Convention and/or its 1967 Protocol relating to the status of refugees*, 7 ta' Mejju 2002, il-paragrafu 37; UNHCR, *Guidelines on International Protection no. 9: Claims to refugee status on sexual orientation and/or gender identity within the context of Article 1A(2) of the 1951 Convention and/or its Protocol relating to the status of refugees*, it-23 ta' Ottubru 2012, il-paragrafu 66.

### Konsistenza mal-evidenza dokumentarja u ma' evidenza oħra

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Evidenza dokumentarja u evidenza oħra tista' tinkludi dikjarazzjonijiet minn membri tal-familja u xhieda, dokumenti minn awtoritajiet oħrajn tal-Istat, rapporti ta' esperti u valutazzjonijiet mediċi. Din l-evidenza tista' tikkorrobora jew tikkontradixxi d-dikjarazzjonijiet tal-applikant. Bħala punt tat-tluq, inti diġà tkun ivvalutajt il-valur probatorju ta' din l-evidenza qabel ma tapplika l-indikatur tal-kredibilità.

B'mod simili għall-valutazzjoni tal-kredibilità interna, mhux l-inkonsistenzi kollha se jwasslu għal sejba negattiva ta' kredibilità. Jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk l-inkonsistenzi humiex relatati mal-elementi ċentrali ta' fatt materjali u liema livell ta' konsistenza jista' jkun mistenni mill-applikant. Dan għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjoni u l-kuntest madwar id-dikjarazzjonijiet. Jekk ikun hemm evidenza li tikkontradixxi d-dikjarazzjonijiet tal-applikant, għandek tindirizza dan u tagħti lill-applikant opportunità biex jispjega l-inkonsistenzi u tikkunsidra din l-ispjegazzjoni fil-valutazzjoni tal-kredibilità.

**Eżempju dwar il-konsistenza bejn id-dikjarazzjonijiet tal-membri tal-familja:** Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A

L-applikant applika għall-protezzjoni internazzjonali ma' ħuh iż-żgħir. It-tnejn li huma jiddeskrivu fl-intervisti personali tagħhom li huma ħallew il-pajjiż tal-oriġini b'deċiżjoni tal-ġenituri tagħhom wara li missierhom irċieva talbiet minn grupp terroristiku biex l-applikant u ħuh iż-żgħir jingħaqdu mal-organizzazzjoni.

L-applikant jiddeskrivi fid-dettall kif kien maġenb missieru meta rċieva applikazzjoni mingħand il-grupp terroristiku biex jingħaqad miegħu u kif xi ħadd jiġi minnu kien qallu li rġiel żgħażagħ kienu qed jiġu rreklutati bil-forza fir-raħal ta' ħdejhom. Ħu l-applikant, min-naħa l-oħra, ipprovda biss dikjarazzjonijiet vagi. Huwa ddeskriva kif ommu kienet qaltlu li kellu jitlaq ma' ħuh minħabba li kien hemm irġiel b'armi tan-nar li kienu qed ifittxuh il-ħin kollu u kif ħassu mbeżża' wara li kien sar jaf dwar dan.

Inti tinnota li d-dikjarazzjonijiet fihom inkonsistenzi li mhumiex żgħar fir-rigward tal-aspetti ċentrali tal-fatt materjali. Qabel ma tikkonkludi dwar il-konsistenza bejn dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet, għandek tikkunsidra fatturi ta' distorsjoni u fatturi ċirkostanzjali li jistgħu jispjegaw dikjarazzjonijiet differenti (ara t-Taqsima 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet").

Għandek tikkunsidra wkoll il-kuntest ta' dawn l-avvenimenti tal-passat u l-funzjonament tal-memorja (ara t-Taqsima 2.3.1(a) "Funzjonament tal-memorja"). L-applikant jiddeskrivi l-avvenimenti mill-perspettiva li kien involut direttament f'xi wħud mis-sitwazzjonijiet, filwaqt li ħuh iż-żgħir jispjega l-avvenimenti kif qalithomlu ommu. Tista' tikkunsidra wkoll l-età tagħhom (ara t-Taqsima 2.3.1(d) "Età"), peress li l-applikant kien adult żagħżugħ meta seħħew dawn l-avvenimenti, filwaqt li ħuh kien minorenni b'anqas maturità biex jifhem u jiddeskrivi x'kienu jfissru l-avvenimenti. Tista' tassumi li d-dikjarazzjonijiet tal-applikant u ta' ħuh huma raġonevolment konsistenti u, għalhekk, ma tkunx teħtieġ li titlob lill-applikant spjegazzjoni għad-dikjarazzjonijiet li dehru inkonsistenti.

### 2.2.3 Applika l-indikatur tal-plawżibbiltà

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-plawżibbiltà tirreferi għal dak li huwa possibbli jew possibbli li wieħed jemmen fir-rigward tal-informazzjoni ġeneralment aċċettata, bħal-liġijiet tal-fiżika jew il-kors fattibbli tal-avvenimenti.

Il-kunċett tal-plawżibilità għandu jintuża b'kawtela biex jiġu evitati l-ispekulazzjoni u s-suppożizzjonijiet jew il-prekonċezzjonijiet suġġettivi:

- Avveniment mhuwiex implawżibbli sempliċiment minħabba li mhuwiex probabbli. Avvenimenti improbabbli jseħħu. Madankollu, serje ta' avvenimenti improbabbli konsekuttivi jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' plawżibbiltà, speċjalment meta indikaturi oħrajn tal-kredibilità jippuntaw lejn l-istess direzzjoni.
- Il-plawżibbiltà għandha tiġi applikata biss jekk l-applikant ikun ingħata opportunità li jiċċara dikjarazzjonijiet li ma jidhrux plawżibbli.
- Is-sejbiet dwar il-plawżibbiltà jridu jiġu appoġġati minn raġunament oġġettivament ġustifikabbli.
- L-indikatur tal-plawżibbiltà jista' jintuża biss flimkien ma' indikaturi oħrajn tal-kredibilità.

Fatt jista' jkun kompletament plawżibbli meta jiġi kkunsidrat fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-applikant inklużi l-ġeneru, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-edukazzjoni, l-isfond soċjali u kulturali, l-esperjenzi tal-ħajja u ċ-ċirkostanzi fil-pajjiż tal-oriġini jew fil-post tar-residenza abitwali. Għandek tkun taf li jista' jkun hemm differenzi bejn il-perspettiva tiegħek u dik tal-applikant, li potenzjalment jistgħu jispjegaw in-nuqqas ta' plawżibbiltà li tidher.

## 2.3. Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-kapaċità li tiġi ppreżentata l-evidenza u l-mod kif tiġi ppreżentata l-evidenza jistgħu jiġu distorti minn diversi fatturi, li jistgħu jispjegaw, pereżempju, in-nuqqas ta' dettall jew inkonsistenzi fid-dikjarazzjonijiet tal-applikant. Waqt li tkun qed tivvaluta l-kredibilità, għandek tikkunsidra l-fatturi li ġejjin:

- fatturi relatati mal-applikant;
- fatturi relatati mal-interpretazzjoni u mas-sitwazzjoni tal-intervista;
- fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ.

Il-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet dejjem se jeżistu u mhuwiex possibbli li jiġu evitati. Madankollu, jeħtieġ li tkun konxju tagħhom meta ssir l-intervista personali ([109]) u meta tiġi vvalutata l-kredibilità biex tkun tista' timminimizza l-impatt tagħhom ([110]).

**Żomm f'moħħok l-impatt tat-tekniki tal-intervista**

It-tekniki tal-intervista li jintużaw waqt l-intervista personali jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant: jekk il-mistoqsijiet jiġux mistoqsija b'mod li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi personali; jekk l-applikant jingħatax spjegazzjoni dwar x'inhu mistenni minnu; jekk il-mistoqsijiet jiġux mistoqsija f'ordni li tinftiehem faċilment. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li jiġi kkunsidrat il-mod kif saret l-intervista personali meta jiġi kkunsidrat kif il-fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet. Għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsima 1.1.1(b) "Issodisfa d-dmir tal-uffiċjal tal-każ li jinvestiga".

Ħafna fatturi ta' distorsjoni jistgħu jseħħu fl-istess ħin u jkunu marbuta ma' xulxin. It-taqsimiet ta' hawn taħt jipprovdu lista mhux eżawrjenti ta' fatturi komuni.

## 2.3.1. Fatturi relatati mal-applikant

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-fatturi ta' distorsjoni jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-applikant li jiftakar u jerġa' jirrakkonta l-fatti rilevanti kif ukoll il-kapaċità tiegħu li jaffronta s-sitwazzjoni tal-intervista. Fatturi ta' distorsjoni jistgħu jiġu identifikati fl-evidenza dokumentarja li hija disponibbli fl-applikazzjoni, pereżempju relatata mal-età jew mal-kundizzjonijiet tas-saħħa, filwaqt li fatturi oħrajn jistgħu jiġu identifikati fid-dettalji tal-isfond inklużi fil-fajl tal-każ, pereżempju l-ġeneru jew il-livell ta' edukazzjoni. Il-fatturi jistgħu jidhru wkoll fid-dikjarazzjonijiet tal-applikant, pereżempju relatati mal-funzjonament tal-memorja jew mas-sentimenti ta' stigma u mistħija, jew fir-rigward tad-dehra fiżika u l-imġiba tal-applikant, bħal espressjonijiet ta' biża', trawma jew kundizzjonijiet tas-saħħa mentali.

([109]) Għal aktar informazzjoni dwar it-twettiq tal-intervista personali, ara l-EASO, *Gwida prattika: Intervista personali*, Diċembru 2014.

([110]) F'konformità mal-Artikolu 10(3)(a) tal-APD (riformulazzjoni): "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet jiġu eżaminati u d-deċiżjonijiet jiġu meħuda individwalment, oġġettivament u imparzjalment". F'konformità mal-Artikolu 15(3)(a) tal-APD (riformulazzjoni):
*L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuna li tagħmel l-intervista tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali, sess, orjentazzjoni sesswali, identità sesswali jew il-vulnerabbiltà tal-applikant.*

**Żomm f'moħħok il-limiti tal-għarfien espert tiegħek**

M'intix ikkwalifikat biex tagħmel dijanjożi tal-applikant jew tagħmel valutazzjonijiet barra mill-kapaċitajiet tiegħek fl-ambitu tal-proċedura tal-ażil. Għandek tirreferi lill-applikant għal appoġġ jew valutazzjoni professjonali, bħal appoġġ mediku u psikoloġiku jew valutazzjoni tal-età, meta jkun meħtieġ, skont il-linji gwida nazzjonali tiegħek (ara t-Taqsima 1.1.2 "Iġbor elementi ta' evidenza rilevanti għall-applikazzjoni" għal aktar informazzjoni). Madankollu, tista' tagħmel osservazzjonijiet rigward il-fatturi potenzjali ta' distorsjoni.

Il-lista mhux eżawrjenti ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn kif il-fatturi relatati mal-applikant jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet.

### (a) Funzjonament tal-memorja

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-applikanti spiss ikollhom biss il-memorji tagħhom fuqiex jiddependu fid-dikjarazzjonijiet tagħhom. It-tfakkir tad-dati, tad-dettalji ta' avveniment li seħħ fil-passat, id-distinzjoni ta' avvenimenti rikorrenti jew id-deskrizzjoni tan-nies li ltaqgħu magħhom jistgħu jkunu eżerċizzju diffiċli ħafna. Biex ikun hemm aspettattivi realistiċi dwar l-informazzjoni li tista' tinkiseb permezz ta' dikjarazzjonijiet, huwa importanti li wieħed jifhem kif taħdem il-memorja tal-bniedem. Il-kunsiderazzjoni ta' kif il-funzjonament tal-memorja jista' jaffettwa d-dikjarazzjonijiet hija rilevanti fil-każijiet tal-applikanti kollha.

Il-memorja tal-bniedem għandha s-saffi u l-limiti tagħha. Il-memorji mhumiex rekord litterali ta' dak li jseħħ, iżda rikostruzzjoni ta' esperjenzi personali tal-avvenimenti. Din ir-rikostruzzjoni hija simili għat-tagħqid flimkien ta' jigsaw puzzle minn biċċiet mifruxa f'diversi partijiet tal-moħħ. Il-mod kif dawn il-biċċiet jiġu assemblati mill-ġdid jiġi ddeterminat minn ħafna fatturi differenti, bħall-għarfien fil-ħin tar-rikostruzzjoni, is-sentimenti fil-ħin tar-rikostruzzjoni u x'jistimola l-irkupru tagħhom. B'riżultat ta' dan, il-memorji jinbidlu maż-żmien u ċertu grad ta' inkonsistenza huwa inevitabbli. Il-lakuni fil-memorja tagħna huma, konxjament jew mhux konxjament, mimlija b'informazzjoni ġeneralment relatata ([111]).

([111]) EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023, p. 254–259; S. Black, L. J. Levine u T. M. Laulhere, "Autobiographical remembering and hypermnesia: A comparison of older and younger adults", *Psychology and Ageing*, Vol. 14, 1999, p. 671–82; M. Conway u E. Holmes, "Memory and the law: Recommendations from the scientific study of human memory", *The British Psychological Society Press*, 2008, p. 2 iċċitat f'UNHCR, *Beyond proof: Credibility assessment in EU asylum systems*, 2013, p. 57; M. A. Conway u C. Loveday, "Remembering, imagining, false memories & personal meanings, *Consciousness and Cognition*", 2015, p. 574–581; I. E. Hyman u E. F. Loftus, "Errors in autobiographical memory", *Clinical Psychology Review*, 1998, pp. 933–947 iċċitat f'Abo Akademi University & Free University Amsterdam, Psychological assumptions underlying credibility assessments in Finnish asylum determinations, 2021, p. 4-5.

L-informazzjoni li tiġi pprovduta meta wieħed jiftakar f'avveniment tal-passat tista' tvarja skont diversi raġunijiet ([112]).

- **Attenzjoni matul l-avveniment tal-passat.** In-nies għandhom it-tendenza li jiftakru b'mod preċiż l-informazzjoni li jikkunsidraw (emozzjonalment) importanti kif ukoll l-aspetti ta' avveniment li ġibed l-attenzjoni tagħhom, li jikkostitwixxu d-dettalji ewlenin tal-memorja. Informazzjoni oħra tista' lanqas biss tibqa' fil-memorja peress li hija periferali għall-persuna kkonċernata.
- **L-importanza tal-avveniment passat**. L-avvenimenti li b'xi mod jispikkaw huma aktar faċli biex wieħed jiftakarhom. Il-memorji ordinarji ta' kuljum huma aktar ġeneralizzati u jiffokaw fuq "kif normalment ikunu l-affarijiet" aktar milli fuq dak li eżattament ġara. Is-soċjalizzazzjoni tista' taffettwa dak li jitqies bħala "kif normalment ikunu l-affarijiet" għaliex dan ikun rikorrenti u soċjalment aċċettat.
- **Dettalji żgħar**. Id-dettalji tal-avvenimenti ta' spiss jitqiegħdu fil-memorja temporanja tagħna, iżda ma jinħażnux fil-memorja fit-tul tagħna, li jagħmilhom diffiċli ħafna jew saħansitra impossibbli li tiftakarhom. Dan huwa partikolarment minnu għal informazzjoni temporali, bħal dati, ħinijiet, frekwenza u durata, id-dehra ta' oġġetti ta' kuljum, bħal muniti jew karti tal-flus, ismijiet preċiżi u r-riproduzzjoni litterali ta' interazzjonijiet verbali. Il-memorja għal dawn id-dettalji mhijiex affidabbli.
- **Avvenimenti ripetuti**. Il-memorji ta' avvenimenti ripetuti jitħalltu flimkien f'memorji ġenerali jew "skematiċi". Jekk avvenimenti simili jiġu esperjenzati diversi drabi, probabbilment ikun possibbli li wieħed jiftakar x'ġara tipikament matul dawn l-avvenimenti, iżda diffiċli li wieħed jiftakar x'ġara matul kull istanza, sakemm istanza speċifika ma spikkatx b'mod partikolari.
- **Il-ħin li għadda mill-avveniment tal-passat.** Aktar ma jgħaddi żmien mill-avveniment, anqas ma n-nies jiftakru dettalji speċifiċi. Id-dettalji ewlenin ta' avveniment jiġu miftakrin aħjar u huma anqas suxxettibbli li jinbidlu maż-żmien meta mqabbla mad-dettalji periferali.
- **Memorja miftakra b'mod ripetut.** It-tifkir ripetut spiss iwassal għal rendikonti aktar elaborati tal-memorji. In-nies jiftakru aktar dettalji u/jew dettalji differenti ma' kull tifkira lura ta' memorja, filwaqt li dettalji oħrajn jistgħu jitħallew barra, u b'hekk il-memorja titfakkar b'mod differenti kull darba.

([112]) H. Evans Cameron, "Refugee status determinations and the limits of memory", *International Journal of Refugee Law*, Vol. 22, 2010, p. 469–511; S. A. Christianson u M. A. Safer, "Emotional events and emotions in autobiographical memories" f'D. C. Rubin (ed.), *Remembering our past: Studies in autobiographical memory, Cambridge*, 2005, p. 218–41 iċċitat f'EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023, p. 169-170; il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual, Vol. 1, 2013, p. 67–80, 85; J. Herlihy, L. Jobson u S. Turner, "Just tell us what happened to you: Autobiographical memory and seeking asylum", 2012, p. 661–676 iċċitat f'Abo Akademi University & Free University Amsterdam, Psychological assumptions underlying credibility assessments in Finnish asylum determinations, 2021, p. 5; C. Peterson u N. Whalen, "Five years later: Children's memory for medical emergencies, Applied Cognitive Psychology", Vol. 15, 2001, p. 7–24 iċċitat f'UNHCR, *The heart of the matter: Assessing credibility when children apply for asylum in the European Union*, 2014, p. 67–68; J. Herlihy u S. Turner, "The psychology of seeking protection, International Journal of Refugee Law", Vol. 21, 2009, p. 181; J. Cohen, "Questions of credibility: Omissions, discrepancies and errors of recall in the testimony of asylum seekers", *International Journal of Refugee Law*, Vol. 13, 2001, p. 293–309; M. Eastmond, "Stories as lived experience: Narratives in forced migration research", *Journal of Refugee Studies*, Vol. 20, 2007, p. 248–264; B. Tversky u E. J. Marsh, "Biased retellings of events yield biased memories", *Cognitive Psychology*, Vol. 40, 2000, paġni 1–38, u H. Evans Cameron, "Refugee status determinations and the limits of memory", *International Journal of Refugee Law*, Vol. 22, 2010, p. 506 iċċitat f'UNHCR, *Beyond proof: Credibility assessment in EU asylum systems*, 2013, p. 57-60.

- **Kuntest fejn titfakkar il-memorja.** Il-memorji huma suxxettibbli għal suġġerimenti, anke sal-punt li n-nies jistgħu jirrapportaw memorji jew dettalji foloz. Ħafna jiddependi wkoll fuq l-udjenza u l-għan tar-rendikont, il-forma tal-proċess tal-irkupru, il-mod kif issir mistoqsija u t-tip ta' mistoqsija użata.

Il-mod kif il-memorja tiffunzjona jeħtieġ li jitqies kif xieraq meta jiġu vvalutati d-dikjarazzjonijiet tal-applikant rigward il-konsistenza u l-livell tad-dettalji.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li l-aspetti ċentrali tal-avveniment ġew esplorati fil-fond mill-perspettiva tal-applikant stess. Stenna li l-applikanti jipprovdu rendikonti aktar iddettaljati u konsistenti biss dwar l-aspetti li huma l-aktar sinifikanti għalihom.
- Ikkunsidra dettalji iżgħar biss meta jkunu personalment importanti għall-applikant. Pereżempju, id-dettalji relatati maż-żmien li jkun seħħ avveniment jistgħu jkunu aktar affidabbli meta jiġu vvalutati permezz ta' dak li huwa personalment importanti għall-applikant minflok meta seħħew skont il-kalendarju.
- Żgura li l-applikant intalab biex jirrakkonta aspetti li ma kinux iddettaljati jew koerenti biżżejjed fid-dikjarazzjoni inizjali. Stenna li l-applikant jerġa' jirrakkonta b'mod simili biss l-aspetti ewlenin tal-avveniment u l-aspetti li huma personalment importanti għalih, peress li d-dikjarazzjonijiet jistgħu jinkludu aktar dettalji u dawn id-dettalji jistgħu ma jkunux l-istess it-tieni darba.
- Żgura li waqt l-intervista ġew evitati mistoqsijiet suġġestivi peress li dawn jistgħu jinfluwenzaw b'mod dirett il-memorja u l-proċess ta' rikostruzzjoni nnifsu. Żomm f'moħħok li t-tekniki tal-intervista għandhom impatt fuq il-mod kif tinkiseb l-informazzjoni mill-memorja.

### (b) Trawma

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-esponiment għal avvenimenti negattivi tal-ħajja għandu t-tendenza li jkun ħafna ogħla fost l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali milli fil-popolazzjoni ġenerali ([113]). It-trawma, iddefinita bħala esponiment għal "avveniment jew sitwazzjoni stressanti (ta' durata qasira jew twila) ta' natura eċċezzjonalment ta' theddid jew katastrofika" ([114]), għandha impatt kbir fuq il-memorja u l-imġiba. It-trawma u l-konsegwenzi tagħha, bħall-PTSD, jaffettwaw b'mod partikolari l-abbiltà li wieħed jiftakar u jippreżenta avvenimenti tal-passat ([115]).

([113]) UNHCR, *Beyond Proof. Credibility Assessment in EU Asylum Systems* (Lil Hinn mill-Prova, Valutazzjoni tal-Kredibbiltà fis-Sistemi tal-Ażil tal-UE), 2013, p. 61.
([114]) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, ICD-10, Verżjoni: 2016.
([115]) J. Herlihy, L. Jobson u S. Turner, "Just tell us what happened to you: Autobiographical memory and seeking asylum", *Applied Cognitive Psychology*, Vol. 26, 2012, p. 661–76 iċċitat f'UNHCR, *Beyond proof: Credibility assessment in EU asylum systems* (Lil Hinn mill-Prova, Valutazzjoni tal-Kredibbiltà fis-Sistemi tal-Ażil tal-UE), 2013, p. 61; il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual (Valutazzjoni tal-kredibbiltà fil-proċeduri tal-ażil: Manwal ta' taħriġ multidixxiplinari), Vol. 1, 2013, p. 93.

It-trawma jista’ jkollha konsegwenzi differenti għall-funzjonament tal-memorja. Memorji ta’ esperjenzi trawmatiċi spiss ikunu differenti minn memorji normali (awtobijografiċi) b’diversi modi ([116]).

- **Ħażna dgħajfa tal-memorja.** It-trawma tista’ twassal għal ħażna dgħajfa tal-memorja minħabba r-rispons ta’ emerġenza tal-ġisem, li jista’ jwassal għal diffikultà biex wieħed jiftakar avvenimenti trawmatiċi. Il-PTSD jista’ jwassal għal memorja aktar ġenerali, fejn persuna jkollha diffikultà biex tiftakar avvenimenti trawmatiċi fil-passat kif ukoll aspetti oħrajn ta’ ħajjitha.
- **Hypermnesia.** Xi drabi livell partikolarment għoli ta’ dettalji relatati mal-avveniment trawmatiku jinħażen fil-memorja minkejja li ħażna dgħajfa tal-memorja hija sintomu tipiku ta’ trawma.
- **Impressjonijiet sensorji.** Memorji trawmatiċi jistgħu jkunu kkaratterizzati minn dettalji sensorji bħal emozzjonijiet, sensazzjonijiet, ħsejjes, irwejjaħ jew stampi viżivi. Memorja (awtobijografika) normali hija storja verbali, filwaqt li rendikont verbali ta’ trawma seta’ ma kienx inħażen fil-memorja. Għalhekk, applikant li jkun għex avveniment trawmatiku jista’ ma jkunx kapaċi jipprovdi rendikont verbali koerenti ddettaljat tal-avveniment sempliċiment minħabba li ma jkunx jeżisti.
- **Frammentazzjoni.** Memorji trawmatiċi jistgħu jkunu frammentati, peress li dawn jistgħu ma jifformawx stampa sħiħa ta’ avvenimenti kronoloġiċi. Xi elementi ta’ memorji trawmatiċi jistgħu jiġu miftakra b’mod ċar daqslikieku seħħew fil-preżent. Dawn huma magħrufa bħala memorji flashbulb li spiss ma jkunux marbuta sew mal-kronoloġija tal-avvenimenti. Fl-aktar każ estrem, dawn jikkonsistu fi flashbacks dissoċjattivi fejn persuna tesperjenza mill-ġdid b’mod sħiħ l-avveniment trawmatiku u titlef is-sens kollu tal-mument preżenti.
- **Evitar**. Għall-kuntrarju tal-memorji (awtobijografiċi) normali, li jiġu mibnija mill-ġdid b’mod volontarju u li huma stabbiliti b’mod ċar fil-passat, il-memorji trawmatiċi jistgħu ma jiġux evokati b’mod volontarju, u b’hekk dawn jiġu evitati b’mod mhux konxju bħala protezzjoni personali. Minflok, dawn jistgħu jiġu attivati permezz ta’ impulsi sensorji jew tfakkiriet tal-avveniment trawmatiku. Pereżempju, persuni oħrajn jistgħu jiskattaw memorji bħal dawn mingħajr ma jafu permezz tat-tip ta’ ħwejjeġ, tat-ton tal-vuċi jew tal-fwieħa tagħhom.
- **Apatija**. Il-persuni trawmatizzati jistgħu jidhru apatetiċi b’mod involontarju peress li ma jistgħu jesprimu l-ebda emozzjoni meta jiddeskrivu avvenimenti trawmatiċi fil-passat. Huwa possibbli wkoll li persuna trawmatizzata tippreżenta livell għoli ta’ emozzjonijiet.

([116]) C. Brewin, J. D. Gregory, M. Lipton u N. Burgess, “Intrusive images in psychological disorders: Characteristics, neural mechanisms and treatment implications”, *Psychological Review*, Vol. 117, 2010, p. 210–232; J. Herlihy u S. Turner, “Should discrepant accounts given by asylum seekers be taken as proof of deceit?”, *Torture*, Vol. 16, 2006, p. 86 u 176 u J. Cohen, “Questions of credibility: Omissions, discrepancies and errors of recall in the testimony of asylum seekers”, *International Journal of Refugee Law*, Vol. 13, 2001, p. 293–309 iċċitat f’UNHCR, *Beyond proof: Credibility assessment in EU asylum systems* (Lil Hinn mill-Prova, Valutazzjoni tal-Kredibbiltà fis-Sistemi tal-Ażil tal-UE), 2013, p. 63; A. Vredeveldt, Z. Given-Wilson u A. Memon, *Culture, trauma, and memory in investigative interviews*, it-22 ta’ April 2023, p. 3–7; EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023, p. 173–174; il-Kumitat ta’ Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual (Valutazzjoni tal-kredibbiltà fil-proċeduri tal-ażil: Manwal ta’ taħriġ multidixxiplinari), Vol. 1, 2013, p. 100–103.

Peress li t-trawma spiss taffettwa l-kapaċità li jiġu miftakra avvenimenti tal-passat b'mod iddettaljat u tiġi pprovduta narrattiva koerenti, trid titwettaq valutazzjoni tal-kredibilità filwaqt li jitqiesu kif xieraq dawn il-konsegwenzi tat-trawma. Dan ifisser li meta jkun hemm inkonsistenzi fir-rigward ta' avveniment possibbilment trawmatiku, sett sħiħ differenti ta' spjegazzjonijiet għal dawn l-inkonsistenzi jeħtieġ li jitqies meta mqabbel ma' sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda esperjenza trawmatika. Jista' jkun meħtieġ ukoll li tingħata aktar importanza lill-evidenza dokumentarja u evidenza oħra fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li l-applikant jitħalla jgħid in-narrattiva tiegħu b'mod liberu bir-ritmu tiegħu mingħajr interruzzjonijiet kemm jista' jkun, li jista' jgħinu joħloq mill-ġdid il-kuntest tal-avvenimenti u jistruttura n-narrattiva tiegħu.
- Iġbor evidenza u dikjarazzjonijiet dwar iċ-ċirkostanzi madwar l-avveniment trawmatiku aktar milli dwar l-avveniment innifsu. Din l-evidenza u dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu ma jiġux distorti bl-istess mod bħal memorji relatati mal-avveniment trawmatiku. Dan jista' jgħin ukoll biex tiġi evitata t-trawmatizzazzjoni mill-ġdid.
- Żgura li l-informazzjoni nstiltet fir-rigward tal-esperjenza proprja tal-applikant minflok il-kronoloġija tal-avvenimenti, pereżempju billi tesplora x'kien il-proċess tal-ħsieb, ir-reazzjonijiet, x'jista' jiftakar li ra, sema' jew xamm, jew x'kienu l-aktar aspetti diffiċli għalih.
- Iffoka l-valutazzjoni tal-kredibilità fuq l-impatt tat-trawma fuq il-ħajja u l-psike tal-applikant wara l-avveniment trawmatiku minflok fuq dettalji speċifiċi tal-avveniment trawmatiku.
- Kun ċert li memorji trawmatiċi jiġu vvalutati b'rikonoxximent li l-memorji jistgħu ma jkunux rendikont kronoloġiku jew verbali tal-avvenimenti.

### (c) Problemi psikoloġiċi u ta' saħħa oħrajn

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Id-diffikultajiet sabiex jingħataw dikjarazzjonijiet iddettaljati u koerenti jistgħu jkunu ġejjin ukoll minn problemi mediċi, abbuż fiżiku u dipendenzi tal-applikant, pereżempju t-teħid ta' mediċina qawwija, diżabilitajiet intellettwali, dipressjoni, korriment tal-moħħ jew dipendenza fuq id-drogi jew l-alkoħol. Skont il-kundizzjoni partikolari, diversi tipi ta' fatturi jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant, pereżempju minħabba l-funzjonament tal-memorja, il-proċessi tal-ħsieb jew il-kapaċità li jiffoka.

Huwa meħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kundizzjoni psikoloġika u tas-saħħa tal-applikant, b'mod partikolari kif din taffettwa l-funzjonament tiegħu.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li l-informazzjoni dwar il-kundizzjoni tas-saħħa (mentali) tal-applikant tkun disponibbli għall-valutazzjoni tiegħek.
- Fejn meħtieġ, irreferi lill-applikant għal appoġġ/valutazzjoni adegwata skont il-prattika nazzjonali tiegħek biex tifhem aħjar kif il-kundizzjoni tas-saħħa potenzjali tista' taffettwa d-dikjarazzjonijiet tiegħu.

### (d) Età

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-età hija partikolarment rilevanti għall-applikanti tfal minħabba li l-età u l-maturità tagħhom jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom. Din hija kunsiderazzjoni rilevanti kemm għaż-żmien li ġew ipprovduti d-dikjarazzjonijiet kif ukoll għaż-żmien li ġie esperjenzat l-avveniment, peress li l-għarfien u l-fehim tal-avvenimenti li seħħew meta l-applikant kien taħt l-età huma affettwati mill-età tiegħu f'dak iż-żmien.

Il-kapaċità li jingħata rendikont iddettaljat u konsistenti tal-avvenimenti tiżdied bl-età. Il-maturità u l-età għandhom impatt fuq il-memorja awtobijografika, li taffettwa d-dikjarazzjonijiet ([117]).

- **Perspettiva tat-tfal.** It-tfal ġeneralment jipprovdu informazzjoni b'mod differenti mill-adulti. Dak li huwa ċentrali għall-esperjenza ta' adult jista' ma jkunx jikkostitwixxi l-qalba tan-narrattiva għal minuri u viċi versa. It-tfal jistgħu jiffokaw l-attenzjoni tagħhom waqt l-avveniment fuq kwistjonijiet differenti u/jew l-avveniment jista' ma jkunx tal-istess importanza għat-tfal daqs għall-adult.
- **Għarfien dwar kwistjonijiet relatati magħhom.** Ir-rendikonti tat-tfal jistgħu jkunu inkonsistenti u jinkludu lakuni minħabba li t-tfal jista' jkollhom nuqqas ta' fehim teoretiku u astratt tal-avvenimenti jew jużaw espressjonijiet jew dikjarazzjonijiet mhux ċari li jkunu semgħu mill-adulti, li jistgħu jkunu ggwidati minn normi kulturali ([118]). Dawn jistgħu ma jkunux kapaċi jagħtu rendikont iddettaljat u konsistenti dwar ir-raġunijiet tagħhom għat-tluq mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom, speċjalment meta d-deċiżjoni ta' tluq tkun ittieħdet mill-ġenituri tat-tfal jew minn qraba oħrajn.
- **Disponibbiltà ta' evidenza dokumentarja.** It-tfal, b'mod partikolari meta ma jkunux akkumpanjati, ta' spiss ma jkollhomx aċċess għal evidenza dokumentarja li tappoġġa l-applikazzjoni tagħhom.

([117]) M. Pasupathi u C. Wainryb, "On telling the whole story: Facts and interpretations in autobiographical memory narratives from childhood through mid-adolescence", *Developmental Psychology*, Vol. 46, 2010, p. 735–746 iċċitat f'UNHCR, *The heart of the matter: Assessing credibility when children apply for asylum in the European Union*, 2014, p. 66 u 87; il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual (Valutazzjoni tal-kredibbiltà fil-proċeduri tal-ażil: Manwal ta' taħriġ multidixxiplinari), Vol. 2, 2015, p. 100 u 113.
([118]) UNHCR, *The heart of the matter: Assessing credibility when children apply for asylum in the European Union*, 2014, p. 71.

Huwa importanti li l-intervista ssir b'mod adattat għat-tfal. It-tfal normalment ikunu aktar suxxettibbli għal mistoqsijiet suġġestivi, billi jipprovdu informazzjoni li jaħsbu li inti tixtieq tisma' u jbiddlu t-tweġibiet tagħhom meta jiġu interrogati ([119]).

Peress li l-età u l-maturità tat-tfal jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jirrakkontaw mill-ġdid avvenimenti tal-passat b'mod iddettaljat u koerenti, il-valutazzjoni tal-kredibilità trid titwettaq b'kunsiderazzjoni xierqa ta' dawn il-varjazzjonijiet. Meta jkun hemm inkonsistenzi fir-rigward ta' avvenimenti tal-passat, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat sett sħiħ ta' spjegazzjonijiet għal dawn l-inkonsistenzi.

Skont l-età, il-maturità u potenzjalment vulnerabbiltajiet oħrajn tat-tfal, jista' jkollok tiddependi aktar fuq informazzjoni disponibbli oħra milli fuq id-dikjarazzjonijiet tat-tfal stess. Dan jista' jinkludi d-dikjarazzjonijiet tat-tutur legali, tal-membri tal-familja jew tal-avukat jew ta' sorsi ta' informazzjoni disponibbli oħrajn.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Iffoka fuq dak li huwa importanti/ċentrali għat-tfal u dak li t-tfal jistgħu jkunu mistennija li jkunu jafu.
- Żgura li l-intervista personali saret b'mod adattat għat-tfal, inklużi l-vokabolarju u l-mistoqsijiet aġġustati għall-età u l-maturità tat-tfal. Dan jinkludi l-użu ta' kliem sempliċi u konkret minflok kunċetti astratti, l-ispjegazzjoni ta' kliem diffiċli b'eżempju u mistoqsijiet li huma fformulati f'lingwa ssimplifikata. Mistoqsijiet suġġestivi u li jagħmlu pressjoni fuq it-tfal, pereżempju fil-forma ta' mistoqsijiet ripetuti, għandhom jiġu evitati minħabba li hemm aktar probabbiltà li t-tfal jibdlu r-rendikont tagħhom skont dak li jaħsbu li huwa mistenni minnhom.

L-età tista' tkun rilevanti li tiġi kkunsidrata wkoll f'persuni anzjani, peress li dawn jistgħu jbatu minn tnaqqis fil-konjizzjoni, bħall-funzjonament tal-memorja jew il-kapaċità li jsegwu konverżazzjoni kif ukoll indebolimenti fiżiċi, bħal insuffiċjenza fis-smigħ li jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom.

### (e) Edukazzjoni

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-livell ta' edukazzjoni jista' jkollu impatt fuq l-aċċess tal-applikant għall-informazzjoni, l-għarfien ta' aspetti barra mill-isfera personali tal-ħajja tiegħu jew l-abbiltà li jartikola kunċetti astratti. Edukazzjoni limitata jew nuqqas ta' edukazzjoni (formali) jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant b'diversi modi.

- **Livell ta' litteriżmu**. Peress li l-biċċa l-kbira tan-nies jitgħallmu jaqraw u jiktbu l-iskola, nuqqas ta' edukazzjoni formali jista' jirriżulta f'illitteriżmu, li jillimita l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-informazzjoni. Applikant illitterat jew b'livell baxx ta' litteriżmu jista' ma jkollux vokabularju versatili bizzejjed biex jipprovdi rendikont speċifiku u elaborat jew tweġibiet immirati u strutturati għall-mistoqsijiet.

([119]) UNHCR, *Guidelines on international protection no. 8: Child asylum claims under Articles 1(A)2 and 1(F) of the 1951 Convention and/or 1967 Protocol relating to the status of refugees*, il-22 ta' Diċembru 2009, il-paragrafi 70–74; il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual (Valutazzjoni tal-kredibbiltà fil-proċeduri tal-ażil: Manwal ta' taħriġ multidixxiplinari), Vol. 2, 2015, p. 99–100.

- **Kunċetti astratti**. L-edukazzjoni formali tiżviluppa l-kapaċità tagħna għal ħsieb astratt f'sekwenzi loġiċi u l-fehim tagħna ta' kunċetti bħad-daqs, id-distanza, il-proporzjon, il-ħin u l-kawżalità. Il-kapaċità ta' ħsieb astratt limitata tista' taffettwa l-koerenza u l-plawżibbiltà tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant.
- **Għarfien ġenerali**. L-edukazzjoni formali tagħtina għarfien ġenerali dwar id-dinja ta' madwarna, bħall-għarfien storiku, ġeografiku u xjentifiku. Edukazzjoni limitata jew nuqqas ta' edukazzjoni (formali) jista' jaffettwa l-kapaċità tal-applikant li jiddeskrivi kwistjonijiet barra mill-ambitu tal-ħajja ta' kuljum jew tal-isfera personali tiegħu.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Illimita l-valutazzjoni għal kwistjonijiet li l-applikant jista' jkun mistenni li jkun jaf minħabba l-isfond edukattiv tiegħu. Aktar ma l-livell ta' edukazzjoni tal-applikant ikun baxx, aktar il-valutazzjoni għandha tiffoka fuq il-kapaċità tal-applikant li jipprovdi informazzjoni dwar l-isfera personali tal-ħajja u l-esperjenza tiegħu minflok fuq l-għarfien ġenerali.

  **Eżempju**. Bidwi illitterat jista' jkun mistenni li jagħti informazzjoni dwar l-għelejjel li kien qed ikabbar u jqiegħed avvenimenti fiż-żmien b'referenza għall-istaġun tax-xita jew tal-ħsad.
- Bl-istess mod, applikant li ma kellux il-possibbiltà li jattendi l-iskola jista' ma jkunx kapaċi jindika lejn pajjiżu fuq il-mappa jew isib il-post ta' residenza tiegħu ġeografikament skont il-kwadranti tal-boxxla minħabba li jista' jkun li ma jkollux fehim ta' dawn il-kunċetti.
- Kun af li edukazzjoni limitata jew nuqqas ta' edukazzjoni (formali) jistgħu jirriżultaw ukoll f'esponiment limitat jew f'nuqqas ta' esponiment għal u familjarità ma' tipi differenti ta' teknoloġija.

### (f) Kultura, reliġjon u twemmin

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-kultura, ir-reliġjon u t-twemmin ta' persuna jiddeterminaw kif jaraw lilhom infushom b'rabta ma' nies oħrajn — l-identità, ir-rwoli soċjali, in-normi u l-ġerarkija tas-soċjetà tagħhom — u l-istil ta' komunikazzjoni tagħhom — il-mod kif jifhmu, jinterpretaw u jirrakkontaw mill-ġdid l-informazzjoni. Pereżempju d-dati, l-istaġuni, id-distanzi, l-involviment fil-ħajja pubblika, il-kunċett ta' familja intima u l-lingwaġġ tal-ġisem jistgħu jvarjaw skont dawk il-fatturi. Madankollu, ma għandux jiġi preżunt li l-persuni kollha li joriġinaw minn ċerta kultura jew reliġjon iġibu ruħhom jew jinteraġixxu b'ċertu mod jew jikkondividu l-istess twemmin u normi, peress li fatturi bħall-età, il-ġeneru jew l-istatus tas-soċjetà wkoll għandhom influwenza.

Il-kultura, ir-reliġjon u t-twemmin jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant b'diversi modi ([120]).

- **Memorji individwali vs kollettivi.** Il-kultura għandha impatt fuq il-memorja awtobijografika minħabba li n-normi kulturali jiddefinixxu liema avvenimenti u dettalji huma meqjusa importanti, u għalhekk li tajjeb li wieħed jiftakar. Il-kulturi kollettivisti li huma komuni fil-pajjiżi Afrikani, tal-Asja Ċentrali, tal-Lvant Nofsani u tax-Xlokk tal-Asja jenfasizzaw l-attivitajiet kollettivi, ir-relazzjonijiet soċjali u l-interazzjonijiet. Il-kulturi individwalistiċi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej u fl-Amerka ta' Fuq jiffokaw aktar fuq l-individwalità u l-awtoespressjoni. Konsegwentement, il-memorji f'kulturi individwalistiċi fil-biċċa l-kbira jinvolvu esperjenzi, rwoli u emozzjonijiet individwali, meta l-applikant għandu t-tendenza li jagħti rendikonti tal-memorji aktar iddettaljati, speċifiċi, uniċi, iffokati fuqu u elaborati. Min-naħa l-oħra, persuni minn kulturi kollettivisti spiss jipprovdu deskrizzjonijiet aktar ġenerali ta' rutini komuni, avvenimenti soċjali, interazzjonijiet u r-rwoli b'rabta ma' oħrajn.
- **Stil ta' komunikazzjoni**. Il-livell ta' dettalji pprovduti mill-applikant jista' jiddependi fuq l-istil ta' komunikazzjoni li huwa prevalenti f'kultura partikolari. F'xi kulturi, in-nies iwieġbu direttament u dritt għall-punt fi tweġiba qasira u ma jwessgħux fid-dettall sakemm ma jiġux mitluba. Id-dikjarazzjonijiet ta' applikant li joriġina minn kultura bħal din jistgħu jiġu pperċepiti bħala mhux iddettaljati biżżejjed jekk l-applikant ma jkunx intalab jelabora aktar fid-dettall. F'kulturi oħrajn, in-nies iwieġbu b'xi dikjarazzjonijiet ġenerali u jieħdu ftit ħin biex jittrattaw punt speċifiku, li xi drabi jistgħu jidhru bħala dikjarazzjonijiet ġeneralizzati li ma jkollhomx biżżejjed dettalji.
- **Tifsiriet mogħtija lil ċerti kunċetti**. Jista' jkun hemm fehim kulturalment differenti tar-relazzjonijiet, tar-rwoli u tal-kunċetti soċjali, bħall-ħin, id-distanza jew l-età. Jista' jkun hemm ukoll ewfimiżmi jew lingwa vaga li tintuża fir-rigward ta' ċerti kunċetti li huma kulturalment aktar aċċettabbli minn referenzi diretti, pereżempju kliem li jintuża fir-rigward ta' tabù kulturali. Tali fatturi jistgħu jaffettwaw b'mod partikolari l-koerenza u l-konsistenza perċepiti, kemm interni kif ukoll esterni, tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant.

L-għarfien interkulturali spiss ikun meħtieġ biex tinftiehem l-informazzjoni li tirċievi mill-perspettiva ta' kultura oħra, li tista' tispjega dikjarazzjonijiet li kieku jistgħu jidhru inkonsistenti u neqsin mid-dettall jew mill-plawżibbiltà. Huwa biss wara li tistaqsi dwar l-inkonsistenzi jew in-nuqqas ta' dettall u ma tirċevix spjegazzjoni li għandek tiċċekkja jekk xi ostakli kulturali, soċjali, reliġjużi jew oħrajn jistgħux ikunu raġuni għall-kwistjoni partikolari tal-kredibilità.

([120]) UNHCR, *Beyond Proof, Credibility Assessment in EU Asylum Systems: Full Report*, Mejju 2013, p. 66–68; A. Vredeveldt, Z. Given-Wilson u A. Memon, Culture, trauma, and memory in investigative interviews, it-22 ta' April 2023, p. 8–9; J. Herlihy, L. Jobson u S. Turner, "Just tell us what happened to you: Autobiographic memory and requesting asylum", *Applied Cognitive Psychology*, 2012, p. 661–676; K. Nelson, "Self and social functions: Individual autobiographical memory and collective narrative", *Memory*, 2003, p. 125–136 iċċitat f'Abo Akademi University & Free University Amsterdam, Psychological assumptions underlying credibility assessments in Finnish asylum seterminations, 2021, p. 6; il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual, Vol. 1, 2013, p. 76; L. Jobson, "Cultural differences in specificity of autobiographical memories: Implications for asylum decisions", *Psychiatry, Psychology and Law,* Vol. 16, 2009, p. 453–457; R. Antalikova, T. Hansen, K. Gulbrandsen, M. De La Mata u A. Santamaria, "Adolescents' meaningful memories reflect a trajectory of self-development from family over school to friends", *Nordic Psychology*, Vol. 63, 2011, p. 4–24; Y. Chen, H. M. McAnally u E. Reese, "Development in the organization of episodic memories in middle childhood and adolescence", *Frontiers in Behavioural Neuroscience*, Vol. 7, 2013, p. 84–86; J. M. Fitzgerald, "Autobiographical memory: Reports in adolescence", *Canadian Journal of Psychology/Revue Canadienne de Psychologie*, Vol. 35, 1981, p. 69–73 iċċitat f'UNHCR, *The heart of the matter: Assessing credibility when children apply for asylum in the European Union*, 2014, p. 69; UNHCR, *Beyond Proof, Credibility Assessment in EU Asylum Systems: Full Report*, Mejju 2013, p. 66-68.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Ikkunsidra l-kuntest kulturali (kultura individwalistika vs kollettivista) meta tivvaluta l-kredibilità, speċjalment fir-rigward tat-tip ta' dettalji li jistgħu jkunu mistennija mill-applikant.
- Qabel ma tasal għal konklużjoni negattiva, aċċerta li ġew iċċarati kwistjonijiet potenzjali ta' kredibilità u li dawn ma kinux sempliċiment ir-riżultat ta' differenzi kulturali.

### (g) Biża' u nuqqas ta' fiduċja

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-applikanti jistgħu ma jitħallewx jissostanzjaw b'mod sħiħ l-applikazzjoni tagħhom għal numru ta' raġunijiet. Dawn jistgħu jinkludu biża' ta' stigmatizzazzjoni, diskriminazzjoni jew tpattija, nuqqas ta' fiduċja fl-awtoritajiet tal-Istat, fl-interpreti jew f'persuni oħrajn li joriġinaw mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom, it-twemmin li ċerti azzjonijiet jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, jew il-biża' li jpoġġu lill-familja tagħhom f'periklu.

Il-biża' u n-nuqqas ta' fiduċja fl-awtoritajiet jistgħu jwasslu lill-applikant biex iżomm lura milli jiżvela ċerti fatti jew evidenza rilevanti, li jirriżultaw f'nuqqas ta' dettall jew f'nuqqas ta' koerenza minħabba lakuni fid-dikjarazzjonijiet tiegħu. Jekk tosserva indikazzjonijiet ta' biża' jew nuqqas ta' fiduċja, huwa importanti li tindirizzahom matul l-intervista personali sabiex jiġu ssodisfati d-dmirijiet tal-awtorità (għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsima 1.1.1. "Applika d-dmir ta' kooperazzjoni (oneru tal-provi)".

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li l-ambjent tal-intervista kien post sikur għall-applikant biex jiżvela l-applikazzjoni tiegħu, l-applikant kien assigurat dwar il-kunfidenzjalità tal-proċedura tal-ażil u informat dwar l-iskop tagħha. Ir-responsabbiltajiet professjonali u l-imparzjalità tal-interpretu kellhom jiġu enfasizzati wkoll.
- Żgura li l-applikant kien informat b'mod ċar dwar l-obbligu tiegħu li jikkoopera u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni.
- Żgura li l-applikant ġie mistoqsi dwar ir-raġunijiet għal kwalunkwe nuqqas fid-dikjarazzjonijiet tiegħu.
- Skont il-prattika nazzjonali, ipprovdi lill-applikant informazzjoni dwar kif għandu jfittex konsulenza legali indipendenti li tagħtih pariri f'konformità mal-aħjar interessi tiegħu.

### (h) Stigma u mistħija

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-istigma toriġina minn nuqqas ta' konformità ma' normi soċjali, kulturali jew reliġjużi u spiss tkun assoċjata ma' kwistjonijiet li jitqiesu bħala tabù, bħal kwistjonijiet relatati mal-ġeneru jew mas-sesswalità. In-nuqqas ta' konformità ma' norma jwassal għal diżapprovazzjoni soċjali u r-riżultat huwa stigma. L-istigma spiss twassal għall-mistħija, sens ta' żball jew il-fatt li persuna tkun ħażina. Mistħija bħal din tipikament tinkludi wkoll biża' ta' dannu li tista' twassal għal kull tip ta' strateġiji ta' evitar, inklużi ommissjonijiet, silenzju jew saħansitra ċaħda, li jistgħu jaffettwaw il-memorja u l-iżvelar ([121]).

L-istigma u l-mistħija jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant u l-evidenza dokumentarja disponibbli b'diversi modi ([122]).

- **Żvelar.** L-istigma u l-mistħija spiss jaffettwaw b'mod negattiv il-livell ta' żvelar, peress li jista' jkun diffiċli li tiġi żvelata informazzjoni li hija marbuta ma' dawn is-sentimenti u l-esperjenzi. Jista' jkun li l-applikanti qatt ma ddiskutew b'mod miftuħ ċerti esperjenzi ma' ħadd peress li dawn kienu sors ta' stigma u dannu potenzjali. Għalhekk, ir-rendikont tal-applikant jista' jkun fih lakuni u inkonsistenzi minflok ma jikkostitwixxi narrattiva kronoloġika sħiħa u koerenti ([123]).
- **Nuqqas ta' kliem xieraq**. L-applikanti spiss jiġu minn pajjiżi jew kuntesti lingwistiċi li jistgħu ma jkollhomx termini newtrali jew xierqa biex jiddeskrivu kwistjonijiet li jitqiesu bħala tabù, li jista' jwassal ukoll għal dikjarazzjonijiet anqas speċifiċi. L-applikanti jistgħu jużaw dawn it-termini b'tifsiriet differenti, li jistgħu jaffettwaw il-koerenza pperċepita tad-dikjarazzjonijiet tagħhom.
- **Nuqqas ta' evidenza dokumentarja**. L-istigma u s-sentimenti ta' mistħija jistgħu jispjegaw in-nuqqas ta' evidenza dokumentarja jew evidenza oħra peress li jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' rapportar ta' inċidenti. Il-persuni li jbatu minn (theddida ta') dannu jistgħu joqogħdu lura milli jirrapportaw l-inċidenti b'mod uffiċjali lill-awtoritajiet. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet jistgħu ma jkunux lesti li joħorġu evidenza dokumentarja dwar dak li jemmnu li huma kwistjonijiet privati u/jew tabù soċjali.

---

([121]) EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023, p. 174–175 u 180; il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual, Vol. 2, 2015, p. 82.

([122]) Il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility assessment in asylum procedures: A multidisciplinary training manual, Vol. 2, 2015, p 44 u 85; J. Herlihy u S. Turner, "Asylum claims and memory of trauma: Sharing our knowledge", *The British Journal of Psychiatry*, vol. 191, 2007, p. 4; D. Bögner, J. Herlihy u C. Brewin, "Impact of sexual violence on disclosure during Home Office interviews", *British Journal of Psychiatry*, Vol. 191, 2007, p. 75; D. Bögner, C. Brewin u J. Herlihy, "Refugees' experiences of Home Office interviews: A qualitative study on the disclosure of sensitive personal information", *Journal of Ethnic and Migration Studies*, Vol. 36, 2009, p. 519–535; J. Millbank, "'The ring of truth': A case study of credibility assessment in particular social group refugee determinations", *International Journal of Refugee Law*, Vol. 21, 2009, p. 14; Asylum Aid, "'I feel like as a woman, I am not welcome": A gender analysis of UK asylum law, policy and practice", *Women's Asylum News*, Ħarġa Nru 107, 2012, p. 1–4; Irish Council for Civil Liberties, "Women and the refugee experience: Towards a statement of best practice", *Irish Times*, 2000, p. 18; Swedish Migration Board (Migrationsverket), *Gender-based persecution: Guidelines for investigation and evaluation of the needs of women for protection*, 2001, p. 15 iċċitat f'UNHCR, *Beyond proof: Credibility assessment in EU asylum systems*, 2013, p. 73 u 145.

([123]) Il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility Assessment in Asylum Procedures, a multidisciplinary training manual, Vol. 2, 2015, p. 44.

Huwa meħtieġ li jiġi żgurat ambjent sikur fl-intervista personali biex l-applikant jiġi appoġġat fl-iżvelar tan-narrattiva tiegħu meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' stigma u biża'. Huwa meħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li l-applikanti mhux dejjem jistgħu jkunu konxji li ċerta mġiba lejhom tista' titqies bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, minħabba li jkunu ġew ittrattati b'dan il-mod matul ħajjithom kollha. Għalhekk, jeħtieġ li tkun tista' tagħraf il-forom potenzjali ta' persekuzzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-applikant u tesplorahom aktar.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li l-applikant kien assigurat dwar il-kunfidenzjalità fil-proċedura tal-ażil.
- Żgura li l-applikant ingħata biżżejjed żmien biex jiddiskuti l-esperjenzi tiegħu u spjega lill-applikant għaliex huma meħtieġa dettalji dwar dawn l-esperjenzi.
- Iċċekkja jekk l-applikant kienx imħeġġeġ biex juża l-kliem tiegħu stess ħalli jiddeskrivi l-esperjenzi tiegħu u li t-tifsira tal-kliem użat mill-applikant ġiet iċċarata.

### (i) Rwoli tal-ġeneru

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Ir-rwoli tal-ġeneru jirreferu għar-relazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel abbażi ta' identitajiet, statuses, rwoli u responsabbiltajiet mibnija u ddefiniti soċjalment jew kulturalment. Is-sess jirreferi għas-sess bijoloġiku ta' dak li jkun, li huwa innat. Ir-rwoli tal-ġeneru mhux biss jaffettwaw il-perċezzjoni personali ta' dak li jkun iżda jinfluwenzaw ukoll l-imġiba u l-attitudnijiet lejn il-ħajja soċjali u politika.

Ir-rwoli tal-ġeneru jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant, pereżempju bil-modi li ġejjin.

- **Stil ta' komunikazzjoni**. Il-ġeneru jinfluwenza l-mod kif l-applikant jesprimi lilu nnifsu u jista' jaffettwa l-livell ta' dettall li jiġi pprovdut. F'xi soċjetajiet, l-irġiel u s-subien huma mistennija jippreżentaw l-opinjoni tagħhom fid-dettall, filwaqt li n-nisa u l-bniet huma mistennija li jitkellmu fil-qosor, meta jintalbu biss u li ma jesprimux il-ħsibijiet jew l-opinjonijiet tagħhom stess. F'soċjetajiet oħrajn, ir-realtà hija l-oppost ([124]).
- **Memorja**. Billi nsawru l-interessi tagħna u dak li aħna niffokaw fuqu matul ċerti avvenimenti, ir-rwoli tal-ġeneru u l-aspettattivi soċjali jistgħu jaffettwaw kif niftakru fil-passat. Dawn jistgħu jinfluwenzaw liema dettalji jiġu pperċepiti, ikkodifikati u miftakra. Pereżempju, f'xi soċjetajiet, l-irġiel huma ġeneralment mistennija li jiftakru d-ditta u t-tip ta' karozza, filwaqt li n-nisa huma pjuttost preżunti li jiftakru l-kulur tagħha. Ir-rwoli tal-ġeneru jistgħu jiddefinixxu wkoll liema tip ta' informazzjoni tista' tiġi aċċessata, għalhekk, pereżempju, ix-xhieda tal-membri tal-familja tista' tidher inkonsistenti.

([124]) Il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility Assessment in Asylum Procedures, a multidisciplinary training manual, Vol. 2, 2015, p. 44–45.

Il-ġeneru jista' jaffettwa wkoll jekk hemmx evidenza dokumentarja jew evidenza oħra disponibbli rigward applikazzjoni, pereżempju fil-punti li ġejjin.

- **Disponibbiltà ta' COI**. Il-COI dwar l-istatus tan-nisa tista' ma tkunx disponibbli jew tkun skarsa, pereżempju minħabba n-nuqqas ta' rapportar ta' inċidenti lill-pulizija jew lil atturi oħrajn, in-nuqqas ta' ġbir ta' data dwar kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, l-istigmatizzazzjoni relatata mal-fatt li wieħed ikun vittma ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru jew il-fatt li din il-vjolenza spiss titwettaq minn atturi mhux statali.
- **Disponibbiltà ta' evidenza dokumentarja**. In-nisa jista' ma jkollhomx aċċess għal evidenza dokumentarja jew għal evidenza oħra li tappoġġa l-applikazzjoni tagħhom, inklużi dokumenti tal-identità, minħabba l-istatus tagħhom fis-soċjetà.

Żomm f'moħħok ukoll li l-applikanti jistgħu ma jkunux dejjem konxji li ċerta mġiba lejhom tista' titqies bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom minħabba li jkunu ġew ittrattati b'dan il-mod matul ħajjithom kollha. Għalhekk, jeħtieġ li tkun tista' tagħraf il-forom potenzjali ta' persekuzzjoni bbażati fuq il-ġeneru fid-dikjarazzjonijiet tal-applikant u tesplorahom aktar.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li l-intervista ffokat fuq dak li l-applikant huwa mistenni li jkun jaf meta jiġu kkunsidrati r-rwoli tal-ġeneru fil-pajjiż tal-oriġini. Pereżempju, f'xi soċjetajiet, in-nisa għandhom anqas għarfien jew informazzjoni mill-irġiel dwar il-ħajja barra mid-dar tal-familja, filwaqt li l-irġiel għandhom informazzjoni aktar limitata dwar x'jiġri fid-dar.
- Kun konxju li t-tabujiet soċjali (eż. is-sesswalità, is-saħħa, il-flus) jistgħu jagħmluha diffiċli għall-applikant biex jiżvela u jipprovdi rendikonti ddettaljati u koerenti dwar ċerti kwistjonijiet. Ara t-Taqsima 2.3.1.(h) "Stigma u mistħija".

## 2.3.2. Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-ħidma fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali tfisser li taħdem kontinwament ma' nies li jkunu ġejjin minn kulturi differenti, sfondi soċjali u esperjenzi tal-ħajja differenti. Dan huwa wieħed mill-fatturi li jagħmlu x-xogħol tiegħek interessanti. Madankollu, inti wkoll persuna u tista' tesperjenza stress u frustrazzjoni f'dan l-ambjent tax-xogħol li joffri ħafna sfidi.

Fix-xogħol tiegħek ta' kuljum inti mistenni tissodisfa miri kwantitattivi, tabbozza deċiżjonijiet sostanzjati sew u tiltaqa' ma' applikanti li mhumiex kooperattivi jew li ġarrbu esperjenzi personali negattivi. L-esponiment fit-tul għal rendikonti ta' maltrattament sever tal-applikanti jista' jwassal għal effetti li jvarjaw mill-inabbiltà li tara kull applikazzjoni b'mod imparzjali u individwali għal trawmatizzazzjoni sekondarja u t-turija ta' sintomi simili għal persuni li jbatu minn PTSD. Dan l-esponiment fit-tul jista' jwassal għal "credibility fatigue" jew "case hardening", li tista' ġġiegħlek tkun aktar inklinat li tevita milli tidħol aktar fil-fond fid-dikjarazzjonijiet sabiex tevita li tisma' dikjarazzjonijiet dwar esperjenzi negattivi tal-ħajja. F'tali każijiet, tista' tkun aktar inklinat li tasal għal konklużjonijiet mhux iġġustifikati, mingħajr ma twettaq valutazzjoni tal-kredibilità xierqa.

It-tabella ta' hawn taħt turi kif din il-credibility fatigue tista' taffettwa l-valutazzjoni tal-kredibilità.

**Illustrazzjoni 11. Konsegwenzi possibbli tal-credibility fatigue fuq il-valutazzjoni tal-kredibilità**

**SINJALI TA' CREDIBILITY FATIGUE**

- Sensazzjonijiet ta' eżawriment u/jew dipressjoni
- Telf ta' motivazzjoni u interess
- Attitudni ċinika, nuqqas ta' fiduċja u telf ta' mentalità miftuħa
- Awtofiduċja falza, bħal attitudnijiet oġġettivament mhux realistiċi, inkluż "wara ħafna snin ta' esperjenza nista' ninduna faċilment min qed jgħid il-verità"

↓

**KONSEGWENZI POTENZJALI FUQ IL-VALUTAZZJONI TAL-KREDIBILITÀ**

- L-involviment fil-valutazzjoni huwa xprunat mill-emozzjoni
- Impressjonijiet suġġettivi fuq metodoloġija tal-valutazzjoni oġġettiva
- Rieda mnaqqsa li jinstemgħu b'mod empatiku d-dikjarazzjonijiet tal-applikant

↓

**KONSEGWENZI POTENZJALI LI JAFFETTWAW L-EŻITU TAL-VALUTAZZJONI TAL-KREDIBILITÀ**

- Dettalji importanti jistgħu jibqgħu mhux esplorati jew l-applikant jista' ma jingħatax l-opportunità li jispjega bis-sħiħ kwalunkwe nuqqas ta' dettalji jew kontradizzjonijiet ipperċepiti, li jistgħu jwasslu għal sejbiet negattivi ta' kredibilità
- Il-valutazzjoni tal-kredibilità titwettaq b'mod suġġettiv, u tonqos milli tapplika l-indikaturi tal-kredibilità b'mod oġġettiv u strutturat

Dawn il-fatturi jistgħu jinfluwenzaw l-oġġettività u l-imparzjalità tiegħek matul il-valutazzjoni tal-kredibilità. Huwa importanti li tkun konxju ta' kwalunkwe tali fattur sabiex tkun tista' twarrabhom u timminimizza l-impatt tagħhom fuq il-valutazzjoni tal-kredibilità.

Għandek tirrifletti fuq il-prestazzjoni, il-ħtiġijiet u d-diffikultajiet potenzjali tiegħek stess li tkun iltqajt magħhom waqt li tkun qed taħdem fuq ċerti applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Jista' jkun irrakkomandat li tiddiskuti dawn mal-kollegi tiegħek, ma' psikologu jew ma' superviżur sabiex tikseb l-appoġġ meħtieġ u ttejjeb l-għarfien personali jew sabiex

tidentifika ħtiġijiet ta' taħriġ. Is-superviżjoni regolari u r-rispons għall-preokkupazzjonijiet tiegħek jistgħu jtejbu l-motivazzjoni professjonali u jiffaċilitaw l-iskambju tal-esperjenzi.

Minbarra l-fatturi relatati mal-credibility fatigue, il-kultura u t-twemmin jiddeterminaw kif nifhmu u ninterpretaw l-informazzjoni. Dawn jikkontribwixxu għat-tifsiriet li nagħtu lil kunċetti differenti u kif nifhmu d-dinja ta' madwarna. Sabiex jitnaqqas l-impatt tal-preġudizzju kulturali fuq il-valutazzjoni tal-kredibilità, huwa importanti li tkun konxju ta' kif il-kultura u t-twemmin tiegħek stess jistgħu jaffettwaw il-ħsieb u l-għarfien tiegħek ta' kulturi oħrajn. L-awtoriflessjoni u t-taħriġ fuq kulturi oħrajn u komunikazzjoni interkulturali jistgħu jiffaċilitaw dan il-fehim.

**Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-istereotipi u l-preġudizzju ma jitħallewx jaffettwaw il-valutazzjoni tal-kredibilità.**

Għalkemm huwa aspett uman li l-istress u l-komunikazzjoni interkulturali jaffettwaw il-valutazzjoni tagħna sa ċertu punt, huwa importanti li wieħed jiftakar l-istandards applikabbli għall-valutazzjoni tal-kredibilità. Kwalunkwe suppożizzjoni jew twemmin ta' kwalunkwe persuna jew grupp (stereotipi) jew attitudnijiet negattivi lejn din il-persuna jew grupp (preġudizzju) ma għandhomx jintużaw fil-valutazzjoni tal-kredibilità ([125]). Huwa wkoll id-dmir ta' amministrazzjoni tal-ażil li tiżgura li tirċievi taħriġ, għarfien u appoġġ rilevanti biex twettaq id-dmirijiet tiegħek ([126]).

**Pubblikazzjonijiet relatati tal-EUAA**

*Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Benessri tal-Persunal tal-Ażil u l-Akkoljenza – Parti I Standards u politika*, Settembru 2021.

Il-Parti I tappoġġa lill-maniġers fil-prevenzjoni, fit-tnaqqis u fl-immaniġġar tal-pressjoni fuq ix-xogħol fil-persunal li jaħdem fil-kuntest tal-ażil. Ħafna drabi l-pressjoni okkupazzjonali tkun riżultat tal-inabbiltà li wieħed ilaħħaq mal-istress u l-pressjoni fuq il-post tax-xogħol. Il-gwida prattika tippreżenta tmien standards biex tiggwida l-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika dwar il-benessri tal-persunal fil-kuntesti tal-ażil u tal-akkoljenza. L-udjenza fil-mira ewlenija hija l-persuni li jaħdmu fil-ġestjoni u fir-riżorsi umani.

*Gwida Prattika tal-EASO dwar il-Benessri tal-Persunal tal-Ażil u l-Akkoljenza – Parti II: Sett ta' għodod għall-benesseri tal-persunal*, Settembru 2021.

Il-Parti II tipproponi għodod prattiċi, eżerċizzji u attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġu ssodisfati l-istandards tal-benessri tal-persunal. L-għodod huma maħsuba biex inaqqsu l-ansjetà, l-istress u l-eżawriment fuq il-post tax-xogħol. Dawn jipprovdu appoġġ lit-timijiet u lill-individwi u jistgħu jiġu implimentati mill-maniġers, mill-pari, minn speċjalisti interni jew esterni. Il-gwida tinkludi wkoll għodod ta' awtoassistenza li jistgħu jintużaw mill-membri tal-persunal infushom.

([125]) Il-QĠUE ddeċidiet li l-kunċetti stereotipati assoċjati mal-omosesswali ma jippermettux lill-awtoritajiet iqisu s-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant ikkonċernat. Ara l-QĠUE, is-Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, *A et vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie*, il-kawżi konġunti C-148/13 sa C-150/13 ECLI:EU:C:2014:2406, il-punti 61–63. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([126]) L-Artikoli 4(3), 4(4) u l-Artikolu 10(3)(d) tal-APD (riformulazzjoni).

### 2.3.3. Fatturi relatati mas-sitwazzjoni tal-intervista

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Is-sitwazzjoni tal-intervista tista' taffettwa d-dikjarazzjonijiet tal-applikant: il-kuntest formali tal-konverżazzjoni jista' jkun stressanti għal applikant; l-aspettattiva li jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-ħajja personali tiegħu ma' persuni stranġieri; jistgħu jseħħu kwistjonijiet tekniċi f'ambjenti ta' intervisti mill-bogħod, li jistgħu jinterrompu l-intervista u jfixklu l-komunikazzjoni; il-komunikazzjoni permezz ta' interpretu tista' taffettwa t-tifsira tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant; il-preżenza tat-tfal tagħhom tista' tkun ta' distrazzjoni għall-applikant; il-pressjoni tal-ħin minħabba l-ammont limitat ta' ħin allokat għall-intervista.

Is-sitwazzjoni tal-intervista għandha tiġi indirizzata kif xieraq qabel u waqt l-intervista personali biex jitnaqqas l-impatt tagħha fuq id-dikjarazzjonijiet. Jekk dawn il-fatturi ma jistgħux jittaffew jew ma jistgħux jitnaqqsu għalkollox, qabel jew waqt l-intervista, jeħtieġ li jitniżżlu b'mod oġġettiv fit-traskrizzjoni tal-intervista u jiġu kkunsidrati meta jiġu vvalutati d-dikjarazzjonijiet tal-applikant.

Il-lista mhux eżawrjenti ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn kif il-fatturi relatati mas-sitwazzjoni tal-intervista jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet.

#### (a) Komunikazzjoni multilingwi permezz ta' interpretu

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Huwa d-dmir tal-awtorità determinanti li tipprovdi interpretu affidabbli u kompetenti għall-intervista personali. Għalkemm l-interpreti huma mħarrġa biex inaqqsu l-impatt tal-komunikazzjoni multilingwi jew taċ-ċirkostanzi personali u kuntestwali fuq il-ħidma tagħhom, dan ma jeliminax bis-sħiħ il-fatturi ta' distorsjoni.

It-telf ta' informazzjoni huwa inerenti għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni minħabba d-differenzi ewlenin li ġejjin bejn il-lingwi ([127]).

- **Vokabularju**. Il-lingwi ma jidduplikawx il-vokabularji ta' xulxin. Lingwa partikolari jista' ma jkollhiex kelma speċifika biex tittraduċi terminu minn lingwa oħra jew tista' ma tkunx kapaċi tartikola differenzi sottili meta tittraduċi dak it-terminu. L-interpretu jista' wkoll ma jkunx familjari ma' xi terminoloġija, pereżempju dik relatata mat-terminoloġija militari jew tal-LGBTIQ.
- **Grammatika**. Il-lingwi għandhom regoli u strutturi grammatikali differenti. It-traduzzjoni ta' messaġġ minn lingwa għal oħra spiss tirrikjedi xi livell ta' formulazzjoni mill-ġdid biex jiġu segwiti r-regoli grammatikali tal-lingwa fil-mira, li permezz tagħhom jistgħu jintilfu differenzi sottili.
- **Djaletti**. Il-pronunzja, il-grammatika, il-konjugazzjoni u l-vokabularju jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti bejn djaletti differenti ta' lingwa. Dan jista' jirriżulta f'distorsjonijiet anke jekk l-applikant u l-interpretu jitkellmu l-istess lingwa bħala l-lingwa materna tagħhom.

([127]) EUAA, *Evidence and credibility in the context of the Common European Asylum System — Judicial analysis* (Evidenza u kredibilità fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil — Analiżi ġudizzjarja), it-tieni edizzjoni, 2023; il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility Assessment in Asylum Procedures, a multidisciplinary training manual, Vol. 2, 2015, p. 11—14.

Il-mod kif l-informazzjoni tiġi interpretata minn lingwa għal oħra jista' jaffettwa mhux biss it-tifsira iżda anke l-livell tad-dettall, l-ispeċifiċità u l-konsistenza. Il-lingwi huma kostruzzjonijiet kulturali u akbar ma tkun id-differenza bejn żewġ lingwi, akbar ikun ir-riskju ta' distorsjonijiet. Id-dettalji jistgħu jintilfu jew jinbidlu wkoll meta jiġu tradotti partijiet akbar tat-test minflok sentenzi.

Il-fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ u l-applikant jistgħu jaffettwaw ukoll lill-interpretu, inklużi l-kultura, ir-reliġjon u t-twemmin u r-rwoli tal-ġeneru. Għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsimiet 2.3.1. "Fatturi relatati mal-applikant" u 2.3.2. "Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ".

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li waqt l-intervista ġie vverifikat li l-applikant u l-interpretu, kif ukoll l-interpretu u l-uffiċjal tal-każ, fehmu lil xulxin sew anke jekk kienu jitkellmu bl-istess lingwa.
- Żgura li kwalunkwe inkonsistenza li potenzjalment tirriżulta minn fatturi u interpretazzjoni multilingwi ġiet iċċarata u l-applikant ingħata l-opportunità li jispjega.
- Assumi li differenzi semantiċi minuri jew implawżibbli (pereżempju, l-użu ta' turisti minflok terrorist) huma probabbilment ir-riżultat ta' żbalji fit-traduzzjoni u x'aktarx ma jikkostitwixxux inkonsistenzi reali. Il-valutazzjoni tal-kredibilità interna ma għandhiex tiddependi minn dawn l-inkonsistenzi.

### (b) Ambjent tal-intervista

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-ambjent fiżiku tal-intervista jista' jaffettwa d-dikjarazzjonijiet tal-applikant. L-ambjent għandu jkun ambjent sikur għall-applikant biex jaqsam id-dikjarazzjonijiet tiegħu. Dan jirrikjedi kamra silenzjuża, spazjuża b'mod suffiċjenti b'temperatura normali u ambjent kalm li jiżgura l-kunfidenzjalità. Pereżempju, kamra żgħira mingħajr dawl naturali biżżejjed jew b'virga fuq it-tieqa tista' taffettwa lill-applikant b'mod negattiv u saħansitra tqanqal memorji trawmatiċi, pereżempju b'assoċjazzjoni mad-detenzjoni.

Ambjent ta' intervista mill-bogħod jista' jaffettwa wkoll id-dikjarazzjonijiet tal-applikant f'diversi modi. Il-kwistjonijiet tekniċi, bħall-ħsejjes baxxi, il-kwalità ħażina tal-vidjo jew l-interruzzjonijiet fil-konnessjoni, jistgħu jillimitaw il-livell ta' dettall li jiġi kkomunikat. Il-pożizzjonament tal-kamera u n-nuqqas ta' kuntatt dirett mal-għajnejn joħolqu d-distanza u jagħmluha aktar diffiċli biex wieħed jaqbad sinjali mhux verbali, bħal indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, mistħija, biża' jew nuqqas ta' fiduċja. Ambjenti remoti jistgħu jiġu pperċepiti bħala aktar formali minn intervista wiċċ imb wiċċ, u b'hekk iħallu anqas lok għal smigħ attiv u għal turija ta' empatija u interess. Dawn id-distorsjonijiet iħallu aktar spazju għal nuqqas ta' fehim u jistgħu jagħmlu n-nuqqas ta' dettall jew inkonsistenzi aktar diffiċli biex jiġu indirizzati.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- L-ewwel ivvaluta l-kwalità tal-komunikazzjoni matul l-intervista personali qabel tibda l-valutazzjoni tal-kredibilità, b'mod partikolari fil-każ ta' intervista mill-bogħod.
- Kun konxju ta' sinjali ta' nuqqas ta' fehim preżenti fit-traskrizzjoni tal-intervista. Ikkunsidra l-organizzazzjoni ta' seduta ta' smigħ ġdida għall-applikant biex tiċċara n-nuqqas ta' fehim jew l-ambigwitajiet li jaffettwaw il-valutazzjoni tal-aspetti ewlenin tal-fatt materjali.

**Eżempju ta' profil li fih diversi fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjoni jseħħu fl-istess ħin: l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess**

It-talbiet għall-ażil ibbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali ([128]), l-identità tal-ġeneru ([129]) u l-espressjoni ([130]), u l-karatteristiċi tas-sess (SOGIESC, sexual orientation, gender identity and expression, and sex characteristics) ([131]) jiffurmaw kategorija speċifika fi ħdan talbiet relatati mal-ġeneru, li tista' tinvolvi diversi fatturi li jistgħu jfixklu d-dikjarazzjonijiet tal-applikant b'mod speċifiku. Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ u s-sitwazzjoni tal-intervista jistgħu b'mod simili jfixklu d-dikjarazzjonijiet.

Ir-rendikont tal-applikant spiss ikun marbut direttament mal-partijiet l-aktar delikati u intimi tal-isfera privata li jikkostitwixxu tabujiet f'ħafna soċjetajiet, u dan jista' jagħmilha aktar diffiċli biex tiġi żvelata informazzjoni rilevanti b'mod iddettaljat, speċifiku u koerenti.

L-applikanti leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer (LGBTIQ), li ma jikkonformawx mal-istandards eteronormattivi tas-soċjetajiet tagħhom, spiss ikollhom esperjenzi fit-tul ta' diskriminazzjoni, stigma u abbuż. F'ħafna pajjiżi, l-individwi LGBTIQ huma soġġetti wkoll għal pieni ħorox, bħal priġunerija, multi jew saħansitra eżekuzzjoni.

Tali esperjenzi tal-ħajja jistgħu jirriżultaw f'omofobija/bifobija/transfobija/intersesswalifobija internalizzata, sensazzjonijiet ta' iżolament u nuqqas ta' fiduċja fl-awtoritajiet u fis-soċjetà usa'. Tali esperjenzi jista' jkollhom ukoll effett trawmatiku u b'hekk jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tal-memorja, u jillimitaw il-kapaċità tal-applikant li jiftakar l-avvenimenti eżatti b'mod koerenti, konsistenti u/jew iddettaljat. Dawn jistgħu jaffettwaw ukoll il-fiduċja tal-applikant fl-awtorità tal-ażil u r-rieda li jiżvela l-esperjenzi tiegħu. L-istil tal-intervista u l-atmosfera maħluqa mill-uffiċjal tal-każ u l-interpretu fis-sitwazzjoni tal-intervista jistgħu jaffettwaw id-dikjarazzjonijiet tal-applikant.

([128]) L-orjentazzjoni sesswali tirreferi għall-kapaċità ta' persuna li jkollha attrazzjoni emozzjonali, affettiva u sesswali profonda, u relazzjonijiet intimi u sesswali ma' individwi ta' ġeneru differenti jew tal-istess ġeneru jew ta' aktar minn ġeneru wieħed.
([129]) L-identità tal-ġeneru tirreferi għall-esperjenza interna u individwali tal-ġeneru ta' kull persuna li tinħass profondament, li tista' tikkorrispondi jew le mas-sess tagħha kif assenjat mat-twelid jew mal-ġeneru attribwit lilha mis-soċjetà. Din tinkludi s-sens personali tal-ġisem u espressjonijiet oħrajn ta' ġeneru, inklużi l-ilbies, id-diskors u l-manjieri, li jistgħu jinvolvu jew ma jinvolvux xewqa għal modifika tad-dehra jew tal-funzjoni tal-ġisem b'mezzi mediċi, kirurġiċi jew oħrajn.
([130]) L-espressjoni tal-ġeneru tirreferi għall-preżentazzjoni ta' kull persuna tal-ġeneru tagħha permezz tad-dehra fiżika – inkluż iżda mhux limitat għal ilbies, stili ta' xagħar, aċċessorji, kożmetiċi – u manjieri, taħdit, xejriet ta' mġiba, ismijiet u referenzi personali, u jiġi nnotat ukoll li l-espressjoni tal-ġeneru tista' tikkonforma jew le mal-identità tal-ġeneru ta' persuna.
([131]) Il-karatteristiċi tas-sess jirreferu għall-karatteristiċi fiżiċi ta' kull persuna relatati mas-sess, inklużi kromożomi, gonadi, ormoni sesswali, ġenitali, organi riproduttivi, mudelli ta' kromożomi u karatteristiċi fiżiċi sekondarji fir-rigward tal-pubertà.

**Eżempju ta' profil li fih diversi fatturi li jistgħu jwasslu għal distorsjoni jseħħu fl-istess ħin: l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess**

Għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsimiet 2.3.1.(h) "Stigma u mistħija", 2.3.1.(b) "Trawma" u l-effetti tagħha, u 2.3.1.(g) "Biża' u nuqqas ta' fiduċja". Ara wkoll it-Taqsimiet 2.3.2. "Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ" u 2.3.3.(a) "Komunikazzjoni multilingwi permezz ta' interpretu".

Barra minn hekk, l-isfond soċjali u kulturali tagħhom kif ukoll il-kuntest lingwistiku jistgħu jaffettwaw kif l-applikanti LGBTIQ jidentifikaw lilhom infushom u t-termini li jistgħu jużaw biex jitkellmu dwar l-SOGIESC tagħhom. Dawn jistgħu jintużaw għal tifsiriet differenti, li mhux neċessarjament ikunu konsistenti mat-terminoloġija użata fil-kuntest xjentifiku u akkademiku tal-Punent. Dawn l-aspetti jista' jkollhom impatt fuq l-ispeċifiċità kif ukoll fuq il-koerenza pperċepita tad-dikjarazzjonijiet tagħhom.

Għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsimiet 2.3.3.(a) "Komunikazzjoni multilingwi permezz ta' interpretu" u 2.3.2. "Fatturi relatati mal-uffiċjal tal-każ".

SOGIESC tista' taffettwa d-dikjarazzjonijiet tal-applikant bil-modi li ġejjin, pereżempju.

- **Nuqqas ta' kliem xieraq**. Il-persuni LGBTIQ spiss jiġu minn kuntesti lingwistiċi li jistgħu ma jkollhomx termini newtrali biex jiddeskrivu kwistjonijiet relatati ma' SOGIESC, li jista' jwassal għal dikjarazzjonijiet li jidhru anqas speċifiċi. L-applikanti jistgħu wkoll jagħtu tifsiriet għal kliem li ma jkunx konsistenti mat-terminoloġija użata fil-kuntest tal-Punent, li tista' taffettwa l-koerenza pperċepita tad-dikjarazzjonijiet tagħhom.
- **Suġġetti intimi**. Li titkellem ma' persuna li ma tafx dwar is-sesswalità jew l-identità u l-esperjenzi ta' mħabba, mistħija u xewqat li huma marbuta mat-tabujiet soċjali huwa kompitu diffiċli, li jista' jwassal għal żvelar limitat tal-applikazzjoni.
- **Disponibbiltà ta' COI**. Il-marġinalizzazzjoni tal-persuni LGBTIQ fil-pajjiż tal-oriġini spiss twassal għal nuqqas ta' rapportar. Għalhekk, l-informazzjoni speċifika dwar il-pajjiż tal-oriġini ta' spiss tkun limitata jew saħansitra nieqsa.
- **Disponibbiltà ta' evidenza dokumentarja**. Il-persuni LGBTIQ jistgħu ma jkunux kapaċi jirrapportaw lill-pulizija kwalunkwe trattament ħażin li jkunu ffaċċjaw u jiksbu dokumentazzjoni relatata miegħu minħabba diskriminazzjoni prevalenti jew il-kriminalizzazzjoni tal-orjentazzjoni, tal-identità u/jew tal-karatteristiċi tagħhom fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

**Eżempji ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi**

- Żgura li ġew stabbiliti l-garanziji proċedurali speċjali meħtieġa, bħal intervistatur u interpretu ta' ġeneru magħżul, meta jkun meħtieġ u possibbli. Aċċerta li d-dikjarazzjonijiet tal-applikant jiġu indirizzati b'mod sensittiv.
- Żomm lura minn suppożizzjonijiet stereotipiċi u ppreġudikati fir-rigward tal-imġiba, tad-dehra fiżika jew tal-proċess ta' awtoidentifikazzjoni ta' applikanti LGBTIQ. Tistenniex li kellhom l-istess esperjenzi tal-passat jew proċess ta' awtorealizzazzjoni.
- Żgura li ntuża lingwaġġ newtrali, li jippermetti u jħeġġeġ lill-applikant jirrakkonta n-narrattiva tiegħu.
- Żomm f'moħħok li l-SOGIESC tista' tkun kunsiderazzjoni rilevanti kemm jekk l-applikant jiddikjara li jirrappreżenta l-minoranza u/jew meta jiġi pperċepit mis-soċjetà li jirrappreżenta l-minoranza minħabba n-nuqqas ta' konformità tiegħu ma' normi stereotipiċi dwar kif l-irġiel u n-nisa għandhom iġibu ruħhom fis-soċjetà ([132]).

# 2.4. Iddetermina jekk fatt materjali jiġix aċċettat jew irrifjutat

## 2.4.1. L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Wara li jiġu vvalutati l-evidenza dokumentarja jew evidenza oħra u d-dikjarazzjonijiet tal-applikant, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi ta' distorsjoni potenzjali, l-evidenza kollha relatata ma' fatt materjali mbagħad titqies flimkien.

**Ħares lejn l-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali fl-intier tagħha**

Ħares lejn is-sejbiet ta' kredibilità pożittivi u negattivi kollha tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali wieħed fl-istess ħin, fid-dawl tal-indikaturi ta' kredibilità rilevanti, u evalwa kull waħda mis-sejbiet fir-rigward ta' xulxin.

L-għan huwa li wieħed jasal għal stampa ġenerali u eventwalment għal konklużjoni dwar jekk għandux jaċċetta l-fatt materjali jew le.

Element ta' evidenza wieħed jista' jkun probatorja biżżejjed biex jappoġġa l-kredibilità tal-fatt materjali waħdu kif ukoll biex jikkonferma dan. Pereżempju, passaport awtentiku u validu huwa

([132]) Il-Kumitat ta' Helsinki tal-Ungerija, Credibility Assessment in Asylum Procedures, a multidisciplinary training manual, Vol. 2, 2015, p. 66.

evidenza probatorja ħafna ta' ċittadinanza waħdu. Min-naħa l-oħra, element ta' evidenza li mhuwiex probatorju tal-fatt materjali waħdu, jista' jappoġġa, flimkien ma' evidenza oħra u d-dikjarazzjonijiet tal-applikant, il-kredibilità tal-fatt materjali ([133]). Pereżempju, liċenzja tas-sewqan, flimkien ma' ċertifikat tat-twelid, kif ukoll dokumenti oħrajn minn skola u post tax-xogħol, u d-dikjarazzjonijiet tal-applikant meħuda kollha flimkien, jistgħu jkunu probatorji biżżejjed tal-allegata ċittadinanza.

Jekk is-sejbiet pożittivi tal-kredibilità jikkonverġu, dawn se jappoġġaw l-aċċettazzjoni tal-fatt materjali. Jekk is-sejbiet negattivi tal-kredibilità jikkonverġu, dawn se jappoġġaw ir-rifjut tal-fatt materjali. F'xi ċirkostanzi, tista' tagħmel sejbiet li jmorru f'direzzjonijiet differenti. Il-valutazzjoni tiegħek ta' xi indikaturi hija favur il-kredibilità tal-fatt materjali filwaqt li oħrajn jistgħu jmorru kontra. Imbagħad se jkollok bżonn tibbilanċja dawn l-indikaturi. F'dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni, is-sejbiet ta' kredibilità li huma relatati mal-qalba tal-fatt materjali għandhom aktar piż mis-sejbiet ta' kredibilità li huma relatati ma' elementi li mhumiex marbuta mal-qalba tal-fatt materjali u, b'hekk, huma periferali. L-aċċettazzjoni ta' fatt materjali għandha b'mod ġenerali tiddependi biss fuq is-sejbiet ta' kredibilità relatati mal-elementi ewlenin ([134]).

L-evalwazzjoni tas-sejbiet kollha tal-kredibilità tirrikjedi fehim ċar tal-kriterji tal-kredibilità, tal-fatturi ta' distorsjoni u tar-regoli tas-sostanzjar.

**Eżempju ta' kemm huma ċentrali s-sejbiet tal-kredibilità għal fatt materjali**

Pereżempju, l-applikant jipprovdi rendikont pjuttost iddettaljat iżda b'xi kontradizzjonijiet, u jippreżenta diversi dokumenti li huma affidabbli, iżda r-rilevanza tagħhom għall-fatt materjali mhijiex b'saħħitha ħafna.

Inti se teħtieġ li tifhem, fost elementi oħrajn, sa liema punt il-livell għoli ta' dettall jiżvela esperjenza ġenwina u personali, kemm huma stabbiliti b'mod ċar il-kontradizzjonijiet u kemm dawn huma relatati mill-qrib mal-qalba tal-fatt materjali u x'jista' jkun mistenni mill-applikant fis-sitwazzjoni partikolari. Il-valutazzjoni tiegħek dejjem se tiddependi fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-evidenza, u fuq il-fatturi ta' distorsjoni li stajt identifikajt.

Ftakar dan li ġej.

- Fatt materjali jista' jiġi aċċettat fuq il-bażi ta' dokument wieħed jew ta' evidenza oħra jekk ikun suffiċjentement probatorju li jiġi aċċettat fatt materjali li d-dikjarazzjonijiet tiegħu jinstabu li jkunu nieqsa mill-kredibilità. Id-dubju dwar il-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant mhuwiex biżżejjed biex jiskwalifika l-valur probatorju tad-dokumenti jew ta' evidenza oħra. Dikjarazzjonijiet kredibbli waħedhom ukoll jistgħu jkunu biżżejjed biex jiġi aċċettat fatt materjali, anke jekk l-evidenza addizzjonali ma tkunx affidabbli ħafna, jew ma jkollhiex l-awtentiċità.

([133]) QEDB, is-Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2012, *F.N. et vs L-Iżvezja*, 28774/09, ECLI:CE:ECHR:2012:1218JUD002877409, il-punt 72.
([134]) Ara t-Taqsima 2.1.3. "L-għoti ta' "importanza" lis-sejbiet ta' kredibilità relatati mal-element ta' evidenza".

**Eżempju dwar l-aċċettazzjoni ta' fatt materjali bbażat fuq evidenza li hija suffiċjentement probatorja waħedha:** Każ ta' mara żagħżugħa minn pajjiż C

Id-dikjarazzjonijiet tal-applikanta fir-rigward tan-nazzjonalità tagħha tal-pajjiż C huma neqsin mid-dettall u mill-ispeċifiċità u lanqas mhuma konsistenti mal-COI rilevanti. Meta kkonfrontata b'dan, l-applikanta ma tistax tipprovdi spjegazzjoni. Min-naħa l-oħra, wara l-intervista l-applikanta tippreżenta passaport minn pajjiż C, u dak il-passaport ikun affidabbli. In-nazzjonalità tal-applikanta tista' tiġi aċċettata fuq il-bażi ta' dan il-passaport, jekk ma jkunux meħtieġa investigazzjonijiet ulterjuri dwar iċ-ċirkostanzi li fihom ikun inkiseb.

F'dan il-każ partikolari, il-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nisa fil-pajjiż C tal-klassi soċjali li l-applikanta tappartjeni għaliha ma jippermettux lin-nisa jkunu jafu ħafna mid-"dinja ta' barra", peress li l-ħajja sseħħ l-aktar ġewwa d-dar. L-uffiċjal tal-każ ma kienx konxju ta' dan u l-applikanta ma kinitx semmiet dan bħala spjegazzjoni lanqas, peress li għaliha dan kien ovvju u ma rrealizzatx li l-uffiċjal tal-każ jista' ma jkunx jaf dan.

- Kif diskuss fil-Pass 1 (ara t-Taqsima 1.1.1(a).iii. "L-applikant ta spjegazzjoni sodisfaċenti għan-nuqqas ta' evidenza ta' sostenn?"), jista' jkun li ċerta evidenza hija nieqsa. Il-proċess tal-evalwazzjoni tiegħek se jikkunsidra l-piż li tkun tajt lil kwalunkwe evidenza nieqsa. Huwa importanti li tiftakar li huwa abbażi tal-evidenza magħmula disponibbli għalik li se tagħmel il-valutazzjoni tal-fatt materjali li qed jiġi kkunsidrat. Għalhekk, in-nuqqas ta' evidenza jista' ma jkollu l-ebda impatt fuq il-valutazzjoni tal-fatt materjali jekk l-evidenza disponibbli titqies bħala suffiċjenti biex tappoġġa l-fatt materjali. Jekk, min-naħa l-oħra, l-evidenza nieqsa tkun deċiżiva u n-nuqqas tagħha jibqa' mhux spjegat, in-nuqqas tagħha jista' jkollu impatt negattiv fuq il-valutazzjoni tal-kredibilità tal-fatt materjali li jkun qed jiġi eżaminat.

**Eżempju ta' kif il-preżenza jew in-nuqqas ta' evidenza li l-applikant jista' jkun mistenni li jippreżenta jistgħu jaffettwaw il-valutazzjoni tal-kredibilità:** Każ ta' mara żagħżugħa minn pajjiż C

L-applikanta tista' tkun mistennija b'mod raġonevoli, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi individwali u kuntestwali tagħha, li tieħu passi sabiex tiġbor u tippreżenta evidenza dwar il-mewt taż-żewġ ġenituri tagħha, peress li għadha f'kuntatt ma' xi membri tal-familja li jistgħu jappoġġawha u jibgħatulha d-dokumenti rilevanti.

- **Xenarju 1**. Id-dikjarazzjonijiet tal-applikanta huma ddettaljati u speċifiċi fir-rigward taċ-ċirkostanzi tal-mewt tal-ġenituri tagħha, il-mod kif saret taf dwar dan, il-passi li ttieħdu għall-funeral u passi amministrattivi u legali oħrajn li kellhom jittieħdu b'rabta miegħu. Il-fatt li hija ma ppreżentatx evidenza addizzjonali mhux se jkollu wisq piż f'dan il-każ, peress li d-dikjarazzjonijiet tagħha waħedhom jistgħu jitqiesu biżżejjed biex jiġi aċċettat il-fatt materjali.
- **Xenarju 2**. Id-dikjarazzjonijiet tal-applikanta huma inkonsistenti u ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni raġonevoli għas-sejbiet negattivi ta' kredibilità u l-ebda ċirkostanza partikolari ma setgħet tispjegahom. F'dan il-każ, id-dikjarazzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jappoġġaw il-fatt materjali. Il-fatt li hija lanqas ma ħadet xi passi biex issostni r-rendikont tagħha b'evidenza oħra, filwaqt li setgħet b'mod raġonevoli, u ma pprovdietx spjegazzjoni dwar dan, għandu piż negattiv addizzjonali.

- Huwa importanti li jiġi nnotat li n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-applikanta bħala tali mhuwiex raġuni biex jiġi rrifjutat fatt materjali. Dan jista' jwassal għar-rifjut tal-fatt materjali jekk ikollu impatt negattiv dirett fuq il-valutazzjoni tal-fatt materjali kkunsidrat li ma jkunx ikkontrobilanċjat minn sejbiet pożittivi b'rabta ma' dak il-fatt materjali.

Eżempju prattiku huwa pprovdut fl-Anness 2. Eżempju prattiku tal-evalwazzjoni tal-indikaturi tal-kredibilità biex jintwera kif jista' jsir il-proċess tal-evalwazzjoni.

## 2.4.2. Konklużjoni dwar il-fatti materjali

### (a) Konklużjoni bbażata fuq il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-evidenza

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Il-konklużjoni dwar il-fatt materjali hija l-pass finali tal-valutazzjoni tal-evidenza. Il-metodoloġija strutturata tagħha tippermettilek tikkonkludi dwar jekk tistax taċċetta b'mod raġonevoli l-fatt materjali minħabba li tista' tiddependi fuq il-passi preċedenti.

- 1.1.2. "Iġbor elementi ta' prova rilevanti għall-applikazzjoni": fejn tkun irbatt l-evidenza kollha disponibbli ma' dak il-fatt materjali, id-dikjarazzjonijiet tal-applikant u kwalunkwe evidenza oħra li tkun ġiet ippreżentata mill-applikant jew li tkun disponibbli għalik b'xi mod ieħor fir-rigward tiegħu.
- 2.2. "Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant skont l-indikaturi tal-kredibilità" u 2.1. "Ivvaluta l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra": fejn tkun ivvalutajt il-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet u l-valur probatorju tal-evidenza dokumentarja jew ta' evidenza oħra.
- 2.3. "Ikkunsidra fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet": fejn ikkunsidrajt iċ-ċirkostanzi individwali u kuntestwali tal-applikant u kwalunkwe fattur ta' distorsjoni li huwa rilevanti għall-valutazzjoni.
- 1.1.1. "Applika d-dmir ta' kooperazzjoni (oneru tal-provi)": fejn tkun ikkunsidrajt kif suppost l-elementi kollha tad-dmir tal-applikant li jissostanzja u d-dmir tiegħek li tinvestiga.
- 2.4.1. "L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali": fejn tkun evalwajt dawn is-sejbiet kollha b'mod olistiku biex tasal għal konklużjoni.

Abbażi ta' dawn il-punti kollha, għandek tkun tista' tasal għal konklużjoni dwar jekk taċċettax jew tirrifjutax fatt materjali mingħajr l-ebda valutazzjoni ulterjuri.

Meta tasal għal konklużjoni dwar fatt materjali, għandek iżżomm f'moħħok l-isfidi tal-valutazzjoni tal-evidenza fil-proċeduri tal-ażil minħabba l-pożizzjoni li fiha jsibu ruħhom l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, maqtugħin mill-protezzjoni tal-pajjiżi tal-oriġini tagħhom. L-applikanti mhumiex mistennija li "jagħtu prova" tal-applikazzjoni tagħhom għal-livell ta' "ċertezza" jew "lil hinn minn kull dubju raġonevoli". Spiss jibqa' ċertu grad ta' dubju fir-rigward tal-fatti ppreżentati mill-applikant li jrid jiġi rikonoxxut meta tiġi konkluża l-valutazzjoni tal-kredibilità tal-fatti materjali billi jitqies il-prinċipju usa' tal-benefiċċju tad-dubju.

Il-benefiċċju tad-dubju huwa prinċipju usa' użat fil-kuntest tal-istandard tal-evidenza fuq dikjarazzjonijiet fattwali li mhumiex ikkonfermati minn evidenza dokumentarja jew evidenza oħra. Fil-kuntest tal-proċedura tal-ażil, il-kaxxa tal-ġurisprudenza ta' hawn taħt tirriproduċi dikjarazzjonijiet mill-QEDB li huma rilevanti f'dan ir-rigward.

**QEDB, *J.K. et* vs *l-Iżvezja*, il-punti 92–93**

*92. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, hija r-responsabbiltà ta' persuni li jallegaw li t-tkeċċija tagħhom tammonta għal ksur tal-Artikolu 3 li jressqu, sa fejn prattikament possibbli, materjal u informazzjoni li jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti kkonċernat, kif ukoll lill-Qorti, jivvalutaw ir-riskju li tneħħija tista' tinvolvi (...). Il-Qorti, madankollu, tirrikonoxxi l-fatt li fir-rigward tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat, jista' jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, għall-persuna kkonċernata biex tipprovdi evidenza fi żmien qasir, speċjalment jekk tali evidenza trid tinkiseb mill-pajjiż li minnu hija tiddikjara li ħarbet. Għalhekk, in-nuqqas ta' evidenza dokumentarja diretta ma jistax ikun deċiżiv per se (...).*

*93. Minħabba s-sitwazzjoni speċjali li ħafna drabi jsibu ruħhom fiha dawk li jfittxu l-ażil, spiss ikun meħtieġ li dawn jingħataw il-benefiċċju tad-dubju meta tiġi vvalutata l-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet tagħhom u d-dokumenti ppreżentati b'appoġġ tagħhom. Madankollu, meta tiġi ppreżentata informazzjoni li tagħti raġunijiet sodi biex wieħed jiddubita mill-veraċità tal-preżentazzjonijiet ta' persuna li tfittex l-ażil, l-individwu jeħtieġlu jipprovdi spjegazzjoni sodisfaċenti għall-ineżattezzi allegati f'dawk il-preżentazzjonijiet (...). Anke jekk ir-rendikont tal-applikant ta' xi dettalji jista' jidher xi ftit mhux plawżibbli, il-Qorti qieset li dan mhux neċessarjament inaqqas il-kredibilità ġenerali tal-applikazzjoni tal-applikant (...).* ([135])

**Silta mill-Manwal tal-UNHCR, dwar l-oneru tal-provi**

*196. Huwa prinċipju legali ġenerali li l-oneru tal-provi jaqa' fuq il-persuna li tippreżenta applikazzjoni. Madankollu, ħafna drabi applikant jista' ma jkunx kapaċi jappoġġa d-dikjarazzjonijiet tiegħu permezz ta' prova dokumentarja jew prova oħra, u l-każijiet li fihom applikant jista' jipprovdi evidenza tad-dikjarazzjonijiet kollha tiegħu jkunu l-eċċezzjoni aktar milli r-regola. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet persuna li tkun qed taħrab mill-persekuzzjoni tkun waslet bl-anqas ammont ta' affarijiet u ta' spiss ħafna anke mingħajr dokumenti personali.*

(...)

*203. Wara li l-applikant ikun għamel sforz ġenwin biex jissostanzja l-istorja tiegħu, xorta jista' jkun hemm nuqqas ta' evidenza għal xi wħud mid-dikjarazzjonijiet tiegħu. Kif spjegat hawn fuq (il-paragrafu 196), ftit li xejn huwa possibbli li refuġjat "jagħti prova" għal kull parti mill-każ tiegħu u, tabilħaqq, jekk dan ikun rekwiżit, il-maġġoranza tar-refuġjati ma jiġux rikonoxxuti. Għalhekk, spiss ikun meħtieġ li l-applikant jingħata l-benefiċċju tad-dubju.* ([136])

([135]) QEDB, is-Sentenza tat-23 ta' Awwissu 2016, *J.K. et vs L-Iżvezja*, Nru 59166/12, ECLI:CE:ECHR:2016:0823JUD005916612. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA
([136]) UNHCR, Handbook on procedures and criteria for determining refugee status and guidelines on international protection under the 1951 Convention and the 1967 Protocol Relating to the Status of Refugees, maħruġ mill-ġdid, Ġinevra, Frarz 2019, il-paragrafi 196–197 u 203–204.

**Prinċipju usa' tal-benefiċċju tad-dubju**

Matul il-passi differenti kemm tal-ġbir tal-informazzjoni kif ukoll tal-valutazzjoni tal-kredibilità, kif ippreżentat hawn fuq, dan il-prinċipju usa' tal-benefiċċju tad-dubju ġie meqjus. Għal fatti li ma jkunux "ipprovati" permezz ta' evidenza verifikabbli b'mod oġġettiv, jiġi applikat il-prinċipju usa' tal-benefiċċju tad-dubju, permezz tal-użu ta' indikaturi tal-kredibilità b'mod partikolari u billi jiġu segwiti l-passi tal-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-evidenza kif deskritt hawn fuq b'mod ġenerali.

### (b) L-Artikolu 4(5) tal-QD (riformulazzjoni)

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Filwaqt li l-prinċipju usa' tal-benefiċċju tad-dubju jipprovdi gwida dwar meta fatt materjali jista' jiġi aċċettat, **l-Artikolu 4(5) tal-QD (riformulazzjoni)** jiddeskrivi sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom fatt materjali ma għandu jiġi rrifjutat fl-ebda każ. Din id-dispożizzjoni se tkun partikolarment rilevanti meta, minkejja li tkun applikajt l-indikaturi tal-kredibilità u tkun issodisfajt id-dmir tiegħek li tinvestiga, l-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-kredibilità pożittivi u negattivi xorta waħda ma jippermettilekx tasal għal konklużjoni ċara dwar fatt materjali. Meta l-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu 4(5) tal-QD (riformulazzjoni), kif murija fl-illustrazzjoni 12 hawn taħt, **b'mod kumulattiv** jiġu ssodisfati, inti tkun taf li l-fatt materjali ma għandux jiġi rrifjutat.

**Illustrazzjoni 12. Kundizzjonijiet kumulattivi li fihom il-fatti materjali ma jistgħux jiġu rrifjutati abbażi tal-Artikolu 4(5) tal-QD (riformulazzjoni)**



Huwa importanti li jiġi nnotat li l-kundizzjonijiet (a), (b) u (c) huma applikabbli għas-sostanzjar tal-fatt materjali li qed jiġi kkunsidrat.

Il-kundizzjoni (a) tipprovdi li "l-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu". Din hija kundizzjoni li inti tkun ivvalutajt meta kkunsidrajt jekk l-applikant ħax il-passi rilevanti biex jiġbor l-evidenza ħalli jissostanzja l-fatt materjali (ara Taqsima 1.1.1(a), i. "L-applikant għamel sforz ġenwin biex jipprovdi d-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tiegħu?"). Din il-kundizzjoni għandha tiġi vvalutata filwaqt li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. Jekk tista' tistenna li l-applikant ikun ħa passi raġonevoli addizzjonali biex jiġbor l-evidenza, u li dan in-nuqqas ta' sforz ġenwin wassal għal informazzjoni nieqsa jew għal evidenza nieqsa li għandha impatt fuq il-kapaċità tiegħek li tasal għal konklużjoni dwar il-fatt materjali, allura l-applikant ma ssodisfax din il-kundizzjoni.

Il-kundizzjoni (b) tipprovdi li "L-elementi rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-applikant ikunu ġew sottomessi. Spjegazzjoni sodisfaċenti li tirrigwarda nuqqas ta' elementi rilevanti oħra tkun ingħatat". Din hija kundizzjoni li tkun ivvalutajt meta kkunsidrajt jekk hemmx evidenza għad-dispożizzjoni tal-applikant li seta' ppreżenta biex jissostanzja l-fatt materjali iżda ma ppreżentax (ara t-Taqsima 1.1.1(a), iii. "L-applikant ta spjegazzjoni sodisfaċenti għan-nuqqas ta' evidenza ta' sostenn?"). Jekk ma ġiet ipprovduta l-ebda spjegazzjoni raġonevoli, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, u li minħabba l-fatt li dan l-element ma ġiex ippreżentat inti ma tistax tagħmel konklużjoni dwar il-fatt materjali, allura din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata.

Il-kundizzjoni (c) tipprovdi li "d-dikjarazzjonijiet tal-applikant jinstabu li huma koerenti u plawżibbli u ma jmorrux kontra informazzjoni speċifika u ġenerali rilevanti għall-każ tal-applikant". Inti vvalutajt din il-kundizzjoni peress li tkopri l-kriterji tal-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-koerenza, il-plawżibbiltà u l-konsistenza mal-COI (ara t-Taqsima 2.2. "Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant skont l-indikaturi tal-kredibilità"). Jekk dawn il-kriterji ma jiġux issodisfati, filwaqt li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata.

Il-kundizzjoni (d) tipprovdi li l-applikant jeħtieġ li jkun applika għall-protezzjoni internazzjonali mill-aktar fis possibbli, sakemm ma jkunx jista' jagħti raġuni tajba għaliex ma jkunx għamel dan. Żomm f'moħħok meta tapplika din il-kundizzjoni li l-fatt li applikazzjoni nnifisha ma ssirx malajr kemm jista' jkun ma għandu fl-ebda każ jintuża bħala l-unika raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dan huwa stabbilit fl-APD (riformulazzjoni) ([137]). Skont il-prattika u/jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-preżentazzjoni tardiva tista' tiġi kkunsidrata bħala indikazzjoni waħda li trid titqies fil-valutazzjoni tal-kredibilità, b'mod partikolari meta l-applikazzjoni ma tkunx appoġġata minn evidenza dokumentarja ([138]). Meta jitqies dan il-fattur, l-applikant jeħtieġlu jingħata l-possibbiltà li jispjega r-raġuni(jiet) għal kwalunkwe dewmien preżunt fl-applikazzjoni tiegħu. Jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi spjegazzjoni raġonevoli għaliex ma jkunx applika għall-protezzjoni internazzjonali mill-aktar fis possibbli, l-applikazzjoni "tard" tiegħu ma għandhiex tiġi kkunsidrata li għandha impatt negattiv fuq il-valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni.

([137]) L-Artikolu 10(1) tal-APD (riformulazzjoni): "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali la jiġu miċħuda u lanqas esklużi milli jiġu eżaminati għar-raġuni biss li ma kinux saru malajr kemm jista' jkun."
([138]) L-Artikolu 4(5)(d) tal-QD (riformulazzjoni).

Il-kundizzjoni (e) tipprovdi li trid tiġi kkunsidrata l-kredibilità ġenerali tal-applikant. Il-kredibilità ġenerali hija r-"rekord ta' kredibilità" tal-applikant bħala persuna li tfittex l-ażil. Din tikkonċerna l-elementi fattwali importanti kollha relatati mal-azzjonijiet tal-applikant li jsiru magħrufa fil-proċedura tal-ażil u mhumiex limitati għall-valutazzjoni ta' fatt materjali wieħed biss.

Dawn l-elementi jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, imġiba jew dikjarazzjonijiet li jindikaw li l-applikant ma jibżax jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu jew, għall-kuntrarju, imġiba jew dikjarazzjonijiet li jissottolinjaw il-biża' tiegħu; azzjonijiet jew ommissjonijiet tal-applikant fir-rigward tad-dmir tiegħu li jissostanzja l-applikazzjoni, bħal ħabi tal-informazzjoni jew joffri kif xieraq l-informazzjoni kollha, jagħti informazzjoni qarrieqa ([139]) jew ikun dirett, jippreżenta dokumenti ffalsifikati jew jappoġġa l-każ tiegħu b'dokumentazzjoni awtentika; ifixkel it-trattament tal-każ tiegħu jew jikkonforma mal-obbligu li jikkoopera. L-illustrazzjoni li ġejja turi elementi li jistgħu jiġu kkunsidrati.

**Illustrazzjoni 13. Kredibilità ġenerali – eżempji ta' elementi li għandhom jiġu kkunsidrati**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikazzjonijiet tal-imġiba tal-biża' ta' ritorn | Offerta ta' informazzjoni | Informazzj-oni diretta | Dokumenti ġenwini | Sostenn lill-awtorità tal-ażil | ... |
| Kontraindikazz-jonijiet tal-imġiba tal-biża' ta' ritorn | Ħabi ta' informazzjoni | Informazzjoni qarrieqa | Dokumenti ffalsifikati | Tfixkil fil-ġestjoni tal-applikazzjoni | ... |

Il-kunsiderazzjoni tal-imġiba tal-applikant għall-fini tad-determinazzjoni tal-kredibilità ġenerali tiegħu hija ffokata fuq atti oġġettivi tal-applikant. Ma tistax tkun ibbażata fuq l-osservazzjonijiet tal-imġiba tal-applikant (il-mod kif jidher jew iġib ruħu). Il-kredibilità ġenerali mhijiex karatteristika tal-personalità tal-applikant, iżda pjuttost il-konsegwenza tal-azzjonijiet tiegħu. Jekk l-azzjonijiet tal-applikant iħallu lill-awtorità tal-ażil b'dubji dwar jekk jindikawx jew le n-nuqqas ta' ħtieġa ta' protezzjoni, tista' tistaqsi lill-applikant dwar dawn l-aspetti tal-azzjonijiet tiegħu, il-kundizzjonijiet li fihom ikunu seħħew u b'hekk tiċċara t-tifsira u l-konsegwenzi tagħhom diġà fl-intervista personali.

L-azzjonijiet negattivi elenkati hawn fuq jeħtieġ li jkunu ta' natura suffiċjentement serja, jew waħedhom, jew f'ripetizzjoni jew flimkien ma' azzjonijiet oħrajn qabel ma jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati li jaffettwaw il-kredibilità ġenerali tal-applikant. Għalhekk, mhuwiex minħabba li wieħed minnhom jista' jiġi identifikat fil-fajl tal-applikant li dan *ipso facto* jkollu impatt negattiv

([139]) Ara l-QĠUE, is-Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, *X vs International Protection Appeals Tribunal, Minister for Justice and Equality, Ireland,*, C-756/21, ECLI:EU:C:2023:523, il-punt 93. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA. F'dak il-każ, il-Qorti kkunsidrat, fost elementi oħrajn, li l-Artikolu 4(5)(e) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 304, 30.9.2004) irid jiġi interpretat bħala li jfisser li dikjarazzjoni falza, li tinsab fl-applikazzjoni inizjali għall-protezzjoni internazzjonali, li ġiet spjegata u rtirata mill-applikant għall-ażil fl-ewwel opportunità disponibbli, ma tistax, waħedha, tipprevjeni l-istabbiliment tal-kredibilità ġenerali tal-applikant.

fuq il-kredibilità ġenerali tiegħu. Informazzjoni dwar l-applikant li mhijiex relatata mal-proċedura tal-ażil mhijiex rilevanti għall-istabbiliment tal-kredibilità ġenerali tal-applikant.

Fil-każijiet kollha, qabel ma tasal għal kwalunkwe konklużjoni dwar il-kredibilità ġenerali tal-applikant, għandek tikkunsidra l-fatturi individwali u kuntestwali kollha li jistgħu jispjegaw l-imġiba kkunsidrata tal-applikant u tagħti opportunità lill-applikant biex jipprovdi spjegazzjoni.

# 3. Pass 3. Valutazzjoni tar-riskju

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

## 3.1. Introduzzjoni

Il-valutazzjoni tar-riskju hija t-tielet pass fl-approċċ bi tliet passi għall-valutazzjoni tal-evidenza u tar-riskju proposti fil-bidu tal-gwida. Il-valutazzjoni tar-riskju hija valutazzjoni fattwali u orjentata lejn il-futur (tal-preżent u tal-futur) tal-probabbiltà li l-applikant jiffaċċja mar-ritorn avveniment li potenzjalment jammonta għal persekuzzjoni jew dannu serju; valutazzjoni li tikkunsidra l-fatti materjali aċċettati kollha (u biss) (tal-preżent u tal-passat), iċ-ċirkostanzi personali tal-applikant u l-informazzjoni disponibbli bħalissa.

F'dan il-kapitolu, it-terminu "avveniment" jintuża b'mod wiesa' biex ikopri kwalunkwe ħaġa avversa li tista' sseħħ lill-applikant mar-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu. L-avvenimenti jistgħu jinkludu, pereżempju, azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjoni, trattamenti, esperjenzi jew sitwazzjonijiet li fihom jista' jispiċċa l-applikant.

L-illustrazzjoni ta' hawn taħt turi l-approċċ bi tliet passi, li tiċċara wkoll id-differenza bejn il-valutazzjoni tal-evidenza u l-valutazzjoni tar-riskju, u l-linja bejn valutazzjoni fattwali u legali.

**Illustrazzjoni 14. Il-valutazzjoni fattwali u legali matul il-proċedura ta' eżami**




F'dan l-istadju, l-identifikazzjoni ta' riskju għadha ma timplikax il-kwalifika legali tal-avvenimenti bħala "persekuzzjoni" jew "dannu serju". Hija biss identifikazzjoni u deskrizzjoni tal-avvenimenti li jistgħu jseħħu lill-applikant mar-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini jew ir-residenza abitwali u li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju, u valutazzjoni tal-

probabbiltà li dawn jistgħu jseħħu. L-identifikazzjoni u d-deskrizzjoni preċiżi tal-avvenimenti li jistgħu jseħħu lill-applikant u li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju fil-fażi tal-valutazzjoni tar-riskju huma importanti ħafna. Dan jgħinek tivvaluta u tiddeċiedi jekk dawn l-avvenimenti jammontawx għal persekuzzjoni jew dannu serju fil-fażi tal-analiżi legali. Bl-istess mod, il-valutazzjoni tal-probabbiltà li jseħħ avveniment taħt il-valutazzjoni tar-riskju se tkun il-bażi għall-valutazzjoni tal-"biża' ġġustifikata" fl-analiżi legali.

Il-valutazzjoni tar-riskju mhijiex ibbażata fuq spekulazzjonijiet iżda fuq metodoloġija oġġettiva, li "trid titwettaq b'viġilanza u kura, ibbażata biss fuq evalwazzjoni speċifika tal-fatti u ċ-ċirkostanzi" ([140]) tal-każ. Min-naħa l-oħra, l-analiżi legali hija l-evalwazzjoni ġuridika ta' jekk il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali humiex issodisfati.

Il-valutazzjoni tar-riskju tikkonsisti f'żewġ passi ewlenin:

1. id-definizzjoni tar-riskju/i;
2. il-valutazzjoni tar-riskju/i.

## 3.2. Definizzjoni tar-riskju/i

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Riskju huwa avveniment futur li jista' jseħħ u li huwa ta' theddida għall-applikant. Ir-riskju huwa ddefinit minn dak li jista' jiġri, ir-raġuni(jiet) għalfejn jista' jiġri, min iwettqu jew jikkawżah u ċ-ċirkostanzi li fihom jista' jseħħ. Sabiex tiddefinixxi b'mod preċiż ir-riskju/i, jeħtieġlek tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-evidenza, li jfisser:

- il-biżgħat u r-riskji kif espressi mill-applikant;
- ir-riskji li inti identifikajt abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa.

**Ftakar li l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini hija meħtieġa għall-identifikazzjoni tar-riskji**

Biex tidentifika kwalunkwe riskju mhux espress mill-applikant, huwa kruċjali li jkollok l-informazzjoni xierqa dwar is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tal-oriġini kif ukoll idea tajba dwar il-profil speċifiku u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. Filwaqt li r-riskji li ma jissemmewx mill-applikant jistgħu jiġu identifikati aktar ta' spiss matul l-istadju tal-ġbir tal-evidenza, fil-punt tal-valutazzjoni tar-riskju xorta tista', fil-fatt, tidentifika xi riskji ġodda wara r-riċerka dwar il-COI tiegħek dwar is-sitwazzjoni kurrenti fil-pajjiż tal-oriġini. Dan jista' jseħħ, pereżempju, meta jseħħu bidliet wara li tkun saret l-intervista. F'dan il-każ, għandek tmur lura għall-passi preċedenti, tidentifika l-fatti materjali sottostanti, tivvalutahom u jekk jiġu aċċettati, tkompli bil-valutazzjoni tar-riskju.

Żomm f'moħħok li wara r-riċerka dwar il-COI tiegħek, minbarra riskji ġodda, tista' tidentifika xi riskji li huma differenti minn dawk deskritti inizjalment mill-applikant li kienu relatati ma' fatti materjali speċifiċi.

(140) QĠUE, is-Sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Bundesrepublik Deutschland vs Y u Z, Nri C-71/11 u C-99/11, EU:C:2012:518, fn. 33, il-punt 77, li jkompli jispeċifika li din l-evalwazzjoni jeħtieġ li sseħħ f'konformità mar-regoli stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 304, 30.9.2004). Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

**Eżempju dwar id-definizzjoni ta' riskju billi titqies il-COI:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

L-applikanta ddikjarat li tibża' li tinqatel minħabba l-profil tagħha bħala avukat għall-NGOs li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u li jirrapportaw il-ksur. Int aċċettajt il-fatt materjali tal-profil tagħha bħala avukat għall-NGOs li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u li jirrapportaw il-ksur.

Madankollu, mir-riċerka dwar il-COI inti sibt li persuni b'dan il-profil mhumiex qed jirriskjaw ħajjithom iżda minflok ikollhom il-liċenzji professjonali tagħhom irtirati jew l-uffiċċji tagħhom magħluqa.

Abbażi ta' dan, inti se tiddefinixxi li r-riskju għaliha mhuwiex li se tinqatel iżda li l-liċenzja professjonali tagħha se tiġi rtirata jew li l-uffiċċju tagħha se jingħalaq minħabba l-attivitajiet politiċi tagħha. Naturalment, jista' jkun hemm riskji addizzjonali skont il-fatti materjali l-oħrajn li jkunu ġew aċċettati.

**COI dwar il-valutazzjoni tar-riskju**

Il-COI li użajt fil-valutazzjoni tal-kredibilità (indikaturi tal-kredibilità esterna) mhijiex neċessarjament l-istess bħal-COI użata għall-valutazzjoni tar-riskju. Filwaqt li l-COI li tirfed il-valutazzjoni tal-kredibilità tiffoka fuq il-konferma ta' avveniment jew sitwazzjoni fil-passat, il-COI għall-valutazzjoni tar-riskju tħares ukoll lejn kwalunkwe evidenza oħra li tista' tindika li jista' jseħħ ċertu tip ta' dannu fil-futur. Pereżempju, il-COI għall-valutazzjoni tar-riskju tħares lejn is-sitwazzjoni oġġettiva tas-sigurtà u tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż tal-oriġini, ix-xejriet tal-imġiba tal-attur ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju u r-riskji li l-persuni f'sitwazzjoni simili bħal dik tal-applikant ikunu magħrufa li jgħaddu minnhom.

**Eżempju dwar l-identifikazzjoni tar-riskji abbażi ta' fatti materjali aċċettati:** Każ ta' attivista minn pajjiż B

Il-biża' espressa inizjalment mill-applikanta kienet li se tiġi ttrattata ħażin mill-awtoritajiet ta' pajjiżha minħabba l-attivitajiet tagħha bħala avukat għall-NGOs li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u li jirrapportaw il-ksur. It-trattament ħażin jinkludi proċess (inġust) ibbażat fuq akkużi foloz, sentenza u detenzjoni possibbli, abbuż fiżiku u sesswali u saħansitra mewt.

Billi bdejt mill-biża' espressa, inti wettaqt il-valutazzjoni tal-kredibilità tiegħek u aċċettajt/irrifjutat xi fatti materjali. Hawn taħt hawn lista tal-fatti materjali li inti aċċettajt.

- **Fatt materjali 1.** L-applikanta ġejja minn Pajjiż B.
- **Fatt materjali 2.** L-applikanta hija avukat tad-drittijiet tal-bniedem, mexxejja soċjali u titkellem kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiż B.
- **Fatt materjali 3.** L-applikanta hija membru ta' diversi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-NGO imsejħa Y.

- **Fatt materjali 4.** L-applikanta pparteċipat f'dimostrazzjoni.
- **Fatt materjali 5.** L-applikanta ġiet arrestata, detenuta u msawwta bħala konsegwenza tal-parteċipazzjoni tagħha fid-dimostrazzjoni u l-iffilmjar tagħha.
- **Fatt materjali 6.** L-applikanta ġiet akkużata b'"reżistenza għall-arrest" u b'"istigazzjoni pubblika għall-vjolenza" u rċeviet akkuża li tindika d-data tal-proċess quddiem it-tribunal militari.

F'dan il-każ, ir-riskji għall-applikant huma bbażati fuq il-biżgħat espressi abbażi ta' avvenimenti li għaddiet minnhom fil-passat. Għalhekk, ir-riskji mar-ritorn li se tidentifika huma li tista' tiġi mħarrka abbażi tal-akkuża li rċeviet; għat-tul tal-proċess, tista' titqiegħed f'detenzjoni; tista' tkun qed taffaċċja proċess inġust; wara dan il-proċess tista' tiġi kkundannata u tispiċċa l-ħabs. Matul dan il-proċess tista' tkun ittrattata ħażin, abbużata jew saħansitra maqtula mill-awtoritajiet ta' pajjiżha. Dawn l-avvenimenti possibbli huma dovuti għall-attivitajiet tagħha bħala avukat tad-drittijiet tal-bniedem u għall-parteċipazzjoni tagħha fid-dimostrazzjoni.

Id-deskrizzjoni preċiża tar-riskju/i kif imsemmi mill-applikanta jew identifikat minnek se tkun ta' għajnuna matul il-valutazzjoni tar-riskju. Din hija l-fażi li se tippermettilek, meta tasal għall-analiżi legali, li tiddetermina għadd ta' aspetti. Dawn jinkludu jekk dawn ir-riskji fattwali jistgħux jiġu kkunsidrati bħala biża' ġġustifikata ta' persekuzzjoni jew riskju veru ta' dannu serju, min huma l-atturi ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju, ir-raġunijiet għall-persekuzzjoni, iċ-ċirkostanzi li fihom dan iseħħ u jekk hemmx possibbiltà ta' protezzjoni. Fi kliem ieħor, jekk dawn l-elementi fattwali jaqgħux fi ħdan id-definizzjonijiet legali u jissodisfawhomx.

**Prinċipji li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu ddefiniti u deskritti r-riskji**

- Id-dikjarazzjonijiet tal-applikant huma l-punt tat-tluq għad-definizzjoni tar-riskji.
- Dawn huma kkomplementati mir-riskji li inti identifikajt abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa.
- L-eżitu tal-valutazzjoni tal-kredibilità (fatti materjali aċċettati/irrifjutati) se jiddefinixxi l-ambitu eżatt tar-riskji.
- Id-dettalji rilevanti kollha relatati mar-riskji għandhom jiġu inklużi fid-deskrizzjoni (jiġifieri xiex, minn min, għaliex, f'liema ċirkostanzi kontribwenti u jekk hemmx possibbiltà ta' protezzjoni)
- Ir-riskji huma relatati biss ma' avvenimenti li jistgħu jseħħu fil-futur.
- F'dan l-istadju għandha tiġi evitata kwalunkwe kwalifika legali.

## 3.3. Valutazzjoni tar-riskju

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Wara li tkun iddefinixxejt ir-riskji ta' x'jista' jiġri lill-applikant mar-ritorn, il-pass li jmiss huwa li tivvaluta l-probabbiltà li dawn iseħħu f'każ ta' ritorn.

L-għan tal-valutazzjoni tar-riskju huwa li jiġu identifikati t-tipi ta' dannu li għalihom jista' jkun hemm "biża' ġġustifikata" jew "riskju veru".

Fil-valutazzjoni tar-riskju, ir-riskju dejjem jeħtieġ li jinftiehem fl-intier tiegħu: l-avvenimenti li dwarhom hemm biża' b'rabta mal-atturi speċifiċi, ir-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jseħħu l-avvenimenti kif deskritt hawn fuq.

Wara li tiddiskuti liema standard ta' probabbiltà huwa applikabbli u x'jinvolvi dan, din it-taqsima se tgħinek tesplora l-aspetti kollha tar-riskji u tinkludi mistoqsijiet li tista' tikkunsidra sabiex tidentifika l-elementi kollha (indikaturi tar-riskju) li se jaffettwaw il-probabbiltà tar-riskju, qabel ma tikkonkludi dwar dawn l-elementi kollha flimkien. Fil-konklużjoni, inti se tagħti importanza xierqa lil kull waħda mis-sejbiet tiegħek relatati mal-indikaturi tar-riskju, tapplika r-regoli dwar l-oneru tal-provi mibdul meta jkun meħtieġ u tikkonkludi jekk intlaħaqx l-istandard raġonevoli ta' probabbiltà.

Żomm f'moħħok li fl-istadju tal-valutazzjoni tar-riskju, m'intix tinvolvi ruħek fl-analiżi legali. Madankollu, abbażi tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni, se tiddefinixxi jekk hemmx biża' ġġustifikata ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju f'dak il-pass.

### 3.3.1. L-istandard tal- probabbiltà għal biża' ġġustifikata u riskju veru (standard tal-evidenza)

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Biex tivvaluta l-probabbiltà li jseħħ ir-riskju, jeħtieġ li tapplika l-istandard korrett. L-istandard tal-probabbiltà tar-riskju jirreferi għal-livell limitu li jrid jiġi ssodisfat sabiex jiġi stabbilit li jista' jseħħ ċertu riskju fil-futur raġonevolment prevedibbli f'każ ta' ritorn tal-applikant lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu jew ta' residenza abitwali ta' qabel. Meta jintlaħaq il-livell limitu, jiġi aċċettat li r-riskju jikkorrispondi għal biża' ġġustifikata jew riskju veru.

Filwaqt li l-livell limitu fil-valutazzjoni tar-riskju bħala tali mhuwiex iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, u l-QĠUE lanqas għadha ddeċidiet dwar dan, l-aktar standard ta' probabbiltà applikat b'mod komuni fil-valutazzjoni tar-riskju futur għall-applikant huwa l-"grad raġonevoli ta'

probabbiltà" ([141]). Dan ifisser li l-aspettattivi dwar l-istandard ta' probabbiltà li se jseħħ ir-riskju ma għandhomx jiġu stabbiliti f'livell għoli daqs il-livell ta' "ċertezza" jew ta' "probabbiltà sinifikanti" jew li r-riskju se jseħħ "lil hinn minn kull dubju raġonevoli". Min-naħa l-oħra, anke "sempliċi ċans" jew "sempliċi possibbiltà" mhijiex biżżejjed biex jiġi stabbilit ir-riskju futur. L-illustrazzjoni ta' hawn taħt tippreżenta il-istandards differenti ta' probabbiltà.

**Illustrazzjoni 15. L-istandard tal-probabbiltà għal biża' ġġustifikata u riskju veru**




Il-"grad raġonevoli ta' probabbiltà" jirrikjedi analiżi kwalitattiva. Ma jitlobx li r-riskju jiġi kkwantifikat fuq skala ta' probabbiltajiet jew li l-possibbiltajiet li jimmaterjalizza r-riskju jkunu

([141]) QĠUE, is-Sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Bundesrepublik Deutschland vs Y u Z, C-77/11 u C-99/11, EU:C:2012:518, il-punt 76. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA. F'din is-sentenza, il-QĠUE ċċarat li meta jiġi vvalutat jekk applikant għandux biża' ġġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa "jistabbilixxu jekk iċ-ċirkostanzi stabbiliti jikkostitwixxux theddida tali li l-persuna kkonċernata jista' jkollha raġun li tibża', fir-rigward tas-sitwazzjoni individwali tagħha, li tkun effettivament is-suġġett ta' atti ta' persekuzzjoni"; il-QĠUE (l-Awla Manja), is-Sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Aydin Salahadin Abdulla et vs Bundesrepublik Deutschland, il-Kawżi Konġunti C-175/08, C-176/08, C-178/08 u C-179/08, EU:C:2010:105, il-punt 89. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA; QĠUE, is-Sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Minister voor Immigratie en Asiel vs X u Y u Z, il-Kawżi Konġunti C-199/12 sa C-201/12, EU:C:2013:720, il-punt 72. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

Kif imsemmi wkoll fil-kawża ta' BVerwG (traduzzjoni informali):

> *Il-livellta' probabbiltà jippresupponi li f'valutazzjoni fil-qosor tal-kwistjoni eżistenzjali ppreżentata għall-eżami, il-fatti li jargumentaw għall-eżistenza ta' persekuzzjoni għandhom piż akbar, u għalhekk jipprevalu fuq il-fatti li jitkellmu kontra l-eżistenza tagħha. Hawnhekk irid jiġi applikat approċċ "li jikkwalifika", fis-sens ta' evalwazzjoni u ponderazzjoni taċ-ċirkostanzi stabbiliti kollha u s-sinifikat tagħhom. Il-mistoqsija materjali hija jekk, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, biża' ta' persekuzzjoni tistax tiġi indotta f'persuna raġonevoli u prudenti fis-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata.*

Il-Qorti Amministrattiva Federali (il-Ġermanja), BVerwG 10 C 23.12, paragrafu 32, disponibbli bil-Ġermaniż fuq Urteile und Beschlüsse | Bundesverwaltungsgericht; UNHCR, *Handbook on Procedures and Criteria for Determining Refugee Status and Guidelines on International Protection Under the 1951 Convention and the 1967 Protocol Relating to the Status of Refugees*, Frar 2019, HCR/1P/4/ENG/REV. 4, paragrafu 42; UNHCR, *Note on Burden and Standard of Proof in Refugee Claims*, is-16 ta' Diċembru 1998, il-paragrafi 16 u 21.

"aktar probabbli milli le". L-eżistenza ta' "grad raġonevoli" ma tistax tiġi ssostitwita b'formula matematika. Biex tiġi vvalutata r-"raġonevolezza" tal-grad ta' probabbiltà, il-valutazzjoni tar-riskju minflok se tiffoka fuq is-sitwazzjoni individwali tal-applikant fiċ-ċirkostanzi eżistenti fil-pajjiż tal-oriġini.

Il-valutazzjoni tal-probabbiltà tinfirex għall-futur raġonevolment prevedibbli. Il-futur raġonevolment prevedibbli huwa dak li jista' jkun raġonevolment mistenni li jseħħ, abbażi tal-informazzjoni dwar avvenimenti u ċirkostanzi tal-passat u tal-preżent. Il-futur raġonevolment prevedibbli jestendi lil hinn mill-futur immedjat iżda ma jmurx lil hinn miż-żmien li matulu ċerti avvenimenti jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jseħħu.

### 3.3.2. Indikaturi tar-riskju

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

L-indikaturi tar-riskju se jippermettulek tesplora l-elementi kollha li jistgħu jaffettwaw il-probabbiltà tar-riskju. L-indikaturi tar-riskju jistgħu jindikaw kemm sejbiet li jappoġġaw il-probabbiltà li l-avveniment iseħħ fil-futur kif ukoll sejbiet li jindikaw li hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li r-riskju mhux se jimmaterjalizza.

**Illustrazzjoni 16. Indikaturi tar-riskju**




L-indikaturi tar-riskju se jiġu esplorati billi wieħed iħares lejn il-ħames oqsma li ġejjin.

a) L-avvenimenti li l-applikant ikun esperjenza fil-passat (inklużi avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju, it-theddid tagħhom u s-sitwazzjonijiet jew l-azzjonijiet li possibbilment iwasslu għal avvenimenti bħal dawn).
b) Persuni qrib l-applikant jew f'sitwazzjoni simili bħall-applikant, li jiġu ppersegwitati, li jesperjenzaw dannu serju jew li jiġu mhedda b'dan il-mod.
c) Iċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, li jistgħu jżidu jew inaqqsu r-riskju.
d) Ir-raġunijiet jew il-motivi sottostanti għall-avvenimenti ta' biża' fiż-żmien ta' ritorn possibbli tal-applikant lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu.
e) Il-kapaċità tal-atturi ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju li jheddu jew iwettqu t-theddid f'każ ta' ritorn.

Għal kull wieħed minn dawn l-oqsma, it-taqsima ta' hawn taħt se tippreżenta mistoqsijiet utli biex jiġu esplorati l-aspetti kollha tar-riskju u jintlaħqu sejbiet pożittivi u/jew negattivi. Żomm

f'moħħok li l-indikaturi ddettaljati hawnhekk bħala tali mhumiex eżawrjenti u li jista' jkun hemm indikaturi ta' riskju addizzjonali li jridu jiġu kkunsidrati f'applikazzjonijiet individwali.

**L-importanza tal-COI fil-valutazzjoni tar-riskju**

Sabiex twettaq il-valutazzjoni tar-riskju, se jkollok tagħmel riċerka u tuża l-COI l-aktar reċenti, rilevanti u affidabbli, ikkunsidrata fid-dawl tal-karatteristiċi individwali u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Sakemm l-applikant ma jkunx persuna magħrufa sew, il-COI se tagħtik l-aktar informazzjoni dwar persuni li huma jew li jistgħu jkunu f'sitwazzjoni simili għall-applikant.

Għal xi każijiet jew ċerti pajjiżi, hemm ammont kbir ta' materjal disponibbli minn ħafna sorsi. Għall-kuntrarju, għal każijiet u pajjiżi oħrajn tista' ssib ammont limitat ta' informazzjoni. Il-fatt li ma ssibx informazzjoni dwar is-sitwazzjoni kurrenti relatata mar-riskju li qed tipprova tivvaluta mhux neċessarjament ifisser li r-riskju ma jeżistix. Minflok, dan jista' jfisser li s-suġġett ma jiġix irrapportat jew ma jiġix irrapportat biżżejjed.

Għat-trattament ta' COI kontradittorja, limitata jew nuqqas ta' COI matul l-eżami ta' applikazzjoni, ara l-EASO, *Practical Guide on the Use of Country of Origin Information by Case Officers for the examination of asylum applications (Gwida prattika dwar l-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini mill-uffiċjali tal-każijiet għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil)*, Diċembru 2020, p. 38–40.

### (a) L-avvenimenti li l-applikant esperjenza fil-passat

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

B'mod ġenerali, il-fatt li avveniment diġà seħħ fil-passat huwa fih innifsu probabbilment l-aktar indikatur b'saħħtu li hemm probabbiltà li jerġa' jseħħ fil-futur. Għal din ir-raġuni, il-QD (riformulazzjoni) tistipula oneru tal-provi mibdul f'każijiet fejn, fil-passat, l-"applikant diġà kien suġġett għal persekuzzjoni jew dannu serju jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan il-periklu" ([142]). Għal aktar informazzjoni dwar din il-bidla fl-oneru tal-provi, ara t-Taqsima 3.4. "Konklużjoni dwar ir-riskju".

Permezz tal-identifikazzjoni tal-fatti materjali u l-valutazzjoni tal-kredibilità, diġà stabbilixxejt l-avvenimenti kollha li seħħew fil-passat u li jistgħu jissostanzjaw ir-riskju futur.

Ladarba tkun aċċettajt ċerti avvenimenti tal-passat bħala kredibbli, dimensjoni importanti li għandha tiġi esplorata aktar fil-valutazzjoni tar-riskju hija kif dawn huma mifruxa fuq perjodu ta' żmien.

([142]) L-Artikolu 4(4) tal-QD (riformulazzjoni):

> *Il-fatt li applikant diġà kien suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan il-periklu, huwa indikazzjoni serja tal-biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni jew ir-riskju veru li jsofri dannu serju, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li jista' jitqies li din il-persekuzzjoni jew dan id-dannu serju ma jiġix ripetut.*

**Meta seħħ (l-aħħar) avveniment?**

- Kemm għadda żmien bejn l-aħħar avveniment u l-mument li fih l-applikant telaq mill-pajjiż tal-oriġini tiegħu?
- X'ġara fil-perjodu bejn l-aħħar avveniment u t-tluq tal-applikant?
- X'għamel l-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju matul dan iż-żmien?
- Jekk ma kien hemm l-ebda avveniment sinifikanti fil-perjodu ta' intervent, x'inhuma r-raġunijiet għaliex ma seħħ xejn aktar? Hemm indikazzjonijiet li, minkejja l-iskeda ta' żmien, l-attur se jerġa' jibda jhedded lill-applikant jew iwettaq l-avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju?

Jekk avveniment ikun seħħ ħafna qabel it-tluq tal-applikant mill-pajjiż tal-oriġini u jkun ilu jgħix għal żmien twil mingħajr ebda ripetizzjoni ta' avvenimenti simili, dan jista' jkun indikazzjoni li hemm riskju limitat li jerġa' jseħħ fil-futur. Dan jista' jitqies bħala l-każ sakemm ma jkunx hemm spjegazzjonijiet oħrajn għal dan, li jeħtieġ li jiġu esplorati fid-dettall. Jista' jkun hemm ħafna raġunijiet għaliex ma jkun seħħ l-ebda avveniment qabel it-tluq. L-attur jista' ma jkunx jaf dwar fejn jinsab l-applikant, jew seta' kellu prijoritajiet oħrajn f'dak iż-żmien, mingħajr ma jkun neċessarjament biddel il-politika jew l-intenzjoni tiegħu lejn l-applikant.

Huwa importanti li wieħed jinnota li filwaqt li l-esperjenza ta' avvenimenti tal-passat li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew hija indikazzjoni serja li avvenimenti bħal dawn x'aktarx li jseħħu f'każ ta' ritorn, in-nuqqas ta' avvenimenti tal-passat li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu  dannu serju, min-naħa l-oħra, ma jwassalx neċessarjament għan-nuqqas ta' riskju futur, peress li ma tistax tistenna li persuna tistenna li tkun soġġetta għal avvenimenti bħal dawn qabel ma taħrab mill-pajjiż tal-oriġini tagħha.

### (b) Persuni qrib l-applikant jew f'sitwazzjoni simili għall-applikant

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

**Hemm nies qrib l-applikant li qed jiġu mhedda jew qed jaffaċċjaw avvenimenti u/jew imġiba li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju?**

Dak li ġara jew li għadu qed jiġri lill-membri tal-familja jew lill-ħbieb fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-applikant huwa wkoll indikatur ta' riskju eżistenti. Pereżempju, jista' juri li l-attur tal-persekuzzjoni qed joqrob lejn l-applikant jew jixtieq jagħmel dannu lill-applikant permezz ta' qraba mill-qrib.

- In-nies qrib l-applikant huma mhedda għall-istess raġunijiet bħall-applikant li jibża' mill-persekuzzjoni jew minn dannu serju? Huma mhedda għaliex huma relatati mill-qrib mal-applikant? Huma mhedda għal kwalunkwe raġuni oħra?

Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta' elementi li għandhom jiġu kkunsidrati.

**Dwar l-avvenimenti**

- X'inhuma l-avvenimenti li l-persuni qrib l-applikant tipikament qed jiffaċċjaw?
- Kemm huma frekwenti dawn l-avvenimenti?
- Kemm huma mifruxa dawn l-avvenimenti?

**Dwar ix-xebh**

- Hemm differenzi importanti bejn l-applikant u l-persuni relatati, li jista’ jkollhom impatt sinifikanti fuq ir-riskju li l-applikant jiffaċċja destin simili?

**Eżempju dwar it-trattament tal-qraba bħala indikatur tar-riskju:** Każ ta’ attivista minn pajjiż B

Il-mewt ta’ kuġinuha, it-trattament ħażin tal-qraba tagħha u d-detenzjoni tan-neputijiet tagħha kienu b’mod ċar theddid dirett mill-attur tal-persekuzzjoni lejn l-applikanta biex twaqqaf l-attivitajiet tagħha. Jekk aċċettajt dawk il-fatti, dawn jikkostitwixxu indikaturi b’saħħithom tar-riskju inkwistjoni.

**In-nies jinsabu f’sitwazzjoni personali simili u/jew bl-istess karatteristika/karatteristiċi li qed jiġu ppersegwitati, iġarrbu dannu serju jew jiġu mhedda b’dan il-mod?**

Meta persuni f’sitwazzjoni simili bħall-applikant u/jew bl-istess karatteristika/karatteristiċi bħall-applikant jiġu ppersegwitati jew iġarrbu dannu serju, dan joffri indikazzjoni b’saħħitha li l-applikant innifsu jista’ jkun ukoll f’riskju mar-ritorn. Ix-xebh jista’ jkun reali jew ipperċepit. F’dan il-każ, jeħtieġ li jiġu esplorati l-mistoqsijiet li ġejjin.

Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta’ elementi li għandhom jiġu kkunsidrati.

**Dwar l-avvenimenti**

- X’inhuma l-avvenimenti li l-persuni f’sitwazzjoni simili qed jiffaċċjaw tipikament?
- Dawn l-avvenimenti huma pprovduti mil-liġi?
- Kemm huma frekwenti dawn l-avvenimenti?
- Kemm huma mifruxa dawn l-avvenimenti?

**Dwar ix-xebh**

- Sa liema punt is-sitwazzjoni tal-applikant tikkorrispondi għas-sitwazzjoni tal-persuni li esperjenzaw persekuzzjoni jew dannu serju u/jew sa liema punt għandhom karatteristiċi simili?
- Hemm differenzi importanti bejn l-applikant u l-persuni li esperjenzaw persekuzzjoni jew dannu serju, li jista’ jkollhom impatt sinifikanti fuq ir-riskju li l-applikant jiġi ppersegwitat jew isirlu dannu?

Ix-xebh jew id-differenzi jistgħu jkunu relatati mal-eżempji elenkati hawn taħt.

**Iż-żona tal-oriġini tal-applikant**

- Il-persekuzzjoni jew id-dannu serju huma limitati għal żona oħra minbarra ż-żona li fiha l-applikant ikun irrisjeda fiż-żona jew ikun oriġina minnha?

- Hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-persekuzzjoni jew id-dannu serju se jibqgħu limitati għal dawk iż-żoni?
- L-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju għandu l-istess kapaċitajiet fiż-żona tal-oriġini tal-applikant?

**Il-profil tal-persuna**

- Il-persekuzzjoni jew id-dannu serju huma diretti l-aktar jew esklużivament lejn persuni bi profil ogħla?
- Il-persekuzzjoni jew id-dannu serju huma limitati għal persuni li:
    - wettqu attivitajiet f'ċertu livell?
    - kellhom rwoli u responsabbiltajiet speċifiċi fl-organizzazzjoni tagħhom?
    - kellhom ċerta viżibbiltà soċjali jew li kellhom ċerti rabtiet ma' opponenti kbar oħrajn?

**Eżempju dwar it-trattament ta' persuni f'sitwazzjoni simili bħala indikatur tar-riskju:**
Każ ta' żagħżugħ minn pajjiż A

M'hemm l-ebda avveniment fil-passat li jista' jammonta għal persekuzzjoni jew dannu serju jew saħansitra theddid. F'dan il-każ, peress li huwa eżami li jħares 'il quddiem, huwa importanti li tiġi eżaminata u miġbura informazzjoni dwar x'qed jiġri lil persuni li jirrifjutaw li jingħaqdu mal-grupp terroristiku. X'inhuma l-konsegwenzi għalihom?

Jekk tkun aċċettajt il-fatt materjali li l-applikant ġie avviċinat biex jingħaqad mal-organizzazzjoni terroristika, il-konsegwenzi tar-rifjut ta' persuni oħrajn li ġew avviċinati bl-istess mod kif kien l-applikant, u b'karatteristiċi simili, se jindikaw ukoll riskju għall-applikant. Dawn ir-reklutaġġi qed isiru, pereżempju, f'żoni speċifiċi? Iż-żgħażagħ fil-mira jappartjenu għal ċertu grupp etniku jew soċjali?

**Xenarju ta' eżempju:** L-applikant telaq mill-pajjiż mingħajr ma rċieva ebda sejħa għar-reklutaġġ. F'dan il-każ, inti preċedentement ma fformulajtx u ma vvalutajtx fatt materjali li ġie avviċinat mill-grupp iżda fatt materjali dwar l-avvenimenti u l-imġiba ta' dan il-grupp terroristiku u l-metodi/prattiki li jużaw biex jirreklutaw in-nies.

Jekk aċċettajt li hija tabilħaqq prattika komuni f'din iż-żona li l-grupp terroristiku jirrekluta rġiel żgħażagħ, allura l-profil tal-applikant u b'mod partikolari l-età tiegħu huma importanti ħafna sabiex jiġi vvalutat jekk huwiex possibbli għalih li jgħaddi minn dan ir-riskju, minbarra l-informazzjoni dwar x'jiġri lil persuni bl-istess profil jew fl-istess sitwazzjoni.

### (c) Indikaturi tar-riskju relatati maċ-ċirkostanzi li jsaħħu jew inaqqsu r-riskju

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

**Hemm ċirkostanzi (personali) li jżidu jew inaqqsu r-riskju?**
Inti identifikajt iċ-ċirkostanzi li jistgħu jikkontribwixxu għar-riskju bħala parti mill-identifikazzjoni tal-fatti materjali. Dawn iċ-ċirkostanzi issa jeħtieġ li jiġu kkomplementati bi kwalunkwe ċirkostanza li tista' żżid jew tnaqqas ir-riskju. Abbażi ta' dawn, inti se tivvaluta sa liema punt se jżidu jew inaqqsu l-probabbiltà li jseħħ ir-riskju.

Ċirkostanzi personali li jistgħu jżidu r-riskju jistgħu jkunu relatati mal-età, mal-ġeneru, mal-litteriżmu, mal-isfond edukattiv, mal-pożizzjoni soċjali, mar-relazzjonijiet tal-familja, mad-diżabbiltà, mal-etniċità, mar-reliġjon jew mal-grupp soċjali, fejn dawn ma jifformawx ir-raġuni ewlenija għal dan ir-riskju. Ċirkostanzi oħrajn jistgħu jkunu relatati ma' fatti bħall-post ta' residenza jew il-fatt li jkun hemm ċikatriċi viżibbli, sal-punt li l-applikant ma jkunx jista' faċilment jiddissoċja lilu nnifsu minn dawn il-fatti. Pereżempju, f'xi pajjiżi, il-bidla fl-indirizz mhux se tbiddel il-fatt li inti titqies bħala li toriġina minn ċerta parti tal-pajjiż jew minn ċerta parti ta' belt.

- Kif inhi affettwata l-ħajja tal-applikant, jew ta' persuni oħrajn li jikkondividu l-istess ċirkostanzi jew karatteristika/karatteristiċi, minn dawn iċ-ċirkostanzi?
- Sa liema punt dawn iċ-ċirkostanzi jew karatteristika/karatteristiċi jagħmlu lill-applikant mira aktar faċli mill-atturi ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju?
- Sa liema punt iċ-ċirkostanzi jagħmlu lill-applikant mira aktar "mixtieqa"?

Ċirkostanzi oħrajn jistgħu jżidu jew inaqqsu r-riskju. Dawn jistgħu jinkludu l-ġid, il-pożizzjoni soċjali, il-familja, it-tribù jew in-network soċjali, il-livell tal-edukazzjoni jew il-mekkaniżmi tribali għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, eċċ. Inti se teħtieġ li tivvaluta l-effettività ta' dawn iċ-ċirkostanzi biex tipprevjeni r-riskju milli jimmaterjalizza u jekk dan jippreżerva lill-applikant mill-avvenimenti li dwarhom hemm biża' b'mod prevedibbli u dejjiemi.

- Sa liema punt dawn iċ-ċirkostanzi jnaqqsu r-riskju b'mod effettiv?

### (d) Indikaturi tar-riskju relatati mal-motiv tal-atturi biex iwettqu l-avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Huwa importanti li jiġu vvalutati l-motiv(i) għall-avvenimenti allegati li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju fil-mument ta' ritorn possibbli tal-applikant. Jista' jkun li kien hemm bidliet fil-motiv, jew il-motiv innifsu seta' sparixxa għalkollox.

**L-attur (għadu) se jkollu l-motiv li jwettaq it-theddida fiż-żmien ta' ritorn possibbli?**

L-attur tal-persekuzzjoni jew ta' dannu serju jista' jkun biddel il-politika tiegħu fir-rigward tal-avvenimenti allegati li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju, jew il-pożizzjoni jew l-interessi tiegħu setgħu nbidlu.

Hemm xi bidliet fil-leġiżlazzjoni, pereżempju miżura ta' amnestija li issa hija fis-seħħ jew id-dekriminalizzazzjoni ta' reat?

- Kien hemm bidla fir-reġim? Jekk iva, f'liema livelli u sa liema punt?
- Kien hemm bidla fit-trattament imwettaq mill-attur tal-persekuzzjoni jew ta' dannu serju lejn l-applikant, il-membri tal-familja tiegħu jew persuni oħrajn f'sitwazzjoni simili?
- L-applikant għad għandu jew għadu pperċepit li għandu l-karatteristika/karatteristiċi li fuqha/fuqhom huwa bbażat il-motiv għall-avvenimenti allegati li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju?
- L-attur tal-persekuzzjoni kiseb b'xi mod ieħor (lil hinn milli jimmira lejn l-applikant) dak li kien qed isegwi?

- Taħt liema ċirkostanzi l-applikant telaq mill-pajjiż (ħruġ legali jew illegali, mezzi tal-ivvjaġġar, eċċ).

Huwa importanti li jiġi żgurat li din il-bidla tkun effettiva. Jekk, pereżempju, il-liġi tkun inbidlet iżda l-prattika tkun li titkompla l-prosekuzzjoni tal-istess imġiba bl-użu ta' raġunijiet legali oħrajn, ir-riskju relatat magħha xorta jkun jeżisti. Bl-istess mod, bidla fil-kuntest politiku tista' ma twassalx għal bidla fil-prattika meta l-uffiċjali pubbliċi jibqgħu l-istess u xorta jġibu ruħhom bl-istess mod. Anke ċ-ċirkostanzi li fihom l-applikant ikun telaq minn pajjiżu jistgħu jagħtu indikazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-attur tal-persekuzzjoni. Pereżempju, jekk l-applikant ikun esperjenza avvenimenti mwettqa mill-awtoritajiet li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju, u jkun ħalla l-pajjiż legalment bid-dokumenti xierqa kollha f'ismu stess, dan jista' jkun indikazzjoni li l-attur ma kienx immira lejn l-applikant. Dan ikun mill-anqas il-każ fil-mument tal-ħruġ.

Jekk il-COI disponibbli jkun fiha indikazzjonijiet li l-motiv(i) tal-attur inbidel/inbidlu jew sparixxa/sparixxew, tkun teħtieġ li tiċċekkja mal-applikant jekk dawn il-bidliet japplikawx ukoll għas-sitwazzjoni individwali tiegħu. Jeħtieġ li tikkonferma li l-bidla jkollha impatt effettiv fuq ir-riskju tiegħu li jiġu soġġetti għal avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew għal dannu serju

**L-atturi huma konxji tal-azzjonijiet jew tal-karatteristiċi tal-applikant li jistgħu jifformaw il-motiv għal atti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju?**

L-azzjonijiet imwettqa mill-atturi ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju spiss jiġu skattati mill-imġiba jew mid-dehra tal-applikant. Għalhekk jeħtieġ li jkollok idea ta' kif l-applikant se jidher jew se jġib ruħu f'ritorn possibbli. Madankollu, żomm f'moħħok li l-applikant ma jistax ikun mistenni li jaħbi jew jostor kwalunkwe element li huwa marbut b'mod fundamentali mal-karatteristika/karatteristiċi protetta/protetti mid-definizzjoni ta' refuġjat sabiex jevita l-persekuzzjoni ([143]). Fil-qosor, applikant ma jistax ikun mistenni jaħbi jew jostor dak li huwa fundamentali għal dak li jagħmlu hu jew dak li jemmen fih.

Xi drabi ma jkunx ċar jekk l-attur ikunx konxju mill-azzjonijiet jew mill-karatteristiċi tal-applikant li jistgħu jifformaw il-bażi għal atti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew għal dannu serju. Dan jista' jseħħ b'mod partikolari meta l-biża' tibda *sur place*. F'tali sitwazzjonijiet, se teħtieġ li tivvaluta kif l-applikant, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħu, "jista' jkun raġonevolment maħsub" li se jaġixxi jew se jidher mar-ritorn, filwaqt li żżomm f'moħħok li ma jistax ikun mistenni li jaħbi karatteristiċi fundamentali.

Jekk, pereżempju, l-applikant ikun ipparteċipa fi protesta fil-pajjiż tal-ażil sempliċement għal raġunijiet opportunistiċi, u l-awtoritajiet tal-pajjiż tal-oriġini ma jkunux konxji mill-parteċipazzjoni tiegħu u ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jistgħu jsiru konxji fil-futur prevedibbli, dan jista'

([143]) QĠUE, is-Sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, *Bundesrepublik Deutschland vs Y u Z*, C-77/11 u C-99/11, EU:C:2012:518, il-punt 78. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA. F'din is-sentenza, il-QĠUE tittratta r-reliġjon bħala raġuni għall-persekuzzjoni. Ir-raġunament f'din is-sentenza jista' jiġi estrapolat għar-raġunijiet kollha għall-persekuzzjoni, b'mod partikolari fejn is-sentenza tiddikjara li mhuwiex meħtieġ li "tittieħed inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li l-applikant għandu li jevita r-riskju ta' persekuzzjoni billi jirrinunzja ... għall-protezzjoni li d-Direttiva hija intiża li tiggarantixxi permezz tar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat", billi jastjeni mill-prattika reliġjuża li l-persuna tqis li hija meħtieġa għaliha jew li hija awtorizzata mir-reliġjon tagħha. L-istess raġunament ġie applikat b'analoġija għall-espressjoni ta' orjentazzjoni sesswali fil-QĠUE, is-Sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, *Minister voor Immigratie en Asiel vs X u Y u Z*, Kawżi Konġunti C-199/12 sa C-201/12, EU:C:2013:720, il-punti 70-76. Sommarju huwa disponibbli fil-Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

ma jwassalx għal riskju ta’ avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju. Dan minħabba li l-applikant jista’ jitqies b’mod raġonevoli li ma jipparteċipax fi protesti simili fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

Jekk, madankollu, l-applikant qatt ma esprima l-opinjoni politika tiegħu fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu qabel it-tluq, minħabba biża’, u l-awtoritajiet konsegwentement ma jkunux konxji tal-opinjoni politika tal-applikant, dan jista’ madankollu jwassal għal riskju ta’ avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju. Dan minħabba li l-applikant ma jistax ikun mistenni jkompli jaħbi l-opinjoni politika tiegħu biex jevita avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni fuq il-possibbiltà ta’ ritorn.

Għalhekk, il-mistoqsijiet ewlenin li għandek tistaqsi f’dan ir-rigward huma:

- X’se tkun l-imġiba u/jew l-azzjonijiet tal-applikant mar-ritorn, meta jiġi kkunsidrat x’ma jistax ikun mistenni li l-applikant jaħbi jew jostor?
- L-applikant kien involut f’attivitajiet jew f’ċerta mġiba għal raġunijiet opportunistiċi jew koinċidentali?
- Jekk iva, l-awtoritajiet fil-pajjiż tal-oriġini huma konxji minn dawn l-attivitajiet jew din l-imġiba?
- Jekk iva, l-awtoritajiet kif jipperċepixxu din l-imġiba jew dawn l-attivitajiet?

**Publikazzjonijiet fuq il-media soċjali (144)**

- L-applikanti jistgħu joqogħdu fuq il-**pubbliċità** mogħtija lil pubblikazzjoni fuq il-media soċjali bħala eżempju tar-riskju futur. Il-pubblikazzjonijiet fuq il-media soċjali jista’ jkollhom għadd potenzjalment kbir ta’ telespettaturi/qarrejja. Sempliċiment għaliex jeżisti l-potenzjal, ma jfissirx li kull pubblikazzjoni fuq l-Internet għandha udjenza kbira u, fejn applikabbli, li din l-udjenza tinkludi l-attur tal-persekuzzjoni jew ta’ dannu serju (145). Inti se teħtieġ li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi ġenerali u individwali rilevanti kollha, kif ukoll l-ispjegazzjonijiet tal-applikant, qabel ma tasal għal konklużjoni dwar il-probabbiltà li l-attur tal-persekuzzjoni jew ta’ dannu serju jkun jaf dwar pubblikazzjoni. Il-proċess ta’ eżami huwa bbażat fuq il-kombinazzjoni tal-fatturi differenti kollha u jeħtieġ li jiġi vvalutat billi jitqies il-kuntest tal-pajjiż tal-oriġini.
- Meta l-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju jkollu **politiki attivi ta’ monitoraġġ** lejn pubblikazzjonijiet online tat-tip ippubblikati mill-applikant, il-possibbiltajiet li l-persekutur ikun jaf dwarhom se jkunu ogħla. Dan huwa l-każ anke meta l-pubbliċità mogħtija mill-applikant lill-pubblikazzjoni(jiet) tiegħu tkun limitata b’mod proporzjonat. Jekk l-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju juri aktar imġiba passiva, l-opportunitajiet li jkun jaf dwar il-pubblikazzjoni se jkunu aktar baxxi u se jiddependu aktar fuq il-promozzjoni tal-pubblikazzjoni nnifisha milli fuq l-imġiba tal-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju.

(144) Dan it-test huwa kkompilat mill-EUAA, *Practical Guide on Political Opinion*, 2022, it-Taqsima 3.7. “Political opinion expressed via social media”, p. 80 –86.
(145) Għal aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni, ara EUAA, *Kundizzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali (Direttiva 2011/95/UE) — Analiżi ġuridika*, it-tieni edizzjoni, 2023, it-Taqsima 1.10.3.4; Ara wkoll Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber (IAC), United Kingdom), is-Sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, XX (PJAK – sur place activities – Facebook) Iran CG [2022] UKUT 23 (IAC) (l-aħħar aġġornament fit-30 ta’ Settembru 2022).

- Il-**pubblikazzjoni/viżibbiltà tal-pubblikazzjoni** stess tista' tiddependi minn diversi fatturi. Inti se teħtieġ li tfittex ħjiel li jippermettilek tkun taf kemm huwa probabbli li l-informazzjoni waslet jew tista' tasal għand l-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju. Il-mistoqsijiet li għandhom jiġu kkunsidrati huma: "Hija pubblikazzjoni kunfidenzjali b'numru limitat ta' views jew b'numru potenzjali limitat ta' views? Jew pjuttost hija maħsuba, abbażi tal-mezz użat u l-għodod użati biex tiġi żgurata l-viżibbiltà tagħha, biex jarawha għadd kbir ta' persuni? Il-pubblikazzjoni nfirxet b'xi mod ieħor fuq l-Internet lil hinn mill-intenzjoni tal-awtur?"
    - Xi paġni tal-Internet jistgħu jippermettulek li tara l-**għadd ta' views**, likes, eċċ. Dan jista' jagħti idea tal-għadd ta' persuni li aċċessaw il-pubblikazzjoni. Kun af li, fuq xi paġni tal-web, l-għadd ta' "views" ma jirriflettix l-għadd ta' persuni differenti li raw il-pubblikazzjoni iżda, pjuttost, l-għadd ta' drabi li saret żjara fil-paġna. Dan ifisser li żjarat multipli mill-istess persuna, inkluż l-awtur innifsu, se jitqiesu bħala "views" differenti. L-għadd ta' views huwa wieħed mill-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati iżda l-"importanza" tal-għadd se tiddependi fuq il-kuntest nazzjonali, u forsi anke fuq fatturi oħrajn, bħal kemm kienu reċenti l-views (eż. għadd kbir ta' views ħafna snin ilu jista' jitqies anqas rilevanti minn għadd iżgħar ta' views reċenti).
    - L-**għadd ta' "segwaċi"** tal-awtur, jekk applikabbli, jista' jagħti idea tal-għadd ta' spettaturi possibbli. Il-fatt li persuna hija "segwita" online minn għadd kbir ta' nies jagħmilha aktar probabbli li l-pubblikazzjonijiet tagħha jkollhom aktar views u l-kontenut tagħha jkun magħruf u kondiviż.
    - L-importanza tat-**tip ta' mezz** użat u l-impatt tiegħu. Fuq l-Internet, mhux il-mezzi kollha għandhom impatt u ambitu ekwivalenti. Il-pubblikazzjoni ġiet ippubblikata f'paġna web ta' gazzetta ewlenija jew fi blog privat? Jekk taf bil-funzjonament ta' tipi differenti ta' media soċjali (Facebook, YouTube, Instagram, TikTok, eċċ.) u bl-impatt ta' kull mezz fil-pajjiż tal-oriġini, se tkun tista' tivvaluta l-firxa potenzjali tal-pubblikazzjoni. Mhuwiex l-istess li tippubblika fi blog personali jew privat bħal li tikteb artiklu fuq il-blog ta' partit fl-oppożizzjoni, pereżempju. Dan tal-aħħar probabbilment se jkun segwit minn aktar nies (u b'mod partikolari mill-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju), filwaqt li tal-ewwel jista' jibqa' pjuttost kunfidenzjali.
- **Aċċessibbiltà**. Min jista' jaċċessa din l-informazzjoni u kemm tista' tiġi aċċessata faċilment? Il-pubblikazzjonijiet fuq l-Internet mhux dejjem huma maħsuba biex jarahom kulħadd. Għalhekk għandek tiċċekkja jekk il-paġna hijiex pubblika, u sa liema punt, jew jekk baqgħetx privata jew limitata għal għadd ristrett ta' spettaturi. Iċċekkja, pereżempju, il-"ħbieb" jew l-abbonati għal dik il-pubblikazzjoni jew pjattaforma tal-media soċjali u sa liema punt l-informazzjoni tista' tiġi kondiviża ma' oħrajn, pereżempju, jekk huwiex possibbli li l-paġna tiġi kondiviża b'mod elettroniku. Mistoqsija oħra li għandha tiġi kkunsidrata hija jekk kulħadd jistax jinzerta din l-informazzjoni, kemm jekk b'kumbinazzjoni kif ukoll permezz ta' tfittxija sempliċi, jew jekk il-pubblikazzjoni hijiex tant diffiċli li tinstab li dawk li għandhom informazzjoni ddettaljata ħafna dwar il-pubblikazzjoni biss jistgħu jsibuha/jarawha.

- **Xenarju ta' eżempju**. Jekk din hija l-unika pubblikazzjoni tal-applikant u jeħtieġ li tittajpja informazzjoni speċifika ħafna, bħall-isem tal-applikant jew kliem ewlieni speċifiku biex tkun tista' ssib il-pubblikazzjoni, jew jekk jeħtieġ li jkollok l-indirizz URL biex tasal għall-pubblikazzjoni, huwa improbabbli ħafna li xi ħadd li m'għandux din l-informazzjoni diġà se jinzerta din il-pubblikazzjoni. Għalhekk, mhijiex informazzjoni li hija ppubbliċizzata ħafna.

- **Disponibbiltà**. Il-paġna għadha disponibbli fuq l-Internet? L-awtur jista' jkun li neħħa paġna jew biddel il-kontenut wara li jkun ġie ppubblikat. Meta applikant jirreferi għall-pubblikazzjonijiet tal-Internet, oqgħod attent għall-mod li bih tiġi pprovduta l-informazzjoni mill-applikant. L-applikant ippreżenta biss kopja stampata ta' paġna tal-Internet? Din il-paġna għadha disponibbli fuq l-Internet, u jekk le, għaliex le? Jekk ma tkunx għadha disponibbli fuq l-Internet, tista' tkun interessat li tiċċekkja r-raġunijiet għalfejn din il-pubblikazzjoni xorta tindika riskju għall-applikant hekk kif jirritorna.
- Madankollu, żomm f'moħħok li l-pubblikazzjonijiet elettroniċi jħallu impronta ċibernetika u jista' jkollhom ħajja infinita, li tippermettilek issib jew tirkupra l-pubblikazzjonijiet anke wara li l-awtur ikun ħassarhom.

### (a) Indikaturi tar-riskju relatati mal-kapaċità tal-attur li jagħmel dannu lill-applikant

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

**L-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju se jkollu l-kapaċità li jagħmel dannu lill-applikant?** Il-kapaċità tal-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju li jagħmel dannu lill-applikant se tiddependi fuq il-pożizzjoni u l-appoġġ tiegħu. Il-kapaċità tiegħu tista' tvarja b'mod sinifikanti skont jekk l-attur ikunx statali jew attur mhux statali.

Meta l-attur ikun l-Istat, ikun hemm preżunzjoni li se jkun jista' jeżegwixxi l-atti maħsuba li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju u jaslu għand l-applikant fi kwalunkwe post fit-territorju tal-Istat. Madankollu, għad iridu jsiru l-mistoqsijiet li ġejjin.

- It-theddida ġejja mill-Istat fih innifsu, jew minn individwi jew grupp limitat ta' funzjonarji f'dak l-Istat? Dawn l-individwi jaġixxu mingħajr interess personali jew qegħdin jimplimentaw politika tal-Istat?
- Jekk iva, dawn l-individwi għandhom setgħa jew influwenza lil hinn mil-livell lokali jew reġjonali tagħhom?
- Għandhom is-setgħa li jeżegwixxu avvenimenti li jistgħu jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju?

Meta r-riskju jkun ġej minn atturi mhux statali, il-kapaċità tagħhom li jaġixxu u l-influwenza tagħhom jeħtieġ li jiġu vvalutati bir-reqqa.

- X'inhi l-pożizzjoni soċjali tagħhom?
- Sa liema punt huma aċċettati jew appoġġati mis-soċjetà tal-madwar?
- Sa liema punt għandhom influwenza fuq l-Istat u sa liema punt l-Istat huwa suxxettibbli għall-korruzzjoni?
- Jistgħu jaġixxu b'impunità?

Is-sejbiet relatati mal-kapaċità tal-attur normalment ma jwasslux fihom infushom għall-konklużjoni li m'hemm l-ebda riskju jew l-ebda grad raġonevoli ta' probabbiltà tar-riskju. Dawn is-sejbiet jeħtieġ li jinqraw flimkien mal-indikazzjonijiet ta' riskju l-oħrajn. Madankollu, is-sejbiet jistgħu jikkontribwixxu għall-valutazzjoni legali (il-pass li jmiss fil-proċess ta' eżami) b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà tal-protezzjoni formali b'mod ġenerali u d-disponibbiltà ta' IPA kif iddefinit fil-QD (riformulazzjoni) ([146]).

**Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata**

Għal diskussjoni ddettaljata dwar il-kunċett tal-IPA u kif għandu jiġi applikat, ara l-EASO, *Practical Guide on the Application of the Internal Protection Alternative*, Mejju 2021.

## 3.4. Konklużjoni dwar ir-riskju

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Biex tikkonkludi l-valutazzjoni tar-riskju, jeħtieġ li tikkunsidra s-sejbiet kollha dwar l-indikaturi tar-riskju ta' kull riskju flimkien u tivvaluta jekk l-istandard tal-grad raġonevoli ta' probabbiltà jkunx issodisfat.

**Ikkunsidra l-indikaturi tar-riskju kollha flimkien**

Filwaqt li xi elementi jistgħu ma jwasslux, waħedhom, għal riskju li jkun probabbli biżżejjed, il-kombinazzjoni ta' elementi fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, tista' twassal għall-konklużjoni li jkun hemm grad raġonevoli ta' probabbiltà li jseħħ ir-riskju f'każ li l-applikant jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini.

Jekk hemm indikaturi diverġenti, se teħtieġ li tiżen kull wieħed minnhom. L-indikaturi relatati direttament ma' dak li ġara lill-applikant fil-passat jistgħu jkunu importanti aktar minn dak li ġara lil persuni qrib l-applikant, li min-naħa tagħhom jistgħu jkunu importanti aktar minn dak li ġara lil persuni f'sitwazzjonijiet simili. Madankollu, dan jeħtieġ li jiġi vvalutat, fid-dawl tas-sitwazzjoni konkreta, l-informazzjoni disponibbli u b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant u/jew tal-avveniment, u ċ-ċirkostanzi ġenerali fil-pajjiż tal-oriġini jew tar-residenza abitwali.

Meta tagħmel dan, se jkollok tapplika oneru tal-provi mibdul għal riskji li diġà mmaterjalizzaw fil-passat jew li għalihom diġà mmaterjalizza theddid fil-passat. Jekk fatt materjali li jista' jikkwalifika bħala persekuzzjoni fil-passat jew dannu serju (jew theddida diretta ta' dan) jiġi aċċettat, huwa preżunt li dan il-fatt jista' jerġa' jseħħ fil-futur ([147]) u li, bħala konsegwenza, l-istandard tal-probabbiltà tar-riskju jiġi ssodisfat.

([146]) L-Artikolu 8 tal-QD (riformulazzjoni).
([147]) L-Artikolu 4(4) tal-QD (riformulazzjoni):
*Il-fatt li applikant diġà kien suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan il-periklu, huwa indikazzjoni serja tal-biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni jew ir-riskju veru li jsofri dannu serju, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li jista' jitqies li din il-persekuzzjoni jew dan id-dannu serju ma jiġix ripetut.*

Din il-preżunzjoni tista' tiġi mibdula jekk għandek "raġunijiet tajbin" biex tikkunsidra li tali avvenimenti mhux se jiġu ripetuti fil-futur. Il-mistoqsija dwar jekk dawn l-avvenimenti jammontawx għal persekuzzjoni jew dannu serjumhijiex xi ħaġa li jeħtieġ li tiġi vvalutata u deċiża f'dan l-istadju. F'dan l-istadju, huwa biżżejjed li jkun hemm indikazzjoni li dawn l-avvenimenti tal-passat "jistgħu" jammontaw għal persekuzzjoni jew dannu serju ([148]). Huwa biss jekk issib li hemm raġunijiet tajbin biex tikkunsidra li dawn l-avvenimenti ma jerġgħux iseħħu fil-futur taħt il-valutazzjoni tar-riskju, li dan ir-riskju ma jinżammx għall-valutazzjoni legali.

M'hemmx bżonn li jintwera li l-persekuzzjoni jew id-dannu serju mhumiex se jerġgħu jseħħu b'ċertezza sħiħa. Minflok, jeħtieġ li tissostanzja li hemm raġunijiet tajbin, jiġifieri ċirkostanzi oġġettivi, biex temmen li dawn l-avvenimenti mhux se jerġgħu jseħħu.

Pereżempju, perjodu ta' żmien relattivament twil bejn l-aħħar inċident jew theddida minnu nnifsu mhux se jkun biżżejjed bħala raġuni tajba biex wieħed jemmen li l-avveniment mhux se jerġa' jseħħ. Trid tkun esplorajt ir-raġunijiet possibbli għal dan it-tul ta' żmien twil, kemm mill-perspettiva tal-applikant kif ukoll minn dik tal-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju. Huwa biss meta tkun sibt li m'hemm l-ebda spjegazzjoni oħra għan-nuqqas ta' inċidenti jew theddid, għajr li l-attur tal-persekuzzjoni jew tad-dannu serju jkun waqqaf il-persekuzzjoni jew l-attentat li jagħmel dannu lill-applikant u meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni oħra li dan se jerġa' jaqbad l-imġiba tiegħu fil-futur, li tista' tikkonkludi li l-iskeda ta' żmien tista' tifforma parti mir-raġunijiet tajbin biex wieħed jemmen li l-persekuzzjoni jew id-dannu serju mhux se jiġu ripetuti.

**Analiżi legali**

Wara li tkun wettaqt il-valutazzjoni tar-riskju, inti se żżomm biss ir-riskji li għalihom ikun hemm grad raġonevoli ta' probabbiltà li dawn jistgħu jseħħu lill-applikant mar-ritorn fil-pajjiż tal-oriġini. Għal kull wieħed mir-riskji, inti tkun iddeskrivejt dak li huwa aċċettat fir-rigward ta' dak li jibża' minnu l-applikant, minn min u għaliex jew f'liema ċirkostanzi. Abbażi ta' dawn ir-riskji, tista' tmur għall-pass tal-analiżi legali, li matulu inti se tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet sostantivi stipulati fil-QD (riformulazzjoni) għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali humiex issodisfati, l-ewwel għall-istatus ta' refuġjat u, jekk ikun meħtieġ, għall-istatus tal-protezzjoni sussidjarja wkoll.

Inti se tivvaluta jekk l-avvenimenti li jistgħu jseħħu lill-applikant mar-ritorn bi grad raġonevoli ta' probabbiltà (kif iddefinit fil-valutazzjoni tar-riskju) jammontawx għal persekuzzjoni jew għal dannu serju. Jekk iva, se tivvaluta d-disponibbiltà tal-protezzjoni nazzjonali, l-applikabbiltà ta' IPA potenzjali u l-eżami legali tar-raġunijiet identifikati għall-esklużjoni.

**Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata**

Għal aktar analiżi, irreferi għall-EASO, *Gwida Prattika: Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali*, April 2018.

([148]) Il-fatt li avveniment li seħħ fil-passat huwa indikazzjoni serja li hemm riskju li jerġa' jseħħ, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin biex jiġi kkunsidrat li dawn l-atti jew avvenimenti mhumiex se jiġu ripetuti, japplika għal kwalunkwe att jew avveniment, irrispettivament minn jekk jistax jitqies bħala persekuzzjoni jew dannu serju jew le.

# Anness 1. Flowchart tal-valutazzjoni tal-kredibilità



**Iddetermina jekk fatt materjali huwiex aċċettat**

Ħu nota tas-sejbiet ta' kredibilità pożittivi u negattivi kollha relatati mad-dikjarazzjonijiet u l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra, u l-importanza li tingħata lil kull waħda minn dawn is-sejbiet (filwaqt li tqis l-evidenza individwali u ċirkostanzjali), biex tivvaluta f'liema direzzjoni s-sejbiet ta' kredibilità jikkonverġu jew jibbilanċjaw u biex tikkonkludi jekk il-fatt materjali jistax jiġi aċċettat.

## Ħares lejn l-evidenza kollha kemm hi u aċċetta jew irrifjuta l-fatt

Jekk l-evalwazzjoni ma tippermettilekx li tikkonkludi wara li tissodisfa d-dmir tiegħek li tinvestiga, żomm f'moħħok li ma għandekx tirrifjuta l-fatt materjali f'każ li dawn il-kundizzjonijiet kumulattivi jiġu ssodisfati:

- L-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;
- Tkun ġiet ippreżentata l-evidenza rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-applikant;
- Id-dikjarazzjonijiet tal-applikant jinstabu li huma koerenti u plawżibbli u ma jmorrux kontra l-informazzjoni speċifika u ġenerali disponibbli rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu;
- L-applikant ikun applika għal protezzjoni internazzjonali mal-ewwel opportunità possibbli, sakemm ma jkunx jista' jagħti raġunijiet tajbin għaliex ma jkunx għamel dan; u
- Tkun ġiet stabbilita l-kredibilità ġenerali tal-applikant.

# Anness 2. Eżempju prattiku tal-evalwazzjoni tal-indikaturi tal-kredibilità

[Werrej] [Lista ta' kontroll]

Dan l-anness għandu l-għan li jipprovdi lill-qarrej b'eżempju prattiku bbażat fuq il-każ ta' attivista minn pajjiż B, biex juri kif saret l-evalwazzjoni tal-indikaturi tal-kredibilità u l-valutazzjoni tal-kredibilità għal fatt materjali wieħed ta' dak il-każ.

Dan l-eżempju huwa ppreżentat għal skopijiet edukattivi biss.

Wara sommarju narrattiv tal-valutazzjoni li saret ta' kull kriterju ta' kredibilità fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-applikanta u tal-evidenza pprovduta, jiġi ppreżentat il-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejbiet ta' kredibilità negattivi u pożittivi.

Fl-aħħar hemm graff ta' mind map, li hija illustrazzjoni waħda possibbli tar-raġunament żviluppat fin-narrattiva.

**Fatt materjali vvalutat**. L-applikanta hija **mexxejja soċjali** f'organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) imsejħa Y li titkellem favur id-drittijiet tal-bniedem, u tiddokumenta, tinvestiga u tikkundanna l-abbużi tal-poter u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

## Dikjarazzjonijiet

### Kredibilità interna

Fl-eżempju, l-applikanta tista' tipprovdi informazzjoni ddettaljata dwar l-istruttura, l-attivitajiet u l-objettivi tal-NGO, Y. Madankollu, meta ġiet mistoqsija dwar l-involviment personali tagħha f'attivitajiet speċifiċi li tiddikjara li wettqet fi ħdan l-organizzazzjoni, bħad-dokumentazzjoni u x-xogħol investigattiv, jew il-mod, b'mod konkret, li bih ikkundannat abbużi ta' poter u ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-dikjarazzjonijiet tagħha baqgħu ġenerali ħafna, minkejja l-gwida rilevanti ripetuta li pprovdejt dwar il-livell mistenni ta' dettall u speċifiċità. Lanqas ma setgħet tipprovdi spjegazzjoni meta tajtha opportunità li tipprovdi waħda. L-applikanta ma kellhiex aktar kuntatt ma' NGO, Y, wara li telqet mill-pajjiż B, u ssemmi li waqqfet kwalunkwe attività, anke f'pajjiżek, fejn l-organizzazzjoni għandha fergħa.

Id-dikjarazzjonijiet huma neqsin **mid-dettalji u mill-ispeċifiċità** fir-rigward tal-promozzjoni u l-profil ta' mexxejja soċjali li hija ssostni li għandha. Dan huwa wkoll il-każ meta wieħed iqis li huwa aċċettat li hija avukat u membru tal-NGO, Y, u li wieħed jistenna li tkun kapaċi titkellem dwar fajls reċenti li tkun ħadmet fuqhom. Dan iwassal għal sejba negattiva ta' kredibilità f'dan ir-rigward.

**Is-sejbiet l-oħrajn kollha tal-kredibilità** huma pożittivi, peress li d-dikjarazzjonijiet tagħha ġew ikkunsidrati internament koerenti u konsistenti u huma konsistenti mal-kard tas-sħubija.

M'hemm l-ebda indikazzjoni ta' nuqqas ta' konsistenza mal-COI u ma dehret l-ebda kwistjoni ta' plawżibbiltà.

F'dan il-każ partikolari, dan il-fatt materjali huwa relatat mal-involviment tagħha stess f'attivitajiet li tiddikjara li wettqet ripetutament, volontarjament u għal perjodu ta' żmien pjuttost estiż. Abbażi tal-livell ta' edukazzjoni u l-isfond professjonali tagħha, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe ċirkostanza personali magħrufa li tispjega n-nuqqasijiet, jew tħalli impatt fuq il-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tagħha, in-nuqqas ta' dettall u speċifiċità hawnhekk għandu piż negattiv importanti.

## Kard ta' sħubija mill-organizzazzjoni mhux governattiva

- Rilevanza

Il-kard għandha rilevanza limitata għall-fatt materjali, peress li l-iskop tal-kard mhuwiex li tissostanzja l-attivitajiet li l-applikanta wettqet fl-NGO, Y, peress li ma fiha l-ebda informazzjoni dwar il-funzjonijiet tagħha fl-organizzazzjoni. Il-kard hija aktar rilevanti fir-rigward tas-sħubija tagħha mal-NGO, Y. Madankollu, dan mhuwiex il-fatt materjali li qed jiġi kkunsidrat. Hawnhekk, il-fatt materjali huwa dwar ir-rwol tagħha fl-organizzazzjoni, u b'mod aktar ġenerali, bħala mexxejja soċjali.

- Il-kriterji relatati mal-affidabbiltà tal-kard ta' sħubija jwasslu għal sejbiet pożittivi tal-kredibilità. Il-kard hija affidabbli.

Minħabba li s-sejbiet fir-rigward tar-rilevanza mhumiex issodisfati, dan id-dokument għandu valur probatorju baxx tal-fatt materjali li qed jiġi kkunsidrat, li għandu piż negattiv importanti.

## Il-proċess tal-evalwazzjoni

### Għal dan il-fatt materjali, x'inhuma s-sejbiet pożittivi tal-kredibilità?

- L-indikaturi tal-kredibilità fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet huma ssodisfati, ħlief għan-nuqqas ta' dettall u ta' speċifiċità.
- L-indikaturi kollha tal-affidabbiltà fir-rigward tal-kard tas-sħubija huma ssodisfati.

### Għal dan il-fatt materjali, x'inhuma s-sejbiet negattivi tal-kredibilità?

- Nuqqas notevoli ta' dettall u speċifiċità fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tagħha.
- Il-kard ta' sħubija ta' Y mhijiex rilevanti biżżejjed biex tappoġġa l-profil tagħha u l-attivitajiet li ħadet sehem fihom filwaqt li kienet membru tal-NGO.

## L-importanza tas-sejbiet ta' kredibilità pożittivi tista' tikkumpensa għall-importanza tas-sejbiet ta' kredibilità negattivi?

Is-sejbiet pożittivi tal-kredibilità ma jistgħux jikkumpensaw għan-nuqqas ta' rilevanza tad-dokument u għal nuqqas ta' dettall u ta' speċifiċità tad-dikjarazzjonijiet f'dan il-każ. Is-sejbiet tal-kredibilità negattivi huma dawk relatati mal-aspetti ewlenin tal-kredibilità tal-fatt materjali u, b'hekk, għandhom aktar piż mis-sejbiet tal-kredibilità pożittivi.

**Kont tistenna li tiġi ppreżentata evidenza addizzjonali biex tappoġġa l-kredibilità tal-fatt materjali?**

**Xenarju 1.** Jekk wieħed jassumi li, abbażi ta' COI rilevanti u aġġornata, l-NGO, Y, spiss toħroġ ċertifikati fir-rigward tal-attivitajiet li l-membri tagħha jieħdu sehem fihom. Dawn iċ-ċertifikati huma ġeneralment affidabbli u jistgħu jintalbu permezz tal-fergħa tal-organizzazzjoni li tinsab f'pajjiżek. Madankollu, l-applikanta ma ppreżentatx dan id-dokument. Hija lanqas ma tat spjegazzjoni sodisfaċenti għaliex ma ħaditx passi addizzjonali biex tissostanzja d-dikjarazzjoni tagħha f'dan ir-rigward. Din hija xi ħaġa li kienet mistennija, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi personali u kuntestwali tagħha, u l-fatt li ngħatat żmien addizzjonali biex tieħu passi bħal dawn.

F'dan l-eżempju, il-valutazzjoni ġenerali tal-evidenza kollha disponibbli, u l-evidenza possibbli li hija nieqsa, u meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali u kuntestwali tal-applikanta, twasslek għal konklużjoni dwar ir-rifjut tal-fatt materjali.

**Xenarju 2**. Assumi li l-applikanta ssottomettiet ċertifikat maħruġ mill-NGO, Y. Ikollok terġa' tiċċekkja l-kriterji kollha biex tivvaluta l-valur probatorju tiegħu. Iċ-ċertifikat ġie abbozzat minn membru ta' livell għoli ta' NGO, Y, li jipprovdi rendikont iddettaljat tal-attivitajiet imwettqa mill-applikanta, li huwa konsistenti mad-dikjarazzjonijiet tagħha u ġie ppreżentat fil-forma oriġinali tiegħu. Il-COI li għandek għad-dispożizzjoni tiegħek turi li din il-persuna tiffirma biss dawn iċ-ċertifikati wara verifika xierqa, u li l-karatteristiċi formali ta' dan iċ-ċertifikat huma konformi ma' dawk tal-kampjun disponibbli. Dan iċ-ċertifikat għalhekk għandu valur probatorju għoli intrinsiku, minħabba r-rilevanza u l-affidabbiltà tiegħu. Għalhekk, fil-proċess ta' evalwazzjoni tiegħek, is-sejbiet ta' kredibilità pożittivi relatati mad-dokument jieħdu post is-sejbiet ta' kredibilità negattivi relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-applikant. Il-fatt materjali jiġi aċċettat.

Ir-raġunament sħiħ tax-xenarju 1 jista' jinġabar fil-qosor f'mind map bħal fl-eżempju ta' hawn taħt.

# Eżempju ta' mind map ibbażata fuq ix-xenarju 1



# Lista ta’ Kontroll

[Werrej]

**Lista ta’ Kontroll. Dmirijiet ġenerali tal-uffiċjal tal-każ u tal-applikant**

**Applika d-dmir ta’ kooperazzjoni (l-oneru tal-provi) matul il-valutazzjoni tal-evidenza**

- ☐ Iċċekkja jekk l-applikant jissodisfax id-dmir tiegħu li jissostanzja l-applikazzjoni
  - ☐ Ivvaluta jekk l-applikant ikunx għamel sforz ġenwin biex jipprovdi dikjarazzjonijiet u dokumentazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħu
  - ☐ Ivvaluta jekk l-evidenza kollha ġietx ipprovduta mill-aktar fis possibbli
  - ☐ Iċċekkja jekk l-applikant tax spjegazzjoni sodisfaċenti għan-nuqqas ta’ evidenza ta’ sostenn
- ☐ Wettaq id-dmir tiegħek li tinvestiga
  - ☐ Identifika persuni bi ħtiġijiet proċedurali speċjali u appoġġahom b’mod adegwat
  - ☐ Informa lill-applikant dwar id-dmirijiet tiegħu
  - ☐ Ħalli lill-applikant jippreżenta l-fatti u l-evidenza rilevanti kollha permezz ta’ intervista personali
  - ☐ Staqsi lill-applikant biex jikkjarifika dak li mhuwiex ċar
  - ☐ Indirizza l-inkonsistenzi evidenti, in-nuqqas ta’ informazzjoni suffiċjenti, il-kwistjonijiet ta’ plawżibbiltà
  - ☐ Ikseb informazzjoni rilevanti dwar il-pajjiż tal-oriġini u evidenza oħra
- ☐ Ikkunsidra r-regoli speċifiċi ta’ sostanzjar jekk applikabbli meta:
  - ☐ protezzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tista’ tkun disponibbli
  - ☐ alternattiva għall-protezzjoni interna tista’ tkun applikabbli
  - ☐ esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali tista’ tkun applikabbli
  - ☐ L-applikant diġà kien soġġett għal (theddidiet diretti ta’) persekuzzjoni jew dannu serju fl-imgħoddi
  - ☐ L-applikant ġej minn pajjiż tal-oriġini bla periklu

### Lista ta' Kontroll. Pass 1 – Ġbir ta' informazzjoni

- ☐ **Iġbor elementi ta' evidenza rilevanti għall-applikazzjoni**
  - ☐ Iġbor id-dikjarazzjonijiet orali u/jew id-dikjarazzjonijiet bil-miktub tal-applikant
  - ☐ Iġbor id-dokumenti tal-identità u evidenza dokumentarja oħra disponibbli kollha
  - ☐ Iġbor l-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini
  - ☐ Iġbor kwalunkwe evidenza oħra, jekk tkun rilevanti u disponibbli (bħal rapporti mediċi, psikjatriċi u psikoloġiċi; il-fajls tal-ażil tal-membri tal-familja; informazzjoni disponibbli fis-sorsi tal-media soċjali, eċċ.)
  - ☐ Tiġborx evidenza li tkun qed tikser id-drittijiet fundamentali tal-applikant (bħal evidenza dwar l-attivitajiet sesswali tal-applikant)
- ☐ **Identifika l-fatti materjali abbażi tal-kriterji ta' eliġibbiltà**
  - ☐ Identifika l-fatti relatati ma':
    - ☐ in-nazzjonalità/nazzjonalitajiet tal-applikant jew in-nuqqas tagħha;
    - ☐ il-biża' jew ir-riskji futuri mar-ritorn;
    - ☐ ir-raġunijiet għall-biżgħat jew ir-riskji identifikati;
    - ☐ id-disponibbiltà ta' protezzjoni kontra dak li hemm il-biża' minnu jew ir-riskju jew in-nuqqas tagħha;
    - ☐ fatti relatati ma' esklużjoni possibbli, jekk rilevanti
  - ☐ Ikkunsidra ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant madwar il-fatti materjali
  - ☐ Eskludi l-fatti li mhumiex materjali
- ☐ **Ifformula fatti materjali ċari, komprensivi u fattwali**
  - ☐ Iġbor biss il-passat u l-preżent
  - ☐ Aderixxi mad-dikjarazzjonijiet tal-applikant
  - ☐ Inkludi d-dettalji rilevanti kollha
  - ☐ Evita interpretazzjonijiet jew konklużjonijiet personali
  - ☐ Evita kwistjonijiet ta' liġi
  - ☐ Ifformula kull fatt materjali madwar fatti, avvenimenti jew sitwazzjonijiet iddefiniti sew
- ☐ **Orbot l-evidenza rilevanti mal-fatt(i) materjali**

## Lista ta' Kontroll. Pass 2 – Valutazzjoni tal-kredibilità

- ☐ **Ivvaluta l-evidenza dokumentarja u evidenza oħra** permezz tal-**kriterji ta' valutazzjoni**
    - ☐ Rilevanza
    - ☐ Affidabbiltà: eżistenza/okkorrenza, kontenut, natura, awtur, forma
- ☐ **Agħti "importanza" lis-sejbiet ta' kredibilità relatati mal-element ta' evidenza**
- ☐ **Ivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-applikant skont l-indikaturi tal-kredibilità**
    - ☐ Applika indikaturi tal-kredibilità interna
    - ☐ Suffiċjenza tad-dettalji u l-ispeċifiċità
    - ☐ Koerenza u konsistenza
    - ☐ Applika indikaturi tal-kredibilità esterna
    - ☐ Konsistenza mal-COI
    - ☐ Konsistenza mal-evidenza dokumentarja u ma' evidenza oħra
    - ☐ Applika l-indikatur tal-plawżibbiltà
- ☐ Ikkunsidrajt **fatturi individwali u ċirkostanzjali li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet?**
    - ☐ Ikkunsidrajt fatturi relatati mal-applikant?
        - ☐ Funzjonament tal-memorja
        - ☐ Trawma
        - ☐ Problemi psikoloġiċi u ta' saħħa oħrajn
        - ☐ Età
        - ☐ Edukazzjoni
        - ☐ Kultura, reliġjon u twemmin
        - ☐ Biża' u nuqqas ta' fiduċja
        - ☐ Stigma u mistħija
        - ☐ Rwoli tal-ġeneru
    - ☐ Ikkunsidrajt fatturi relatati miegħek bħala uffiċjal tal-każ?
        - ☐ Sinjali ta' credibility fatigue (stress, eżawriment, esponiment fit-tul għal rendikonti ta' avvenimenti negattivi tal-ħajja, nuqqas ta' fiduċja, awtokunfidenza eċċessiva, eċċ.)
        - ☐ Sfond kulturali

- ☐ Ikkunsidrajt fatturi relatati mas-sitwazzjoni tal-intervista?
  - ☐ Komunikazzjoni multilingwi permezz ta' interpretu
  - ☐ Ambjent tal-intervista
- ☐ **Iddetermina għal kull fatt materjali jekk jiġix aċċettat jew irrifjutat**
  - ☐ Evalwa s-sejbiet tal-kredibilità tal-evidenza kollha marbuta ma' fatt materjali
  - ☐ Konklużjoni dwar il-fatti materjali aċċettati u rrifjutati

### Lista ta' Kontroll. Pass 3 – Valutazzjoni tar-riskju

- ☐ **Iddefinixxi r-riskju/i abbażi tal-fatti materjali aċċettati**
  - ☐ Ikkunsidra r-riskji espressi mill-applikant
  - ☐ Ikkunsidra r-riskji li identifikajt abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa
  - ☐ Għal kull riskju iddeskrivi:
    - ☐ Avveniment(i) futur(i) li l-applikant jista' jiltaqa' miegħu/magħhom
    - ☐ Attur(i)
    - ☐ Raġuni(jiet) li minħabba fiha/fihom jistgħu jseħħu
    - ☐ Ċirkostanzi li fihom jistgħu jseħħu
    - ☐ Possibbiltà ta' protezzjoni kontrihom
- ☐ **Ikkunsidra l-indikaturi tar-riskju kollha li jistgħu jaffettwaw il-probabbiltà tar-riskju**
  - ☐ Ikkunsidra l-avvenimenti li l-applikant esperjenza fil-passat
  - ☐ Ikkunsidra persuni qrib l-applikant jew f'sitwazzjoni simili għall-applikant
  - ☐ Ikkunsidra ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, li jistgħu jżidu jew inaqqsu r-riskju
  - ☐ Ikkunsidra r-raġunijiet jew il-motivi sottostanti għall-avvenimenti li hemm biża' minnhom
  - ☐ Ikkunsidra l-kapaċità tal-atturi ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju li jheddu jew iwettqu t-theddid f'każ ta' ritorn
- ☐ **Konklużjoni dwar ir-riskju**
  - ☐ Ikkunsidra l-indikaturi tar-riskju kollha flimkien
  - ☐ Ivvaluta jekk ikunx intlaħaq l-istandard tal-grad raġonevoli ta' probabbiltà

BZ-05-22-041-MT-C

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

euaa
EUROPEAN UNION AGENCY FOR ASYLUM